

# Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880

## Festa 2016


Lawrence Cassar ltd.
we specialize in:
Feast lighting and church decorations
Christmas decorations for streets, shops, hotels and more
Lighting and cabling contracts
''Kuntakita'' Angelo Mangion Str, Tarxien
Tel:27891217 Mob:77774673
E-mail:lawrencecassar1@hotmail.com
Now also hiring cherry pickers



*Sant'Andrija Appostlu, Carle-Andrè van Loo (1705-1765)*

**SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

## FESTA 2016

**Bord Editorjali**
Neil Zammit
Clifford Micallef

**Qari tal-Provi**
Neil Zammit

**Ġbir ta' Reklami**
Clifford Micallef
Malcolm Muscat
Andrew Aquilina
James Ciappara
Joe Aquilina
Lawrence Cassar
Sandro Farrugia
Gareth Galdes
Tano Spiteri

**Ritratti**
Neil Zammit, Kevin Camilleri,
Roderick Bajada, Massimo Cassar,
Andrè Farrugia, Salvu Sant,
Anton Morana, Sandro Farrugia,
Emanuel Cauchi, Raoul Briffa,
Patrick Muxi, Joe Costa, Clayton Grech,
Charlie Falzon, Henry Spiteri,
Graziella Ciappara, Fabian Mangion
Angelo Schembri,
Sit Uffiċjali tal-Parroċċa
www.luqaparish.com
Paġni fuq Facebook
tal-Parroċċa u tal-Każin
Arkivji tal-Każin




**Ritratt tal-Qoxra**
*L-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu meqjuma fit-tempju li jġib ismu*

# Werrej

Kumitat 2015-2017 ....3
Messaġġ mill-President ....7
Lill-kbir Martri Appostlu S. Andrija
Protettur tal-Ħal Lukin – Regi similia Passvs ....15
Messaġġ mis-Segretarju ....19
Messaġġ mill-Kaxxier ....27
L-importanza u l-Valuri tal-Mużika fit-Tfal ....35
Festa li Tgħaqqad ....39
Lil Sant'Andrija Appostlu u Martri
fil festa tighou li bi cbira devozzioni u pompa ssir Hal Luka
Fit-30 ta Novembru 1878 ....43
Nieħdu Ħsieb Dak li Writna ....47
It-tagħlim tal-Mużika fis-Soċjetà Tagħna ....49
Mill-Maħżen tal-Armar ....53
Il-Ħidma tibqa' sa ma Naslu ....57
Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa ....61
Leħen is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ....63
Lejn l-Għaxar Sena... ....65
Il-Websajt u l-paġna fuq Facebook ....69
Il-Każin tagħna dejjem isbaħ... ....71
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda ....73
Kunċert Sinfoniku Annwali 2015 ....79
Manutenzjoni u Xogħol fil-Każin ....87
Is-Sala tal-Kunċerti tingħata Dehra Aktar Moderna ....93
Wirjiet ġewwa l-Każin ....95
Sehem il-Banda L-Unjoni nhar Ħadd il-Palm ....101
Attività mill-Aġenzija Żgħażagħ ....103
Il-Ħidma u s-Servizzi tal-Aġenzija Żgħażagħ ....105
Il-Post tan-Nar jagħlaq Ħamsin Sena ....109
Ave - Tifhir lil Appostlu Sant'Andrea ....119
Il-Festa ta' Sant'Andrija ....121
Kwadri ta' Emvin Cremona jagħlqu Ħamsin Sena ....137
L-Istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu
u l-Fdalijiet Tiegħu fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma ....143
Il-Filarmonica L'Unione fit-twaqqif taċ-Circolo Ceschi fl-1886 ....149
Lamagna, Frendo Rosso, Tagliaferro u Pavia ....153
Il-*Filarmonica L'Unione* – Mitt Sena Ilu ....169
Id-Disa' t'April, 1942 ....171
Il-Kapitlu tal-Insinji Kolleġġjata Bażilika
ta' Marija Bambina tal-Isla f'Ħal Luqa
għall-festa ta' Sant'Andrija tal-1929 ....177
Il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju jagħlaq Mitt Sena ....179
Ġita ġewwa Amalfi fil-Festa Liturġika ta' Sant'Andrija ....183
Tinstab il-Ħames Antifona f'ġieħ Sant'Andrija Appostlu ....185
Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa ....189
Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu Martri ....195
Niltaqgħu ma' Charlie Camilleri... ....201
Niltaqgħu ma' John Hili ....211
Xbieha ta' San Omobonu f'Ħal Luqa ....215
Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Luqa ....217
Restawr tal-Istatwa ta' Sant'Andrija
fi Triq il-Karmnu f'Ħal Luqa ....220
Luqa St. Andrew's FC ....224
Tifkiriet tal-Esperjenzi Personali tal-Imgħoddi ....227
Il-Festa tal-Ħniena Divina fis-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena ....231
Festa – Għalfejn? ....233
Sant'Andrija ....234
Tislima lill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca ....235
Tislima lil ... ....237
Obitwarju ....239
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....240




**Presidenti Onorarji**
L-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., *Arċisqof Emeritu ta' Malta,* Dott. Manuel Mallia *L.L.D.,*
Lino Abela Scolaro, Carmelo Psaila, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri, Frank Ciappara, Joe Mizzi,
Carmelo Penza, Francis Magri, Charles Camilleri, Twanny Camilleri, Carmelo Camilleri, Emmanuel Magri,
Joe Faenza. Antoinette Fava (née Camilleri)

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri,
Twanny Ellul, Francis Costa, Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Lino Cremona, Dr Jamie H. Cremona,
Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Penza, Joseph Camilleri, Mario Cardona,
Andrew Vella, Andrew Cassar, Anthony Brincat, Lorry Sammut, Andrew Camilleri, Patrick Muxi

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit Ph.D.

**Segretarju**
James Ciappara

**President**
Joseph Piscopo
*B.Accty(Hons), CPA, FIA, M.Sc.*

**Teżorier**
Clifford Micallef

**Asst. Segretarju**
Joe Aquilina

**Viċi President**
Lawrence Cassar

**Asst. Teżorier**
Malcolm Muscat

**Arkivista**
Neil Zammit *B.Accty (Hons), CPA, MIA, A.L.C.M, A.Mus.L.C.M, L.Mus.LCM, A.L.C.M (Comp.)*

**Viċi President Anzjan**
Emmanuel Magri

**Rapp. Kummissjoni Banda**
Norbert Camilleri
*A.L.C.M, L.V.C.M, L.Mus L.C.M, Dip. Sacred Music*

**Delegat Fondi Ewropej**
Andrew Schembri *B. Com (Hons), M.A.*

**Kuratur**
Andrew Aquilina

**Delegat tas-Soċi**
Jonathan Costa

**Delegat Attivitajiet Soċjali**
Sandro Farrugia

**Delegat tal-Banda**
Joseph Bezzina *B.Ed (Hons), MA (Leeds)*

**Direttur Spiritwali**
Wisq Rev. Dun Gordon Refalo

**Għalliem tal-Allievi**
Victor Borg

**Surmast Direttur**
John D. Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

**Assistent Surmast**
Norbert Camilleri *A.L.C.M, L.V.C.M. L.Mus, L.C.M. Dip. Sacred Music*











## *Inawgurazzjoni tal-pedestall u l-istatwa tal-Martirju ta' Sant'Andrija Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2015*






V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.




**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749    Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt



# Messaġġ mill-President

**Joseph Piscopo**
*B.Accty (Hons), CPA, FIA, M.Sc*



Għeżież Ħalluqin,

Reġgħu magħna l-ġranet sbieħ tal-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija u bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tinsab ippreparata sabiex tipparteċipa bi sħiħ, kif dejjem għamlet sa mit-twaqqif tagħha.

Għalkemm il-festa hi okkażjoni prinċipali għas-Soċjetà tagħna, l-attività ma ddurx biss mal-festa. Infatti, matul is-sena kellna diversi attivitajiet oħrajn, fosthom il-Kunċert Annwali li sar f'Novembru 2015. Dan il-programm kien wieħed tassew ta' livell, li fih ra l-parteċipazzjoni ta' żewġ korijiet u diversi solisti flimkien mal-Banda. L-għażla tal-mużika kienet ukoll waħda tassew varjata. Żgur li kull min attenda apprezza l-isforz li sar sabiex seta' jittella dan il-programm annwali. Minn hawn nirringrazzja lill-Bandisti kollha li jiltaqgħu għall-provi sabiex il-Banda tagħna tkun tista' tagħmel l-impenji mużikali li jkunu ippjanati.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim tal-mużika dan baqa' għaddej ta' kull ġimgħa bl-impenn sħiħ tas-Surmast John David Zammit, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u l-għalliem Victor Borg. Din is-sena l-istudenti li qed jitgħallmu fis-Soċjetà tagħna kellhom l-opportunità li jieħdu sehem waqt attività għall-għaqdiet mużikali mtella mill-Aġenzija Żgħażagħ u b'sodisfazzjon ninnota li l-Banda tagħna kienet waħda b'għadd ġmielu ta' studenti. Dan jimliena b'kuraġġ għal quddiem. Pero, l-ikbar sfida li għandna hi mhux biss li nattiraw studenti ġodda imma li nżommu l-interess f'dawn l-istudenti, ħaġa li ċertament mhix faċli fid-dinja tal-lum. Ta' min jgħid li din is-sena saret wkoll inizjattiva sabiex nippromwovu t-tagħlim mużikali fl-Iskola Primarja.

Sfortunatament, f'dak li għandu x'jaqsam man-nar, il-parteċipazzjoni tal-Għaqda tan-Nar tagħna ser tkun waħda relattivament limitata. Dan minħabba li bħalissa għaddejjin bil-proċess sabiex il-Kamra tan-Nar tagħna tiġi konformi mal-liġijiet li jirregolaw dan is-settur. Dan ser iwassal sabiex ikollna Kamra tan-Nar b'iktar sigurtà, kemm għall-membri tagħna kif ukoll għal terzi persuni. Hu ta' dispjaċir għalina li matul il-proċess mal-awtoritajiet kompetenti ġew ippubblikati xi artikli fil-ġurnali u media soċjali mimlijin informazzjoni li mhix korretta. Għalkemm hu veru li ser ikollna nagħmlu żvilupp ġdid ser niżguraw li l-impatt ambjentali u viżiv ikun wieħed limitat kemm jista' jkun. Nittamaw li x-xogħol fuq dan il-proġett jibda ma jdumx. Persważ li l-Ħalluqin

Tesor
JEWELLERY & GIFTS
*Unique as you are…*

Carmel Street, Luqa LQA 1131.
Tel/Fax: +356 2125 7507
Email: info@tesor.com.mt

**Opening Hours:**
Monday to Saturday – 9.00am till 7.00p.m. (Open All Day)




TIME
GOLD
DIAMONDS
SILVER
HOME
PEARLS








It-tlugħ trijonfali tal-Istatwa tal-Anġlu
Is-Sibt 4 ta' Lulju, 2015


St.Andrew's Street,
Luqa (Luqa Square)
PAC MAN'S
TAKE AWAY
21806055
79806055
Open Monday till Sunday
from 5pm till 11:30pm
Tuesdays closed all day
Open on public holidays
exquisite ... fresh ... affordable
FREE HOME DELIVERY SERVICE !!
FREE
1.5L Pepsi
Offer available every
day on orders over €25
Friday, Saturday & Sunday,
a €2 charge applies on orders less than €15.
Luqa free delivery on any order. Last order by 11pm.
pepsi

ser juru l-ġenerożità tagħhom fil-finanzjament ta' dan il-proġett ħalli, jekk Alla jrid, il-Kamra tan-Nar tagħna terġa' tkun tista' tieħu sehem b'mod sħiħ fil-ġimgħa tal-festa.

Rigward l-Armar, wara li s-sena l-oħra ġie inawgurat il-pedestall, kif ukoll is-sett ta' statwi li juru l-martirju, din is-sena tkompla x-xogħol fuq l-injam, l-iskultura, l-induratura u l-irħamar. Dan il-proġett kien ta' piż finanzjarju sostanzjali. Pero, bl-impenn tal-membri kollha dan xorta seta' jitwettaq. F'dak li għandu x'jaqsam man-nisa u ż-żgħażagħ, dawn baqaw għaddejn bl-attivitajiet tagħhom minn żmien għall-żmien sabiex jiġbru l-fondi u fl-istess ħin iżommu s-Soċjetà iktar ħajja. Matul il-ġranet tal-festa ser ikollna wkoll, għad-disgħa sena, lil Radju Sant'Andrija. Minn hawn nirringrazzja lill-membri ta' dawn is-Sezzjonijiet kollha għall-impenn muri tul is-sena kollha.

Kif ser taqraw iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb tal-festa din is-sena kellna, għall dab'oħra, il-wirja tal-Presepju u tal-Ġimgħa l-Kbira u saret wkoll attività sabiex nikkommemoraw il-ħamsin sena mill-ftuħ tal-Kamra tan-Nar tagħna.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' ħidma infrastrutturali fil-Każin tagħna, din is-sena kellna diversi xogħlijiet ta' tisbieħ sabiex il-Każin inħalluh aħjar milli sibnieh. Ewlenin fost dawn kellna t-tibdil tal-irħam tat-taraġ li ġie kollu iffinanzjat mis-Sezzjoni Nisa u l-irronvar tas-sala tal-provi tal-Banda li kienet ko-finanzjata b'fondi Ewropej. Bla dubju din is-sala ġiet waħda mill-aktar professjonali. Barra minn hekk fil-festa li għaddiet ġew mżanżna żewġ irħamiet ġodda bil-listi tal-Presidenti u Surmastrijiet li kellha s-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha. Finalment sar wkoll xogħol fuq klassi għat-tagħlim tat-teorija bl-għajnuna ta' skema tal-Aġenzija Żgħażagħ. Matul il-festa ta' din is-sena hu ttamat li tiżżanżan pittura ġdida għall-waħda mis-Swali tal-Każin, li ġentilment ser titħallas mill-benefattur u Viċi President is-Sur Lawrence Cassar.

Is-sena d-dieħla hu ttamat li f'Ħal Luqa jkollna, għall-ewwel darba, statwa tal-Irxoxt. Dan kien ilu mixtieq mill-Ħalluqin għall-ħafna snin. Wieħed irid japprezza li dan ifisser iktar piż fuq il-Każini sabiex dawn jieħdu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni. Pero, aħna żguri li din ħa tkun okkażjoni ta' għaqda fir-raħal sabiex niċċelebraw flimkien l-ikbar festa tal-Knisja Kattolika. Minn hawn nagħti prosit lil Kappillan u lil dawk kollha nvoluti sabiex il-ħolma tal-Ħalluqin ser issir realtà.

Finalment nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat u lil dawk kollha li jiddedikaw mill-ħin liberu tagħhom sabiex jaħdmu għal ġid tas-Soċjetà u tal-festa tagħna. Nawgura li tkun festa ta' għaqda u okkażjoni li fiha nieħdu gost flimkien bħala raħal wieħed.


**Il-Bar tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni**
miftuħin kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd.
Joffri drinks b'appetizers ġenwini f'atmosfera bejn il-ħbieb.
Isiru wkoll ikliet, fenkati u laħam taż-żiemel.
**Matthew u Christabel**
*jawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.*
J&B


St. Andrew Fireworks
Factory, Luqa, Malta










# G. DARMANIN SERVICE STATION

Valletta Road, Luqa. Tel: 21/2766 7109




*SISTEMA AWTOMATIKA*

24 SIEGĦA SERVIZZ

Lill-kbir Martri Appostlu S. Andrija
Protettur tal-Ħal Lukin



# Regi Similia Passvs

Int Appostlu ta' l-Akaja
U tal-Knisja Nisranija;
Int dik l-art li kienet tbajja'
B'ħeġġa mlejtha bil-qdusija,
Għax bi kliemet tajtha l-ħajja
Li nissilt bil-magħmudija
U b'għaġeb kbir.

Il-Prokonslu ta' dik l-art,
Li mogħmi bid-dlamijiet,
'l poplu tiegħu int ħajjart
Sabiex jitlaq id-drawwiet
Illi lilhom int tajjart
Biex qegħedt flokhom tas-Smewwiet:
Kif ridt li jsir.

Dak kif sama' l-qawwi kliemek
B'herra kbira qam għalik!
Heddek li l-mewt jagħtik;
U int xejn ma ġibt quddiemek
Ħlief ma' mgħallmek li tkun xriek:
Li tkun wemmien.

Il-Prokons (li kien Egija)
B'qilla mewtek fuq salib,
Billi ħaseb bil-moħqrija
Lilek bħalu ser iġib!
Imma int kont dak Andrija
Li le tibża' mit-tiġrib!
Aħrax kemm kien!

Hekk kif kelmtek qabdet turi
Tas-Smewwiet l-għeġubijiet,
Fis għalik ordna t-turturi!
B'daqshekk kelmtu xejn ma swiet!
Għax għadilli kien wisq kburi
'L poplu lilek ta x-xehdiet:
Int ġejt emmnut.

Niedem bilġri resaq lejk
Sabiex sama' t-tagħlim tiegħek:
Kollu ħiemed ġie f'riġlejk,
B'ħaġru kollu dar għal miegħek!
Dak il-ħin bi dmugħ f'għajnejk
Beriktu bl-imqaddes driegħek
F'waqt li kont tmut.

Inti kont mill-ewl qdusija
Li l-kbir Mgħallem kien jistenna:
Agħmel, O setgħan Andrija
Li 'l qlubna bħalek tithenna!

*Poeżija ta' Ġwann Mamo, iddedikata lil Sant'Andrija Appostlu, miġjuba fl-okkażjoni tal-ħamsa u sebgħin sena mill-mewt ta' dan il-patrijott Ħalluqi li ħadem għall-ġid ta' art twelidu.*


GORI
BUTCHER
Jispeċjalizza fil bejgħ ta :
◆Ċanga Friska
◆Majjal
◆Laħam Tal - Friża
◆ZALZETT Frisk Malti
15A, triq Santa Marija,
Ħal Luqa ✆21678484
GORI
BUTCHER


VISION 2000
SCULPTING GEL
NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR
Available only from hair salons.
If you own a hair salon and wish to stock
Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on
21665882 / 99407462
FOR IMMEDIATE DELIVERY!
Vision
2000
SALON PROFESSIONAL
SCULPTING
GEL
200ml ℮
6.67Fl. oz
500ml ℮




*Kunċert Sinfoniku Annwali 2015*




**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.,
58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

Eżempju rappreżentattiv tal-Iskema Speċjali tal-BOV ECO Loan fuq self għall-ammont ta' €6,300 mogħti minn Bank of Valletta p.l.c. bir-rata varjabbli ta' interessi ta' 4.45% fis-sena (marġini ta' interess ta' 2% fuq il-'Consumer Lending Bank Base Rate' ta' 2.45%). Is-self jitħallas bl-istess ammont ta' Eur 111.11, wieħed kull xahar għall-sitta u tletin darba, fi żmien tlett snin mill-klijent, flimkien ma' għotja ta' €2,300 mir-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma (REWS) . L-imgħax fuq dan is-self jammonta għal €284.32 u jitħallas kollu mill-bejjiegħ li qed jieħu sehem fl-istess skema. Ma hemmx spejjeż għall-ipprocessar tas-self. Is-self personali kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.



# Messaġġ mis-Segretarju

**James Ciappara**



Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Reġgħet għaddiet sena oħra, u waslet festa oħra għalina l-Ħalluqin, festa tal-Patrun tagħna Sant'Andrija. Żmien sabiex kull min hu involut fil-festa jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għal dak kollu li jkun ħadem għalih matul is-sena.

Soċjetà bħalma hu każin tal-banda, jorbot ħafna fuq il-volontarjat, u dan kollu jsir għax verament tkun tħobb il-każin. Jiena kburi li nifforma parti minn grupp ta' nies li verament għandna għal qalbna l-każin. L-iskop tas-Soċjetà hi l-banda u r-rikreazzjoni tas-soċi. Għalhekk l-ewwel u qabel kollox żgur li tiġi l-banda u biex ikollok banda kif suppost u verament tkun il-banda tas-soċjetà tiegħek, irid l-ewwel ikollok sisien sodi, bħal surmast u l-assistenti.

Jien bħala segretarju żgur li nħossni kburi li għandi lil dawn il-persuni li tant għandhom dedikazzjoni li joffru ħafna minn ħinhom il-każin jgħallmu lill-alljievi tagħna. Kburi wkoll u mhux ftit li għandna delegat tal-banda mir-raħal u dan nista' ngħid li jagħmel xogħlu b'dedikazzjoni kbira biex verament nuru li din hija verament il-BANDA L-UNJONI.

Ma' dawn żgur li jrid ikollok arkivista li jieħu ħsieb l-arkivji mimlija mużika u preparazzjoni għal dawn is-servizzi li l-banda jkollha minn żmien għal żmien.

Wara l-banda żgur li jrid ikollok persuni ħabrieka li jżommu l-bini tas-soċjetà attrezzat b'dak kollu li jkun jonqos. Dawn huma persuni li mingħajr ħafna daqq ta' trombi ssibhom għal dak kollu li jinqala'. Dawn il-persuni huma indispensabbli, għax mingħajrhom il-każin ikollu jħallas għal dak kollu li jista' jinqala', però bis-saħħa ta' dawn il-persuni l-każin dejjem jiffranka flus akbar. Dawn huma persuni li għalihom il-każin hu t-tieni dar tagħhom.

Din is-sena kienet l-ewwel sena li ħdimt tant viċin il-President il-ġdid tas-Soċjetà, is-Sur Joseph Piscopo. Nista' ngħid li l-għażla li saret kienet waħda tajba ħafna, għax mingħajr tlaqliq ngħid li hu persuna li verament tieħu pjaċir taħdem magħha, u qabel jiddeċiedi l-ewwel jieħu l-opinjoni ta' kulħadd u wara jgħid tiegħu. Persuna li għandu verament għal qalbu kemm lis-Soċjetà kif ukoll lir-raħal inġenerali.

Ħdimt ukoll mill-viċin mal-kaxxier tas-Soċjetà, is-Sur Clifford Micallef, persuna oħra dedikata ħafna li barra xogħlu ta' kaxxier, li nista' ngħid li qiegħed jagħmel biċċa xogħol

MAPFRE | MIDDLESEA

*For all your insurance requirements*

Motor

Home

Boat

Travel

Personal Accident

Business

Group Life

Health / Group Health

# Luqa Regional Office

Magri Autocare Building, Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa
Luqa LQA 9010 Malta

T: +356 2569 4700

E: lro@middlesea.com

W: middlesea.com

Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on both Long Term and General Business under the Insurance Business Act, 1998.

# Paul's Store

PJAZZA TAL-KNISJA, LUQA

TEL: 2166 2016    MOB: 9940 5511

*Fejn issibu kollox frisk kuljum*
*b'varjetà sħiħa ta' ikel ġenwin*
*u dak kollu meħtieġ għall-familja kollha*
*bi prezzijiet mill-aqwa*









*Free delivery*

***Anton Gatt***
***u l-familja***
***jawguraw***
***il-Festa t-Tajba***
***lil kulħadd***



# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 2767 5362 Email: bandg@onvol.net**

**Mob: 9987 4609 9987 1859**

kbira, jagħmel ukoll ħafna xogħol kemm ġewwa l-każin kif ukoll ġewwa l-maħżen tagħna, fejn jidħol l-armar.

Jien persuna li d-dixxiplina nħobbha, għax fejn hemm id-dixxiplina hemm is-serjetà. U dan il-membri tagħna jafuh. Id-dixxiplina trid tinżamm matul is-sena kollha u speċjalment waqt il-ġranet tal-festa. Jien persuna li ma niħux gost li waqt il-festa kulħadd jagħmel li jrid. Anzi waqt il-festa rridu dejjem nuru li aħna każin serju. Nafu x'ġara s-sena li għaddiet meta persuna minn barra r-raħal ġie ġewwa r-raħal tagħna u ġibed filmati ġewwa l-każini tal-baned rispettivi u wara dawn il-filmati ttellgħu fuq *facebook* u l-persuna talbet lin-nies sabiex jagħrfu d-differenza bejn iż-żewġ filmati. B'dak li sar inħossni ddispjaċut ħafna, minħabba persuni irresponsabbli jkantaw u joffendu lill-Każin oppost, għax bħallikieku mhux iż-żewġ soċjetajiet huma tal-istess lokalità u jaħdmu għal għan wieħed; il-festa tar-raħal.

Il-ħidma ġewwa l-każin ma naqsitx din is-sena, tant li kif għaddiet il-festa, beda x-xogħol fuq l-ewwel pjan tat-taraġ. Hawn kellu jinqala' l-irħam antik u wara twaħħal irħam ġdid. Hawn ngħid grazzi lil dawk kollha li għenu sabiex dan ix-xogħol seta' jsir; grazzi speċjali tmur lill-kumitat tan-nisa li bl-attivitajiet li jagħmlu matul is-sena rnexxielhom iħallsu l-ispejjeż ta' dan it-taraġ.

L-Għaqda tal-Armar baqgħet għaddejja bix-xogħol tagħha, tant li tkompla x-xogħol fuq il-kolonna tal-martirju fejn din is-sena se naraw ukoll xi skultura u xi żebgħa li nbdiet ukoll fuq l-istess kolonna. Dawn baqgħu sejrin bix-xogħol ta' manutenzjoni fuq l-armar, u ta' dan nixtieq nirringrazzjahom tax-xogħol volontarju li joffru b'risq is-Soċjetà u l-festa tagħna.

Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-Għaqda tan-Nar, li għalkemm bħalissa ma jistax jinħadem nar għall-festa, dawn xorta baqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom kemm ġewwa l-post tan-nar kif ukoll ġewwa l-każin kull darba li ġew mitluba. Hawn nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu bla għeda sabiex is-*St Andrew Fireworks Factory* terġa' tibda tiffunzjona sabiex jerġgħu jibdew ipaxxu lill-Ħalluqin u lill-Maltin bix-xogħol pirotekniku tagħhom, kif dejjem għamlu bis-suċċessi li dejjem ġabu lejn ir-raħal tagħna.

Fl-aħħar nagħlaq billi nirringrazzja lis-sottokumitati kollha fi ħdan is-soċjetà, lill-bandisti, membri u partitarji u lil sħabi tal-kumitat, għax-xogħol li jwettqu matul is-sena. Ngħid ukoll lil dawk kollha li se jieħdu sehem waqt il-festa, speċjalment waqt il-marċi, sabiex jisimgħu mill-membri tal-kumitat sabiex ingawdu l-festa bħala poplu Ħalluqi wieħed taħt il-ħarsien tal-Patrun tagħna Sant'Andrija.

Viva Sant'Andrija!

Viva l-Banda L-Unjoni!


Phone Booth
Mobile & Hi-Fi Center Tel : 21820878
Mob: 79706821 79057161. 38, St Andrew Str' Luqa
Iphone 5
Samsung Galaxy S3
Nokia Lumia
Digital Cameras
Laptops
LED & 3D Televisions
Find us on facebook
Home Cinema
Hi-Fi
Tablets
3D


CitySightseeing Malta
CHARTER
a DOUBLE
DECKER!
Organise your special occasion on one of our double deckers!
Ideal for any celebration such as...
Football, Feasts, Bachelor / Hens Parties, Graduations ecc...
City Sightseeing Malta Ltd, 164/165, Industrial Estate, Luqa, Malta
Web: www.citysightseeing.com.mt • Email: info@citysightseeing.com.mt
• Tel: +356 2010 2090 • Mob: 99822416

CONSTRUCT
FURNITURE





# LOCALLY MANUFACTURED

Free delivery to Malta and Gozo

40, Industrial Estate Luqa, LQA 3000
21220610, 21257029, 21257030

Open from Monday to Friday, 9.00am - 7.00pm
& Saturday , 9.00am - 1.00pm



# Tal-Familja

*Restaurant*

*. . . a typical Maltese family run restaurant,*
*serving fresh fish & shell fish*
*and Maltese dishes*

**Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta**
**Tel: 2163 2161, 99473081**

PALAZZO PRECA
RESTAURANT
WHERE YOU MEET, EAT & GREET

54, STRAIT STREET VALLETTA
TEL: 2122 6777 - 9986 6640 - 9984 6866
EMAIL: info@palazzoprecarestaurant.com



OPEN TUESDAY TO SATURDAY FOR LUNCH & DINNER
SUNDAY: DINNER ONLY (SUMMER) - LUNCH ONLY (WINTER)



# Messaġġ mill-Kaxxier

**Clifford Micallef**



Reġa' wasal il-waqt li ngħid kelmtejn fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjetà. Din is-sena komplejt naħdem fuq ix-xogħol li beda s-sena l-oħra niex nippruvaw innaqqsu xi ftit mill-ispejjeż ta' matul is-sena, mingħajr ma nnaqqsu mil-livell li ntlaħaq f'dawn l-aħħar snin.

Saret diskussjoni mas-surmast u d-delegat tal-banda, biex nippruvaw innaqqsu ftit mill-ispiża tal-banda, mingħajr ma nnaqqsu xejn mill-kwalità u l-livell tajjeb li l-banda tagħna hija magħrufa għalih. Mhuwiex daqshekk faċli li dan l-għan jintlaħaq, imma wieħed irid jipprova. Nirringrazzja lid-delegat tal-banda li daħal għal din il-biċċa xogħol b'ruħu u b'ġismu. Nirringrazzja wkoll lill-bandisti tal-post li jattendu għas-servizzi li s-soċjetà jkollha matul is-sena. Qed tiġi investita wkoll somma konsiderevoli ta' flus, fit-tagħlim u t-taħriġ tal-alljievi, bit-tama li fis-snin li ġejjin naqtgħu l-frott u dawn l-alljievi jingħaqdu mal-banda u b'hekk forsi niffrankaw xi ħaġa mill-ħlas tal-bandisti barranin.

Ma tonqosx ukoll il-manutenzjoni li ssir fil-każin matul is-sena. Din ukoll tiswa' lis-soċjetà ammont sostanzjali ta' flus. Nirringrazzja l' Alla, ħafna xogħol isir b'mod volontarju minn diversi soċi tagħna stess, flimkien ma' xi sponsers. B'hekk is-soċjetà tiffranka ħafna flus. Ringrazzjament speċjali jmur lis-sezzjoni nisa li bil-ħidma tagħhom, din is-sena nbidel l-irħam tal-ewwel sular tat-taraġ. L-ispiża biex seta' jsir dan ix-xogħol laħqet madwar ħamest elef ewro, u din tħallset kollha mill-attivitajiet li jagħmlu matul is-sena.

Spiża oħra li se jkollna din is-sena hija l-uniformi ġdida tal-banda li tikkonsisti f'ingravati, spalletti u *scarves* ġodda. Kien wasal iż-żmien li nagħtu dehra aħjar lill-banda tagħna u proprju din is-sena fil-ftuħ tal-festa l-banda se żżanżan l-uniformi ġdida tagħha biex b'hekk tkompli tingħata dehra aktar pulita u li tixraq lill-banda għażiża tagħna.

Kif qed taraw il-ħidma ma tieqaf qatt matul is-sena, iżda bl-għajnuna ta' sħabi tal-kumitat kif ukoll tas-sezzjonijiet kollha jirnexxielna nlaħħqu mal-ħtiġijiet li jinqalgħu, għaldaqstant nieħu l-opportunità biex minn hawnhekk nirringrazzja lis-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-soċjetà, tal-għajnuna u l-koperazzjoni li nsib mingħandhom matul is-sena. Fil-veru sens tal-kelma UNJONI.

# T. SPITERI






## MINI READY-MIX
## & MATERIAL TRANSPORT
## Mob. 7906 3000

**Thomas Smith**
**Insurance Brokers**

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE

# WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.




**Opening hours**
Monday to Friday – 08:00 to 17:00

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

**79015959**
**22058580**
**info@tcsinsurancebrokers.com**

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out business of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.

J.Cassar ALUMINIUM

(Johnny ta' Ħal Luqa)

*New Aluminium System*

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta
**Tel: 2122 8896 / Mob: 9942 6356**

**30 years Experience**

J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*











Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-ħwienet u l-kumpaniji kollha li għal darb'oħra għoġobhom jirreklamaw f'din il-pubblikazzjoni u nappellalkom biex tagħmlu użu mis-servizzi tagħhom. Fl-aħħar nixtieq indur fuqkom il-partitarji biex nappella għall-ġenerożità tagħkom fid-donazzjoni li tagħmlu b'risq il-festa biex b'hekk inkomplu nkabbru u norganizzaw festa kif jixraq lill-patrun tagħna Sant'Andrija.


**JAPANESE AUTO PARTS**

***FOR ALL KINDS OF JAPANESE VEHICLES***

**AGENTS FOR**

**SUN** TIMING BELTS
**DENSO** SPARK PLUGS
**KYOSAN** FUEL PUMPS
**HDK** C/V JOINTS
**KP** GASKETS
**SAFETY & 555** BALL JOINTS
**VIC** FILTERS
**TOKICO** SHOCK ABSORBERS
**MK** BRAKE PADS & BRAKE SHOES
**DAIKIN** CLUTCHES
**GMB** WATER PUMPS & U/V JOINTS
**SBK** BRAKE CABLES & CLUTCH CABLES

**We also stock body & lighting parts**

**The people who really know what your needs are!**

Triq is-sebħ, Qormi QRM 9053
*Tel:* 2149 2770 *Fax:* 2749 0795 *Email:* birmingham@onvol.net

website: www.japanautoparts.info

**Philip Agius & Sons Ltd.**

**TA' MAKSAR • CONTRACTORS**

- *Excavation Works*
- *Road Works*
- *Civil Engineering Works*
- *Suppliers of Ready Mix Concrete*
- *Suppliers of Recycled Materials*

**The Plant, Mdina Road**
**Żebbuġ ZBG 4103**
**Tel: 2146 5758**
**Fax: 2146 3835**
**Mob: 9949 3551**
**Email: marius@maksar.com**



# BUONA PESCA TRADING & TUBERTINI MALTA

ARE YOUR SUPPLY HOUSE FOR FISHING TACKLE AND FOR THE BEST PRICES AND AFTER SALES SERVICE.
FOR MORE INFO VISIT OUR OUTLET ON WEDNESDAY AND FRIDAY FROM 15:00 TILL 18:00
IN ATTARD OR CALL NOBERT ON 9942 2079




TUBERTINI HIGH QUALITY | Berkley Catch More Fish. | PENN | okuma HIGH PERFORMANCE | MITCHELL | Shakespeare SINCE 1897 | Strike Pro Casting into the future



MG LINEA MODA by: Mary Tabone

MG HOME INTERIORS

ST. THOMAS STREET, LUQA.

21420540    9988 3988

WE ARE OPEN
ALL DAY
09:00 to 19:00

WE DRESS YOUR HOME WITH FINEST CURTAINS



A WIDE VARIETY OF CLOTHES SHOES AND BAGS AT REASONABLE PRICES.





MAGRI AUTOCARE

Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com



WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS & EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.

- Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
- Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
- Car wash (by hand) and interior vacuum
- Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components

Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 / Email: magridrs@vol.net.mt



# L-importanza u l-Valuri tal-Mużika fit-Tfal

**John David Zammit**
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*
*Surmast Direttur*



Riċerka xjentifika li saret ftit taż-żmien ilu fl-Ingilterra turi biċ-ċar li l-mużika għandha qawwa kbira biex ittejjeb diversi suġġetti li t-tfal jistudjaw fl-iskola, inklużi matematika, kitba, lingwaġġi u qari.

Il-mużika hija suġġett professjonali u speċjalizzat u hija ta' importanza assoltuta għall-iżvillup edukattiv tat-tfal kollha. L-akbar xhieda ta' dan huma d-dokumenti li ħallewlna l-akbar awtoritajiet mużikali fid-dinja kollha b'mod speċjali dawk l-awtoritajiet li jgħixu (jew kienu jgħixu) 'f'pajjiżi żviluppati. Matul is-sena 1999, l-organizazzjoni U.N.E.S.C.O. appuntat numru ta' esperti fil-qasam tal-edukazzjoni mużikali biex dawn jagħmlu numru ta' esperimenti f'diversi skejjel Ewropej u Amerikani biex tiġi stabbilita l-importanza tal-edukazzjoni mużikali fit-tfal kollha.

Id-dokument finali, li fih jiġbor riċerka internazzjonali, fih xhieda ħajja li turi r-rabta defenita bejn il-lezzjonijiet tal-mużika u s-suċċess fl-edukazzjoni ġenerali.

Ir-riċerka u l-esperimenti msemmija saru f'pajjiżi li, għal dik li hi sistema edukattiva, inkluża l-edukazzjoni mużikali, huma minn ta' quddiem nett f'dik li hi organizzizazzjoni edukattiva. Dawn huma pajjiżi li kollha jagħmlu użu mill-edukazzjoni mużikali bl-akbar abbundanza għaliex jafu li ħaga bħal din qiegħda tagħmel ġid kbir fl-oqsma kollha talħajja.

Fost il-pajjiżi riċerkati nsibu l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Isvizzera, l-Ungerija, Franza, l-Ingilterra, l-Isvezzja, New Zealand, il-Kanada u l-Amerika.

Dan kollu jurina li l-mużika toħloq opportunità straordinajra li permezz tagħha wieħed jiżviluppa moħħ nobbli, sens għoli ta' valuri u abbiltà mill-aqwa.

Il-verità, ta' dan kollu nsibuha saħansitra fil-filosofiji li ħallewlna diversi għorrief mill-passat u mill-preżent, inklużi Platun u Socrates (Greċja), Nietzche (Ġermanja), Kodlay (Ungerija), Berlioz (Franza), Cui u Glierre (Russja), Sarasate (Spanja), Swanwick u Bennett (Ingilterra) Scahalug u Shaw (Amerika) u oħrajn.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll il-benefiċċji ovvji li t-tfal jakkwistaw permezz tal-istudju tal-mużika. Dawn jinkludu żvilupp ġenerali, dixxiplina korporata, ħeffa u titjib fl-immaġinazzjoni u fil-memorja, qawwa li biha jirraġunaw aħjar, ħsieb astratt u aktar miftuh u aktar benefiċċji diretti.


1934
X
LUQA
ST. ANDREW'S
LUQA ST.ANDREW'S FC
YOUTH NURSERY
ISSIEHEB ISSA
ĊEMPEL 7980 9443
ABC GROUP
GĦAL TFAL UNDER 5
AGILILTY + BALANCE + CO ORDINATION
FIRST KICKS
SUBIEN U BNIET
WWW.LUQASTANDREWSFC.ORG
LUQA SAINT ANDREWS FOOTBALL NURSERY


Malcolm Mifsud
Funeral Service 24 Hr
Coffin Makers & Importers
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
Tel: 2782 29705
Mob: 9987 4970


Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917
MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
• Skylights
• Fiber Glass Flag Poles
• Water Gutters
• Raised Flooring
• Manhole Covers
• Street Furniture
• Raised Flooring
• Liquid Membrane
• UPVC & Aluminium Apertures
• All Type Of Staircases
Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD


FOR YOUR SECURITY & COMFORT
DAR SERVICES
CCTV SYSTEMS
INTRUDER ALARMS
FIRE ALARMS
AIR CONDITIONING
ELECTRICAL & MECHANICAL
info@darservicesmalta.com
www.darservicesmalta.com
7900 3388
2166 8022

Tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li l-istudju tal-mużika jżomm 'il bogħod lill-ulied mill-kriminalità, droga u l-vizzjijiet kollha li nsibu fi żminijietna.

Il-mużika hija arti flessibbli, arti maġika li tagħti pjaċir lil kulħadd kemm b'mod individwali kif ukoll komunali. Il-mużika tista' ssebbah il-ħajja kollha tal-bniedem jekk dan ifittixha u jużaha tajjeb.

Fl-aħħar nett, tajjeb li tkun taf li s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni toffri taħriġ mużikali komplut mingħajr ħlas lill-tfal kollha minn età ta' tmien snin 'il fuq. Għal dan il-għan, wieħed jista' jikkomunika mas-surmast, l-assistenti tiegħu, jew membri tal-kumitat.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Elmo
INSURANCE

elmoinsurance.com

Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com

Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.



# Festa li Tgħaqqad

**Wisq Rev. Dun Gordon Refalo**
*Kappillan u Direttur Spiritwali*



Kemm hi sabiħa l-għaqda. L-għaqda turi maturità. L-għaqda ġġib ħafna paċi. L-għaqda ġġib ħafna ferħ. Daqshekk ieħor, il-firda ġġib magħha ħafna affarjiet negattivi li ma jogħġbu lil ħadd.

Il-Festa parrokkjali tiġi, fost affarjiet oħra, sabiex ningħaqdu bħala komunità. Bħal familja, li f'okkażjonijiet speċjali tingħaqad sabiex tiċċelebra, aħna bħala parroċċa ningħaqdu sabiex niċċelebraw dak kollu li hu sabiħ fostna. U tassew għandna biex niċċelebraw f'Ħal Luqa.

Niċċelebraw il-fatt li għandna diversi għaqdiet u gruppi li jaħdmu matul is-sena sabiex jipprovdu ambjent ta' mistrieħ u fl-istess ħin ikabbru t-talenti ta' tant persuni, tfal, żgħażagħ u adulti.

Niċċelebraw tant nies dedikati fuq xogħolhom, fil-familja tagħhom, fil-każini, fil-knisja.

Niċċelebraw il-kapaċitajiet u t-talenti ta' ħafna persuni u li jispikkaw ħafna fiż-żmien tal-festa.

Niċċelebraw il-ħafna nies li jħarsu lejn Sant'Andrija bħala mudell għal ħajjithom u jippruvaw jgħixu tassew il-valuri Insara li għex hu.

Niċċelebraw id-diversità li tinsab fostna, li mhix xi ħaġa ħażina imma li tagħmel il-parroċċa tagħna iktar rikka, iktar sabiħa. Ikollna monotonija kbira li kieku kulħadd jaħsibha l-istess.

U l-lista tista' tibqa' titwal. Għax dejjem niskopri, iktar ma indum ngħix hawn f'Ħal Luqa, kemm għandna għalfejn niċċelebraw. Iżda iċ-ċelebrazzjonijiet tagħna jridu jkunu ċelebrazzjonijiet li juru li aħna Insara u li tassew inħobbu lil Sant'Andrija u lil xulxin. Għalhekk, irridu lkoll noħolqu ambjent ta' għaqda, ħbiberija, tolleranza, u ftehim. Dan jiddependi minn kulħadd u mhux biss minn min għandu xi forma ta' responsabbiltà. Il-festa hi ta' kulħadd. Kulħadd għandu jiċċelebra b'mod dinjituż.

Il-festa it-tajba lil kulħadd.


Tyrone Gypsum Works
Tyrone Farrugia
Wall lining, partitions, coving, flat ceiling, bulkheads, painting etc ...
79957077
tyronfarrugia@hotmail.com


Beauty Elegance
Facials
Radio Frequency lifting treatments
Collagen Induced treatment (C.I.T)
Needling anti wrinkle treatments
Cavitation anti cellulite treatments
Fat Freezing for stubburn fat deposits
Slimming wraps
Presso therapy booties
Bandages
Slender tone
Laser hair removal
Make up
Manicures & Pedicures
Gels & Acrylic nail extensions
Before
After 16 weeks
31, Ġorġ Zahra Street, Luqa
Tel: 2721 0808
Find us on: facebook
Ana's Creations Mob: 7927 1058
Ana's Creations





Andrew's
Car Centre

FULL ACCIDENT REPAIRS

Andrew's Car Centre Ltd.
Qormi Rd. Luqa
LQA9044
andrewsgarageltd@gmail.com
99296311/21226311





# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

**St. Thomas Street, Luqa**
**Tel/Fax: 2180 3017**

# Lil
# Sant'Andrija
# Appostlu u Martri
## fil festa tighou
## li bi cbira devozzioni u pompa
## ssir Hal Luka
## Fit-30 ta Novembru 1878

Meut, ja Meut! fein ì tighec il hruxia?
Fein ù l'miugel hassàd min tal bniedmin,

Li bieh 'l mzatta trid tekred f'cull hin
Il fkir, il ghani, il cbir u sa't-tarbìa?

Ghaliex mel'issa ked narac merhìa,
Ghaineic bil biza uerec', maklubin;
Donnoc truxa tad-duell ghall'istedin
Li jaghmillec Indri', fiur tal kdusìa?

Isimghou bhal guerrier l'izied kalbieni,
Fuq is-salib imdendel, jisfidac;
Ma jibza minnec xein, jiddisprezzac!

Smaitec tuiegeb: Jen kieghda immut bil puieni
Ghaliex dan il Kaddis bil kauua tighou
Ghalibni; jen ma flahtx nohoda mighou!

# CONTACT US!

M: +356 7920 7748

E: director.centrestage@gmail.com

F: facebook.com/CentreSTAGE

summer fun
hands-on
activities!



**Josef Penza**
Refrigeration & Air Conditioning

79 202 626
josefpenza@gmail.com
facebook.com/AirconditioningMalta

## Installation and repairs on all kinds of ACs



Prices for Inverter ACs
starting from
**€580**

Be COOL this Summer and install one of our TOP BRAND ACs

Haier Airwell ELECTRA LG HITACHI DAIKIN



Tal-Parrina
Confectionery

Triq Sant'Andrija
Luqa
Tel: 2180 2300

Opening Hours
Mon to Fri – 6.00am - 8.30pm
Sunday – 6.00am - 12.30pm

**YOUR DAILY NEEDS,**
**ESSENTIALS & MORE**

***Detergents are also available***




# BORG BROS.

## Furniture Transport

Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi

Tel: 2146 6664
Mob: 9947 5010
borgbros@gmail.com





# Nieħdu Ħsieb Dak li Writna

**John Schembri**
*Sindku*



Nerġgħu ninsabu fiż-żmien sabiħ ta' tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa għażiża tagħna.

Nixtieq nibda dan il-messaġġ tiegħi billi nesprimi l-apprezzament tiegħi lil dawk il-membri kollha tas-Soċjetà Filarmonika Unjoni talli ddedikaw ħafna mill-ħin liberu, mill-enerġija u t-talenti tagħhom sabiex setgħu jitwettqu tant proġetti sbieħ u ta' fejda u b'hekk tkompliet it-tradizzjoni sabiħa tal-promozzjoni tal-kultura, tal-valur artistiku u tal-apprezzament tal-mużika f'pajjizna.

Bħala Sindku minn dejjem għamilt użu mis-servizzi tal-għaqdiet mużikali tal-lokal minħabba li dawn joffru tagħlim bla ħlas lir-residenti alljievi tagħhom u wkoll biex il-banda tradizzjoniali tingħata rikonoxximent għall-ħidma volontarja li twettaq fis-soċjetà Maltija.

Din is-sena l-Kunsill Lokali applika biex tiġi restawrata l-istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu. Din kienet skema maħruġha mill-Gvern Ċentrali fejn kien hemm ħamsa u tletin (35) lokalitajiet li applikaw u b'sodisfazzjoni ngħid li l-Kunsill Lokali tagħna kien fost il-ħames (5) lokalitajiet li ser jibbenefika minn din l-iskema. Inizjattivi ta' din ix-xorta jirriflettu ferm tajjeb fuq l-andament tal-Kunsill li permezz tagħhom dak li writna minn missirijietna jibqa ħaj u jitgawda minn kulħadd.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nawgura lill-president, lis-soċji u lill-membri kollha tas-Soċjetà Filarmonika Unjoni, kif ukoll lin-nies kollha ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ, festa mill-isbaħ u sena oħra mimlija hena, saħħa, paċi u barka.

Nerġa' f'ismi u sħabi l-kunsilliera nawgura l-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha.





# It-tagħlim tal-Mużika fis-Soċjetà Tagħna

**Norbert Camilleri**
*A.L.C.M, L.V.C.M., L.Mus, L.C.M. Dip. Sacred Music*
*Assistent Surmast u Rappreżentant Kummissjoni Banda*



L-għan ewlieni ta’ kull soċjetà tal-banda hu li ssaħħaħ il-livell mużikali tagħha. Iżda dan ma jistax ikun possibbli jekk primarjament ma jkunx hemm l-impenn meħtieġ mill-bandisti tal-post sabiex jattendu regolarment għal kunċerti u li jżommu l-livell f’abilità tal-istrument partikolari tagħhom.

Huwa għalhekk li aħna l-għalliema tal-mużika għandna d-dover li nkattru fit-tfal l-imħabba lejn l-istrument u nġagħluhom jifhmu s-sens ta’ responsabilità li huma għandhom lejn is-soċjetà biex jistudjaw kif ukoll li jibżgħu għall-istrument li ħafna drabi jkun ingħata lilhom mis-soċjetà. Aħna l-għalliema rridu nfehmu ukoll lill-ġenituri tal-alljievi tagħna li t-tagħlim tal-mużika huwa ferm importanti għall-iżvilupp intellettwali tat-tfal u li dan it-tagħlim ma għandux jiġi l-aħħar fil-lista ta’ prijoritajiet.




Proprju din is-sena, is-Surmast Direttur John David Zammit flimkien miegħi u mal-għalliem Victor Borg ħa nkunu qegħdin inħeġġu aktar tfal biex jibdew l-istudji mużikali ġewwa s-soċjetà tagħna. Dan għamilnih billi żorna l-iskola primarja tar-raħal tagħna fejn saret laqgħa għat-tfal tar-raba’, il-ħames u s-sitt sena. Urejnihom *Powerpoint Presentation* dwar l-istrumenti tal-banda. Wara din il-preżentazzjoni qassamna *leaflets* b’applikazzjoni lit-tfal kollha preżenti biex kull min hu interessat setgħa japplika sabiex jibda jistudja l-mużika fis-soċjetà tagħna.

Bis-saħħa tal-Aġenzija Żgħażagħ attrezzajna l-klassi tal-mużika billi xtrajna mwejjed *foldable* biex it-tfal jkunu jistgħu jiktbu fuqhom u *whiteboard* speċjali bil-linji tal-mużika - *manuscript*. It-tfal qed inlaqqawhom darbtejn fil-ġimgħa, darba għall-prattika tal-istrument, mal-għalliem rispettiv tagħhom, liema tagħlim jsir b’mod individwali jew fi gruppi żgħar u darba għal-lezzjoni tat-teorija miegħi, fejn din id-darba t-tagħlim jsir b’mod kollettiv.

Għal sena oħra l-alljievi tagħna ingħaqdu mal-bandisti tal-post, fejn daqqew sett ta’


ATTENTION NAIL TECHNICIANS
NAIL TIPS
NAIL GLUE
CUTICLE PUSHERS
NAIL TIP CUTTERS
NAIL NIPPERS
NAIL FILES
PRIMERS
ACRYLICS
GELS
BASE GELS
TOP COATS
UV LAMPS
UV BULBS
LED LAMPS
NAIL DRILLS
NAIL BITS
NAIL ORNAMENTS
STICKERS
3D FLOWERS
RHINESTONES
& MUCH MUCH MORE
ASK FOR DISCOUNT CARD
nail magic
acrylic powder
nail magic
ACRYLIC LIQUID
GUTZ
fashion
FASHION FOR ALL THE FAMILY
HAMRUN – LUQA – SIGGIEWI - PAOLA
BELLISSIMA
COSMETIC-HAIR-PERFUME
SHOP
EVERYTHING FOR YOU TO LOOK GOOD
OUR LADY OF SORROWS STR
HAMRUN

marċi funebri f'Ħadd il-Palm. Dan ma kienx jkun possibbli kieku ma kienx hemm l-impenn meħtieġ minn naħa tal-alljievi biex jistudjaw dawn il-marċi u li kull nhar ta' Sibt kienu jiltaqgħu miegħi sabiex flimkien nagħmlu l-kunċerti preparatorji.



L-Aġenzija Żgħażagħ ta' kull sena tieħu ħsieb li torganizza attività mużikali għal għaqdiet tal-każini tal-baned. Ta' min jgħid li ħafna soċjetajiet jagħżlu li jigu rrappreżentati b'bandisti tal-post li jkunu stabiliti u ta' esperjenza. Jiena tal-fehma li dan ma għandux jsir u li l-baned għandhom jigu rrappreżentati bl-alljievi rispettivi tagħhom. Wara kollox wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' Aġenzija hu li tippromovi t-tagħlim tal-mużika. U proprju għalhekk is-soċjetà tagħna għal sena oħra ħadet ħsieb li tipparteċipa permezz tal-istudenti u għal sena oħra kellna kliem ta' tifħir mill-organizzaturi ta' din l-attività.



Bis-saħħa tal-fondi li ġibna mill-Aġenzija Żgħażagħ din is-sena, xtrajna baxx għal bandist tal-post, is-Sur Joe Bezzina, li kien tant meħtieġ biex ikompli javvanza fl-istudji tiegħu f'dan l-istrument.

Din is-sena erġajna applikajna għal fondi mill-Aġenzija, liema fondi jekk kemm-il darba jiġu mogħtija lilna nkunu nistgħu nixtru strumenti ġodda kif ukoll nattrezzaw il-kmamar tal-lezzjonijiet tagħna aħjar.

Finalment nixtieq nirringrazzja lis-Surmast John David Zammit u lil Victor Borg li flimkien miegħi qegħdin inkomplu nagħtu sehemna biex intejbu t-tagħlim tal-mużika ġewwa s-soċjetà tagħna u li tant għandna għal qalbna.

Nawgura festa mill-isbaħ lill-Ħalluqin kollha.





# Mill-Maħżen tal-Armar

## *Rapport ta' ħidma mis-Sezzjoni Armar*

**Neil Zammit**

Il-festa ġġib magħha bosta ħidmiet f'oqsma differenti, iżda lkoll b'għan wieħed; biex jingħataw ġieħ u qima lil Sant'Andrija Appostlu. Is-Sezzjoni Armar ilha għal dawn l-aħħar snin taħdem u tistinka qatiħ biex tkompli ssebbaħ il-pjazza u t-triq ewlenija tar-raħal fil-jiem tal-festa titulari. Sar ħafna xogħol b'mod volontarju, u ta' dan aħna ninsabu grati lejn dawk il-membri kollha li ħadmu kemm felħu b'risq dan il-għan.

Matul din l-aħħar sena, is-Sezzjoni Armar fi ħdan il-Filarmonika L-Unjoni kompliet għaddejja b'ħidma kontinwa sabiex tlesti x-xogħol mibdi minn wara l-festa li għaddiet 'l hawn. B'hekk sal-festa ta' din is-sena nkunu nistgħu naħsdu l-frott ta' sena ħidma li fl-aħħar mill-aħħar issarraf f'sodisfazjon kbir għal min jagħti s-sehem tiegħu f'dan il-qasam importanti tal-festa Maltija.

Wara l-inċident li kellna fuq wieħed mill-arbli tal-pjazza s-sena li għaddiet wara li għaddiet il-festa, is-Sezzjoni Armar ħadet ħsieb sabiex jinxtara arblu ġdid. Dan minħabba li l-arblu l-antik ma setax jibqa' jintuża minħabba l-ħsarat estensivi li ġarrab. L-arblu l-ġdid inxtara tal-injam bħall-oħrajn u sar ix-xogħol neċessarju fuqu minn Andrew Aquilina. Inħadem ukoll karru ġdid biex ikunu jistgħu jinġarru l-brazzi l-kbar ta' Triq Sant'Andrija. Dan ix-xogħol sar minn Andrew Aquilina u Antoine Borg.



*Wieħed mill-Evanġelisti wara x-xogħol ta' restawr*

Matul l-aħħar ġimgħat saret manutenzjoni fuq l-istatwi tal-erba' Evanġelisti li jintramaw maz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Dawn kienu nħadmu mill-artist Renzo Gauci fl-2001 u issa kellhom bżonn ta' ftit manutenzjoni. L-induratura saritilhom mill-ġdid waqt li l-istatwi ingħataw id-dehra li jixirqilhom. Dan ix-xogħol kollu sar minn Clifford Micallef.

Żgur illi s-sena 2015 tibqa' mfakkra għall-inawgurazzjoni tal-pedestall u l-istatwa l-ġdida tal-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu. Kienet xewqa li bdiet fis-Sajf tal-2011, u

għall-grazzja t'Alla wasalna fejn xtaqna fi ftit taż-żmien wara. L-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett kienet ta' sodisfazzjon kbir għal dawk kollha li emmnu f'dan il-proġett, hafmu u stinkaw biex għal darb'oħra tajna rigal mill-isbaħ lis-Soċjetà tagħna u lil Ħal Luqa kollha. Ngħid prosit lill-istatwarji Alfred u Aaron Camilleri Cauchi tax-xogħol li wettqu, u nittamaw illi l-istatwa tkun kompluta minn kollox fl-iqsar żmien.

Intant, kompliet ukoll il-ħidma fuq il-pedestall tal-Martirju. Joe Aquilina ħa ħsieb ilesti xi dekorazzjoni li kien għad fadal fuq l-istess pedestall, waqt li Henry Camilleri kompla jaħdem fuq l-iskultura kollha. Sar xogħol ta' forom mill-istess Joe Aquilina, Henry Camilleri u Twanny Ellul. Inżebgħu l-biċċiet kollha tal-pedestall minn Andrew u Joe Aquilina, mgħejjuna minn John Cauchi u Eman Cachia. Clifford Micallef ħa ħsieb ukoll ix-xogħol ta' induratura bid-deheb fuq l-iskultura u partijiet oħra tal-pedestall. Ix-xogħol miexi b'rittmu tajjeb ħafna u hu mistenni li għall-festa jkollna parti sewwa minn din l-iskultura lesta minn kollox. Tajjeb insemmu wkoll li f'dawn l-aħħar ġimgħat inbeda x-xogħol fuq l-irħamar tal-istess pedestall minn Leli Micallef. Nittamaw li dan ikun lest fil-ħin biex ikun jista' jintrama' għal jiem tal-festa titulari.



L-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi

Dan kollu kien jirrigwardja ħafna xogħol u sagrifiċċji personali. Għaldaqstant, ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li ħadmu bil-qalb matul is-sena kollha sabiex il-proġett tal-martirju jkun verament suċċess ieħor fil-kullana ta' armar li tant tiftaħat bih is-Soċjetà L-Unjoni. Nirringrazzja wkoll lil dawk li jgħinu fil-ġbir ta' matul is-sena, speċjalment lil Andrew Aquilina, Maria Psaila, Andrew Micallef u Raymond Penza. Fuq kollox, grazzi lill-membri u l-benefatturi kollha li kienu ta' kuraġġ u sostenn kbir għalina biex stajna naslu s'hawn fi ftit snin.



Clifford Micallef waqt l-induratura tal-pedestall

Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lil dawk kollha li ta' kull sena jagħtu daqqa t'id fl-armar u ż-żarmar kollu li ġġib magħha l-festa. Grazzi lil kulħadd, speċjalment lil Lawrence, Shawn Cassar u Tonio



Dettall tal-pedestall

Spiteri talli dejjem insibuhom ta' għajnuna kull meta jkollna bżonn. Grazzi wkoll lill-sħabi membri tal-Kummissjoni Armar kif ukoll tal-Kumitat Ċentrali, tal-fiduċja li dejjem sibna minn naħa tagħhom. Fl-aħħar nett, inħeġġu lilkom partitarji u ammiraturi tas-Soċjetà sabiex tagħtu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħkom biex inkunu nistgħu nlaħħqu mal-ispejjeż li jkollna matul is-sena.

Grazzi lil kulħadd u nawguralkom ilkoll il-festa t-tajba.

Viva Sant'Andrija Appostlu

Viva l-Filarmonika *L'Unione*



Henry Camilleri waqt ix-xogħol tal-iskultura



Joe Aquilina fuq l-aħħar xogħol tal-pedestall



Parti mill-iskultura lesta għall-induratura

# PHOENICIA

**BAR & TAKE AWAY**

**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.



# VIRTUOSI BAND



**79703273 • 79803056**



# Il-Ħidma tibqa' sa ma Naslu

## *Rapport ta' ħidma mis-Sezzjoni Nar*

**Joe Aquilina**

*Licencee tal-post tan-nar*

Permezz ta' dan l-artiklu ta' kull sena fuq dan il-ktieb wisq interessanti nkun nista' nwasslilkom dawn l-erba' kelmiet dwar il-ħidma tagħna bħala piroteknići tal-kamra Sant'Andrija u l-andament dwar il-proċess għal estensjoni u l-permessi meħtieġa tal-kamra tan-nar tagħna.

Rigward il-festa tas-sena l-oħra bla dubju ta' xejn kellna programm ta' xogħol mill-aqwa għalkemm konxji mill-ispejjeż li rridu niffaċċjaw, ippreżentajna wirjiet tajbin kemm f'dak tan-nar tal-art kif ukoll f'dak tal-ajru. Żammejna limitazzjonijiet meħtieġa u dan ġie mfaħħar mid-dilettanti Maltin.

Il-ħajja kif jgħidu, fiha t-tlajja' u l-inżul. Qed ngħid hekk minħabba s-sitwazzjoni illi erġajna sibna ruħna fiha minn wara l-festa 2015. Kif eżatt għaddiet il-festa, aħna ġejna mitlubin mill-awtoritajiet sabiex la naħdmu nar u wisq iżjed sabiex inbattlu l-kamra minn kull materjal splussiv illi kien għad fadal. Min-naħa tagħna kellna nobdu għal dawn l-ordnjiet u min hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk l-erbgħa kmamar tan-nar minn madwar Malta illi għoġobhom iżommulna dan il-materjal għandhom sal-ġurnata tal-lum.

Din is-sena, kif tistgħu tifhmu, matul il-ġimgħa tal-festa mhux ser ikollna nar għajr il-Ħadd fil-jum tal-festa billi nagħlqu l-ġimgħa tal-festa b'kaxxa nfernali tal-kulur li għall-grazzja t'Alla sibna min iżommilna mill-festa tas-sena l-oħra.

Huwa fid-dmir tagħna illi naġġornawkom b'dak li għandu x'jaqsam mal-permess tal-kamra tan-nar. Matul din is-sena, il-ħidma ma waqfitx. Kif forsi jaf kulħadd, illum il-ġurnata mhux daqshekk faċli li ġġib permess ta' kamra tan-nar. Aħna ħdimna qatigħ u li kieku x-xogħol li sar kellu jkun bi ħlas żgur li ma konniex inlaħħqu mal-ispejjeż. Min hawn nirringrazzja lill-Perit Stephen Buhagiar illi qed jagħmel biċċa xogħol kbira għall-każin tagħna. Fid-9 ta' Marzu kellna s-smigħ tal-bord ġewwa l-MEPA u għall-grazzja t'Alla kollox mar sew u dan grazzi għall-ħidma għaqlija li għamilna flimkien u rajna illi li nagħmlu jkun skont il-liġi. Nisperaw illi sakemm qed nikteb dan l-artiklu jilħaq joħroġ il-permess sabiex nibdew il-proċess tal-bini.

Nixtieq nirringrazzja l-aħħar u mhux l-inqas lill-Għaqda tal-Armar illi tawna l-ħin tal-ikliet tagħhom għas-sena sħiħa. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li minn wara l-kwinti taw l-għajnuna tagħhom fil-proċess tal-kamra tan-nar. Fuq kollox grazzi tmu għall-President tas-Soċjetà s-Sur Joseph Piscopo li mingħajr ħafna daqq ta' trombi u

# Evergreen

## FRUIT & VEG

Miftuħ kuljum

mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mis-7.00am -12.00pm u mill-4.00pm - 7.00pm

Is-Sibt
mis-7.00am - 12.00pm

*Ħaxix u frott frisk kuljum*

**Mob: 7957 7524 / 9940 3617**






interessi personali ħadem bis-sħiħ għal dan il-għan u saħansitra ta ħafna mill-ħin tiegħu fi ġranet tax-xogħol. Grazzi lill-Kumitat kollu kif ukoll lill-Avukat Geoffrey Vella li dejjem tana pariri siewja.

Bħas-soltu nerġa' nappella sabiex fil-jiem tal-festa meta jiġu n-nies minn tagħna jitolbuhom dik ix-xi ħaġa tal-flus tkunu ġenerużi. Sa issa diġà ħriġna eluf ta' Ewros u għadu ma jidher xejn però nassigurakom li l-flus qed jintefqu b'responsabbiltà kbira u 'l quddiem jinħarġu r-rendikonti kollha. Jalla jkollna festa sabiħa kif dejjem kellna mingħajr piki żejda ħalli nifirħu u ngawdu dawn il-jiem ad unur il-Patrun tagħna Sant'Andrija.



SILJOE garage

Gate Street Luqa
Tel: 2166 3576, 2166 6098
Mob: 9949 5993
Email: info@siljoegarage.com



**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**





# KARMNU TAL-ĦAXIX

*Fruit & Vegetable*
*Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet
moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm



# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa

Għeżież Ħalluqin,

Il-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija reġgħet waslet u xieraq u sewwa li nagħtuh il-qima li tant tixraqlu fl-organizzazzjoni tal-festa li nagħmlulu kull nhar l-ewwel Ħadd ta' Lulju.

Din is-sena bħall-oħrajn kienet waħda impenjattiva ħafna għalina. Fost id-diversi attivitajiet li norganizzaw u oħrajn li nagħtu s-sehem tagħna fihom kellna l-famużi cofee mornings ta' kull xahar li norganizzaw fi-każin tagħna. Dawn saru popolari ferm u jkunu mistennija ħafna kemm mill-membri nisa tagħna u anke ħbieb. Ta' dan nirringrazzjaw minn qalbna lil dawk kollha li jattendu bi ħġarhom f'kull attività tagħna.

Organizzajna ukoll matul is-sena lotterija ta' kull ġimgħa mal-prima fost il-membri tagħna.

Din is-sena l-għaqda tagħna bħala sezzjoni nisa kien li ssir t-taraġ bl-irħama ġewwa l-każin u dan sar u sebbaħ il-każin.

Minn hawn mill-qalb ngħidu grazzi lil min jattendi l-attivitajiet li b'għajnuna tagħhom irnexxilna nwettqu li xtaqna nagħmlu.

Grazzi lill-helpers li dejjem ikunu lesti li jgħatu daqqa t'id meta jkollna bżonn.

Ngħalqu billi nawguraw minn qalbna l-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha speċjalment lill-membri tagħna u l-familji tagħhom.

Viva l-patrun Sant'Andrija.

Viva tal-Ajkla.




Nasty









# Leħen is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

**Frederick Aquilina**

Għeżież Ħalluqin,

Din hi l-ewwel darba li qed inwassal il-messaġġ tiegħi bħala l-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri fi ħdan din is-soċjetà hekk tant għażiża għalina lkoll. Jien inħossni ferm onorat li l-membri żgħażagħ sħabi urew fiduċja fiha sabiex, flimkien ma' kulħadd, jien inkun nista' mmexxi din is-Sezzjoni tas-Soċjetà. L-ewwel nett jien nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil dawn iż-żgħażagħ kollha li ħadu ħsieb is-Sezzjoni Żgħażagħ fi snin li għaddew. Nixtieq nirringrazzja ukoll lill-kumitat kollu li mill-ewwel aċċettani fi ħdanu.

Matul din is-sena, is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat diversi attivitajiet fosthom l-"PlayStation Tournament" u l-"Billiards Tournament". Bl-għajnuna tal-membri tal-kumitat il-ġdid u l-partitarji tas-Soċjetà tagħna, dawn l-attivitajiet kienu ta' suċċess u hemm il-ħsieb li jerġgħu jiġu organizzati fi żmien qarib. Il-qligħ minn dawn l-attivitajiet se jgħin biex jinxtara materjal għall-briju ta' matul il-festa. Qabel nagħlaq nixtieq inħeġġeġ aktar żgħażagħ biex jingħaqdu magħna biex flimkien naħdmu għal ġid tas-Soċjetà tagħna. Minn hawn nixtieq ngħid grazzi lill-partitarji kollha li dejjem ikunu lesti biex jagħtu daqqa t'id f'kull ħin u f'kull mument meta niġu bżonnhom.

Lil Ħalluqin nistedinhom biex jattendu l-jiem kollha tal-festa għal unur tal-Patrun tagħna Sant'Andrija biex b'hekk ikunu jistgħu jgawdu magħna l-briju li nafu noħolqu aħna l-Ajklieri ta' kull sena.

Grazzi għal darb'oħra lil kulħadd.

Viva Sant'Andrija l-Ewwel Appostlu.

# Flower Touch



*Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.*

Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa kull nhar ta' Sibt.

Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800





# Lejn l-Għaxar Sena...

## *Messaġġ mill-Kummissjoni Radju Sant'Andrija*




Ninsabu fiż-żmien sabiħ tal-festa u din is-sena l-istazzjon tagħna daħal fid-disa' sena tiegħu u se jkun qiegħed inhiedi id-dsatax-il skeda tiegħu.

Il-Kummissjoni Radju Sant'Andrija bdiet il-preparamenti ta' din l-iskeda li jmiss minn kmieni, skeda li tinvolvi xogħol differenti, biex inkunu nistgħu nwasslu b'mod ħaj dak kollu li jkun qiegħed jiġri fir-raħal tagħna fil-ġimgħat li r-radju tagħna se jkun qiegħed ixandar. Radju Sant'Andrija se jibda jxandar minn nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju sa nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju, 2016 bi skeda li tikkonsisti b'kollegamenti diretti mill-Knisja u minn Pjazza Sant'Andrija. Apparti hekk il-Kummisjoni Radju ħasbet biex isiru sezzjonijiet ta' rekordings ta' programmi differenti li jvarjaw minn programmi dwar mużika, storja kemm tal-Banda Unjoni, kif ukoll ta' pajjiżna, programmi ta' Novelli għat-tfal u kif ukoll qari minn kotba tal-festa antiki. Biss ma jonqsux ukoll diversi programmi LIVE ta' mużika ta' kull ġeneru u stil biex nilħqu l-gosti ta' kulħadd minn preżentaturi ta' dan l-istazzjon. Matul din l-iskeda wkoll se jingħaqdu magħna preżentaturi ġodda u oħrajn li taw sehemhom f'dan l-istazzjon fil-passat. Nixtiequ nsemmu wkoll li għal dawk kollha dilettanti tal-marċi jagħmlu appuntament għal programm ta' Marċi Brijużi kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd bejn 12:00 - 14:00hrs.

Kif it-titlu ta' dan l-artiklu jġib l-isem, is-sena d-dieħla l-istazzjon tagħna se jagħlaq 10 snin (2007-2017). Qisu lbieraħ meta r-Radju Sant'Andrija beda jxandar għall-ewwel darba. Ħsibijiet u pjanijiet diġà hemm kif ħa nfakkru dan l-anniversarju importanti, biss iktar dettalji se jingħtaw fl-iskeda li jmiss tax-xahar ta' Novembru.

Ma nistgħux nagħlqu dan l-artiklu mingħajr ma nirringrazzjaw lil dawk kollha li jagħtu





# FUNERALS UNDERTAKER

FRANCIS BORG
DAY AND NIGHT SERVICE

**TAXI SERVICE AVAILABLE**
**TEL: 2189 5159**
**MOBILE: 9949 0161**

'FRANCIS', GUDJA RD., LUQA

sehemhom. Hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lit-tim kollu, Djs, preżentaturi, tekniċi u membri oħrajn tax-xogħol siewi li jagħmlu b'mod volontarju, b'impenn u sagrifiċċju. Nixtiequ nirringrazzjaw wkoll lil dawk kollha li jirreklemaw ma' *Radju Sant'Andrija 88.4 FM* għax permezz tagħhom nkunu nistgħu nwasslu dawn ix-xandiriet f'Ġunju u f'Novembru. Għaldaqstant inħeġġukom biex tagħmlu użu mis-servizzi tagħhom.

Apparti minn hekk nirringrazzjaw lilkom semmiegħa ta' dan l-istazzjon tal-inkoraġġiment li tgħatu lil dan l-istazzjon ta' kull sena. Infakkrukom li tistgħu tingħaqdu magħna fuq il-frekwenza ta' 88.4 FM Stereo jew *streamed live* fuq *www.unionbandmalta.org*. Minn dan l-artiklu nieħdu l-okkażjoni biex min hu interessat fil-qasam tax-xandir jingħaqad ma' Radju Sant'Andrija 88.4FM, u tkunu tistgħu tagħtu sehemkom.

Nagħlqu dan l-artiklu billi nawguraw il-festa t-tajba lill-Kumitat Ċentrali, u lill-kummisjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* fejn nirringrazzjawhom tal-koperazzjoni kontinwa tagħhom. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas minn qalbna nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Sant'Andrija.



PROBLEMS WITH LEAKING ROOFS?
20 Years experience ★★★★★
PROBLEMS WITH MOULD?
We Specialize In:
• Waterproofing Membrane (Different Colours)
• Maintenance & Repair on Old Waterproofing Membrane
• Special Liquid Membrane (Rubberised Paint) Different Colours
• Cool Roofing System • Damp Proofing (Appogg)
• Self-Adhesive Membranes • Anti-Rooting Membrane
• Aluminium Foil Membrane
• Thermal Roof Insulation With Waterproofing System
• Waterproofing Accessories for Drain Outlets
• Aluminium Paint • Floor Soundproofing
• Concrete Screeds & Expansion Joints
• Resin, Epoxy & Polyurethane Paints for Flooring
• Anti-Mould Products
• Treatments Against Raising Humidity & Saltpetre
• Cement Based Liquid Membrane
• Free Inspections of Existing Membranes
• Emergency Repairs to Prevent Roof Damage
Products Are Used For Roofs, Retaining Walls, Balconies, Terraces, Basements, Planters, Pillars, Swimming Pools
• We Offer High Quality Materials and Services at all Times
• We Add Value to Customers With Competitive Prices
POLYGLASS
KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM
74, TRIQ PAWLU MAGRI, LUQA LQA 1472 Tel/ Fax: 27 018 720
www.kendawaterproofing.com
kwaterproofing@melita.com
www.facebook.com/kendawaterproofing
FOR A FREE QUOTATION CALL 79 729 967
KENDA LTD
Your Satisfaction is Guaranteed
COMMERCIAL
RESIDENTIAL
IMPORTERS OF: POLYGLASS
10 Years Guarantee
Easy Payment



# Il-Websajt u l-paġna fuq *Facebook*

**Kevin Camilleri**

Kull sena, meta jkun qed joqrob Lulju, il-preparamenti għall-festa jkunu fil-qofol tagħhom. Bħal kull sena, nagħmlu dak kollu possibbli sabiex inżommu lis-segwaċi tagħna aġġornati dwar dak kollu li jkun għaddej fis-Soċjetà tagħna. Bl-introduzzjoni tal-mezzi soċjali, is-siti elettroniċi bdew inaqqsu ftit mill-popolarità tagħhom. Iżda huwa iktar faċli biex torganizza informazzjoni fuq sit elettroniku għalhekk qed jerġgħu jkunu mfittxija.

Għall-futur, irridu naħdmu aktar sabiex nissuplixxu lill-qarrejja u s-segwaċi tagħna b'aktar informazzjoni interessanti u informattiva sabiex wara kollox inkabbru l-għarfien tas-Soċjetà tagħna madwar id-dinja.

Intemm dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil kull min jikkontribwixxi f'dan il-qasam. Nistedinkom tingħaqdu magħna u nieħu din l-opportunità sabiex nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

w www.unionbandmalta.org

f Soċjetà Filarmonika L-Unjoni AD1880




JA James Agius Woodworks Ltd

28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
**Tel:** +356 2124 4445, +356 2740 6777
**Fax:** +356 2740 6777 | **Mob:** +356 7936 9176
**Email:** info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com

**Made to Measure:**
**Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units**
**Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc**






# Il-Każin tagħna dejjem isbaħ...

**Rev. Dun Charles Cini**
*Viċi Parroku*



Ma għandi l-ebda dubju li kull membru fil-każin dejjem għandu f'qalbu li jara l-Każin tiegħu dejjem isbaħ u aħjar. Dan jidher mill-ħafna ħidma li ssir ġewwa l-bini tal-Każin, kif ukoll barra. Il-bini tas-soċjetà musikali huwa vetrina ta' dak li aħna, u bir-raġun kullħadd jieħu pjaċir bil-post fejn wieħed jiltaqa'. Iżda dan imbagħad jilħaq il-qofol tiegħu fil-ġranet tal-festa fejn kollox ikun imżejjen mod mill-isbaħ biex inħossuna f'ambjent veru sabiħ. Għal dan nixtieq ngħid prosit tassew, għax hekk jixraq, lil kull min jaħdem bla waqfien b'mod volontarju.

Din is-sena barra li qegħdin niċċelebraw il-festa ta' Sant'Andrija, qegħdin fis-sena fejn il-Knisja qiegħda tfakkarna li nifhmu kemm hija importanti l-Ħniena fil-ħajja tagħna. Il-Papa Franġisku qiegħed ipoġġi f'widnejna l-kliem ta' Ġesù: "Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju" u minn hawn naraw l-importanza li aħna narfu kemm il-ħniena ta' Alla u kif ukoll tagħna l-bnedmin. F'dan is-sens, din is-sena, il-Knisja qiegħda ġġagħalna nirriflettu dwar is-sabiħ tal-Ħniena għaliex Alla lill-midinbin ġie jsejjaħ u mhux lil dawk li forsi jaħsbu li qatt ma għamlu dnub.

Din is-sena qegħdin naraw li l-Ħniena, mhix biss meta aħna nħennu għal xi ħadd iżda, li aħna nħobbu lil kulħadd mingħajr riserva ta' xejn. Kif jitkellem ċar il-Papa preżenti, il-Ħniena tgħaddi 'l-ġustizzja. Naħseb li din is-sena l-Każin ikun isbaħ jekk inħarsu u naħsbu aktar mill-viċin fuq il-kelma "Ħniena". Żgur mhux forsi li jekk aħna nagħmlu dak li qiegħed jissuġġerixxi l-kliem tal-Papa, ser ikollna Każin ferm isbaħ u ovvjament festa isbaħ.

Sant'Andrija uriena f'ħajtu kemm kien iħenn għall-oħrajn, infakkarkom meta qal: "Hawn tfajjel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar" għax kien qiegħed jitħassar lil dawk in-nies li kienu bil-ġuħ. Sant'Andrija qiegħed jurina dan, mela ma nħallu xejn xi jtellifna mill-aħna ukoll nuru l-imħabba tagħna b'dan il-mod. Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

# Stephen Mini Market

St George's Street, Luqa

**Mob: 9946 5227**




*For all kind of groceries,*
*fresh fruit, vegetables and detergents*







Hardware

**M.CAUCHI**
**HARDWARE**
**STORE**

**201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997**

PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT



# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda

Meta jkun qed joqrob iż-żmien li matulu dik il-belt jew raħal jkun ser jiċċelebraw il-festa dedikata lil qaddis partikolari, dik il-komunità tibda bil-preparamenti tagħha biex tiċċelebra b'mod xieraq il-festa li fiha żewġ aspetti importanti u konnessi. Dan jikkonsistu f'dawk reliġjużi marbutin b'mod intrinsiku ma' dawk tradizzjonali u popolari. Kulħadd jkollu stennija biex jara ser jkun organizzat minn dik is-soċjetà Mużikali li ħafna drabi jkunu huma li jixprunaw u jorganizzaw il-festi partikolarment dawk esterni anke jekk hemm uħud li huma involuti, u hekk għandu jkun, f'dawk interni ukoll għaliex il-festa mingħajr xi wieħed minn dawn l-aspetti tagħha tkun qed titlef parti minn dak li verament tagħmel festa Maltija. L-aspettativa ta' dik il-komunità huwa wieħed mistenni, imma bħala Soċjetajiet Mużikali għandna responsabilità kbira biex dawk l-aspettativi ma jkunux għoljin iżżejjed li minflok ġid jagħmlu ħsara mhux biss għas-soċjetà mużikali imma anke lill-komunità bħala tali.

Din l-istennija tal-komunità turi li s-soċjetajiet Mużikali huma punt ta' referenza u għalhekk huwa fl-obbligu tagħna li dawn il-festi niċċelebrawhom kif jixraq, bil-mezzi tagħna, mingħajr eċċessi u bi spirtu verament nisrani. Għandna d-dmir li naraw li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jżommu t-tradizzjonijiet tagħhom u elementi li ma humiex direttament relatati ma għandhomx jkollhom post fil-festi tagħna għaliex il-ġid li s-soċjetajiet Mużikali jagħmlu b'mod volontarju jista' jisfaxxa fix-xejn. Tajjeb li bħala għaqdiet Mużikali niftakru u nfakkru fl-ammont ta' volontarjat bħal pereżempju t-tagħlim tal-mużika li ssir kollu kemm hu b'xejn iżda li xorta waħda huwa ta' livell għoli u dan jixhduħ r-riżultati li jġibu l-istudenti ma' istituzzjonijiet barranin Dan kollu jsir ġewwa l-bini tal-għaqdiet Mużikali Maltin u Għawdxin li iżda mhux dejjem huwa apprezzat u rikonoxxut kif jistħoqqlu.

Is-soċjetà partikolarment fuq bażi lokali imma anke fuq bażi nazzjonali tagħraf kemm is-soċjetajiet Mużikali jagħmlu xogħol għall-festi Maltin u Għawdxin. Dan huwa stat ta' fatt għaliex kieku ma jkunx hemm din l-aspettativa kollha mill-poplu kollu. Imma bħala soċjetajiet Mużikali għandna d-dover u l-obbligu li nindukraw dawn il-festi b'mod li nibqgħu norganizzawhom b'mod dixxiplinat, b'serjetà u mingħajr ma nħallu elementi estranji għall-ħidma tal-baned tagħna, jieħdu dak li l-każini tradizzjonali ħadmu għalih, f'dawn l-aħħar mija u tmenin sena u għadhom jaħdmu għalih qattiegħ, b'mod volontarju u b'sens ta' lealtà lejn il-komunità fejn huwa stabbiliet.

**eretric ltd**

Importers & Distributors Of Auto-Marine Electrical Parts & Accessories

**intAct** Battery-Power

WARRANTY 2 YEARS WARRANTY

## GERMAN QUALITY BATTERIES




The intAct Start-Power batteries are impressive with their perfect price-performance ratio as well as a complete product line.

IntAct Start-Power batteries are used in all passenger cars, trucks and agricultural machinery. Boats and Yauchts.

**TRIQ IL-MITHNA TA CARAFFA**
**Luqa LQA 1521**
**Tel: 21 665642 / 21 821769**
**Email: sales@eretric.com Website: www.eretric.com**



**CB COMPUTER BARGAINS**

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999 Mob: 9945 3187

Email: info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com

Għalhekk f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda filwaqt nawgura l-festa t-tajba, inħeġġeġ li nkomplu naħdmu u niċċelebraw il-festa tagħna b'unità, bl-element reliġjuż fiċ-ċentru tagħha u nagħrfu li l-festa għandha tkun okkażjoni li matulha nkomplu nuru li s-soċjetajiet Mużikali jagħrfu r-responsabiltà li għandhom billi jiċċelebraw il-festa b'maturità, b'moderazzjoni u mingħajr eċċessi u li nkompli nsaħħu l-element kulturali u tradizzjonali li huma parti essenzjali mill-festi Maltin u Għawdxin.

**Il-President u l-Kumitat**
**tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni**
jifirħu lil

## *Kan. Dun Karm Camilleri*

*Ex Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa*
fil-ħatra tiegħu bħala
Kanonku Penitenzier
tal-Bażilika ta' Marija Bambina
tal-Belt Senglea

*Ad Multos Annos*



Il-president u l-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L'Unjoni
jifirħu lil

## *Kan. David Farrugia*

*Ex Viċi Parroku tal-parroċċa ta' Ħal Luqa*
fil-ħatra tiegħu bħala Kanonku Onorarju
tal-Kolleġġjata Pawlina tal-Belt Valletta.

*Ad Multos Annos.*



# CAR SHOW

*il-Ħadd 29 ta' Novembru 2015 b'risq il-MCCF*







Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
jifirħu lil

## *Wisq Rev. Dun Gordon Refalo*

*Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa*
F'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena
mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.

Nirringrazzjawh ta' kollox u nawgurawlu
aktar snin ta' ħidma fejjieda fostna.

*A d  M u l t o s  A n n o s*

# EMMANUEL GATT

**PETROL SERVICE STATION**



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351





# Kunċert Sinfoniku Annwali 2015

## *Suċċess mużikali ieħor għall-Filarmonika L'Unione*

**Neil Zammit**

Is-Sibt 21 ta' Novembru 2015 jibqa' mfakkar bħala ġurnata oħra ta' suċċess għall-Banda L-Unjoni, fejn dakinhar ġie ppreżentat it-tlieta u tlettin edizzjoni tal-Kunċert Sinfoniku Annwali ġewwa t-Teatru *Metanoia*, quddiem udjenza numeruża.

Il-Banda L-Unjoni, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha John David Zammit *F.V.C.M.* esegwit tlettax-il xogħol mużikali ta' kompożituri magħrufa fosthom Richard Wagner, Ludvig van Beethoven, Karl Jenkins, Carl Orff, Hans Zimmer, Miklos Rosza, Frank Sinatra u oħrajn. Il-programm innifsu, li din is-sena kien ippreżentat mis-Sur Joe Chetcuti, kien maqsum f'żewġ taqsimiet, bl-ewwel parti tieħu x-xeħta klassika waqt li fit-tieni nofs, il-ġeneru tal-mużika nbidel għal wieħed aktar kontemporanju. Dawn kienu x-xogħlijiet mużikali li ġew esegwiti:

### L-Ewwel Taqsima

| | |
|---|---|
| **Lawrence of Arabia** | Maurice Jarre (Arr. Alf. Reed) |
| **The Ride of the Valkyries** | Richard Wagner |
| **6th Symphony (III & V Movement)** | Ludwig van Beethoven |
| **Adiemus** | Karl Jenkins (Arr. Neil Zammit) |
| | *Bis-sehem tas-Sopran Rosabelle Bianchi u l-Coro Bel Canto* |



# C&H BARTOLI

9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000

## For all your professional kitchen requirements...

Home of premium quality catering & hotel equipment brands.

EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR

steelite INTERNATIONAL

CORECO

LA CIMBALI

ZANUSSI PROFESSIONAL

Electrolux
Professional Laundry Systems

Scotsman

**Carmina Burana - O Fortuna** — Carl Orff
*Bis-sehem tal-Coro Bel Canto*
**Inno Sant'Andrea** — Orlando Crescimanno
*Bis-sehem tat-Tenur Charles Vincenti u l-Coro Bel Canto*

## It-Tieni Taqsima

**The Gladiators** — Hans Zimmer / Miklos Rozsa
**Frank Sinatra in Concert** — (Arr. Norbert Studnitzky)
**Cinema Paradiso** — Ennio Morricone (Arr. Norbert Camilleri)
*Bis-sehem tas-Sopran Rosabelle Bianchi*
**All by Myself** — Eric Carmon / Rachmaninoff
**Euphoria** — Peter Boström / Thomas G:son
*Bis-sehem ta' Sarah Camilleri u l-Kor CentreStage Kids*
**It's Raining Men** — Paul Jabara / Paul Schaffer
*Bis-sehem ta' Tiziana Calleja u l-Kor CentreStage Kids*
**Happy** — Pharrell Williams
*Bis-sehem ta' Tiziana Calleja, Sarah Camilleri u l-Kor CentreStage Kids*
**Innu lill-Banda L-Unjoni** — Joseph Abela Scolaro

Flimkien mal-banda din is-sena rajna wkoll is-sehem ta' għadd ta' kantanti stabbiliti, fosthom is-sopran Rosabelle Bianchi, it-Tenur Charles Vincenti, Tiziana Calleja u Sarah Camilleri, kif ukoll żewġ korijiet; il-*Coro Bel Canto* u l-kor *Centre Stage Kids by Tiziana*. Il-kantanta Eleanor Cassar ma setgħetx tingħaqad magħna dakinhar bħas-soltu, peress li kienet indisposta. Dawn kollha, flimkien mal-banda u l-effetti viżivi u dwal attraenti, ħolqu tassew atmosfera mill-isbaħ waqt dan il-Kunċert Sinfoniku, li kulma jmur dejjem qed jikber fil-professjonalità u l-preżentazzjoni tiegħu.

Bla dubju, żewġ mumenti li spikkaw f'dan il-kunċert memorabbli kienu l-eżekuzzjoni tal-*Inno Sant'Andrea* miktub fl-1912 mill-ex Surmast tal-banda Orlando Crescimanno, kif ukoll il-sejba tal-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Mro Ferdinando Camilleri, li għal snin twal kienet meqjusa bħala mitlufa għalkollox. Din il-preżentazzjoni saret mit-tifla tas-Surmast Giuseppe Camilleri, li lkoll jiffurmaw id-dinastija Camilleri. Minn hawnhekk nerġgħu ngħidulha grazzi ta' din l-għotja, u niżgurawha li din se ssib postha fl-arkivji tas-Soċjetà kif ukoll ma ddumx ma tindaqq fil-jiem tal-festa ġewwa t-Tempju Andrean.

Fl-aħħar nett, il-President u l-Kumitat tal-Filarmonika *L'Unione* jirringrazzjaw lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex seta' jittella' dan il-Kunċert ta' livell għoli. Prosit lis-Surmast Direttur, l-Assistent Surmast, il-bandisti tal-post u 'l dawk mistiedna, kif ukoll lis-solisti u l-koristi, li lkoll ħadmu id f'id biex kellna eżekuzzjoni mill-aqwa.

Bla dubju li dan is-suċċess miksub huwa xiehda tal-impenn ta' dawk kollha involuti b'mod volontarju biex isem il-Filarmonika *L'Unione* jibqa' dejjem fuq quddiem nett bla mittiefes.

# Kunċert Sinfoniku Annwali 2015
















Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880
Kunċert Sinfoniku
Is-Sibt 21 ta' Novembru, 2015 fis-7:30pm
Teatru Metanoia, Ħal Luqa
Jieħdu sehem
Il-Filarmonika L-Unjoni
Direttur: John David Zammit F.V.C.M.
Coro Bel Canto
Tenur Charles Vincenti
Sopran Rosabelle Bianchi
Eleanor Cassar
Tiziana Calleja
Sarah Camilleri
CentreStage Kids
by Tiziana
www.unionbandmalta.org
Dħul b'xejn














# TWO 9 SIX

**LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR**

**San Injazju & San Benedittu School Uniforms also available**

**NEW STREET, LUQA**

***Opening Hours*** **8.45am - 1.00pm & 4.15pm - 7.15pm**

*Jawguraw lill-klijenti kollha tagħhom il-Festa t-Tajba*

**Tel: 2182 0672    Mob: 7904 5951**

Find us on: facebook




***Inawgurazzjoni ta’ żewġ lapidi ġodda ġewwa s-sede tas-Soċjetà L-Unjoni***










**Frankie Green Grocer**

**Triq il-Karmnu**
**Luqa**

**Tel: 2180 6809**
**Mob: 9987 8638**



# Carly's

STATIONERY,
GIFTS AND TOYS

Printing from Pen-drive/USB, Photocpying, Colour,
Binding & Film Developing Service available.

Selection of Communion, Book Covering, Confirmation and
Christening souvenirs also available.

Triq Censu De Candia, Luqa Tel.: 2180 3774 Mob: 9986 4307
**NEAR LELA PET SHOP**



# Manutenzjoni u Xogħol fil-Każin

**Clifford Micallef**

Il-Kumitat dejjem kellu għal qalbu s-sede tagħna "Palazz Sant'Andrija". Mhux ta' b'xejn li f'dawn l-aħħar snin, ħaseb biex isebbaħ din l-istess dar tagħna l-Ajklieri. Għal din is-sena komplejna naħdmu fuq li bdejna s-sena l-oħra, kemm fis-sala tal-kunċerti, kif ukoll fis-sular t'isfel.

## Lapidi ġodda u t-taraġ

Nibda billi nagħti titwila lejn l-inawgurazzjoni tal-lapidi fil-konra-inrata tal-każin. Kienet okkażjoni tassew sabiħa, fejn għall-inawgurazzjoni li saret nhar it-30 ta' Ġunju 2015, stedinna lis-Surmast Onorarju Profs. Charles E. Zammit biex jinawgura dik tal-Presidenti. Il-membri preżenti għall-inawgurazzjoni laqgħu l-kxif tal-lapidi b'applaws kbir fl-isfond tal-innu tas-Soċjetà. Nirringrazzjaw lis-Sur Abraham Bellia, li ġie kkummissjonat bix-xogħol tal-irħam, xogħol tassew mirqum li ntlaqa' tajjeb ħafna mis-soċi u l-partitarji.



Biex tkompli tissebbaħ id-dehra tal-kontra-intrata, sar xogħol ta' 'coving' tal-ġibs mas-saqaf. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Andrew Aquilina bl-għajnuna tal-iskultur Twanny Ellul. Dan twaħħal u tbajjad fix-xahar t'Ottubru.

L-akbar proġett għal din is-sena bla dubju kien l-irħam tat-taraġ tal-ewwel sular. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jinbidel l-irħam għaliex dan kien fi stat ħażin ħafna. L-ispiża ta' dan il-proġett laħqet is-somma ta' madwar ħamest'elef ewro u għal dan il-proġett inkarigaw ruħhom minnu s-Sezzjoni Nisa, li bl-attivitajiet li għamlu matul dawn


NO
ENTRY








l-aħħar sentejn, irnexxielhom jiġbru s-somma meħtieġa biex jitħallas l-irħam kollu li nxtara mill-kumpanija LLF Marbles ta' Ħal Farruġ.



Għall-ħabta tal-bidu t'Ottubru beda jinqala' l-poġġaman u eventwalment l-irħam l-antik li kienet biċċa xogħol xejn faċli imma bil-ħidma sfiqa ta' diversi partitarji taħt id-direzzjoni tal-Kuratur is-Sur Andrew Aquilina, ix-xogħol mexa b'pass mgħaġġel biex b'hekk għall-ħabta tal-aħħar t'Ottubru seta' jsir it-tqegħid tiegħu mis-Sur John Camilleri, liema xogħol tħallas mid-donazzjonijiet li għamlu diversi partitarji. Ringrazzjament imur ukoll lejn is-Sur Tonio Spiteri, li ġentilment għoġbu jġorr ir-ramel mingħajr ħlas u lill-kumpanija Zahra (Ta' Sinna) li pprovdewlna r-ramel b'xejn. Sar ukoll xi dawl ġdid biex tiddawwal din il-parti tal-każin. B'hekk nistgħu ngħidu li dan il-proġett tal-kontra-intrata ġie komplut.

Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qalbi lis-Sezzjoni Nisa li kienu strumentali biex dan il-proġett seta' jsir.

### Sistema ġdida tal-internet/telefon

Wara li nqalgħu xi ħsarat fis-sistema tat-telefon u l-internet, il-kumitat ħa d-deċiżjoni li jagħmel sistema mill-ġdid minħabba li ma kienx possibbli li tissewwa l-ħsara li kien hemm. Għalhekk ġew avviċinati s-Sur Andre Magri u s-Sur Andrew Zammit, li inkarigaw ruħhom mix-xogħol li jikkonsisti fi tqegħid ta' 'trunking' u 'wiring' li beda mill-istudios tar-radju, fil-kamra tal-alljievi u fl-uffiċċju amministrattiv kif ukoll fil-bar biex b'hekk issa nistgħu ngħidu li għandna distribuzzjoni tajba kemm għall-użu tal-kumitat kif ukoll għall-użu tal-partitarji permezz tal-wifi. Dan ix-xogħol sar matul ix-xahar t'April.

### Sala tal-Kunċerti

Din is-sena tkompla wkoll ix-xogħol li kien jonqos biex tiġi iffinalizzata s-sala tal-kunċerti. Inxtara d-drapp biex jinħietu purtieri madwar it-tliet ħitan tas-sala. Dan sar biex inaqqas il-ħsejjes ta' barra u l-istess sala tiġi aktar 'sound proof'. Hawn ta' min jirringrazzja lis-Sinjura Mary Callus li ħietet dawn il-purtieri mingħajr ħlas, u b'hekk iffrankat somma flus sostanzjali lis-Soċjetà. Ser jitwaħħal ukoll il-bieb il-ġdid li se jsir mid-ditta Andrew Vassallo ukoll mingħajr ħlas. Nittamaw li dan ikun lest għal żmien il-festa.

Saru wkoll xi inkwadri ġodda biex ikomplu jżejjnu s-sala. B'hekk issa nistgħu ngħidu li s-sala ġiet kompluta minn kollux u jekk il-Bambin irid, is-sena d-dieħla nkunu nistgħu nagħmlu l-ewwel 'recording' ta' Compact Disc mill-Banda tagħna fis-sede tagħna stess.

Nirringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu biex din il-ħolma setgħet isseħħ. Ringrazzjament speċjali jmur lill-Project Leader l-Onorevoli Silvio Schembri MP, li

# Zneiber

**CONFECTIONERY & PASTIZZERIA**

*Orders accepted for*
*Weddings and all occasion parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 7927 0794

# J.B. Glass Work



For crystal & ordinary glass
- Mirrors
- Polish Edge
- Bevelled
- Stained Glass
- Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279

kien strumentali biex akkwistajna l-fondi mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fondazzjoni GalXlokk.

## Pittura għas-Sala

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li ssir pittura kbira u li tixraq għas-sala l-ġdida li tinsab fl-ewwel sular tal-każin tagħna. Għal dan il-proġett daħal għalih il-Viċi President is-Sur Lawrence Cassar, li ġentilment offra li jħallas din il-pittura kif ukoll ix-xogħol tal-ornat fuq il-gwarniċ għaliha u d-deheb. Il-pittura qed issir mill-Kav. Paolo Camilleri Cauchi u mistenni tkun lesta għall-inawgurazzjoni fil-jiem tal-festa. Ix-xogħol tal-gwarniċ inħdem mill-iskultur Twanny Ellul, waqt li x-xogħol ta' żebgħa u irfinar ħa ħsiebu s-Sur Andrew Aquilina u megħjun minn Megan Galea. Nittamaw li din ix-xewqa ssir realtà fl-iqsar żmien possibbli.



## Xogħol ieħor

M'għandniex xi ngħidu l-ħidma fil-każin ma taqta' xejn. Ġiet installata pompa tal-ilma ġdida taħt it-taraġ biex b'hekk jimtela' t-tank tal-ilma minn ġol-bir u permezz t'hekk niffrankaw ftit mill-kont tal-ilma. Sar ukoll xi tikħil fuq is-saqaf tal-kamra ta' fuq it-toilets. Dan ix-xogħol sar kollu mis-Sur Andrew Aquilina, il-Kuratur tal-Każin.

Inżebgħu wkoll il-leġiji tal-ħadid li jintużaw mill-banda f'okkażjonijiet diversi, liema xogħol sar minn Andrew Aquilina, Eman Cachia u Megan Galea, waqt li saru wkoll xi tiswijiet fuq is-siġġijiet li jintużaw mill-bandisti. F'Mejju kien imiss li tingħata tibjida fl-'area' kollha tal-bar. Nirringrazzja lill-partitarji li ħadu ħsieb din il-biċċa xogħol – Andrew Aquilina, Dione Degabriele, Jonathan Costa u Josef Sacco.

## Għeluq

Nagħlaq dan l-artiklu billi nappella bħal dejjem lill-partitarji u s-soċi biex japprezzaw u jieħdu ħsieb dan il-meravilja ta' palazz li għandna biex nifraħru bih. Kull għajnuna, kemm finanzjarja kif ukoll materjali fix-xogħol li jsir matul is-sena hija dejjem apprezzata. Grazzi lil kulħadd mill-ġdid.




We specialize in:

- Hair Extensions
- Wedding Upstyles
- Hair Cutting
- Hair Colouring
- Straightening
- Blow Dries

*Get a great new look at our hairdressing salon*

*Staff trained by the best Schools of London*

62, Sir Ugo Mifsud Street,
Luqa
Tel: 2180 3636
Mob: 9936 3680

Opening hours:
Tue to Sat 09.00-18.00

# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake &
Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved

Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000
atomicgarageluqa@gmail.com







# Is-Sala tal-Kunċerti tingħata Dehra Aktar Moderna

**Clifford Micallef**

Tlesta l-proġett ambizzjuż li daħlet għalih is-Soċjetà tagħna; dak tar-rinnovazzjoni tas-sala tal-kunċerti li tinsab fit-tielet sular tas-sede tagħna. Il-kumitat dejjem ta lill-banda prijorità assoluta u għalhekkk kien għaqli u ta' fejda li dan il-proġett jitwettaq biex b'hekk il-bandisti jkollhom sala xierqa fejn ikunu jistgħu jitħarrġu matul is-sena.

Il-proċess beda f'Marzu tas-sena l-oħra, meta saret l-applikazzjoni mal-Fondazzjoni Gal Xlokk taħt l-iskema LEADER (Measure 413 Action A3 – Open call for Voluntary Organizations) bil-proġett ikun iffinanzjat 80 fil-mija mill-Unjoni Ewropea u 20 fil-mija mis-soċjetà. Is-Soċjetà innominat lill-Onorevoli Silvio Schembri bħala Project Leader u saret sottomissjoni għall-proġett ta' ħmistax-il elf ewro. F'Ottubru ħarġu r-riżultati, wara li sar il-proċess ta' evalwazzjoni u ħadna l-aħbar sabiħa li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa u għaldaqstant nhar id-19 ta' Jannar 2015 ġie iffirmat il-kuntratt mis-sur Schembri fil-preżenza tas-segretarju s-sur James Ciappara.



Ix-xogħol kien jikkonsisti fl-installazzjoni ta' sistema ta' arja ikkundizzjonata, suffett u installazzjoni tad-dawl "led" u sistema ta' "raised flooring". Dan ix-xogħol beda fi Frar u tlesta f'Mejju. Fix-xhur ta' Ġunju u Lulju waqafna minħabba l-festa ta' Sant'Andrija imma hekk kif beda Awwissu komplejna bl-aħħar fażi tal-proġett. Inxtara d-drapp u inħietu purtieri ġodda li jiksu tliet ħitan sħaħ tas-sala. Dan sar biex is-sala tiġi aktar "soundproof" u l-ħoss tal-banda joħroġ aħjar. Hawn ta' min jirringrazzja lis-sinjura Mary Callus li ħietet il-purtieri kollha b'mod volontarju. Inxtraw ukoll ħamsin leġiju ġdid li ġentilment ġew imħallsa mill-Viċi President is-sur Lorry Cassar. Fadal xi xogħol ieħor xi jsir fosthom bieb ġdid tal-*aluminium* "double glazed"




u twaħħil ta' "skirting" li nittamaw li jkunu lesti fi żmien qasir. L-aħħar ħaġa li jkun jonqos hija li jinxtraw sittin siġġu ġdid biex jinbidlu dawk qodma li għandna fil-preżent. Minn hawn nappella biex min jixtieq jagħti xi donazzjoni biex jinxtraw is-siġġijiet jikkuntattja lil xi membru tal-kumitat biex b'hekk is-sala tkun kompluta minn kollox. Aktar tard matul is-sena ser tittella' attività bis-sehem tal-alljievi u bandisti tagħna biex tiġi inawgurata s-sala.

Dan il-proġett kien wieħed ambizzjuż ferm, u sar bil-ħsieb li nattiraw ukoll aktar tfal u żgħażagħ biex jersqu lejn il-każin u jagħmlu użu mit-tagħlim tal-mużika li aħna noffru mingħajr ħlas. Inħeġġu lill-ġenituri jibgħatu lil uliedhom jitgħallmu strument mużikali mas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni biex b'hekk din is-Soċjetà tibqa' tikber u tissaħħaħ fil-futur.

Nagħlaq billi nirringrazzja minn qalbi lil kull min b'xi mod għen biex din il-ħolma titwettaq b'mod speċjali lill-Onorevoli Silvio Schembri li kien strumentali biex is-soċjetà akkwistat dawn il-fondi.


# LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta' Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta' taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.



# Wirjiet ġewwa l-Każin

**Clifford Micallef**

Bħas-snin l-imgħoddija, is-Soċjetà tagħna, dejjem kienet minn ta' quddiem fl-attivitajiet kulturali u reliġjużi li jsiru ġewwa r-raħal tagħna. Din is-sena ma kinitx eċċezzjoni u bħas-soltu ż-żewġ wirjiet prinċipali jkunu dawk relatati mal-Milied u mal-Ġimgħa Mqaddsa.



*Ftuħ tal-Presepju mill-President ta' Malta*

## Żmien il-Milied

Ma nistax ma nibdiex billi nsemmi x-xogħol kbir li għamlu s-Sinjuri Leli Magri, André Magri u Andrew Zammit, mgħejjuna wkoll minn xi partitarji tal-Każin kif ukoll mis-Sezzjoni Żgħażagħ, fit-tiżjin tal-faċċata sinkronizzata mal-mużika, li din is-sena kellha wkoll xi żidiet magħha. Din il-biċċa xogħol tirrikjedi ħafna xogħol li jibda minn nofs Novembru biex b'hekk titlesta fil-ħin għall-inawgurazzjoni li din is-sena saret nhar l-14 ta' Diċembru.

Din is-sena kienet waħda speċjali wkoll għaliex għall-inawgurazzjoni tal-faċċata flimkien mal-presepju kellna fostna lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca, li dejjem tilqa' bi pjaċir l-istedina li jagħmlilha l-Kumitat. Folla sabiħa ta' partitarji nġemgħu quddiem il-każin biex jagħtu merħba xierqa lill-President u wara diskors tal-okkażjoni




*Il-President ta' Malta flimkien mal-Kappillan u mistednin oħra*


Gwann Mamo
Street, Luqa
Tel: 21 823 069
dragonscenter.com
facebook.com/dragonscenter
info@dragonscenter.com
DRAGON'S CENTER
MARTIAL ARTS
& COMBAT SPORTS SUPPLIES
LUQA
SUPPLIERS OF ALL KINDS OF
MARTIAL ARTS AND COMBAT SPORTS
WEAR, EQUIPMENT AND WEAPONS
CORNER WITH THE JIUSHIN KAN DOJO - MARTIAL ARTS SCHOOL
WWW.JIUSHINKANMALTA.ORG - WWW.FACEBOOK.COM/JIUSHINKAN


GAUCI BORDA FLAGS & BANNERS
For all types of flags in :-
NYLON / WOOL
or
POLYESTER bunting.
We also supply wire ropes complete
with accessories for flag poles.
GAUCI BORDA & CO. LTD.
36, Ta' Xbiex Sea Front, Msida MSD 1513
53/54, Msida Road, Yacht Marina, Gzira GZR 03 GZR 1400
Tel: (+356) 21 334 255 • Fax: (+356) 21 343 604
E-mail: info@gauciborda.com

li saru mill-President tar-Repubblika u l-President tas-Soċjetà s-Sur Joseph Piscopo, saret l-inawgurazzjoni u t-tberik mill-Wisq Reverendu Kappillan Dun Gordon Refalo fil-preżenza tal-Wisq Rispettabbli Sindku s-Sur John Schembri flimkien ma' membri oħra mill-Kunsill Lokali u diversi mistednin distinti oħra.

Sorpriża oħra ħelwa li ħadet ferm pjaċir biha l-President ta' Malta, kienet il-wirja sabiħa li taw l-alljievi tagħna, fejn ġewwa l-każin daqqew numru ta' Għanjiet tal-Milied għall-okkażjoni. Tant ħadet pjaċir b'dawn l-alljievi, li l-Eċċellenza Tagħha sabet il-ħin biex tawgura personalment lil kull wieħed u waħda mill-alljievi preżenti. Okkażjoni ferm sabiħa u ta' inkoraġġiment għal dawn it-tfal.

Fi żmien il-Milied ma jonqosx ukoll il-Presepju. Wara li s-sena l-oħra l-presepju mtella' mis-Sur Sandro Farrugia ġie kklassifikat fl-ewwel post fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Presepji, din is-sena l-Kumitat Ċentrali reġa' laqa' t-talba tiegħu biex jerġa' jibni presepju fil-kamra laterali tal-każin. M'għandniex xi ngħidu, dan ix-xogħol jirrikjedi paċenzja u reqqa kbira, iżda r-riżultat finali dejjem ikun ta' sodisfazzjon kbir, hekk kif tara dawk ix-xeni ta' għerien u mgħodijiet, nixxigħat tal-ilma, dawl inemnen, ħsejjes tal-biki tat-tarbija Ġesù Bambin u ħafna effetti speċjali oħra li joħduk lura fiż-żmien meta twieled il-Ħallieq tagħna.

Ma' dan ix-xogħol tal-presepju, Sandro jieħu ħsieb ukoll li jagħmel xenarju awdjo-viżiv mad-dawra tal-presepju li jaqleb ix-xenarju mil-lejl għall-ġurnata u hekk il-presepju jagħti stampa aktar ċara tal-ħajja kif kienu jgħixuha f'dawk iż-żminijiet. Għal darb'oħra l-presepju ħa sehem fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Presepji u din id-darba ġie kklassifikat fit-tieni post. F'isem il-Kumitat nirringrazzja lis-Sur Sandro Farrugia tad-dedikazzjoni tiegħu biex dan il-presepju seta' jsir. Nirringrazzja wkoll lis-soċi u l-partitarji li f'dawn il-festi tal-Milied jieħdu ħsieb iżejnu l-Każin, kif ukoll lis-Sur Lorry Cassar u t-tim tiegħu talli jieħdu ħsieb it-tiżjin li jsir fil-pjazza u fi Triq Sant'Andrija.



*It-Tradiment ta' Ġuda*

### Il-Ġimgħa Mqaddsa

L-anqas laħqu għaddew wisq ġranet li hekk kif iżżarma l-presepju minn ġol-kamra laterali, beda x-xogħol fuq il-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa, li bħas-snin l-imgħoddija, din ġiet kordinata mis-Sezzjoni tal-Armar fi ħdan is-Soċjetà.

Għall-wirja ta' din is-sena, kien hemm esebiti żewġ settijiet minjaturi ta' vari. L-ewwel wieħed huwa antik ferm attribwit lill-magħruf statwarju Karlu Darmanin, ġentilment misluf lilna mis-Sinjura Tessie Farrugia u l-Familja Ciappara. Dan jikkonsisti fis-sett tradizzjonali ta' tminn vari komplut bil-bankuni u l-fjuretti.

It-tieni sett li kien esebit jikkonsisti f'disgħa vari xogħol ta' John Massa, komplut bil-bandalori tas-sebgħa kelmiet u s-simboli tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan is-




# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*



*L-Urna tal-Monument*

sett huwa propjetà tas-Sur Garreth Galdes. Din is-sena wkoll l-istess esebitur għoġbu jesebixxi statwa tar-Redentur, replika tal-vara li nsibu fil-Knisja Parrokkjali. Din inħadmet mis-Sur John Massa u hija l-ewwel waħda minn sensiela ta' minjaturi.

Barra minn hekk, kellna wkoll esebiti repplika tal-Urna tal-Monument li naraw fil-Knisja Parrokkjali. Din inħadmet fl-injam mill-iskultur John Suda u hija propjetà ta' Neil Zammit. Tal-istess esebitur kien hemm ukoll vara tar-redentur, xogħol antik fil-kartapesta ta' Lecce, maħdum fuq dik li naraw ġewwa l-Bażilika tal-Isla. Opra oħra mill-isbaħ li kompliet iżżejjen din il-wirja kienet ix-xena tat-Tradiment ta' Ġuda maħduma fil-kartapesta ta' Lecce, ġentilment mislufa lilna mis-Sur Angelo Schembri.

Din il-wirja ġiet inawgurata mill-Preseident is-Sur Joseph Piscopo nhar Ħadd il-Palm u ġiet imbierka mill-W.R. Kappillan Dun Gordon Refalo. Qabel il-ftuħ tal-wirja l-Banda l-Unjoni għamlet il-programm tradizzjonali tagħha ta' marċi funebri taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast is-Sur Norbert Camilleri kif ukoll tal-għalliem tal-alljievi s-Sur Victor Borg.



*Ġesù Redentur*



*Il-Pavaljun il-ġdid*

Din is-sena żżanzan ukoll pavaljun ġdid mal-gallarija tal-Każin biex jagħti dehra xierqa għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan sar fuq inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-ħjata tal-pavaljun kienet fdata f'idejn is-Sur Henry Attard fuq disinn tas-Sur Silvio Pace filwaqt li l-isfumar u l-pittura saru mis-Sur Redrian Micallef. Dan tal-aħħar għamel pittura tal-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira l-ġmiel tiegħu. L-ispejjeż tħallsu mis-Sur Clifford Micallef. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Henry Attard li għoġbu jħitilna l-pavaljun mingħajr ħlas.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lil kull min jagħti sehemu biex dawn il-wirjiet ikunu jistgħu jittellgħu. Wirjiet bħal dawn iressqu ħafna nies lejn is-sede tagħna minn madwar Malta kollha, filwaqt li jkomplu jesponu t-talenti li għandna fi ħdan is-soċjetà għażiża tagħna u ngħollu dejjem aktar il-kultura ġewwa r-raħal tagħna.

TAKE OFF

# Bar & Restaurant

Tel: 2180 0243

Luqa, Malta



fgp The Garage Door People

Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt



# Sehem il-Banda L-Unjoni nhar Ħadd il-Palm

**Neil Zammit**

Din is-sena għal darb'oħra l-Banda L-Unjoni ħadet sehem fil-festi solenni tal-Ġimgħa Mqaddsa ċċelebrati ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Luqa. Fil-fatt, is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ippreżentat programm ta' Marċi Funebri, b'kompożizzjonijiet ġodda kif ukoll marċi mill-arkivji tas-Soċjetà. Din is-sena wkoll rajna lill-alljievi tal-banda tagħna jingħaqdu għal darb'oħra mal-banda biex idoqqu dawn il-marċi funebri li kienu qed jistudjaw f'dawn l-aħħar ġimgħat, grazzi għas-superviżjoni tas-Surmast John D. Zammit, l-Assitent Norbert Camilleri u l-għalliem Victor Borg. Il-programm kien ippreżentat mis-Sur Joe Chetcuti.

Il-marċi esegwiti matul dan il-programm kienu dawn:

| | |
|---|---|
| ***Cordis Salutatio* – Lil Ommi Michelina** | John D. Zammit |
| **In Memoria di L. Grima** | Norbert Camilleri |
| **Ai Nuovi Martiri del XXImo Secolo** | Neil Zammit |
| **Marcia Funebre Nro. 5** | Antonio Miruzzi |
| ***Requiem*** | Petrarque |
| **Marcia Funebre Nro. 8** | Antonio Miruzzi |
| **A Mio Amico** | Rossi |



















# Attività mill-Aġenzija Żgħażagħ

## *Milied 2015*

**Joseph Piscopo**

Matul dawn l-aħħar snin l-Aġenzija Żgħażagħ saret toħroġ diversi inizjattivi sabiex tħeġġeġ lit-tfal u liż-żgħażagħ jersqu lejn il-Każini tal-Baned sabiex jitgħallmu xi strument mużikali. Is-Soċjetà tagħna kienet mill-bidu minn ta' quddiem sabiex tidħol għall-dawn l-inizjattivi sabiex tgħin u tħeġġeġ iktar lil istudenti li jistudjaw il-mużika mal-għalliema tagħna. Dawn l-iskemi jgħinu lis-Soċjetajiet Mużikali Maltin sabiex jinvestu f'dak li għandu x'jaqsam ma' titijib fil-livell tat-tagħlim offrut liż-żgħar tagħna.

Fost l-inizjattivi li s-sena li għaddiet għamlet l-Aġenzija Żgħażagħ kien hemm attività marbuta mal-Milied li fiha kienu mistiedna li jipparteċipaw is-Soċjetajiet Mużikali permezz tal-istudenti u bandisti żgħażagħ tagħhom. Din ittellgħet fit-13 ta' Diċembru 2015 fil-*Youth Village,* Santa Venera. Fost dawn in-numru sabiħ ta' għaqdiet li ħadu sehem kien hemm il-parteċipazzjoni tal-istudenti tal-Banda tagħna li bl-impenn tal-għalliema, is-Surmast John David Zammit, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u Victor Borg, ġew imħarrġa sabiex jitgħallmu diversi siltiet mużikali b'tema tal-Milied. Wieħed irid japprezza li mhux faċli li tagħmel dan meta għandek studenti fi stadji differenti tal-istudju tagħhom, kif ukoll b'abbiltajiet ta' tagħlim differenti. Pero b'sodisfazzjon ngħidu li l-Banda tagħna kienet waħda mill-aktar Baned li ppreżentat studenti li bbenefikaw mill-inizjattiva tal-Aġenzija Żgħażagħ. Dawn is-siltiet indaqqu taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Norbert Camilleri, li hu wkoll membru fil-Kumitat responsabbli mit-tagħlim.

Wieħed irid wkoll jirringrazzja lill-ġenituri tal-paċenzja li jieħdu bit-tfal kif wkoll tal-inkoraġġiment li jagħtu lit-tfal. Hu biss b'dan inkoraġġiment li t-tfal jistaw jibqaw javvanzaw fl-istudju tagħom. Is-Soċjetà tagħna tittama li fis-snin li ġejjin naraw il-frott minn dan it-tagħlim billi naraw dawn it-tfal, ftit ftit, jingħaqdu mal-Banda tagħna ħalli din tkompli tissaħħaħ, speċjalment f'sezzjonijiet partikolari fejn l-età tal-bandisti preżenti hi waħda pjuttost avvanzata. Wieħed irid jifhem li ħadd daqs min tgħallem fil-Każin tagħna ma jista' jħobb lil Banda tagħna!

# O.K. Bar





Għal drink ġenwin
b'varjetà ta' *appetizers*
f'atmosfera tal-ħbieb

Inservu *breakfast* u *lunch,*
*pasta dishes, focaccias* u
ħafna ikel ieħor.

**TRIQ IL-KARMNU,**
**LUQA**

**Taħt sidien ġodda**
**u b'dehra aħjar**






# Il-Ħidma u s-Servizzi tal-Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ twaqqfet fi Frar tal-2011 bil-għan li tippromwovi l-interessi taż-żgħażagħ u tipprovdi għajnuna lill-għaqdiet taż-żgħażagħ biex jilħqu l-potenzjal tagħhom. L-għan fl-istabbiliment ta' Aġenzija Żgħażagħ huwa l-*mainstreaming* ta' kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ u sabiex jiġu żviluppati aktar is-servizzi taż-żgħażagħ. Permezz tal-Aġenzija jsir aktar investiment fiż-żgħażagħ u din tgħinhom jirrealizzaw il-potenzjal tagħhom. L-għan ġenerali ta' Aġenzija Żgħażagħ huwa li tipprovdi approċċ koerenti, koeżiv u unifikat mill-Gvern sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ.

Il-Missjoni ta' Aġenzija Żgħażagħ hija li tamministra u timplimenta l-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ għall-promozzjoni u s-salvagwardjar tal-interessi taż-żgħażagħ. Hija tippromwovi wkoll attivitajiet li fihom jinstemgħu l-opinjonijiet taż-żgħażagħ u l-promozzjoni tar-rwol tal-Aġenzija Żgħażagħ fuq livell lokali u Ewropew. Toffri wkoll servizzi ta' portal interattiv Youth Information Malta u ta' appoġġ onlajn permezz ta' Kellimni.com.



# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**

SIMPATIA CRAI

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*






Now
SIMPATIA CRAI
outlet

FREE DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082

Fuq livell Ewropew, l-aġenzija taħdem fuq bażi kontinwa fil-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażagħ (*Youth Working Party*), fil-Kunsilli tal-Ministri għaż-Żgħażagħ (*Youth Minister's Councils*), mal-Kummissjoni Ewropea, il-Presidenzi tal-UE, il-Kunsill tal-Ewropa, u aġenziji oħra Ewropej bħal pereżempju s-SALTO, l-ERYICA u l-EuroMed fuq kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ. L-Aġenzija tmexxi u tissorvelja l-proċess ta' Djalogu Strutturat tal-UE maż-żgħażagħ u l-Karta Ewropea taż-Żgħażagħ.

Taħriġ u appoġġ huma pprovduti liż-żgħażagħ permezz ta' proġetti li jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u jagħtuhom is-setgħa sabiex ikunu kemm individwi responsabbli u ċittadini attivi fil-komunitajiet tagħhom. Il-proġetti jinkludu, fost l-oħrajn: 'empowerment', l-impenn ċiviku, il-mużika, il-volontarjat, l-arti kontemporanja, l-appoġġ fi studju speċjalizzat u d-drama. Minbarra l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika taż-żgħażagħ, Aġenzija Żgħażagħ tipparteċipa wkoll fuq il-kumitati u gruppi ta' ħidma rilevanti bil-għan li jiġi promoss u appoġġjat approċċ transsettorjali għal kwistjonijiet li għandhom impatt fuq il-ħajja taż-żgħażagħ.

Għal aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-Aġenzija Żgħażagħ u dwar id-diversi proġetti li hija topera żur is-sit www.agenzijazghazagh.gov.mt jew fittixna fuq FaceBook.








**Quddiesa ta'**
**Radd il-Ħajr f'għeluq**
**il-Ħamsin Anniversarju**
**mit-tberik**
**tal-Post tan-Nar**
*Is-Sibt 13 t' Frar, 2016*








# Il-Post tan-Nar jagħlaq Ħamsin Sena

**Neil Zammit**

*Din is-sena jaħbat għeluq il-ħamsin sena mit-tberik tal-post tan-nar preżenti. Għaldaqstant, se nisiltu siltiet mid-dokumentarju li s-Soċjetà L-Unjoni nehdiet fl-2011 dwar il-Piroteknika f'Ħal Luqa. Dan biex ma tintesa' qatt il-ħidma li wettqu l-membri tas-Soċjetà tagħna b'risq il-manifattura tan-nar għall-festa ta' Sant'Andrija Appostlu.*

## Sfond storiku

Fis-snin ta' wara t-tieni gwerra, il-manifattura tan-nar f'Ħal Luqa kienet waħda attiva ħafna. Biżżejjed insemmu l-fatt illi f'dawk iż-żminijiet is-Soċjetà *L'Unione* kellha numru sabiħ ta' membri fi ħdanha li kienu jaħdmu n-nar tal-art u xi *murtali* żgħar għall-festi ta' Sant'Andrija u tal-Madonna taċ-Ċintura. Peress li l-festa taċ-Ċintura kienet tiġi ċċelebrata fis-sajf, u għalhekk it-temp kien jippermetti ġmielu, id-dilettanti kienu jħejju ħarqa nar tal-art kbira fil-pjazza. Tajjeb ngħidu wkoll li f'dawk iż-żminijiet, Ħal Luqa u s-Soċjetà *L'Unione* kienu magħrufa sew għan-nar tal-art u l-*katina* li kienet ilha ssir għal numru ta' snin.



Minn tal-bidu li kienu jesperimentaw f'dan il-qasam tal-piroteknika kien hemm l-aħwa Salvu, Pawlu, Mose u Indri Camilleri magħrufa bħala *tal-ħaddied*. In-nar kien jinħadem fl-irziezet jew f'xi remissa 'l barra mill-qalba tar-raħal bħalma kellu Salvu l-*ħaddied*. Wara ġurnata xogħol fit-tarzna, arah sejjer id-dar u jkompli l-ħidma tiegħu kemm bħala ħaddied kif ukoll f'xi biċċa nar tal-art għall-festa. Barra minn hekk ġieli ħadem ukoll xi *murtali* żgħar ġewwa daru stess u kien jippustjahom taħt is-sodda bil-klieb reqdin maġenbhom! Salvu Camilleri kien ukoll jikkarga l-*maskli* li kienu jinħarqu l-aktar fuq iz-zuntier tal-knisja waqt il-ħruġ tal-proċessjoni ta' Sant'Andrija u fis-solennità ta' *Corpus Domini*. Dawn kienu jinħarqu billi jferrex il-porvli fl-art minn


LOOKING FOR QUALITY & SECURITY?
We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.
ALL THIS IS FREE OF CHARGE!
FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE
We Specialise In:
• PVC Coated Doors
• Roller Shutters
• Insulated Sectional Doors
• Up & Over Doors
• Round The Corner Doors
• Folding Doors
• Gates & Fences
• Sheet Metal Doors
• Motorised Doors
• Moulds
• Substation Louvres
• Metal Doors Covered In Wood
New Street off Valletta Rd, Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net
Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397
www.alfredbaldacchinoltd.net
Also Specialising In Metal Doors Covered In Wood
AB
ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR
INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL
Look no further!


Stefan Briffa
Proprietor
Ta' Lela Petshop
A large range of bird selection.
Pet and garden needs are also available.
87
Triq Ċensu Decandia
Luqa
Mob: 7993 6074
ta_lelapetshop@yahoo.com

masklu għall-ieħor u mbagħad jaħraq minn banda waħda biex b'hekk il-*maskli* jieħdu wieħed wara l-ieħor.

Mose Camilleri, missier Ċensinu, kien attiv ukoll fil-manifattura tan-nar tal-art. Għal numru ta' snin kien jieħu ħsieb it-*tapit* li kien jintrama u jinħaraq taħt iż-zuntier tal-knisja parrokkjali fil-festa taċ-Ċintura. Indri Camilleri, hu Mose, kien jaħdem l-aktar sufarelli kbar b'fetħa żgħira tal-kulur li kienu jinħarqu minn fuq il-bejt tal-każin. Kienet issir ukoll il-*fekkruna* - raddiena armata fuq seffut li kienet tiftaħ fl-ajru b'funtani tal-kulur.

Mill-banda l-oħra, Pawlu Camilleri kien l-aktar involut fit-taħlit. Fil-fatt, minn età żgħira Ċensinu Camilleri kien ikun ta' spiss ma' zijuh Pawlu biex isegwi dak li kien qed jagħmel. Tajjeb insemmu li t-taħlit li kien jagħmel Pawlu kien mill-aqwa u f'Malta ftit li xejn kien jidher bħalu f'dawk iż-żminijiet. Tant hu hekk illi l-*funtana l-ħamra*, il-*funtana l-blu* u dik *safra tal-brillant* li rnexxielu jagħmel Pawlu *tal-ħaddied* kienu dehru għall-ewwel darba f'Ħal Luqa lejn l-aħħar tas-snin erbgħin.



Soċi tal-każin li għadhom mimlija bil-għomor jirrakkuntaw li f'dik il-ħabra, ta' tfal li kienu, kienu jmorru jiġbru l-ġelatina minn ġo l-għelieqi biex jagħmlu xi *murtal* għall-festa. Wara l-gwerra bdew jiltaqgħu aktar gruppi żgħar ta' dilettanti li kienu jaħdmu n-nar ġo xi razzett ta' Toninu Camilleri (*tas-salv*), f'*tal-miċċieri f'Garnaw*, fid-dwejra *tal-ħawsla*, fir-razzett *ta' ġona* u fl-inħawi *tal-isqof* biswit iċ-ċimiterju tar-raħal. Ma naqasx ukoll li jinħadem xi nar anke fil-bitħa u s-sala l-kbira tal-każin, speċjlament xogħol marbut man-nar tal-art (jew il-*ġiġġifogu*). Membri anzjani tas-soċjetà jsostnu li minkejja li l-mekkaniżmu fil-logħob tan-nar tal-art dam xi ftit ma daħal ġewwa Ħal Luqa, il-*gassijiet* u l-*funtani* li kienu jintużaw f'dawk iż-żminijiet kienu uniċi u tal-iprem kwalità. Popolari wkoll kienet il-*musketterija*, li kienet tinħaraq minn fuq il-bejt tal-każin f'waqtiet differenti tal-festa, bħal ngħidu aħna waqt it-Transulazzjoni ta' Sant'Andrija jew meta l-vara ta' Sant'Andrija jew dik taċ-Ċintura kienu jaslu quddiem il-każin fl-aħħar waqtiet tal-proċessjoni qabel jidħlu lura fil-knisja parrokkjali.

## Traġedja oħra

Iżda mhux kollox baqa' miexi b'dan ir-rittmu tant feliċi. Kien it-Tnejn 27 ta' Lulju tal-1953 meta minn bosta nħawi nstemgħet splużjoni għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħaxija fir-razzett *tal-miccieri* f'Garnaw. F'dak il-ħin, Anġlu ta' 22 sena kien qed jikkarga xi serpentelli bil-potassa għall-festa ta' dik is-sena. Fir-razzett kien hemm ukoll ħuh Karmnu ta' 25 sena u zijuhom Feliċ Mizzi ta' 60 sena, b'dan tal-aħħar ġieli kien jagħtihom daqqa t'id f'dak li kien ikollhom bżonn. Dawk li kienu fil-viċinanzi għall-ewwel ħasbu li kienu qed jippruaw xi ħaġa ġdida. Iżda ma kellux ikun hekk, għax ftit tal-ħin wara nstemgħet

# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of
Febal Cucine and
Top Quality Italian Doors

febal cucine

IPEA porte

86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com





# BERNARD
## *ta' Twanny*
Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott

splużjoni akbar, tant li r-razzett kważi ġġarraf għalkollox.

Minħabba li Karmnu ma kienx ħdejn Anġlu meta seħħet l-isplużjoni ġarrab xi ksur f'riġlejh minħabba li safa mirdum taħt il-ġebel. Iżda Anġlu u Feliċ inqabdu ġewwa tant li soffrew ħruq u feriti oħra gravi. Wara ftit minuti waslet l-ambulanza fuq il-post u ħadet lit-tliet persuni l-isptar għall-kura bit-tama li jeħilsuha minn ħalq il-mewt. Fil-fatt Karmnu kien ħelisha, u aktar tard reġa' kompla jaħdem in-nar, iżda Anġlu u Feliċ Mizzi mietu t-tnejn kawża tal-ħruq estensiv li ġarrbu. Il-poplu ta' Ħal Luqa waqgħa f'luttu kbir u bħala sinjal ta' rispett, il-Banda *L'Unione* akkumpanjat liż-żewġ vittmi bid-daqq ta' marċi funebri tul il-funeral tagħhom.



Din it-traġedja, flimkien ma' oħrajn li seħħew f'dawn iż-żminijiet f'pajjiżna wasslu biex tqum aktar kuxjenza favur is-serjetà u d-dixxiplina fil-manifattura tal-logħob tan-nar. Taħlita ħażina tal-porvli jew saħansitra xi ftit kunfidenza żejda kienu qed iwasslu għal aktar ħajjiet mitlufa.

### Żmien ta' bidla

Għal ftit taż-żmien id-dilettanti tan-nar waqfu mill-ħidma tagħhom minħabba dak kollu li ġara. Telfa ta' żewġ minn nies kienet xi ħaġa kbira u għalhekk kienu ħafna dawk li bdew jaħsbuha darbtejn qabel ma jerġgħu jibdew jaħdmu n-nar mill-ġdid. Iżda n-namra lejn id-delizzju xi kultant iġġiegħlek tagħmel li ma tridx. M'għaddewx wisq tax-xhur li dawk dilettanti tan-nar reġgħu bdew jiltaqgħu biex ikomplu l-ħidma tagħhom fil-piroteknija b'risq iż-żewġ festi tar-raħal. Kif semmejna aktar kmieni, sa dawn iż-żminijiet id-dilettanti tan-nar tal-każin kienu l-aktar jesperimentaw fin-nar tal-art. Iżda issa bdiet dieħla aktar il-ħajra għan-nar tal-ajru, tant li bdiet issir aktar riċerka li ssarrfet f'ħidma sfiqa biex bdew jinħarqu aktar murtali fil-ġranet festivi.

Iż-żmien kompla għaddej ġmielu u wara l-irwiefen kbar li qamu f'dak li kellu x'jaqsam mal-festi esterni ta' Sant'Andrija fis-snin ħamsin, l-affarijiet reġgħu bdew ġejjin lura għan-normali. Bir-rieda tajba tas-Soċjetà *L'Unione*, il-festa ta' Sant'Andrija baqgħet dejjem miexja 'l quddiem tant li issa nibtet ukoll ix-xewqa li l-festa tiġi trasferita għas-sajf sabiex b'hekk ikun evitat darba għal dejjem l-uġigħ ta' ras li l-festa jkollha titħassar minħabba l-maltemp. Għaldaqstant intgħażel l-ewwel Ħadd ta' Lulju sabiex tiġi ċċelebrata l-festa, tant li l-ewwel proċessjoni bl-istatwa titulari ta' Sant Andrija saret il-Ħadd 2 ta' Lulju 1961. Din tant kienet ta' suċċess illi wasslet biex il-kappillan ta' dak iż-żmien, illum Monsinjur Innoċenz Borg, flimkien mal-kumitati taż-żewġ każini tal-banda jiffirmaw il-famuż *Gentlemen's Agreement* fl-1964 li jirregola s-sehem taż-żewġ




Kurt Zerafa
zerafakurt@gmail.com

L.L.F.

MARBLE, GRANITE & QUARTS

490, 491
Industrial Estate
Luqa, Malta

Tel: +356 21246878
M: +356 99498466

The Convenience Shop

OPEN 6am TILL 10pm
MONDAY TO SUNDAY
(even on PUBLIC HOLIDAYS)

TEL: 2180 8569

soċjetajiet mużikali fil-festi esterni ta' Sant'Andrija. F'din l-ewwel festa fis-sajf kienet inħarqet għall-ewwel darba kaxxa żgħira tal-bomba; xi ħaġa li f'dawk iż-żminijiet ma kinitx komuni bil-bosta, iżda mbagħad malajr intgħoġbot u bdiet issir f'ħafna irħula oħra fis-snin ta' wara.





## Post tan-nar ġdid

Kien propju f'dan il-kuntest li d-dilettanti tan-nar fi ħdan is-Soċjetà *L'Unione* bdew jaħsbu bis-serjetà dwar il-possibiltà li jkollhom kamra tan-nar fejn fiha jkunu jistgħu jaħdmu l-logħob tan-nar għaż-żewġ festi. Fil-minuti tas-Soċjetà nsibu li f'Marzu tal-1965 il-kumitat tad-direzzjoni ħa biċċa art b'ċens mingħand il-familja Scicluna fil-limiti ta' Ħal Saflieni. Il-permessi meħtieġa ħarġu nhar it-3 ta' Lulju ta' dik is-sena u x-xogħol inbeda disat ijiem wara l-festa. Ma rridux ninsew illi l-qagħda finanzjarja tas-Soċjetà f'dawk iż-żminijiet ma tantx kienet waħda tajba għall-aħħar. Tant hu hekk illi fil-minuti nisbu wkoll negozjati interessanti dwar il-paga tas-surmast direttur tal-banda fejn minn naħa tiegħu kien talab sitt liri maltin fix-xahar waqt li s-Soċjetà kienet lesta tħallas erba' liri.



Iżda minkejja d-diffikultajiet kollha, is-Soċjetà dejjem ħadmet bilgħaqal fl-interess tal-membri tagħha u tal-komunità tar-raħal. Fil-fatt inbeda x-xogħol fuq il-bini tal-kamra tan-nar mill-membri tal-każin. Dan tlesta fi żmien qasir ħafna u nhar il-Ħadd 13 ta' Frar 1966 il-post ġie mbierek mill-kappillan Dun Innoċenz Borg. Għal din iċ-ċerimonja ħadet

sehem il-Banda L'Unione b'daqq ta' marċi brijużi għall-okkażjoni waqt li wara kien hemm bibita għall-mistednin preżenti. Il-manifattura tan-nar issa bdiet issir kollha f'post wieħed. Għalhekk id-dilettanti tan-nar kienu jiltaqgħu flimkien biex jaħdmu tul is-sena kollha u wara xhur sħaħ ta' ħidma u sagrifiċċji, fil-festi beda jkun hemm biżżejjed nar li jpaxxi lil kulħadd.

## Għeluq

Radd il-ħajr lil dawk kollha li tul is-snin ħadmu u stinkaw kemm felħu biex sal-lum is-Soċjetà L'Unjoni tgawdi stima u rispett f'dak li jirrigwardja l-manifattura tal-logħob tan-nar. Jalla l-isforzi kollha li qed isiru bħalissa biex tinstab soluzzjoni dejjiem għal dan il-post tan-nar eżistenti jħallu l-frott meħtieġ u b'hekk niżguraw aktar snin ta' ħidma u suċċessi. Kuraġġ għal li ġej…

**Bibliografija**


Neil Zammit u Andre Magri, Ġrajjet l-Arti tal-Piroteknika f'Ħal Luqa, pubblikazzjoni annwali tas-Soċjetà Filarmonika L'Unjoni, Festa 2011







It-tberik tal-Post tan-Nar mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Innoċenz Borg


OMP
FIA APPROVED
WWW.NAXOSCARCENTRE.COM


email: info@wilgastores.com
website: www.imper.it
IMPER ITALIA
WATERPROOFING SYSTEMS
• Waterproofing Membrane
• Bitumen Elastomer Pastes
• Liquid Membranes
We Import Timber & Wood
BVQI
ISO 9001
QUALITÀ ISO 9001
S & L Import & Export Ltd
Wilga Stores, Triq Il-Wilga, Luqa LQA 1530
Tel: 21 897 912 Fax: 21 690 685

# Ave
# Tifhir lil Appostlu
# Sant'Andrea
## fil jum sollenni tal festa tighu sollennizzata
## fit-30 ta Novembru 1909,
## Fil Cnisia Parrocchiali ta Hal Luka

Primitiarum fuit princip'um, qui antequam vocaretur, alios vocat ad Dominum.

Sliem ghalic oh cbir Andrea
Ta l'Acaja Difensur,
Inti denn l'iggib il Gilin,
Ghaliex bhalu cast u pur.

Sliem alic oh segretariu
Cont mghazul int mil Messia,
Biex in-nies kuddiemu tressak
Tuissel fihom il kdusia.

Sliem ghalic, oh cbir Apostlu,
Ta Gesù predicatur,
inti ridt, li tal Messia
Id-dottrina, x-xandar tmur.

Sliem ghalic mahbub ta Cristu,
Inti minnu cont mahtur
Fost l'Appostli l'akua niehed,
Ghaliex umli, cast u pur.

Sliem ghalic Sajjed imqaddes
Illi iġġib felicità
Lil dauc colla l'uraic jigiu
Biex jitghalmu il verità.

Sliem ghalic, oh Guien tal fueiha
Illi mimli cont bil uard,
Bosta nies min tal Betsaida.
Lein Gesù Inti hajjart.

Sliem ghalic, Tarca tal fidi
Min tal Cnisia nisrania,
Inti lilha tiddefendi
Sabiex toghgiob lil Messia.

Sliem ghalic, Guerrier kalbieni,
Mal Gentili igguerrait,
Ta Gesù dottrina ghallimtom,
Mil l'infern lilhom scansait.

Sliem ghalic, oh viola Imkadsa
Fieh tinsab cbir' umiltà,
Xein ma hi inkas fir-ruh tighec,
Daks ech cbira il castità.

Sliem ghalic, oh pur bhal Gilju
Chienet collha il haija tighec,
Nitolbue l'izzommna puri,
Biex fil Genna nigiu mighec.

Sliem ghalic flahhar ngheidulec
Chif ninsabu ferhanin,
Sliem ghalic, oh cbir Andrea
Protettur tal Hallukin

Plures Saliba
8-11-9




paperway
stationery

- *Newsagent*
- *Books*
- *School & Office Stationery*
- *Greeting Cards*
- *Toys & Educational Games*
- *Gifts*
- *Colour and B/W Photocopying service*
- *Printing from all Media*
- *Photocopies starting from 2c*
- *Book Binding & Covering*
- *Laminations*
- *Passport Photo Service*

*Smart Card Accepted*

*Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.*

*Telephone: 21690689* *E-Mail: paperwayluqa@gmail.com*



# Il-Festa ta' Sant'Andrija

## *Dari u Llum*

**Andrew Camilleri**

Il-poplu Malti hu poplu li veru jħobb jiċċelebra għax minkejja l-mezzi moderni ta' divertiment, xorta waħda żamm it-tradizzjoni u għadhom isiru ċelebrazzjonijiet kbar fil-festi bħall-Milied, l-Għid il-Kbir, u l-Karnival. Barra minn hekk, ħafna bliet u rħula dan iż-żmien qed jiddedikaw ġurnata fis-sena għal xi ħaġa li l-post hu msemmi għaliha. Kieku għadu ż-żmien ta' qabel, aħna l-Ħalluqin żgur konna niddedikaw ġurnata għall-mazzit, li għalih dan ir-raħal tant kien imsemmi.

Imma naħseb li m'hawn xejn li juri kemm il-poplu tagħna jħobb jiċċelebra daqs il-festi annwali li jsiru fl-ibliet u rħula tagħna *ad unur* tal-qaddis jew qaddisa patrun/a tal-belt jew raħal. F'dawn il-festi, barra ċelebrazzjonijiet esterni li jsiru fil-pjazez u t-toroq tal-lokal fejn issir il-festa, jsiru wkoll ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja fil-qofol tagħhom jintlaħaq lejliet u nhar il-festa meta jkunu akkumpanjati b'mużika sagra mill-isbaħ ta' diversi kompożituri Maltin. Għalkemm bl-ebda mod ma nistgħu ngħidu li l-poplu tagħna m'għadux poplu reliġjuż, diżgrazzjatament, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi m'għadhomx jingħataw l-importanza li kienu jingħataw dari. Irridu nżommu f'moħħna li primarjament, il-festa annwali, hi okkażjoni biex il-komunità turi d-devozzjoni u l-imħabba li għandha għal Marija Santissma jew għal xi qaddis jew qaddisa patrun/a tagħha. Għalhekk irridu nifhmu l-importanza ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Bħal kull belt u raħal ieħor f'Malta, Ħal Luqa ta' kull sena wkoll tiċċelebra l-festa tal-qaddis tal-patrun tar-raħal tagħha li hu Sant'Andrija Appostlu, l-ewwel imsejjaħ mill-Mulej fosthom




*Il-miġemgħa waqt il-festa ta' Sant'Andrija fil-bidu tas-seklu għoxrin*

kollha. Għalhekk, l-ewwel Ħadd ta' Lulju, il-jum tal-festa, jkun mistenni b'tant ħerqa minna l-Ħalluqin.

Jidher li d-devozzjoni lejn il-qaddis patrun tagħna hi mferrxa sew kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, kif wieħed jista' jara minn ħafna statwi u kwadri tiegħu li nsibu f'ħafna postijiet u knejjes. Imma l-uniku parroċċa li hawn iddedikata għalih hi biss dik tar-raħal tagħna, Ħal Luqa.

## Ċelebrazzjonijiet reliġjużi li jsiru matul il-festa

Nistgħu ngħidu li numru sabiħ ta' Ħalluqin għadhom jipparteċipaw fil-funzjonijiet li jsiru fil-knisja matul il-ġimgħa tal-festa speċjalment għat-translazzjoni ta' lejlet il-festa u l-quddiesa solenni ta' nharha, għalkemm ferm aktar nies jattendu għall-funzjonijiet tal-Milied, Ħamis ix-Xirka u tal-Għid il-Kbir, meta wieħed irid jaħseb kmieni biex isib fejn joqgħod bilqiegħda.

M'hemmx għalfejn wieħed isemmi li matul il-gwerra, li matulha r-raħal tagħna tant sofra, ħarbtet għalkollox l-attivitajiet li jsiru fir-raħal matul il-jiem tal-festa. Jingħad li għall-festa ta' Novembru tal-1941, kien intrama d-damask mal-pilastri ta' taħt il-koppla u saru xi funzjonijiet fil-knisja, imma l-purċissjoni ma ħarġitx. Din kienet l-aħħar festa li saret fil-knisja kif kienet sa dak iż-żmien għax il-Ħamis, 9 ta' April 1942, sar dak l-attak ikrah fuq Ħal Luqa li fih il-knisja ntlaqtet mill-bombi tal-għadu u ġġarrfet sewwa. L-uniku partijiet li relattivament ġarrbu ftit ħsara kienu n-nava tal-lemin u l-kappellun tal-Agunija. Naturalment dik is-sena l-festa ma saritx.

Imma fil-bidu t'Ottubru 1942, il-forzi tal-ajru Ingliżi ġabu numru kbir ta' ajruplani tal-ġlied fl-ajrudrom ta' Ħal Luqa, li bit-tattiċi ta' ġlied li bdew jużaw u megħjuna mir-radar, ikkonvinċew il-forzi Ġermaniżi li ma kienu se jagħmlu xejn kontra s-superjorità tagħhom u waqqfu l-attakki.


*Il-Kor tal-Knisja Parrokkjali waqt li qed jinħatt wara l-gwerra*

Nistgħu ngħidu li l-inkwiet għal Malta partikolarment għar-raħal tagħna li tant sofra f'din il-gwerra, issa kien wasal fi tmiemu u l-ħajja fir-raħal bdiet ġejja bil-mod il-mod għan-normal. Kif waqfu l-attakki ttieħdet azzjoni biex in-nava tal-lemin u l-kappellun tal-Agunija jkunu jistgħu jibdew jintużaw għall-quddies u funzjonijiet oħra, billi nbnew ħitan proviżorji beix iżolaw din il-parti mill-kumplament tal-knisja u l-artal ta' Santa Marija beda jservi bħala l-artal maġġur. Kemm kienet tkun ħelwa din il-parti tal-knisja mżejna għall-festi ta' Sant'Andrija li saru bejn l-1943 sa dik ta' Novembru 1946! Niftakar li kienet saret gallarija proviżorja fuq id-daħla ta' din in-

nava fejn kien tpoġġa l-armonju. Matul il-ġranet tat-tridu, kor ta' tfal tal-Mużew konna nitilgħu f'din il-gallarija nkantaw il-quddiesa Gregorjana "Missa di Angelis" flimkien ma' innijiet sagri oħra taħt id-direzzjoni tal-mibki Mgr Innocent Borg, liema quddiesa u innijiet kien jagħmilhomlna hu stess. Il-quddiesa tat-tridu kienet issir filgħodu fis-sitta jew is-sitta u nofs għax dak iż-żmien ma kienx isir quddies wara nofsinhar kif beda jsir wara l-1957.

Fit-tlett ijiem tat-tridu filgħaxija kienu jitkantaw il-Primi Vespri; ħames Salmi u l-Magnificat mis-saċerdoti u minna l-abbatini, u ssir il-prietka fuq l-appostlu Sant'Andrija fuq speċi ta' pulptu li kien intrama proviżorjament. Wara, it-tenur Ġanpatist Żarb u l-baritonu Amabile Mamo (ħu l-kittieb magħruf Ġwann Mamo), it-tnejn Ħalluqin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Salvu Azzopardi, Ħalluqi ieħor, kienu jkantaw l-innu tal-appostli "Exultet Orbis Gaudiis", wara l-antifona "Cum Pervenisset" ta' Mro Dr Paolo Nani, li kienet tant popolari fostna l-Ħalluqin. Wara dawn kienu jkantaw it-*Tantum Ergo* u tingħata l-Barka Sagramentali. Għat-translazzjoni ta' lejliet il-festa u għall-quddiesa solenni ta' nhar il-festa, il-mużika kienet ukoll tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Azzopardi li kien ifforma orkestra żgħira u stieden xi ftit kantanti oħra, apparti t-tenur u baritonu li semmejna, fl-ispazju li kienet tippermetti din il-gallarija żgħira.

L-aħħar darba li l-artal ta' Santa Marija serva bħala artal maġġur għall-festa kien għal dik li saret f'Novembru 1946, għax f'Marzu 1947 tlesta l-bini tan-nava tax-xellug u l-korsija l-ġdida. Allura nbnew ħitan li sseparaw il-korsija u ż-żewġ navi mill-kumplament tal-knisja, inħattu l-ħitan proviżorji li kienu nbnew bejn il-korsija u n-nava tal-lemin, l-artal maġġur inbena proviżorjament fit-tarf tal-korsija, l-inkwatru ta' Sant'Andrija ta' Mattia Preti ddendel mal-ħajt 'il fuq mill-artal u din il-parti kollha tal-knisja bdiet tintuża għall-quddies, funzjonijiet oħra u naturalment ċelebrazzjoni tal-festa ta' Sant'Andrija.


Sant'Andrija armat quddiem l-altar tal-Madonna taċ-Ċintura fiż-żminijiet ta' wara l-gwerra

Issa għall-festa bdiet tintuża l-gallarija l-kbira ta' fuq il-bieb maġġur li fortunatament fil-gwerra ma ġralha l-ebda ħsara. Din il-gallarija niftakarha injam, mingħajr l-ebda skultura, imma wara kienet ittieħdet xi skultura miż-żewġ gallariji li kien hem fil-kor qabel il-gwerra li twaħħlu fuq il-panewijiet tagħha. Din il-gallarija, kuntrarju għal dik li kienet proviżorjament intramat fuq il-bieb tan-nava, tesa' orkestra u kor imdaqqsin li bejniethom jistgħu joħorġu l-effetti u l-kuluri kemm orkestrali kif ukoll korali mixtieq mill-kompożitur.

Imma wara li f'din il-gallarija ġie mpoġġi l-orgni tad-ditta Mascioni fl-1967, il-mużika ta' lejliet u nhar il-festa bdiet issir minn wieħed




**We specialize in: Up Styles (especially for weddings), Hair Extensions, Hair Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Hair Treatments, Scalp Treatments, Scalp Stone, Massage, Brazilian Anti-Frizz Treatment, Straightening and more… We also specialize in Make-up and Nails.**




Opening Hours :
Winter :
Mon to Sat 05:45-12:00
Mon,Tue,Thu,Fri 16:30-19:00

Summer:
Mon,Wed,Fri 05:45-13:00
Tue,Thu,Sat 05:45-12:00
Tue,Thu 16:30-19:00

# NINJA STORE

For all types of groceries, frozen foods, fruit & vegetables,
wide range of detergents!
Discounted prices & Service with a smile



***FREE DELIVERY***

20 , Triq Tumas Galea,
Luqa

Telephone : 21827276

mill-kappelluni, għalkemm din xorta waħda baqgħet tintuża mill-kor tal-parroċċa akkumpanjat mill-orgni.

Mro Ġużeppi Camilleri kien l-ewwel surmast li daqq f'din il-gallarija wara l-gwerra biex mexxa l-mużika fil-funzjonijiet marbuta mat-translazzjoni u l-quddiesa ta' nhar il-festa tal-1947, u dam jagħmel hekk għal ħafna snin. M'hemmx għalfejn wieħed isemmi, il-mużika li kien juża Mro Ġużeppi Camilleri kienet dejjem tkun tal-kbir surmast u kompożitur Ħalluqi Mro Ferdinandu Camilleri, l-istess missieru. Bosta kompożituri Maltin għanew ir-repertorju tal-mużika sagra Maltija b'ħafna salmi, antifoni, u innijiet reliġjużi imma mingħajr l-ebda dubju, il-mużika sagra ta' Mro Fernandu Camilleri hi fi klassi għaliha. Jien ngħid għalija qatt ma nixba' nisma' dak il-ġmiel ta' Salmi u dik il-quddiesa grandjuża tiegħu. Din il-quddiesa kollha kemm hi sabiħa u l-mużika tagħha m'għandhiex dak l-istil operistiku li kienu jħobbu jużaw ċertu kompożituri ta' mużika sagra Maltin. Niftakar għal din il-quddiesa fil-festa tal-Konċilju Vatikan II, skont il-*Motu Propio* tal-Papa San Piju X dwar il-mużia sagra, fil-kor kienu jistgħu jieħdu sehem biss irġiel u tfal subien. Infatti Mro Ġużeppi Camilleri għall-kant tas-Salmi waqt it-translazzjoni ta' lejljet il-festa ġieli flimkien mal-koristi kien iġib ikantaw ukoll numru ta' tfal.

Fl-ewwel xhur tal-1953 l-bini mill-ġdid tal-kappelluni, il-kor u l-koppla kienu tlestew. Allura l-artal maġġur il-qadim li kien proviżorjament intrama fit-tarf tal-korsija tneħħa u l-ħitan li kienu jisseparaw il-korsija u n-navi minn din il-parti tal-knisja nħattu. Hekk issa fl-aħħar aħna l-Ħalluqin bdejna ngawdu knisja tista' tgħid ġdida għalkollox, ferm isbaħ u akbar minn dik ta' qabel il-gwerra. L-ewwel quddiesa fuq l-artal maġġur il-ġdid li kien inġieb mill-Italja saret f'Mejju tal-1953. Ta' min isemmi li filwaqt li l-bini tal-knisja kollu sar fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Debono, ħafna mill-opri li naraw illum, bħalma huma l-artali tar-Rużarju, tal-Agonija u tal-Qalb ta' Ġesù, il-kwadri laterali tal-kappelluni tar-Rużarju, tal-Agonija u tal-kor, is-sedja tal-kor u dawk iż-żewġ kwadri kbar li hemm fuqhom, il-pulptu, il-Via Sagra, l-orgni u l-linef kollha saru fi żmien il-kappillan Dun Innnocent Borg [1956-1980]. Imma allavolja fin-1953 l-knisja kienet għadha nieqsa mill-opri li semmejna, kemm kienet tidher sabiħa armata kollha kemm hi bid-damask għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Sant'Andrija dik is-sena. Il-mużika ta' lejljet u nhar il-festa kienet għadha f'idejn Mro Ġużeppi Camilleri u Mro Salvu Azzopardi baqa' jieħu ħsieb il-mużika tat-tlett ijiem tat-tridu.



Waħda mill-galleriji li kien hemm fil-Kor

Niftakar li dak iż-żmien Mro Salvu Azzopardi beda jdoqq verżjoni ġdida tal-antifona minflok dik ta' Mro Paolo Nani li skont Patri Tinmtju Azzopardi O.C., il-mużika tagħha kienet miktuba mill-istess Mro Salvu Azzopardi, missieru. Patri Timotju qalli li l-mużika ta' din l-antifona ħadha l-kunvent tal-patrijiet tal-Karmnu, il-Belt, fejn fuqha saret verżjoni għall-innu tal-Madonna tal-Karmnu, Flos Carmeli. Jiddispjaċini li sforzi biex inġibu l-mużika ta' din l-antifona minn dan il-kunvent sfaw fix-xejn.

Mro Ġużeppi Camilleri kien idoqq il-verżjoni tal-antifona ta' missieru, li l-mużika tagħha ma nstabitx. Wara ħafna riċerka minn Neil Żammit, il-mużika ta' din l-antifona nstabet għand is-Sinjura Antoinette Fava, bint Mro Ġużeppi Camilleri, liema mużika ġiet irregalata lil dan il-każin fil-kunċert li sar fiċ-Ċentru tal-Parroċċa fil-21 ta' Novembru 2015.

Irrid insemmi li l-kappillan Dun Innocent Borg, li kif semmejna kien kappillan ta' din il-parrooċċa bejn l-1956 u l-1980, kien midħla sew tal-kunvent tal-Agostinjani, ir-Rabat. Dan il-kappillan li kellu mħabba kbira għall-mużika sagra, minn dan il-kunvent ġab il-mużika ta' ħafna innijiet sagri, fosthom innu lill-Madonna ta' Patri Domenico Anastasi, Agostinjan. Dan l-innu tant kien jogħġbu li addattah għall-kliem tal-antifona ta' Sant'Andrija; *Cum Pervenisset*. Meta dan il-kappillan waqqaf il-kor tal-parroċċa fl-1965, din l-antifona sabiħa bdiet u baqgħet titkanta matul it-tlett ijiem tat-tridu. Jidher li din l-antifona tant intgħoġbot li ħadet post l-antifoni ta' qabel u issa qiegħda titkanta lejliet u nhar il-festa wkoll. Mro Camilleri baqa' juża l-mużika ta' missieru sal-1975, u fost is-surmastijiet li ġew mistiedna warajh biex imexxu l-mużika ta' lejliet u nhar il-festa, kien hemm minnhom li xorta waħda baqgħu jpaxxuna bil-mużika sabiħa ta' Mro Ferdinandu Camilleri.

Wara l-Konċilju Vatikan II [1962-65] sar tibdil fil-liturġija li b'xi mod kellu effett fuq iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi marbutin mal-festa. Fl-1964, għall-ewwel darba l-Evanġelju u passaġġi oħra mill-Iskrittura bdew jinqraw bil-Malti u xi snin wara l-quddiesa kolha bdiet tiġi ċċelebrata kollha kemm hi bil-Malti u mhux aktar bil-Latin. In-nies għoġbithom ħafna din il-bidla, għax bdew iħossu li issa veru jistgħu jipparteċipaw fil-quddiesa u mhux aktar 'jisimgħuha' biss, kif kien isir qabel meta kienet tiġi ċċelebrata bil-Latin. Imma ta' min isemmi li fil-quddiesa solenni tal-festa ta' Sant'Andrija u f'xi festi oħra, il-*Kyrie*, Glorja, *Sanctus* u *Agnus Dei* xorta waħda baqgħu jitkantaw bil-Latin, għalkemm f'quddies solenni ieħor dawn ħafna drabi jiġu kantati bil-Malti wkoll.



*L-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu (seklu għoxrin)*

Bidla oħra li ġiet introdotta wara l-Konċilju Vatikan II, kienet li ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa trid issir bis-

saċerdot iħares lejn in-nies, u dan kien ifisser li l-artal kif nafuh ma setax jibqa' jintuża aktar. Għalhekk għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kienet saret mejda twila tal-injam fuq il-presbiterju quddiem l-artal maġġur biex is-saċerdot jista' jqaddes iħares lejn in-nies. Fi żmien il-kappillan Dun Joe Camilleri [1997-2003], l-artal maġġur iżżarma minn postu u ġie armat fil-kors taħt il-kwadru tal-martirju ta' Sant'Andrija u floku sar l-artal-mejda tal-irħam li nsibu llum. Imma dak il-ġmiel ta' "L-Aħħar Ċena" skolpita fl-irħam abjad ġiet inkroporata fil-faċċata tal-artal-mejda u hekk għadha titgawda bħalma kienet qabel. B'dan l-arranġament l-artal maġġur ma tilef xejn mill-preġju tiegħu għax fil-festa xorta waħda għadu jintrama kif kien qabel, bil-gandlieri, l-appostli, it-terħa u b'dak il-ventartal sabiħ tiegħu.

Fil-bidu tat-tmeninijiet, iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-knisja kif ukoll dawk esterni, ma baqgħux isiru lejlet il-festa biss imma matul ġimgħa sħiħa qabel il-festa. It-tnejn filgħaxija jsir korteo mill-kappillan u s-Sindku tar-raħal u jitpoġġew kuruni quddiem l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Triq il-Karmnu. Wara ssir quddiesa kantata mill-kor tal-parroċċa, u titkanta l-antifona. Imbagħad isir il-ħruġ tal-istatwa ta' Sant'Andrija min-niċċa fost id-daqq tal-qniepen, iċ-ċapċip tal-folla miġbura fuq iz-zuntier u l-kant tal-innu popolari ta' Sant'Andrija ta' Mro Pace mill-kor tal-parroċċa akkumpanjat minn waħda mill-baned tar-raħal.

Kull ġurnata mit-Tnejn sal-Ġimgħa tkun dedikata għal xi grupp tal-parroċċa. Il-quddies tat-tridu tal-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa jsiru bil-parteċipazzjoni tal-kor tal-parroċċa. Wara l-quddiesa tintalab il-kurunella, jitkantaw l-innu tal-appostli, l-antifona u wara l-kant tat-*Tantum Ergo* tingħata l-Barka Sagramentali. Is-Sibt lejliet il-festa, filgħodu fit-tmienja ssir il-quddiesa ta' ringrazzjament u wara jitkanta t-*Te Deum*. Fis-sitta tibda t-translazzjoni solenni tar-relikwa ta' Sant'Andrija mill-kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar għall-knisja parrokkjali fejn isir il-kant tal-Innu tal-Appostli *Exultet Orbis Gaudiis* u wara titkanta l-antifona ta' Sant'Andrija *Cum Pervenisset*. Wara jitkanta l-Għasar u *Tantum Ergo* u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-kant kollu matul it-translazzjoni kif ukoll għall-quddiesa solenni tal-Ħadd filgħodu jsir mill-kor mistieden akkumpanjat mill-orkestra. Wara, fis-sebgħa u kwart issir quddiesa solenni kantata mill-kor tal-parroċċa.

Il-Ħadd, jum il-festa, fit-tmienja u nofs issir konċelebrazzjoni solenni tal-festa u minflok l-omelija jsir il-paniġierku fuq Sant'Andrija. Fil-ħdax issir quddiesa oħra letta. Fil-ħamsa u nofs issir quddiesa solenni ukoll bil-parteċipazzjoni tal-kor tal-parroċċa u wara għall-ħabta tas-sebgħa u kwart titkanta l-antifona u tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Andrija mat-toroq prinċipali tar-raħal. Għall-ħabta tal-għaxra u nofs, il-purċissjoni tkun waslet fi tmiemha u l-istatwa ta' Sant'Andrija tibda



*Il-kor u l-orkestra waqt l-eżekuzzjoni tal-mużika sagra fil-funzjonijiet solenni ġewwa l-knisja*

# MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456

Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# JERRY'S SILENCER REPAIRS



**CO2 Welding**

**For Welding**

**& Silencer Repairs**

**Teddy's Garage, Siġġiewi Road, Mqabba**

**Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237**

dieħla bil-mod il-mod lura ġol-knisja fost il-kant tal-antifona u ċ-ċapċip ma jaqtax u għajjat ta' Viva Sant'Andrija li juri l-ferħ u l-entużjażmu tal-folla kbira li tkun inġabret fil-knisja. Hawn il-kappillan jagħmel dirkos qasir fejn jirringrazzja fost oħrajn lill-presidenti taż-żewġ każini tal-baned lokali, lill-gruppi tan-nar, lill-kor tal-parroċċa, u lil dawk li ħadu ħsieb l-armar tal-knisja u ta' barra. Wara jitkanta t-*Tantum Ergo* u tingħata l-Barka Sagramentali. Hekk il-festa tiġi fi tmiemha.

## Ċelebrazzjonijiet Esterni



*L-istatwa tal-Anġlu armata fis-snin ta' wara l-gwerra*

Barra miċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-knisja parrokkjali tagħna fil-jiem tal-festa, speċjalment dawk ta' lejlietha u nharha li jsiru b'tant pompa u solennità, aħna l-Ħalluqin għandna wkoll ħafna għal qalbna l-briju kbir li jsir fiż-żewġ pjazez u fit-toroq prinċipali matul il-jiem tal-festa. Irrid insemmi mill-ewwel li hija bil-ħidma kontinwa tal-gruppi tal-armar, tal-logħob tan-nar u l-bandisti taż-żewġ każini tal-baned tar-raħal, li fil-festa ta' Sant'Andrija ċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra kibru tant matul is-snin. Hemm nies fiż-żewġ każini li b'tant sagrifiċċju u entużjażmu jiddedikaw ħafna ħin matul is-sena, min jagħmel ħaġa u min jagħmel oħra; l-iskop ewlieni jkun biex iċ-ċelebrazzjonijeit esterni fil-festa kull sena jkunu isbaħ minn dik ta' qabel. Huwa fatt li bejn iż-żewġ każini tal-baned tar-raħal teżisti ċertu kompetizzjoni, imma dan hu aspett pożittiv għax huwa b'riżultat ta' din il-kompetizzjoni li għandna pjazez u toroq b'armar daqshekk sabiħ, spettakli ta' nar tal-ajru u tal-art mill-aqwa u żewġ baned li jpaxxu lil kulħadd bil-marċi brijużi u programmi li jagħmlu. Ħal Luqa kien hawn min ħaseb li l-festi esterni li jsiru fil-festa bil-mod il-mod se jnaqqsu mill-popolarità, imma jidher li għal kuntrarju dawn iċ-ċelebrazzjnijiet qegħdin kulma jmur dejjem jikbru.

Ħal Luqa sirna nagħmlu spettakli kbar tal-logħob tan-nar tal-ajru u tal-art mill-aqwa. Sar għandna żewġ pjazez kif ukoll toroq armati bil-pilandri, pavaljuni, bandalori u statwi fuq pedestalli mill-isbaħ, b'żewġ planċieri artistiċi li jsebbħu ż-żewġ pjazez. Biex ikomplu jżidu mat-tiżjin tal-isbaħ triq imżejna fir-raħal; Triq Sant'Andrija, fl-2015 id-dilettanti tal-armar tal-każin tal-Banda l-Unjoni żanżnu opra ġdida; il-martirju ta' Sant'Andrija. Din l-opra saret bit-tħabrik ta' Neil Zammit li flimkien ma' Raymond Penza, Andrew Aquilina u l-President attwali Joseph Piscopo ġabru l-fondi għaliha. L-istatwi nħadmu mill-istatwarji Alfred u Aaron Camilleri Cauchi. Id-disinn tal-pedestal maestuż li fuqu hemm l-istatwi kif ukoll l-iskultura kollha ta' fuqu saru mill-iskultur

Henry Camilleri. Ix-xogħol tal-injam kollu kif ukoll xogħol tal-*fibreglass* sar minn Joe Aquilina filwaqt li l-irfinar u ż-żebgħa kienu f'idejn ħuh Andrew u membri oħra. L-iskultur u statwarju Twanny Ellul ta wkoll ħafna pariri siewja fuq ix-xogħol tal-forom tal-iskultura. Ix-xogħol tal-induratura li qed issir b'folji tad-debeh 24kt kienet kollha f'idejn Clifford Micallef, filwaqt li l-irħamar qed isir minn Leli Micallef ta' Bormla.



*Waqt l-inawgurazzjoni tal-pedestall u l-istatwa tal-Martirju ta' Sant'Andrija*

Imma sa żmien sew wara l-gwerra, fil-festa ta' Sant'Andrija, ma kontx tara dan il-ġmiel t'armar li nsibu llum. Fiż-żewġ pjazez kienu jintramaw ftit pilandri bil-bandalori, sempliċi ħafna u mingħajr l-ebda valur artistiku. Naħseb li f'Malta ma kienx hawn pjazez b'armar daqshekk fqir bħal tagħna, l-iskuża kienet li l-festa kienet issir fix-xitwa, fl-aħħar ta' Novembru. Kif nafu kien hawn ħafna postijiet oħra fejn il-festa tiġi fix-xitwa u kellhom armar sabiħ. Li hu minnu hu li meta l-festa kienet tiġi ċċelebrata fix-xitwa dejjem kienet issir bi qtiegħ il-qalb għax mhux l-ewwel darba l-maltemp ħassar il-festa u preparamenti li jkunu saru b'tant sagrifiċċju u spejjeż jisfaw fix-xejn. Niftakar darba lejn it-tmiem tas-snin erbgħin lejlet il-festa kien hemm maltempata kbira, bix-xita nieżla bil-qliel il-ġurnata kollha. Imma għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija dar ir-riħ, ix-xita waqfet għalkollox u għalkemm kien hemm bard ixoqq il-għadam, il-marċ mill-Banda L-Unjoni xorta waħda sar.

Dari bħal l-ibliet u rħula l-oħra, iċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra kienu jsiru lejlet u nhar il-festa biss. Lejlet il-festa ż-żewġ baned tar-raħal kienu jagħmlu marċ fit-toroq u wara programm fuq il-planċier, u dan biss meta t-temp kien jippermetti. Lejlet il-festa kienu jitilgħu dawk iż-żewġ statwi sbieħ tal-famuż statwarju Karlu Darmanin fuq il-pedestal tagħhom fiż-żewġ pjazez, l-Anġlu mill-każin tal-Banda L-Unjoni f'nofs il-pjazza tal-Knisja u Malta Rebbieħa mill-każin tal-Banda Sant'Andrija fil-ġenb ta' Pjazza Sant'Andrija. Pero nista' ngħid li dak iż-żmien il-briju li bih kienu jitilgħu dawn iż-żewġ statwi kien ferm akbar minn kif nafuh illum. Ir-raġuni hi li f'dawk iż-żminijiet mal-marċ kien permess li jinħaraq in-nar, bħal matterelli, sfafar, u gassijiet kbar, li dażżmien m'għadhomx permessi. U bir-raġun, għax kien perikoluż ħafna li dak in-nar kollu jinħaraq ġo folla hekk kbira. Hu u tiela' l-Anġlu, tant kienu jaħarqu sfafar li kont trid issod widnejk.

Bidla li aktar 'il quddiem kellha l-effetti tagħha fuq l-armar tal-festa kienet meta fl-1951 il-każin tal-Banda Sant'Andrija minn Triq il-Karmnu mar fil-pjazza tal-Knisja, f'nofs liema pjazza minn dejjem kien jintrama l-Anġlu u wkoll fejn kien jintrama l-planċir li fuqu kienet iddoqq il-Banda L-Unjoni. Ta' min isemmi li sal-1909, Pjazza Sant'Andrija ma kinitx teżisti u flokha kien hemm dawra bini żgħira. Il-Pjazza tal-Knisja



*Il-Banda L-Unjoni fuq il-Planċier Artistiku*

kienet l-uniku pjazza li kien hawn fir-raħal u għalhekk il-Każin tal-Banda L-Unjoni minn dejjem kien juża din il-pjazza f'kull ċelebrazzjoni.

Wara li l-Każin tal-Banda Sant'Andrija mar f'Pjazza l-Knisja, sar arranġament biex il-pedestal tal-Anġlu mexxewh 'l quddiem u beda jintrema bejn iż-żewġ pjazez u l-planċir li fuqu ddoqq il-Banda L-Unjoni beda jintrama fi Pjazza Sant'Andrija. Niftakar kien hemm ħafna fil-Każin tal-Banda Unjoni li din il-bidla xejn ma ħadu pjaċir biha u iddispjaċihom ħafna li Pjazza l-Knisja ma baqetx f'idejn il-każin tagħhom. U bir-raġun, għax il-Pjazza tal-Knisja hi akbar minn Pjazza Sant'Andrija u fiha iżjed spazju fejn tifrex l-armar. Imma kif ser naraw 'l quddiem, il-każin tal-Banda L-Unjoni beda jgawdi minn privileġġi u vantaġġi li fil-Pjazza tal-Knisja ma kellux.

Bidla li aktar 'il quddiem kellha effett kbir fuq l-armar tal-festa kienet meta fl-1961 il-festa mill-aħħar Ħadd ta' Novembru ġiet trasferita għall-ewwel Ħadd ta' Lulju. Imma mingħajr dubju ta' xejn, l-armar taż-żewġ pjazez u tat-toroq prinċipali tar-raħal ħa svolta kbira 'l quddiem meta fil-1980 ġie kappillan Ħal Luqa Dun Kalċidon Vassallo, li għadda f'idejn iż-żewġ każini l-armar tal-pjazez. Minn dak iż-żmien fiż-żewġ każini nibtu gruppi ta' dilettanti tal-armar, li minn żewġ pjazez b'armar fqir u insinifikanti, sar għandna pjazez u toroq ewlenin b'armar mill-isbaħ li ssib f'Malta.

Meta l-festa kienet għadha ssir fix-xitwa, kienet tkun fqira ħafna fin-nar għax ħlief għal xi ftit nar tal-art u musketterija ma kienx ikun hemm, u l-każini kienu jimpikaw min minnhom jagħmel l-aktar musketterija. Mhux għax fil-każin tal-Banda L-Unjoni ma kienx hemm nies kapaċi jaħdmu l-logħob tan-nar speċjalment għal dak iż-żmien, dak tal-art. Ir-raġuni kienet li meta l-festa kienet issir fix-xitwa, id-dilettanti tan-nar kienu jaqtgħu qalbhom għax, aktar iva milli le, in-nar tal-art kien jixxarab u daqshekk xogħol u spejjeż jisfaw fix-xejn. Kien biss għal din ir-raġuni li d-dilettanti tal-każin tal-Banda L-Unjoni kienu jagħmlu ħafna nar tal-art lejlet il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura li tiġi f'Settembru, u mhux għax b'xi mod din il-festa kienet tingħata importanza aktar mill-festa ta' Sant'Andrija. Tant hu hekk, kif il-festa ta' Sant'Andrija bdiet tiġi ċċelebrata fis-sajf, id-dilettanti tan-nar tal-każin L-Unjoni ma baqgħux iżjed jaħdmu nar għal din il-festa.

Kif digà semmejt, qabel il-festi esterni kienu jsiru lejlet u nhar il-festa biss, imma għal nofs it-tmeninijiet, iċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra, bħal dawk li bdew isiru fil-knisja, bdew ukoll isiru matul ġimgħa sħiħa, ħlief għall-jum tat-Tlieta. Ibda mit-Tnejn meta tinħareġ l-istatwa ta' Sant'Andrija minn niċċa, sal-Ħadd, jum il-festa meta għall-ħabta tal-għaxra u nofs il-poplu ta' Ħal Luqa jattendi bi ħġaru għad-dħul tal-istatwa lura fil-knisja.

Mill-jum tat-Tnejn sal-Ġimgħa minn barra t-Tlieta, hemm arranġament bejn iż-żewġ baned tar-raħal biex ġurnata ddoqq banda u ġurnata ddoqq l-oħra u l-banda li dik is-sena jkun imissa ddoqq it-Tnejn tagħmel ukoll il-marċ ta' jum il-festa filgħodu. Il-banda li ddoqq it-Tnejn takkumpanja wkoll il-kor tal-parroċċa fil-kant tal-innu popolari lil


Nardu tal-Ħaxix
Ħaxix u frott frisk
bi prezzijiet moderati
FREE DELIVERIES • MOB: 9946 4420
Kuljum filgħodu ħdejn il-Kunsill Lokali, Luqa
It-Tnejn u l-Ħamis filgħaxija ħdejn il-playing fields
"KOLLOX SPECIAL"


do not waste your time
going around stop at
MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES
GRAF
FAI Auto Parts
Gates
ICER
QH
WÜRTH
Valeo
Japanparts
FERODO
AISIN
MONROE
where you will find
everything under one roof
More brands available...
Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04
Tel / Fax: 21 642465

Sant'Andrija ta' Mro Pace fil-ħruġ tal-istatwa ta' Sant'Andrija minn niċċa u wara tagħmel marċ ma' xi toroq tar-raħal.

Il-baned tar-raħal, il-Ħamis jew il-Ġimgħa dejjem skont il-ġurnata li kull banda jkun imissha, jagħmlu programm fuq il-planċir tagħhom, il-banda Sant'Andrija fil-Pjazza tal-Knisja u l-Banda L-Unjoni fi Pjazza Sant'Andrija.



It-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija

Fil-passat dan il-programm kien jikkonsisti f'overture, siltiet minn xi opra b'arranġament għall-banda, xi sinfonija, kif ukoll xi xogħol mużikali ta' xi surmast direttur tal-istess banda. Imma kif jgħidu, iż-żminijiet jinbidlu u aħna rridu ninbidlu magħhom. Illum programm ta' din ix-xorta m'għadux aktar popolari u m'għadux jintgħoġob mill-poplu għax daż-żmien in-nies aktar jieħdu gost jisimgħu mużika sabiħa moderna bħall-kanzunetti, speċjalment bil-parteċipazzjoni ta' kantanti Ħalluqin jew dawk mistiedna b'arranġament għall-banda, siltiet minn films, *musicals* u biċċiet ta' mużika li nistgħu nsejħulha mużika klassika moderna, dejjem b'arranġament għall-banda. Naturalment il-programm tal-Banda L-Unjoni dejjem jispiċċa b'dak l-innu marċ sabiħ, 'Fost il-ferħ int twelidt Banda Tagħna', ta' Mro J. Abela Scolaro, ex-direttur tal-istess banda.

Il-Banda L-Unjoni wara dan il-programm tagħmel marċ qasir u fl-aħħar titla' l-istatwa artistika ta' Sant'Andrija, xogħol il-magħruf statwarju Alfred Camilleri Cauchi fuq il-pedestal maestuż tagħha. F'dan il-ħin il-banda ddoqq l-innu marċ tant sabiħ 'Tutti in coro cantiamo la festa,' ta' Mro. Gaetano Grech, ex direttur tal-istess banda.



It-tlugħ tal-istatwa tal-Anġlu

Fil-jum tas-Sibt iż-żewġ baned jagħmlu marċ ma' diversi toroq tar-raħal, u l-banda li jkollha d-dritta għal dik is-sena tispiċċa l-aħħar. Kif il-marċ tal-Banda L-Unjoni jasal lura quddiem il-Każin tinħareġ l-istatwa tal-Anġlu mill-każin u bil-mod il-mod imexxuha lejn il-pedestal tagħha bejn iż-żewġ pjazez, waqt li l-Banda L-Unjoni tkompli ddoqq marċi popolari. Għal din l-okkażjoni, Pjazza Sant'Andrija dejjem tkun maħnuqa bil-Ħalluqin u ħafna nies minn barra mir-raħal. Trid tkun preżenti biex tesperjenza l-entużjazmu kbir li jkun hemm f'din il-pjazza waqt it-tlugħ tal-Anġlu fuq il-pedestal tiegħu, b'mijiet ta' bżieżaq mitluqin minn fuq il-pedestal, sparar fl-arja ta' bċejjeċ


MARINDEX Ltd.
Winners Never Quit!
Marindex Trophies
offers a wide selection of trophies, medals, shields, plaques, glass tokens, wooden tokens, plates, frames & mugs which suit all types of events and sport.
All items are found at an affordable price and high qualtity materials.
Managed By Gold Lady
Opening Hours: 08:30 - 12:00 / 16:00 - 19:00
E-Mail: goldlady@onvol.net, marindex@onvol.net
Tel: 21673928, 27673928
Address: 1, Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun


Baseggio
paints
LE VERNICI DI VENEZIA
Imported By: 'Tahabel Ltd.'
E-mail: daniel_ferriggi@hotmail.com
Mob: 7953 6969

żgħar ta' karti, ċapċip ma jaqta' xejn, ħruq ta' musketterija minn fuq il-bejt tal-każin, ħruq tal-kaxxa infernali waqt li l-Banda L-Unjoni ddoqq l-innu tal-banda ta' Mro. J. Abela Scolaro, 'Fost il-ferħ int twelidt banda tagħna'.

Il-Ħadd filgħodu l-Banda L-Unjoni, jekk dik is-sena jkollha d-dritta, tferraħ in-nies tar-raħal billi tagħmel marċ mat-toroq prinċipali. Wara nofsinhar il-baned mistiedna jkomplu jferrħu n-nies ta' Ħal Luqa b'marċ f'xi triqat minn fejn tgħaddi l-purċissjoni. Il-banda mistiedna mill-każin tal-Banda L-Unjoni wara ssib postha fuq il-planċier tal-banda biex issellem lil Sant'Andrija waqt il-ħruġ tiegħu mill-knisja kif tibda ħierġa l-purċissjoni. Kif l-istatwa ta' Sant'Andrija titfaċċa fil-bieb tal-knisja fil-bidu tal-purċissjoni, tkun din il-banda fuq dak il-planċier sabiħ tal-Banda L-Unjoni li ssellem lil Sant'Andrija bl-innu marċ ta' Mro Gaetano Grech, ex-direttur tal-Banda L-Unjoni, 'Tutti in coro cantiamo la festa' u marċi oħra.

Wara li l-purċissjoni tkun għaddiet fit-toroq prinċipali tar-raħal, fl-aħħar minn Triq San Gorg titfaċċa fl-isbaħ triq imżejjna fir-raħal, Triq Sant'Andrija, it-triq tal-każin li nistgħu nqisuha bħala estensjoni ta' Pjazza Sant'Andrija. M'hemmx għalfejn wieħed isemmi, il-qofol tal-festa jintlaħaq meta l-istatwa ta' Sant'Andrija tasal quddiem il-każin tal-Banda L-Unjoni u bil-mod il-mod tibda riesqa fi Pjazza Sant'Andrija qabel ma terġa' tidħol lura l-knisja. Xi briju kbir ikun hemm f'din il-pjazza kif l-istatwa tal-patrun tagħna terġa' tasal f'din il-pjazza li tkun maħnuqa bin-nies biex jagħtu l-aħħar tislima lil Sant'Andrija! Fost id-daqq tal-qniepen, murtali tilgħin u ċapċip ma jaqtax, il-kor, akkumpanjat mill-banda mistiedna li jkunu fuq il-pjanċir tal-Banda L-Unjoni, ikantaw innijiet iddedikati lil Sant'Andrija bħall-innu marċ ta' Mro Gaetano Grech, li diġà semmejna. Is-sena l-oħra Neil Zammit qala' mill-arkivju l-innu ta' Mro. Orlando Crescimanno, ex-direttur ieħor tal-Banda L-Unjoni, 'Della fede Andrea padrono', li ma kien indaqq qatt wara l-aħħar gwerra. Huwa diffiċli ħafna biex issib kliem adekwat biżżejjed biex tiddeskrivi din l-atmosfera ta' ferħ u briju li jkun hemm f'din il-pjazza dak il-ħin. Żgur li x-xewqa ta' kull min ikun fi Pjazza Sant'Andrija tkun li kieku kien possibbli, l-istatwa tal-patrun tagħna tibqa' fil-pjazza u ma tidħolx lura fil-knisja.



*Sant'Andrija ħiereġ mit-tempju ddedikat lilu fil-pjazza ewlenija tar-raħal*

Naħseb li minn dak li għadna kemm semmejna, l-ammiraturi ta' dan il-każin intebbħu kemm veru ma kellux għax jiddispjaċihom meta l-każin tagħhom kellu jċedi l-Pjazza tal-Knisja u l-planċier ta' din il-banda beda jintrema fi Pjazza Sant'Andrija. Għax f'din il-pjazza jintlaħaq il-qofol tal-festa—il-ħruġ tal-vara mill-knisja fil-bidu tal-purċissjoni u l-wasla lura tal-vara qabel id-dħul tagħha fil-knisja.

Viva Sant'Andrija u l-Banda L-Unjoni

## *Minn ġot-Tempju Andrean... Festa 2015*















# Kwadri ta' Emvin Cremona jagħlqu Ħamsin Sena

**Neil Zammit**

Il-bini tal-knisja l-ġdida, wara t-tiġrif tat-Tieni Gwerra Dinjija, ġab miegħu tibdiliet sostanzjali fl-arkitettura u d-dimensjonijiet tal-istess binja. Fost l-oħrajn ta' min isemmi l-Kor, li kellu jgħaddi minn sfreġju sħiħ biex tneżża' mill-iskultura kollha li kien igawdi minnha u ħa dehra kompletament differenti minn kif kien qabel il-gwerra. Barra minn hekk, kellhom jinħattu wkoll il-gallariji barokki tal-injam li kien jinsabu waħda fuq kull naħa tal-istess Kor.

Il-post battal fejn qabel kien hemm dawn iż-żewġ gallariji kellu jiġi adattat għall-Kor il-ġdid. Għaldaqstant, il-Perit Andrea Micallef ħejja biex isiru gwarniċi kbar biex fihom jitpittru żewġ kwadi laterali. Minħabba l-ispejjeż kbar li kienet qed tagħmel il-parroċċa, dawn iż-żewġ gwarniċi baqgħu għal numru ta' snin vojta, kif jixhdu xi ritratti meħuda f'nofs is-seklu għoxrin, fejn saħansitra lanqas il-pavimentar tal-korsija ma kien għadu tqiegħed.

## Il-Kummissjoni tal-Kwadri

Intant, tul il-parrokkat ta' Monsinjur Innoċenz Borg, il-Knisja Parrokkjali kompliet tiżżejjen b'għadd ta' opri tal-arti. Fosthom kienu saru żewġ kwadri laterali fl-1966, proprju ħamsin sena ilu, xogħol tal-pittur Emvin Cremona. Wieħed juri lil Sant'Andrija Appostlu mixħut f'riġlejn is-salib tal-martirju, waqt li l-ieħor juri d-depożizzjoni tal-qaddis. L-ispejjeż għal dawn iż-żewġ kwadri kienu nqasmu bejn ċertu Ġużeppi Galea, Ħalluqi tal-Amerika, u l-poplu tar-raħal.

Jidher li l-għażla tal-artist kienet naturali minħabba l-fatt li f'dik il-ħabta, Cremona kien qed jiddomina x-xena artistika ġewwa pajjiżna. Mhux magħruf jekk kinux saru xi abbozzi għal dawn iż-żewġ kwadri kbar, u jekk saru xi studji dwarhom, għadhom qatt ma dehru fil-pubbliku. Jingħad ukoll li meta tlestew il-kwadri, il-Kappillan Borg ma kienx kuntent sal-aħħar bihom, tant li kien kellem lill-pittur Cremona biex jagħmel xi korrezzjonijiet fihom. Iżda dan qatt ma seħħ.



*Emvin Cremona*

Meta mbagħad, erba' snin wara ġie biex ipitter lil

San Pietru u 'l San Pawl li hemm maġenb il-kwadru titulari, Cremona ħa ħsieb joħroġ verament l-espressjoni qawwija tiegħu, tant li huma meqjusa bħala xogħlijiet tajbin ħafna u artistikament ferm aktar b'saħħithom mill-kwadri laterali.

### L-artist Emvin Cremona


L-Adorazzjoni tas-Salib

Emanuel Vincent (Emvin) Cremona twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju, 1919, iben Giuseppe Cremona u Maria Assunta née Mizzi. Fl-1935 huwa daħal fl-iskola tal-Arti, fejn tħarreġ taħt l-artisti magħrufa Robert u Edward Caruana Dingli, u Carmelo Mangion. Fl-1938, Emvin flimkien mal-kollegi tiegħu Willi Apap, Esprit Barthet, u Anton Inglott, telqu lejn Ruma biex jistudjaw fl-*Accademia di Belle Arti*. B'xorti ħażina kellhom itemmu l-kors ħesrem fi żmien sena minħabba li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

Meta rritorna lejn Malta fl-1939, Cremona organizza wirja personali ġewwa l-Belt Valletta. Fl-1941, l-artist inġabar bil-lieva fil-*King's Own Malta Regiment*; madankollu, anke tul il-gwerra rnexxielu jesibixxi xi xogħlijiet minn tiegħu f'żewġ wirjiet kollettivi bejn l-1942 u l-1943. Mhux hekk biss, tant li fl-1943 organizza wirja personali oħra taħt l-awspiċi tal-*British Institute*. Wara l-gwerra mbagħad, fl-1945, ħa sehem f'wirja kbira tal-Arti Sagra li saret hawn Malta stess. Emvin rebaħ ukoll borża ta' studju fis-*Slade School University ta' Londra*, fejn bejn l-1945 u l-1947 studja taħt il-Prof. Randolph Schwabe. Mill-kapitali Ingliża huwa rħielha lejn Pariġi u nkiteb fl-*Ecole Supériere des Beaux-Arts*, fejn għal tliet xhur sħaħ studja taħt il-magħruf Jean Dupas.

Fl-1948 waslet l-ewwel opportunità kbira għall-pittur Cremona, fejn wara l-mewt bikrija ta' sieħbu Anton Inglott, daħal biex ikompli d-dekorazzjoni tal-knisja parrokkjali tal-Imsida, ddedikata lil San Ġużepp. Fis-26 ta' Diċembru tal-istess sena, Emvin iżżewweġ lil Lilian Gatt u kellhom erbat itfal; Marco, Anna-Maria, Silvana u Nadia.

Sena wara laħaq għalliem fl-Iskola tal-Arti l-Belt u kompla bis-suċċessi tal-karriera tiegħu fl-1952 meta fil-Lukanda Phoenicia, taħt l-awspiċi tal-*Malta Cultural Society*, wera 84 biċċa xogħol li kien ipproduċa bejn l-1943 u l-1951. Cremona ħa sehem ukoll fil-*Biennale Internazionale* tal-Arti f'Venezja, filwaqt li xi opri minn tiegħu, murija mill-*Commonwealth Institute* f'Londra fl-1958 kienu mfaħħra mill-istampa Ingliża. L-artist Cremona kien impenjat ħafna fid-dekorazzjonijiet esterni li kienu maħsuba għall-okkażjoni tad-dsatax-il ċentenarju mill-miġja ta' San Pawl fostna. Barra minn hekk, dik is-sena (fl-1960), Emvin ħa sehem ukoll fil-Wirja Pawlina li kienet saret fl-Istitut Kattoliku bħala parti mill-istess ċelebrazzjonijiet.

Fl-1961 Cremona rċieva l-unur ta' Kavallier tal-Ordni ta' San Silvestru Papa. Għal din l-okkażjoni, l-*Institute for Cultural Exchanges* nieda wirja koommemorattiva u ritrospettiva tal-artist. Sentejn wara imbagħad, huwa ngħata l-Midalja tad-deheb mis-

Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, bħala rikonoxximenti għall-kontribut artistiku tiegħu. Fl-1969, Emvin organizza l-aħħar wirja personali tiegħu fil-Mużew Nazzjonali tal-arti ġewwa l-Belt Valletta.

Mill-lat artistiku, Cremona kien meqjus bħala wieħed mill-ewlenin f'pajjiżna li rnexxielu jsib kompromess għaqli bejn l-akkademika u l-idjoma libera, moderna u kontemporanja. Huwa ħadem fuq bosta kummissjonijiet. Ħallielna xogħlijiet f'diversi knejjes f'Malta, fosthom dik tal-Imsida li diġà semmejna, tal-Madonna ta' Fatima f'Gwardamanġia, il-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu, il-knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, il-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, il-knisja ta' San Publju fil-Floriana, il-knisja ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, il-knisja tal-Lunzjata ġewwa Ħal Balzan kif ukoll il-knisja ta' Sant'Andrija Appostlu ta' Ħal Luqa. F'Għawdex ħadem ukoll fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu ġewwa l-Għarb, Għawdex.

Emvin Cremina ta l-kontribut tiegħu ukoll fil-qasam tal-grafika kif ukoll fil-qasam tal-filatelija. Biżżejjed insemmu li bejn l-1927 u l-1979 ħarġu mill-istudju tiegħu xejn anqas minn tnejn u sittin sett ta' bolli. Miet fid-29 ta' Jannar, 1987 fl-għomor ta' 67 sena.

### Analiżi tal-kwadri


*Id-Depożizzjoni*

Iż-żewġ kwadri laterali li naraw fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa jiffurmaw xenografija kontinwa tal-aħħar mumenti ta' ħajjet l-Appostlu Sant'Andrija. Minkejja xi kritika li tista' ssirilhom, iż-żewġ kwadri flimkien joħolqu bilanċ viżiv tassew tajjeb u jikkumplimentaw il-kwadru prinċipali tal-Martirju ta' Sant'Andrija mpitter ħafna snin qabel mill-magħruf Mattia Preti.

Xi ħaġa li mill-ewwel tiġbidlek l-attenzjoni f'dawn iż-żewġ kwadri hija l-mod ekonomiku li bih Cremona juża l-kuluri tiegħu. Il-palett ta' Cremina hi limitata għal skala żgħira ta' lwien mitfija, pjuttost sobri, biex tinħoloq atmosfera kiebja u melankonika, waqt li juża wkoll it-teknika tal-chiaroscuro, jew aħjar logħob bil-kuntrasti tad-dwal u dellijiet.

Cremona jagħmel użu wkoll mill-figuri tawwalija, billi jpitter il-figura umana dejqa u tawwalija aktar minn normal. Dan l-effett imur tajjeb ukoll max-xeħta impressjonista li juża l-artist f'dawn iż-żewġ xogħlijiet, fejn ħafna mid-dettalji u espressjonijiet huma neqsin minn enfasi żejda, waqt li d-daqqiet tal-pinzell huma kemxejn raffi u nieqsa minn kull delikatezza.

Fil-kwadru tal-Adorazzjoni tas-Salib naraw lill-Appostlu Sant'Andrija għarkupptejh fuq in-naħa tax-xellug, imneżża' sa qaddu, b'idejh marbutin wara dahru u mgħasses minn suldat u uffiċjal tal-kavallerija riekeb fuq żiemel. Fuq il-lemin jidhru l-manigoldi li qed jippreparaw is-salib biex ikunu jistgħu jorbtu l-ġisem tal-ikkundannat. Minn bejn

is-sħab impitter fl-isfond tidher ħierġa dija taqsam il-kwadru biex tillumina l-figura ċentrali. Fin-nofs tal-kompożizzjoni jidhru wkoll xi nies mill-Belt ta’ Patras, josservaw din ix-xena qabel it-tislib.

Is-suġġett primarju tat-tieni kwadru jinsab impitter fuq in-naħa tal-lemin, fejn jidhru żewġt irġiel iġorru l-ġisem mejjet ta’ Sant’Andrija, flimkien ma’ persuni oħra li qed iħejju għad-difna. Fuq in-naħa l-oħra tal-kwadru jidhru grupp ta’ persuni oħra, fosthom raġel u mara li qed ilissnu xi kliem bejniethom. Fin-nofs tal-kompożizzjoni tiddomina l-arkitettura ta’ bini klassiku, b’kolonna bi statwa pagana fuqha li tirreferi għat-twemmin tal-poplu tal-Belt ta’ Patras.

**Bibliografija**

Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, 1985
Robbie Mifsud Bonnici, Dizzjunarju Biji-Bibliografiku Nazzjonali, Dipartiment tal-Informazzjoni, 1960
E.V. Borg, F’Għeluq l-Ewwel Anniversarju mill-mewt ta’ Emvin Cremona, In-Nazzjon Tagħna, 1988
Sit Uffiċjali tal-Parroċċa - www.luqaparish.com

**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD**

MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000
Tel: 21898046 • Fax: 21666400
Email: info@silvercraftltd.com



**Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.**

**We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.**

**You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.**

# Transulazzjoni solenni lejlet il-festa ta' Sant'Andrija Appostlu (Is-Sibt 4 ta' Lulju, 2015)














SANTA MARIJA
SERVICE STATION
MAIN STREET MELLIEĦA

Panel Beater
Car Repairs & Servicing
Battery & Tyre Servicing
Wheel Balancing
Car Wash Service
also available

**Tel: 2157 3918**

Vigo
MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001



# L-Istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu u l-Fdalijiet Tiegħu fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma

**Joseph Piscopo**

Meta kienet qed tinbena l-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma, il-Papa ta' dak iż-żmien, Piju II, talab lill-Gian Lorenzo Bernini sabiex mal-erbgħa pilastri prinċipali jagħmel niċeċ kbar li fihom xtaq li jitpoġġew l-iktar relikwi presitġjużi li kellha dak iż-żmien din il-Bażilika; l-lasta ta' Lonġinu (li biha kien nifhed il-kustad ta' Kristu), il-velu tal-Veronika, fdal tas-Salib Imqaddes li nstab minn omm Kostantinu, Elena, kif ukoll ir-ras qaddisa ta' Sant'Andrija Appostlu. Ħafna kienu kritiċi għall-kunċett ta' niċeċ kbar mal-pilastri prinċipali, għax beżgħu li dawn ma kinux ser ikunu b'saħħithom biżżejjed sabiex iżommu l-piż tal-koppla tal-Bażilika. Għal ġo dawn in-niċec inħadmu erbgħa statwi enormi fl-irħam, waħda maħduma minn Bernini nnfisu fl-1638 u t-tliet statwi l-oħra nħaddmu minn studenti li kienu jitħarrġu fil-bottega tiegħu. Dawn kienu Franceso Mochi, Andrea Bolgi u Francois Duquesnoy, li ħadmu l-istatwi tal-Veronika, l-Imperatriċi Sant'Elena u Sant'Andrija rispettivament.




### Il-Fdalijiet ta' Sant'Andrija f'Ruma

L-istorja ta' kif il-fdalijiet tal-ewwel Appostlu spiċċaw fil-Bażilika ta' San Pietru hi pjuttost imqanqla. L-Appostlu Sant'Andrija ħa l-martirju tiegħu fil-belt ta' Patras, fil-Greċja. Fis-sena 357, l-Impertatur Konstantinu II ordna li dawn il-fdalijiet jittieħdu minn Patras għall-belt ta' Kostantinopli, fejn tpoġġew fil-Knisja tal-Appostli. Bejn is-snin 867 u 886 ir-ras ittieħdet lura lejn Patras fuq ordni tal-Imperatur Bażilju I. Fis-sena 1208 il-kumplament tal-fdalijiet tiegħu, flimkien ma' dawk ta' San Pietru, ittieħdu minn Kostantinopli għall-Amalfi, fejn inbena l-Katridal li hemm illum b'unur tiegħu. Fis-sena 1461 ir-ras ta' Sant'Andrija ttieħdet minn Patras mit-tifel tal-Imperatur

Biżantin, Manuel II. Dan irregalha lil Papa Piju II u dan iddeċiedha li jpoġġieha f'wieħed mill-erbgħa pilastri prinċipali fil-Bażilika ta' Ruma u fuqha ssir statwa ta' dan l-Appostlu.

Ta' min jgħid li fl-24 ta' Settembru 1964, il-Papa Pawlu VI, bħala ġest ta' ħbiberija mal-Knisja Ortodossa Griega, ordna li l-fdalijiet kollha li kien hemm fil-Vatikan ta' dan l-Appostlu, inkluż ir-ras li kienet fil-Bażilika ta' San Pietru, jiġu rritoranti lura lill-belt ta' Patras. Il-preżentazzjoni saret minn 15 il-Kardinal immexxija mill-Kardinal Augustin Bea. Wara l-preżentazzjoni sar pellegrinaġġ b'dawn il-fdalijiet qaddisa li għalih attendew eluf ta' nies fosthom il-Prim Ministru Grieg George Papandreou. Dawn il-fdalijiet għadhom jinħarġu għad-devozzjoni nhar it-30 ta' Novembru ta' kull sena fil-Katidral ta' Patras.



*Francois Duquesnoy*

## L-Istatwa ta' Sant'Andrija ta' Francois Duquesnoy

L-artist tal-istatwa ta' Sant'Andrija li saret fil-Bażilika ta' San Pietru, kien wieħed Belġjan, bl-isem ta' Francois Duquesnoy. Bħall-aqwa artisti barokki ta' żmienu mar Ruma sabiex ikun fil-belt li kienet meqjusa bħala ċ-ċentru tal-arti ta' dik l-era. Hu kien ġej minn familja ta' artisti. Infatti missieru, Jerome, kien skultur li għamel diversi xogħlijiet fil-belt ta' Brussell. Francois beda bil-ħidma tiegħu fil-belt fejn trabba u l-Arċiduka ta' din il-Belt, malli induna bil-ħila artistika tiegħu, ħallaslu sabiex imur ikompli jistudja f'Ruma.

Hu maħsub li hu wasal Ruma fis-sena 1618 u baqgħa hemm tul ħajtu kollha. Ftit hu magħruf dwar fejn tħarreġ fl-ewwel snin tiegħu f'Ruma. Li nafu fi żgur hu li kien beda jistudja l-arti klassika Rumana u sar ħabib ma' artist ieħor li bħalu kien iħobb l-arti klassika; Nicolas Poussin. F'dawn is-snin hu ħadem sabiex irrestawra diversi opri klassiċi Rumana li kienu fi stat ħażin. Diversi minnhom kienu bla ras u b'diversi partijiet oħrajn neqsin. Duquesnoy kien jitqabbad sabiex dawn l-opri jiġu fl-aħjar stat possibbli. Xi wħud mix-xogħlijiet li hu rrestawra llum jinsabu fil-Louvre, f'Pariġi.

Matul is-snin 1627 u 1628 hu ħadem mal-artist Gian Lorenzo Bernini. Fis-sena 1629 hu rċieva l-iktar kummissjonijiet importanti tal-karriera artistika tiegħu; Santa Susanna, għall-Knisja ta' Santa Marija ta' Loreto, u Sant'Andrija, għall-Bażilika ta' San Pietru. Santa Susanna kienet l-ewwel li hu ħadem minn dawn iż-żewġ kummissjonijiet. Din l-istatwa, bil-ħarsa ħosbiena tagħha u l-irfinezza li rnexxielu joħloq fl-ilbies, waslitu sabiex ikun imfaħħar minn bosta. Din l-istatwa turi l-influwenza li hu kellu mill-arti klassika Rumana.

Sadanittant fl-istess sena, l-1629, beda jaħdem wkoll fuq l-istatwa ta' Sant'Andrija. Jingħad li hu xtaq li din l-istatwa titpoġġa flok dik ta' Lonġinu, minħabba l-fatt li d-dawl tax-xemx kien jilħaq biss il-pilastru fejn kien hemm din l-istatwa. L-istatwa li ħadem Duquesnoy turi lil Sant'Andrija jħares 'il fuq lejn il-lemin u b'idu x-xellugija mgħollija

b'sens ta' solennità. Din l-istatwa kienet ta' ispirazzjoni għall-ħafna artisti li ġew wara Duquesnoy. Dawn setgħu jimitaw dan il-kapolavur billi jaraw xi inċiżjoni, li f'dan il-perjodu kienu popolari fin-nuqqas ta' mezzi oħrajn. Hekk għamel ukoll l-artist Malti Giuseppe Scolaro, meta fis-sena 1779 ħadem l-istatwa titulari tar-raħal tagħna.

Wara diversi snin jaħdem fil-belt ta' Ruma, fis-sena 1643 hu ġie offrut li jmur Pariġi bħala l-iskultur prinċipali tar-Re Lwiġi XIII. Dan ir-Re xtaq li Duquesnoy jwaqqaf l-Akkademja Rjali tal-Iskultura f'Pariġi. Pero, sfortunatament miet fl-għomor ta' 46 sena hekk kif kien ser jitlaq minn Livorno, fl-Italja fi triqtu lejn Pariġi.

Illum il-ġurnata nistgħu napprezzaw l-ħila ta' dan l-artist, ftit li xejn magħruf, fl-opri sbieħ li ħalla warajh u li jinsabu mifruxa fl-Ewropa kollha fl-aktar mużewijiet importanti fid-dinja tal-arti.



# Pet Care

Joseph Buhagiar
*Proprietor*



Qrendi Road
Żurrieq
Tel: 2164 9727

# J.B. Concrete Mix

**SUPPLIER OF CONCRETE & SOFT STONE**
**SMALL TRUCK SERVICE SINGLE AXLE**
**HIGH UP SERVICE • CRANE HIRE**

PLANT
Misraħ Sinjura in Siġġiewi Road, Qrendi
**Tel: 2164 0778**
**Mob: 9947 3741**

RESIDENCE
'JulieJo', Ramija Street, Siġġiewi
**Tel: 2146 4622**







***Purċissjoni solenni nhar il-festa ta' Sant'Andrija Appostlu (05 ta' Lulju, 2015)***





# CHARLES Motoring School

(Ta' Ċelest)

**John & Emmanuel Magro**

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 9024, 2168 9531, 2164 0275
Tel/Fax: 2168 2200
Mob: 9949 0184, 9947 8829

# SIX BAR

Żuru dan il-Bar għal Xorb ġenwin b'appetizers f'atmosfera familjari u ferriħija



**il-proprjetarji jawguraw il-Festa t-Tajba liż-Żrieraq kollha**

**Jiftaħ kuljum mill-3.45am 'il quddiem**

**Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq**



# Il-Filarmonica *L'Unione* fit-twaqqif taċ-*Circolo Ceschi* fl-1886

Is-sena 1886 rat lill-Banda L-Unjoni tiġri aktar lil hinn minn xfar ir-raħal u ddoqq f'Tas-Sliema u l-Belt Valletta. L-ewwel okkażjoni kienet l-inawgurazzjoni taċ-*Circolo Ceschi* ġewwa tas-Sliema li fih twieldet is-Soċjetà Filarmonika *I Cavalieri di Malta;* serata li saret nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju 1886.

Fost il-mistednin distinti kien hemm uhud mill-Kunsill tal-Gvern. Dakinhar il-Banda L-Unjoni daqqet quddiem il-Każin sa tard billejl quddiem folla kbira miġbura. It-tliet aħwa Gavino, Ferdinando u Emmanuele Camilleri, fundaturi ta' din il-banda ġdida ġew imfaħħra għall-ħidma tagħhom. Il-programm li esegwiet il-Filarmonika L-Unjoni kien dan:

| | | |
|---|---|---|
| Passo Doppio | La Victoria | G. Camilleri |
| Valser | My Queen | P.Bucalossi |
| Selection | Martha | Flotow |
| Polka | Solo Cornet | G. Camilleri |
| Selection | Les Cloches De Gorneville | Planquette |
| Valser | Jeunesse Doree | Waldteufel |

**Bibliografija**
Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni, 2005



Domenica prossima alla Sliema avrà luogo l'apertura del *Circolo Ceschi*.
I componenti il comitato dello stesso con a capo i Signori Vincenzo German Francesco Di Costanzo e Giuseppe Cali, onde rendere più suntuosa e gaja tale apertura si sono divisati di invitare la Filarmonica l'*Unione* di Casal Luca la quale suonerá sul molo della Sliema pezzi scelti di musica.
Avrà luogo pure il solito divertimento della *Giostra*.

*Il Popolo, 17 ta' Lulju 1886*



Rosy's
UNISEX SALON
MOB: 99596769
Triq Leonardu Abela c/w
Triq il-Kurunell Mas
Tarxien
Steam pod: the new straightening and smoothing service, for a sleek, shiny-looking finish.
Keratin Treatment from € 70
Full Maybelline makeup range in stock
Opening Hours:
Tuesday & Wednesday by appointment
Thursday 4pm till 7pm
Friday 4pm till 8pm
Saturday 9:30 am till 5:30pm




THE CORE
BEAUTY & WELLBEING
... where Beauty is at Heart
6, Sebastian Saliba Street , Luqa -- Contact Mariella Borg on 2180 6989 or 9927 3375
GUINOT & DERMALOGICA Customised Facials for all skin types and conditions
(Acne Prone skins, Pigmentation problems, Sensitive skins, Anti-ageing treatments and much more)
GUINOT Non Surgical Facial Lifting Treatments
Electroloysis -- Waxing -- Manicures -- Pedicures
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage
PUPA MILANO
fanghi d'alga GUAM
GUINOT INSTITUT • PARIS
dermalogica
EVAGARDEN
MARY COHR PARIS







***Solennità ta' Sant'Andrija Appostlu 30 ta' Novembru 2015***



# Horace Enterprises Ltd.

*Trophies, Sports Goods & Merchandising*

70, Triq Raymond Caruana
Gudja GDJ 1012, Malta

**T:** 2169 6302

**M:** 9942 0346

**E:** horaceltd@gmail.com

**W:** www.horace-ent.com



**Horace Micallef**
*Proprietor*





# Lamagna, Frendo Rosso, Tagliaferro u Pavia

## *Erba' qassisin Sengleani jsiru Kappillani f'Ħal Luqa*

**Fabian Mangion**
*B.A., S.Th. Lic.*

L-irħula ta' madwar Ħal Luqa kienu qed isiru parroċċi wieħed wara l-ieħor: Ħal Kirkop u Ħal Tarxien fl-1592; l-Imqabba u Ħal Safi fl-1598; u l-Qrendi fl-1618. Dawn, barra l-Qrendi, kienu jagħmlu mal-Parroċċa ta' Birmiftuħ u għalhekk, ix-xewqa li Ħal Luqa wkoll isir parroċċa bħalhom, kompliet tikber.

Meta f'Jannar 1630 l-Isqof Baldassere Cagliares (1615-1633)[1] żar Ħal Luqa, in-nies urewh ix-xewqa li r-raħal tagħhom isir parroċċa. Hu talabhom jiktbu Ruma filwaqt li ħeġġiġhom jibnu knisja akbar. Fis-supplika li saret lis-Santa Sede, tfissru sewwa r-raġunijiet ewlenin għaliex kien hemm il-bżonn li jsir hekk. Il-Kappillan ta' Birmiftuħ, Dun Marju Mallia, ta wkoll l-kunsens tiegħu biex Ħal Luqa jsir parroċċa.

Ħal Luqa sar parroċċa permezz tad-digriet tal-Papa Urbanu VIII li jġib id-data tal-4 ta' Marzu 1632.[2] B'hekk, il-Ħalluqin setgħu jaraw mitmuma x-xewqa kbira tagħhom. Fil-15 ta' Mejju 1634 huma assistew għall-pussess ta' Dun Wistin Cassia,[3] qassis żagħżugħ ta' tletin sena minn Ħal Qormi, bħala l-ewwel Kappillan ta' Ħal Luqa.



*Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Dun Ġużepp Lamagna kif tidher fl-arkivju tal-Parroċċa tal-Isla.*

Minn dakinhar sal-lum, għaddew tliet mija u tnejn u tmenin sena. Matul dawn is-snin, il-poplu ta' dan ir-raħal sab għajnuna fl-għejxien ta' ħajja Nisranija aħjar mingħand bosta saċerdoti. Dan is-sostenn u xhieda, b'mod partikulari, twasslu lill-Ħalluqin mingħand it-tletin Kappillan li tul dawn is-snin kienu maħtura bħala r-rgħajja spiritwali ta' din il-parroċċa. Filwaqt li tlieta biss minn dawn il-Kappillani kienu minn Ħal Luqa,[4] l-oħrajn kollha ġew minn diversi bliet u rħula Maltin u saħansitra wieħed mill-Qala, Għawdex.[5] Erba' minn dawn il-Kappillani – Dun Ġużepp Lamagna, Dun Lawrenz Frendo Rosso, Dun Ġużepp Tagliaferro u Dun Salv Pavia – kienu qassisin Sengleani.

### Dun Ġużepp Lamagna (1678 - 1683)

Iben Vincenzo Lamagna u Bernarda, Ġużeppi ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla nhar it-3 ta' Marzu 1639 minn Dun Mark-Anton Ciappara, Kappillan.[6] Ħuh Dun Pawl ipprovdielu l-patrimonju biex seta' jkompli jistudja għal qassis.[7] Meta kien għadu djaknu, allura fil-15 ta' Lulju 1661, kien fost dawk is-sitt fundaturi,[8] ilkoll mill-kleru Senglean, li ressqu talba quddiem l-Isqof Mikiel Balaguer de Camarasa (1635-1663) biex jiftħu Oratorju ta' San Filippu Neri fl-Isla stess. Fit-28 ta' Marzu 1662, u wara li kellem lil Dun Franġisk Azzopardi,[9] il-Kappillan tal-Isla, l-Isqof Balaguer de Camarasa ħareġ id-digriet li bih laqa' t-talba tagħhom biex jgħixu f'komunità taħt ir-Regola li San Filippu Neri kien kiteb għall-qassisin f'Ruma.[10]

Fid-9 ta' Mejju 1663, Dun Ġużepp Lamagna ġie ordnat saċerdot.[11] Fl-1672, huwa ġie appuntat prokuratur tal-artal ta' Santa Katerina li kien ġie mwaqqaf fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla.[12]

Fl-1678, il-Kappillan tal-Isla Dun Ġwann-Dumink Attard ilmenta li Dun Ġużepp naqas milli jattendi għat-talb tal-Uffiċċju Divin fil-Knisja Parrokkjali. Hu wera wkoll dispjaċir għall-fatt li l-imġiba ta' Dun Ġużepp, li kien qed joqgħod ma' ċerta Innoċenza Felici,[13] kienet qed toħloq xi tip ta' skandlu għall-parruċċani. Jidher, imma, li ma kienu ttieħdu l-ebda passi kontra tiegħu u għaldaqstant wieħed jassumi li dan l-għajdut kien infondat.[14]

Bl-Ittri Appostoliċi li jġibu d-data tat-8 ta' Awwissu 1678, Dun Ġużepp Lamagna ġie maħtur bħala r-raba' Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa.[15] Hu ġie mogħti l-pussess tal-parroċċa fit-22 ta' Settembru 1678.



*Ir-reġistrazzjoni tal-mewt u s-sifna ta' Dun Ġużepp Lamagna meħuda mir-reġistri parrokkjali tal-Isla*



Hawn wieħed ma jridx jinsa li sentejn qabel, jiġifieri f'Diċembru tal-1675, Malta kienet maħkuma mill-imxija tal-pesta li kienet mifruxa mal-Gżira kollha. Fl-10 ta' April 1676, Mikiel Azzopardi kien l-ewwel vittma f'Ħal Luqa.[16] Fra Tomaso de Bene, li kien il-Kaptan tad-Distrett li Ħal Luqa kien jagħmel parti minnu, ħa f'idejh bini ta' ċertu Giovanni Vincenzo Abela, li kien post fejn soltu jinżammu l-annimali, u biddlu fi sptar għall-morda. Tul din l-imxija, Ħal Luqa tilef 66 persuna mill-abitanti tiegħu. Fost dawn kien hemm anke kirurgu li safa vittma waqt li kien qed jikkura l-morda tar-raħal.[17]

Dan kollu juri biċ-ċar li, hekk kif ġie appuntat Kappillan f'Ħal Luqa, Dun Ġużepp sab ma' wiċċu diversi problemi li kienu konsegwenza diretta ta' dik il-pesta qalila kienet li ħasdet il-ħajja ta' 11,300 persuna madwar Malta kollha. Kif ingħad diġà, il-predeċessur tiegħu ma kellux ċimiterju fejn seta' jidfen il-vittmi u għalhekk, difinhom f'għalqa li kienet tinsab fil-periferija tal-lokalità. Ġara iżda li, Dun Vinċenz Griscti, il-Kappillan ta' Birmiftuħ, beda jisħaq li dik l-għalqa kienet fil-limiti tal-parroċċa tiegħu, u għalhekk,

il-Kappillan ta’ Ħal Luqa ma kellu l-ebda jedd fuq dak it-territorju.

Iż-żewġ Kappillani dehru quddiem l-Isqof Mikiel Ġlormu Molina (1678-1682) fl-14 ta’ Mejju 1679, waqt il-Viżta Pastorali f’Ħal Luqa. L-Isqof, min-naħa tiegħu, sema’ l-ilmenti taż-żewġ naħat u solva l-problema b’mod diplomatiku ħafna. Hu ddeċieda li l-Kappillan ta’ Ħal Luqa, filwaqt li jibqa’ jżomm għandu l-muftieħ tal-post u li jkun hu l-ewwel li jbierek iċ-ċimiterju fl-Għid tal-Imwiet, kellu wkoll l-obbligu li jagħti aċċess liberu lill-Kappillan ta’ Birmiftuħ kull meta dan kien ikollu l-ħtieġa li jidħol fis-sit taċ-ċimiterju.[18]

Il-knisja ċkejkna magħrufa bħala Santa Marija tal-Ftajjar fi Triq il-Karmnu ħadet is-sura attwali tagħha fl-1613. Fl-1667 l-Isqof Luqa Buenos (1666-1668) ordna li ssir pittura ġdida għax il-kwadru titulari l-antik tal-Madonna kien spiċċa għalkollox. It-titular il-ġdid tal-Assunta sar minn Giuseppe d’Arena (c. 1643-1719) fl-1679 fi żmien il-Kappillan Lamagna. Ħallas għalih Tumas Abela li bi flusu għamel ukoll ħawt tal-ilma mbierek.

Tul il-parrokat ta’ Dun Ġużepp f’Ħal Luqa, tkompla x-xogħol fuq il-bini tal-knisja l-ġdida. Għall-bidu kien maħsub li kien ħafna aħjar li jingħata bidu għall-bini tal-kampnar, imma kien ġie deċiż li jkun aktar jaqbel li tingħata attenzjoni għal bini ta’ zuntier madwar il-bini tal-knisja. Dan kien lest sas-sena 1681. Jidher iżda li, sa mill-1679, l-Isqof Molina kien aktar tal-opinjoni li jingħata bidu għall-bini tal-kampnar. Dan minħabba l-fatt li kien ta ordni biex tliet qniepen żgħar, li kienu jappartjenu għal tliet knejjes li kienu ġew magħluqa għall-qima pubblika, jiddewbu u bil-bronż tagħhom issir qanpiena kbira għall-Knisja Parrokkjali.[19]

F’xi żmien qabel l-1679, tabernaklu elaborat, imżejjen b’kolonni u statwi, ġie ingastat fiċ-ċentru tal-iskannell tal-artal maġġur. Din l-istruttura kienet magħmula minn injam indurat.

Dun Ġużepp Lamagna, fi Frar tal-1683 ta r-riżenja tiegħu minn Kappillan ta’ Ħal Luqa u f’Novembru tal-istess sena ġie maħtur Kappillan Konventwali fi ħdan l-Ordni ta’ San Ġwann. Aktar tard, huwa ġie appuntat Rettur tal-Knisja tal-Epifanija li kien hemm fil-Kastell Sant’Anġlu.[20]

Jidher li meta temm il-parrokat tiegħu f’Ħal Luqa, Dun Ġużepp reġa’ mar jgħix fost qrabatu fl-Isla, belt twelidu, fejn miet fit-12 ta’ Novembru 1697. Bil-permess tal-Gran Mastru Raymond Perellos y Rocaful (1679-1720), ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla l-għada ta’ mewtu. Jidher li mewtu kienet waħda għal għarrieda[21] għaliex naqas li jirċievi l-Aħħar Sagramenti. Minkejja dan, l-Isqof David Cocco Palmieri (1684-1711) kkonċeda li Dun Ġużepp jindifen fil-knisja.[22]

## Dun Lawrenz Frendo Rosso (1864 - 1877)

Il-Kan. Dun Vinċenz Cachia, it-tieni Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Isla,[23] nhar is-26 ta’ Settembru 1808, għammed, fil-fonti tal-istess Knisja Kolleġġjata lil Lawrenz, iben Ġlormu Frendo u Maria Anna Rosso.[24] L-ewwel isem li jidher fir-reġistru tal-Magħmudija huwa Feliċ, imbagħad,


Anno D. 1808. Die vero XXVI. Septembris
Ego Archipr. Vincentius Cachia Parochus hujus Civ: Senglea baptizavi Infantem natum heri ex Hieronymo Frendo, et Maria Anna Rosso Conjug. meis Parochianis cui impositum est nomen Felix Laurentius Joannes Baptista Vincentius. Patrini fuere Felix Rosso filius qm Joannis Baptiste et Rosa uxor ejus ex hac Parecia.
Felix Laurentius Joannes Baptista Vincentius Frendo
Anno D. 1808. Die vero XXVII. Septembris

Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta’ Dun Lawrenz Frendo Rosso miġjuba mill-arkivji tal-Parroċċa tal-Isla

Lawrenz, Ġwanni Battista u Vinċenz. Il-parrinijiet kienu Feliċ Rosso, iben Ġwanni Battista, u martu Rosa, it-tnejn mill-Isla.

Kien it-Tlieta, 26 ta' Ġunju 1832 meta d-Djaknu Dun Lawrenz resaq biex jirċievi l-Ordni Sagri.[25] Lil Dun Lawrenz narawh, għal ftit snin, jagħmel parti mill-kleru tal-Parroċċa tal-Isla. Lejn is-sena 1837 ġie maħtur Viċi-Parroku tal-Imsida.[26] Għaxar snin wara, jiġifieri fis-16 ta' April 1847, huwa ġie mogħti l-pussess bħala membru tal-Kapiltu tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina tal-Isla u, fl-istess waqt, maħtur Kanonku Penitenzier.[27]

Fit-28 ta' Ottubru 1859, il-Kan. Frendo Rosso, li kien Duttur tal-liġi, ġie maħtur Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' San Bartilmew, Ħal Għargħur.[28] Wara l-mewt ta' Dun Franġisk Saverju Xuereb, Kappillan ta' Ħal Għargħur, li seħħet nhar id-29 ta' Ottubru 1859, huwa ġie maħtur bħala d-disa' Kappillan ta' dak ir-raħal. Monsijur Isqof Gajtanu Pace Forno OSA (1857-1874) tah il-pussess tal-imsemmija parroċċa nhar l-4 ta' Marzu 1860. Huwa dam Kappillan ta' dan ir-raħal sal-1864.[29] Kien l-ewwel Kappillan ta' Ħal Għargħur li kellu l-privileġġ li jilbes il-pellegrina u faxxa sewda fuq is-suttana.[30]

Kienu seba' l-qassisin li fl-1864, wara l-mewt tal-Kappillan Dun Pietru Cassar,[31] resqu għall-eżami li minnu kellu jintgħażel Kappillan ġdid għar-raħal ta' Ħal Luqa. Dun Lawrenz Frendo Rosso kien wieħed minnhom u deher li hu kien l-iżjed wieħed li jixraqlu li jieħu din il-ħatra. Għalhekk, fil-21 ta' Frar 1864 huwa ġie mogħti l-pussess, minn Mons. Isqof Pace Forno wkoll, bħala s-sittax-il Kappillan ta' Ħal Luqa.

Deskritt bħala "*vigilante parroco*",[32] Frendo Rosso ħadem ħafna kemm biex jara lill-poplu fdat f'idejh miexi 'l quddiem fil-ħajja Nisranija, kif ukoll biex ikompli jżejjen lit-tempju b'opri ġodda u ta' preġju. Insibu li, fi żmien il-parrokat tiegħu, sar l-Ostensorju li għadu jintuża sal-lum fil-festa ta' Sant'Andrija.[33] Fit-3 ta' Frar 1865 kien sar kuntratt mal-aġentier Milaniż Achille Capsa, li kien joqgħod il-Belt, biex jaħdem ostensorju tal-fidda f'forma ta' lanterna għal fuq l-artal maġġur. Kellu jkun manifatturat *a martello* fuq disinn tal-istess arġentier.[34] L-Ostensorju nġieb Ħal Luqa fid-9 ta' Jannar 1866. Intuża għall-ewwel darba fil-festa ta' Sant'Andrija ta' dik is-sena.[35]


Die 24 Maii 1877

*Ir-reġistrazzjoni tal-mewt u d-difna tal-Kappillan Dun Lawrenz Frendo Rosso meħuda mill-arkivju parrokkjali ta' Ħal Luqa*

Fi żmien dan il-Kappillan, Mikelanġ Sapiano (1826-1912), il-magħruf arluġġar kien prokuratur tal-Erwieħ tal-Purgatorju u għalhekk iċ-ċimiterji kollha tar-raħal kienu f'idejh. F'dak iż-żmien, iċ-ċimiterju kien xi erba' piedi 'l fuq mit-triq u kien qisu bħal ġnien żgħir imdawwar b'erba' ħitan u bieb tal-injam. Sa dan iż-żmien ma kien għad hemm l-ebda sinjal li jindika li kien ċimiterju u lanqas devozzjoni lejn dawk l-erwieħ li mietu bil-pesta, ma kien fadal.[36]

Dun Lawrenz Frendo Rosso kien ir-ragħaj spiritwali tal-Parroċċa ta' Sant'Andrija għal 13-il sena u baqa' Kappillan sa ma miet fl-22 ta' Mejju 1877. Il-funeral tiegħu sar, l-għada ta' mewtu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa u ġie midfun fl-istess knisja fil-qabar numru 10.[37]

## Dun Ġużepp Tagliaferro (1884 - 1887)


Anno Dñi 1847. Die vero 28. Octobris
Admo Rdus Dnus D. Franciscus Colombo Canonicus hujus S. Ins. Colleg. et Parlis Ecclesia Civ. Senglea mea commissione baptizavit Infantem here natum ex Joanne Baptista Tagliaferro, et Ma Magdalena Colombo Conjugibus meis Parochianis, cui impositum est nomen Joseph. Simon, Blasius, Thomas, Fortunatus, Leonardus. Patrini fuere DD. Joseph Demajo filius Thoma et Carmela Pellegrino uxor ejus, e Senglea.
Eodem Die = Rev. D. D. Paulus Bellia Vice-par
Joseph, Simon, Blasius, Thomas, Fortunatus, Leonardus. Tagliaferro.

Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Dun Ġużepp Tagliaferro mill-arkivju tal-Parroċċa tal-Isla

Ġużepp twieled fl-Isla fis-27 ta' Ottubru 1847 minn Ġwanni Battista Tagliaferro u Maria Madalena Colombo. L-għada ta' twelidha, din it-tarbija ġdida ttieħdet fil-Knisja Kolleġġjata tal-Isla biex fis tiġi mżejna bil-qawwa tas-sema mogħtija mis-sagrament tal-Magħmudija. Hemm, hija sabet jistenniha l-Kanonku Dun Franġisk Colombo,[38] lest biex isawwab fuqha l-ilma mqaddes. Filwaqt li l-parrini fis-sagrament kienu Dr. Ġużeppi Demajo u martu, Carmena Pallegrino, it-tnejn mill-Isla, fil-fonti, it-tarbija ġie mogħtija wkoll l-ismijiet ta' Xmun, Bjaġju, Tumas, Fortunat u Leonardu.[39]

Fit-30 ta' Awwissu 1863, hu ġie milqugħ fost il-kjeriċi billi ġie mogħti t-tonsura klerikali mill-Isqof Pace Forno fil-kappella tal-palazz tal-Isqof, il-Belt Valletta.[40] Sitt ijiem wara, fil-5 ta' Settembru, hu ġie aċċettat bħala Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Isla. Ma kellux ħlief 15-il sena.[41] Minn Jannar tal-1869, jiġifieri fis-sena ta' qabel ma ġie ordnat qassis, narawh ukoll jaqdi r-rwol ta' segretarju tal-Kapitlu.[42]

Fl-età ta' 23 sena, Tagliaferro, fis-17 ta' Diċembru 1870, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Pace Forno, fl-Oratorju ta' San Ġwann, il-Belt.[43] Mit-2 ta' Jannar 1871 sal-31 ta' Marzu 1881, hu kien il-Viċi-Parroku tal-Isla. Minbarra li beda jitħarreġ minnufih fil-predikazzjoni, Tagliaferro kien iqarar ukoll lill-Ingliżi li kienu jgħixu fl-Isla. F'dak iż-żmien, bejn Ottubru 1876 u Marzu 1877, il-parroċċa kienet ġiet f'idejh għaliex l-Arċipriet Colombo kien marid.[44]

Fit-18 ta' April 1881, Tagliaferro ġie mogħti l-pussess bħala Kappillan tal-parroċċa ċkejkna ta' Ħal Safi.[45] Fl-ewwel sena li għamel Ħal Safi, huwa qabbad lill-arġentier Roberto Cannataci biex jagħmel xogħol bid-deheb u l-fidda fuq is-salib tal-Kor.[46] Għal dan ix-xogħol kienu ntefqu 43 skud.[47] Fl-1882 kienu saru tiswijiet fuq it-twieqi tal-knisja bi spiża ta' 111 skud.

Dun Ġużepp ftit li xejn dam Kappillan f'Ħal Safi.[48] Wara erba' snin, f'Novembru 1884, l-Isqof Carmelo Scicluna bagħtu Ħal Luqa biex iservi bħala Kappillan hemm.[49]

Tagliaferro ġie mogħti l-pussess bħala t-tmintax-il Kappillan ta' Ħal Luqa nhar it-Tnejn, l-1 ta' Diċembru 1884.[50] F'dak l-istess jum kien ġiet iċċelebrata l-festa titulari ta' Sant'Andrija.[51] Għal Ħal Luqa, dik il-festa tas-sena 1884, kienet okkażjoni mhux tas-soltu. Dan għaliex, għall-ewwel darba, fiha ħadu sehem ż-żewġ baned tar-raħal: il-Banda *L'Unione* u l-Banda *Sant'Andrija*. Barra minn hekk, nhar il-festa, ħa l-pussess

il-Kappillan il-ġdid.

Il-Ħadd lejlet il-festa, folla kbira ta' nies ġiet ir-raħal biex tassisti għat-tranżlazzjoni u tgawdi l-festi esterni ta' dakinhar. Il-mixegħla kienet bit-tazzi taż-żejt u l-fjakkli. Jingħad li r-raħal kien ħuġġieġa waħda. L-imsemmija baned għamlu marċ mat-toroq tar-raħal. Fil-ġurnal *Malta* inkiteb "*Era poi stupendo il vedere in un casale cosi piccolo due societa filarmoniche rivali, eseguire, sotto la direzione dei loro rispettivi Maestri Signori I. Galea e G. Camilleri, bellissimi pezzi di musica e far si he la gente accorresse per ammirare l'abilita di quei dilettanti dopo appena un anno di studio*."[52]

Nhar il-festa, il-Prepostu tal-Kolleġġjata



Dun Ġużepp Tagliaferro Kanonku żagħżugħ tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina tal-Isla




Is-santa tal-mewt ta' Mons. Ġużepp Tagliaferro

ta' Birkirkara, Dun Kurċifiss Pisani Borg, niseġ il-paneġierku ta' Sant'Andrija. Waranofsinhar sar il-pussess tal-Kappillan Tagliaferro. Sfortunatament il-purċissjoni dakinhar ma saritx minħabba x-xita.[53]

Fi żmien il-Kappillan Tagliaferro, twaqqaf, f'Ħal Luqa, l-ewwel kumitat ċiviku fir-raħal. Kien jismu *Comitato degli abbellementi di Casal Luca*. Il-Kappillan kien il-Viċi President.

Il-Kappillan kien jieħu ħsieb sew it-tagħlim tal-katekiżmu. Hekk kiteb hu ftit qabel ma telaq mir-raħal: "*Il-katekiżmu jsir mit-Tnejn sal-Ħamis fil-Knisja Parrokkjali ... is-subien wara l-Ave Maria, il-bniet waranofsinhar. Lis-subien jgħallimhom il-Kappillan, Dun Indri Mifsud, Dun Pietru Pawl Demicoli u Dun Karm Grima. Lill-bniet Giuseppa Zerafa u Concetta Azzopardi*."[54]

Fl-1887 temm il-parrokat tiegħu u fit-18 ta' Ġunju 1887 ġie mogħti l-pussess bħala Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ. Deskritt bħala "*raġel kapaċi, qalbu talba u għalhekk huwa wkoll kien maħbub*," fl-1 ta' Awwissu 1887, meta allura kien ilu ftit aktar minn xahar f'dan ir-raħal, faqqgħet mill-ġdid fostna l-imxija tal-kolera. Għalhekk, l-Arċipriet Tagliaferro sab ruħu quddiem sitwazzjoni li kienet titlob kuraġġ kbir.[55]

Ftit wara li ntemmet din l-epidemija qerrieda, fir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ qamet kwistjoni taħraq. Din kienet dwar il-mużika tal-festa ta' San Filep. Kien hemm żewġ gruppi: wieħed kien favur il-mużika tas-Surmast Bugeja u l-ieħor ried li tindaqq il-mużika tas-Surmast Nani. Bla dubju, dawn kollha bdew jinsistu mal-Arċipriet Tagliaferro biex tgħaddi tagħhom u hekk, dan l-Arċipriet sab ruħu jiżfen fin-nofs. Agħar minn hekk, huwa wkoll safa vittma ta' rapporti li bdew jagħmlulu quddiem l-Isqof li ma kienx qed imexxi sewwa.[56]

Tagliaferro, imdejjaq ħafna b'dawn il-piki u f'dawn ir-rapporti, beda jfittex okkażjoni biex jitlaq minn Ħaż-Żabbuġ. Inzerta li f'dik il-ħabta, il-Parroċċa tal-Isla ġiet vakanti bil-għażla ta' Dun Anton Cordina bħala Monsinjur tal-Katidral ta' Malta.[57] Dun Ġużepp Tagliaferro, bit-tama li jkun l-Arċipriet ta' belt twelidu, niżżel ismu u daħal għall-konkors.[58] Hu kien saċerdot għaref, bid-dottorat fit-Teoloġija, u kien diġà ta' eżempju, wara tliet parrokati, ta' kif wieħed jaqdi d-doveri ta' Kappillan. Malli sar jaf li ġie magħżul biex imexxi l-Parroċċa Sengleana, hu kiteb lill-Kapitlu tal-Isla biex jgħarrafhom bil-għażla tiegħu. Il-pussess tal-parroċċa ġie mogħti lilu minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, nhar is-17 ta' Jannar 1891.[59]

Meta ħa f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa, Tagliaferro, waqt li sab x'iferrħu, ħabbat wiċċu mal-ewwel problemi. Fost oħrajn, hu kien imħasseb minħabba xi pubblikazzjonijiet li kienu ġew ikkundannati billi kien fihom tagħlim kontra l-fidi. Kif rajna aktar qabel, fis-sena 1887, kienet qabdet il-merda kiefra tal-kolera f'Malta. Għalkemm issa kienu għaddew erba' snin u għalhekk, il-gravità tal-marda kienet għabet għalkollox, l-ewwel snin ta' Tagliaferro fl-Isla kienu mtappnin mill-biża'.

Fis-16 ta' Settembru 1889, is-sorijiet Terzjarji Fraġiskani fetħu d-dar tagħhom fl-Isla u malajr bdew jagħtu kontribut siewi għall-ħajja tal-parroċċa bit-tagħlim



*L-irħama fil-Katidral tal-Imdina li tgħatti l-qabar fejn jinsab midfun Mons. Tagliaferro*

tad-duttrina. Fi żmien l-Arċipriet Tagliaferro, dawn is-sorijiet daħlu għal biċċa xogħol kbira. Huma ġew mitlubin biex jagħtu s-servizz tagħhom fl-Ospizju Sant'Anna.[60]

L-aħħar laqgħa kapitulari taħt il-presidenza ta' Tagliaferro kienet fis-6 ta' Awwissu 1902.[61] Hu temm il-ħidma tiegħu bħala Arċipriet fil-11 ta' Settembru 1902.[62]

Hu spiċċa minn Arċipriet għaliex kien ġie magħżul Monsinjur Arċipriet tal-Katidral. Imma ma kellux ħajja twila għaliex miet qabel mal-Isla kellha suċċessur għalih. Hu miet fl-eta ta' 55 sena, b'attakk tal-qalb fis-sitta ta' filgħodu tal-11 ta' Frar 1903, fid-dar li kien kera f'nru. 1, Piazza Vescovo, l-Imdina. Kienu għaddew ħames xhur eżatt minn mindu kien temm is-servizz tiegħu bħala Arċipriet tal-Isla![63]


Anno Dñi 1893 Die vero 11. Novembris
Adm. Rev. Dñus Can: Dec. D. Carmelus ... Borg ex mea
Salvator, Nico- deleg. baptizavit infantem heri natum ex Aloysio Pavia
laus et Clementia Pace conj. ... cui impositum est nomen Sal-
Pavia vator, Nicolaus, Henricus, Carmelus. Pñi fuere Michael
die 3 Maji 1903 Pace q. Nicolai et Henrica ejus uxor –
confirmatus fuit ...
ab Exmo D. Salv: Gaffiero Episcopo Selimbriae
die 20 Septembris 1919 ordinatus fuit Presbyter ab Exc. Archiep. D. Mauro Caruana
O.S.B. in Eccl: Cathedrali Notabilis –
164

Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Dun Salv Pavia meħuda mir-reġistri parrokkjali tal-Isla

Mons. Ġużepp Tagliaferro ġie midfun fil-Katidral ta' Malta. Il-lapida li tagħmel parti mill-paviment tal-Katidral tal-Imdina u li tinsab fuq in-naħa tax-xellug, fuq wara u fir-rokna tan-navata hekk kif wieħed jidħol fil-Katidral, tfakkarna f'Monsinjur Tagliaferro. Epitaff bil-Latin minqux fuq din l-irħama bajdanija jaqra hekk: **Ne Tempore Memoria Abeat / Trivm Canonicorvm Hvivs Aedis Maximae, / Qvos Senglea Genvit, / Francisci Schembri, Praecentoris, / Vita Fvncti [Ante Diem] Iii Idvs Octob[Res], Mdccclxxiii, / Francisci Colombo, / Joseph Tagliaferro, / Doctoris, Theologi, Archipresbyteri, / Qvorvm Alter Decessit / [Ante Diem] Iii Idvs Ivn[Ias], Mdccclxxxv, / Alter [Ante Diem] Iii Idvs Febr[Varias], Mcmiii, / Leopoldvs Farrvgia, Thesavri Cvstos, / Et Joseph Adami, Canonicvs, / Divinarvm Rervm Doctores, / Hoc In Sepvlcrvm / Translatis Cineribvs Collegis Et Conterraneis, / Titvlvm Posvervnt**.[64]


339.

Formola per l'atto di Giuramento nei possessi

Ego Sac: Salvator Pavia hujus Par.lis Ecclesiæ Parochus promitto et juro super Sacrosancta Dei Evangelia fidelem et obedientem me futurum esse meo Episcopo pro tempore existenti; ac omni fidelitate conservaturum, ac, si opus fuerit, defensurum jura, onera, privilegia, et munera hujus Parochialis Ecclesiæ Pagi Lucae quæ tam ex jure communi quam ex jure peculiari hujus Ecclesiæ dimanant; sed etiam onera, privilegia, et munera Par.lis præbendæ; nihilque, quod ad ea pertinet, alienaturum, sed alienata, et distracta ad jus, et proprietatem eorumdem reducturum, et pro viribus reduci procuraturum, ac statuta Ecclesiæ ejusdem, laudabilesque consuetudines me attente ac religiose retenturum. Sic me Deus adjuvet, et Sacrosancta Christi Evangelia.

Datum die 28 Julii 1929.

Ego Parochus Salvator Pavia promitto et juro.

Testor ego infrascriptus praefatum Adm. Rev.dum Dnum Parochum Salvatorem Pavia S.Th. ... pro- ximum juramentum in manibus Illmi ac Rmi Can.ci Capitis Pauli Galea J.C.D. ac Vicarii Generalis Dioecesis Melitensis praestitisse coram Rev.dis Sac.te Carmelo ... et Sac.te Bartholomaeo Cassar, testibus.

Ita est.

Can. P. Buttigieg
Cancellarius

Il-ġurament iffirmat li Dun Salv Pavia ħa quddiem Mons. Pawl Buttigieg, Kanċillier tal-Kurja, fil-bidu tal-parrokat tiegħu bħala Kappillan ta' Ħal Luqa nhar it-28 ta' Lulju 1929

## Dun Salv Pavia (1929 - 1936)

Iben Lwiġi Pavia u Klemenzja Pace, twieled l-Isla nhar l-10 ta' Novembru 1893. L-għada ta' twelidu, huwa ġie

mgħammed fil-fonti tal-Knisja Kolleġġjata tal-Isla mill-Kanonku Dekan Dun Karm Mousù Borg. Mir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija tiegħu, insiru nafu li ġie mogħti l-ismijiet ta' Salvu, Nikol, Neriku u Karmenu. Insiru nafu wkoll li l-parrini kienu Mikiel Pace u martu Nerika.[65]

Meta kellu 9 snin, fit-3 ta' Mejju 1903, huwa rċieva s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Salv Gaffiero, Isqof Awżiljarju għal Malta u Isqof titulari ta' Silimbria.[66]

Kemm mit-trobbija fil-familja tiegħu, kif ukoll minn ma' djul il-qassisin numerużi tal-Parroċċa tal-Isla, Salvinu kiber iħobb il-Knisja, sakemm beda jiskopri fih dik is-sejħa li jaqdi lill-Mulej Ġesù aktar mill-qrib permezz tas-saċerdozju. Bħal kull seminarista tajjeb, huwa kellu d-Direttur Spiritwali tiegħu u dak id-dawl li kien jikseb mingħandu, żgur li baqa' jgħożżu tul ħajtu.

Nhar is-27 ta' Settembru 1917, il-kjeriku Salvinu rċieva l-Ordnijiet Minuri tal-Eżorċistat u l-Akkolitat minn idejn Mons. Dom Mawru Caruana OSB, Arċisqof-Isqof ta' Malta (1915-1943).[67] Minn idejn l-istess Arċisqof, nhar il-21 ta' Settembru 1918, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, huwa rċieva l-ewwel fost l-Ordnijiet Maġġuri: is-Suddjakonat.[68] Seba' xhur wara, fil-15 ta' April 1919, huwa ġie ordnat Djaknu fil-Katidral tal-belt il-qadima, l-Imdina.[69] Fl-20 ta' Settembru 1919, Mons. Dom Mawru Caruana OSB, mexxa ċ-ċerimonja tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' 21 Djaknu. Fost dawn kien hemm Dun Salv Pavia. L-Ordinazzjoni saret fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina.[70]


Dun Salv Pavia fiż-żmien li fih huwa kien Kappillan ta' Ħal Luqa.

Ftit snin wara li sar qassis, Dun Salv ġie mibgħut bħala Vigarju Kurat fil-Parroċċa tal-Kalkara meta l-Kappillan Dun Ġużepp Ciangura sar Monsinjur tal-Katidral. Pavia dam il-Kalkara sakemm, fl-1925, ġie magħżul il-Kappillan il-ġdid.[71] Wara huwa ġie mibgħut bħala Vigarju Kurat fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop li, f'dik il-ħabta, kienet qed titmexxa mix-xwejjaħ Kappillan Dun Ġużepp Barbara.[72]

Dun Salv Pavia kien jgħallem ukoll f'*St. Paul's School* tal-Belt Valletta. Din l-iskola kienet twassal l-istudenti għall-eżamijiet tal-Matrikola u ta' Oxford.[73]

Wara li l-Kappillan Dun Ġużepp Magri temm il-parrokat tiegħu f'Ħal Luqa, fit-28 ta' Lulju 1929, Dun Salv Pavia ġie mogħti l-pussess bħala t-tnejn u għoxrin Kappillan ta' dan ir-raħal.[74] Il-festi organizzati u s-suċċess li deher fl-organizazzjoni tal-pussess, qanqlu lil

wieħed Ħal Luqi sabiex jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu permezz ta' ittra li dehret fil-ħarġa ta' *Leħen is-Sewwa* tat-3 ta' Awwissu 1929.

Dan il-Ħal Luqi, fuq kollox, faħħar lill-kumitati taż-żewġ baned tar-raħal "*li għarfu jorganizzaw tant tajjeb il-festa esterna b'tant sagrifiċċju u diżinteress li għarfu jingħaqdu qalb waħda, ħsieb wieħed u għemil wieħed biex ikabbru l-festa tal-maħbub Kappillan tagħna*." Il-Banda *Sant'Andrija* u l-Banda *L'Unjoni*, irranġaw bejniethom programm mużikali u lill-Kappillan ingħatalu rigal li "ġie mixtri miż-żewġ baned fuq idea waħda."

Lil dan il-korrispondent, iżda, l-aktar ħaġa li għoġbitu kienet "*il-laqgħa tal-kumitati flimkien mal-bandisti kollha taż-żewġ soċjetajiet fid-dar tal-Kappillan f'ħin wieħed, imħalltin, magħqudin fi ħsieb wieħed li jagħtu gost lill-Missier Spiritwali tagħhom*."[75]



Mument waqt il-funeral tal-Kappillan Pavia nhar id-19 ta' Jannar 1936.

Il-Kappillan Pavia kien iqis bħala l-aqwa dmir tiegħu li jkun missier ta' kulħadd bla ma qatt ikollu mistrieħ. Ta' sikwit huwa kien joħroġ u jżur lill-familji li sabu fih għajnuna kbira.

Fit-8 ta' Marzu 1933, il-Kappillan Pavia kien ġie mogħti l-permess mill-Gvernatur biex iċ-ċimiterju l-qadim tar-raħal jiġi mkabbar u hekk jinqata' darba għal dejjem id-dfin fil-Knisja Parrokkjali.[76] Il-Perit Indri Micallef għamel il-pjanta u x-xogħol, li sar kollu b'xejn minn ħaddiema Ħal Luqin, baqa' sejjer għal erba' snin. Il-Kappillan Pavia kien ta' spiss iħeġġeġ lill-Ħal Luqin biex iħabirku fil-bini taċ-ċimiterju ħalli mbagħad jiksu l-paviment tal-knisja bl-irħam.[77]

Tul il-parrokat tiegħu, huwa kompla jsaħħaħ it-tagħlim tal-katekiżmu għaż-żgħażagħ u l-adoloxxenti. Huwa mhux biss saħħaħ dak li kien beda l-Kappillan Vella[78] imma ħaseb 'il quddiem u saħansitra kien ta bidu għall-bini ta' dar għaż-żgħażagħ mal-Knisja ta' Santa Marija tal-Ftajjar, iżda l-proġett ma laħaqx bdieh![79]



☩

SALVATORE PAVIA B.L. Can., D.D.
GIÀ VIC. CURATO DI CALCARA E C. CHIRCOP
SOCIO DELLA PICCOLA MISSIONE
E POI PARROCO DI C. LUCA
A SOLI 41 ANNI D'ETA'
DOPO BREVISSIMA MALATTIA
SPIRAVA PLACIDAMENTE
NEL BACIO DI CRISTO
IL DÌ 29 GENNAIO 1936
LASCIANDO IMMERSI NEL PIANTO
PARENTI E CONOSCENTI

**R. I. P.**

Requiem æternam dona ei, Domine, et lux perpetua luceat ei, Requiescat in pace. Amen. (Ind. 300 giorni)
Pie Jesu dona ei requiem (Ind. 300 giorni)
Gesù, Maria. (Ind. 300 giorni)

Is-santa tal-mewt tal-Kappillan Pavia.

Miet ħesrem fit-tlieta u kwart ta' filgħodu sbieħ id-29 ta' Jannar 1936, fid-dar nru. 52, Misraħ il-Knisja, fl-età żgħira ta' 42 sena.

"*Kemm kien ilu Kappillan dejjem ħabrek u fittex bla mistrieħ li jaqdi dmiru sewwa mal-poplu ... Kien bniedem ta' skola u ta' tjubija ... u n-nies ta' Ħal Luqa ma jinsewhx malajr għall-ġid li raw minnu*."[80]

Matul il-jum, in-nies marru jarawh biex jagħtuh il-qima tagħhom għall-aħħar darba. L-għada, fis-sebgħa ta' filgħodu, ir-raħal kollu nġabar fil-pjazza ewlenija biex jakkumpanjah fil-vjaġġ aħħari tiegħu lejn il-Knisja Parrokkjali fejn indifen fil-qabar numru 12, normalment riservat għas-saċerdoti.[81]

## Għeluq

Aħna llum, u fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija, qed insellmu lil dawn l-erba' saċerdoti li għall-Parroċċa ta' Ħal Luqa kienu bħall-Kurat ta' Ars. Żgur li dawk li għexu qrib tagħhom fi żminijiet differenti, setgħu jilmħu fihom bnedmin li emmnu f'Alla u li ħaddnu lil Kristu bħala l-Iben ta' Alla. Huma laqgħu bil-qalb is-sejħa biex ikunu xebh ma' Kristu u jagħmlu lil Kristu preżenti fost il-komunità li ġiet fdata f'idejhom.


Die vigesima nona (29) Januarii.
Salvator Sac: Pavia, D.D. Parochus huius ...
Lucae, ann: 43, fil. ... Aloysii Pavia et Clementi-
nae Pace, ...
cuius cadaver delatum fuit ad hanc
S. ... Ecclesiam ubi sollemnia funeralia per-
soluta sunt, deinde peractis exequiis, in avello
No. 12, signato ac Sacerdotibus addicto conditum.
In quorum fidem, etc.
Sac. Bartholomeus Cassar
Vicarius Oeconomus.

*Ir-reġistrazzjoni tal-mewt u d-difna tal-Kappillan Dun Salv Pavia meħuda mill-arkivju parrokkjali ta' Ħal Luqa*

M'għandix dubju li, bil-metodi tagħhom, huma ħadmu sfiq biex ilaqqgħu lill-bnedmin ma' Alla. Anzi, huma jibqgħu dawk li fetħu beraħ il-ktieb ta' Ġesù Kristu għall-komunità Luqija! Lil din il-komunità, il-Kappillani Lamagna, Frendo Rosso, Tagliaferro u Pavia tawha lil Ġesù nnifsu permezz tal-amministrazzjoni tas-sagramenti li huma l-kanali ordinarji biex il-grazzja tasal għandna.

Għalhekk, filwaqt li aħna fid-dmir li nroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li huma wettqu fil-komunità parrokkjali tagħna, din l-okkażjoni għandna tkun wkoll għalina mument biex aħna nwieżnu bit-talb lill-Kappillan u lis-saċerdoti li għandna magħna llum. Jalla huma jkollhom it-tenerezza, il-ħlewwa u l-kompassjoni għaliex il-bniedem tal-lum m'għandux bżonn biss tal-għalliema, imma għandu bżonn ta' min jurih it-tenerezza u l-kompassjoni ta' Alla.

**Referenzi**

[1] L-annijiet ħdejn l-ismijiet tal-Isqfijiet li jissemmew, jindikaw il-bidu u t-tmiem ta' dak l-episkopat partikulari.

[2] Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta (1975), p. 68-72.

[3] Iben Mariano Cassia u Antonia mwielda Camenzuli, Wistin twieled Ħal Qormi fit-23 ta' April 1604. Ġie ordnat saċerdot fil-knisja tal-Ġizwiti, il-Belt Valletta, nhar l-10 ta' Marzu 1629. Għal xi żmien huwa kien Kappillan tal-Monasteru ta' Santa Marija Maddalena fil-Belt stess. Tul il-parrokat tiegħu, il-poplu ta' Ħal Luqa ħa ħsieb sabiex jibni knisja ġdida u ferm akbar minn dik li diġà kien hemm, iddedikata lil Sant'Andrija Appostlu. Twaqqfu wkoll il-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju waqt Viżta Pastorali li saret fl-20 ta' Awwissu 1634 mill-Kanonku Pontremoli, Vigarju Kapitulari. Dun Wistin Cassia temm il-parrokat tiegħu fl-1658 meta ġie magħżul Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Hu miet f'Ħal Qormi nhar it-30 ta' Awwissu 1669 u ġie midfun fil-qabar riservat għall-Kappillani. (Borg, V., *Melita Sacra*, III, Malta (2015), p. 255-257)

[4] Dawn kienu Dun Mikiel Machta li ħa l-pussess bħala Kappillan fil-15 ta'Awwissu 1760. Dun Mikiel miet fl-10 ta' Ottubru 1795 u ndifen fil-Knisja Parrokkjali; Dun Pietru Cassar li fis-16 ta' Marzu 1862 sar il-15-il Kappillan ta' Ħal Luqa. Kien nhar is-27 ta' Diċembru 1863 u waqt li Dun Tumas Zammit kien qed jiċċelebra l-Ewwel Quddiesa tiegħu li Dun Pietru ħassu ħażin u miet fil-kor tak-knisja parokkjali; u Dun Orazju Grima li laħaq Kappillan ta' Ħal Luqa fit-8 ta' Jannar 1888. Huwa temm il-parrokat tiegħu fl-1903 meta laħaq Monsinjur u Arċipriet tal-Katidral tal-Imdina. Miet fis-26 ta' Ottubru 1922.

[5] Dan kien Dun Franġisk Buttigieg, imwieled l-Qala fl-10 ta' April 1818 u ħa l-pussess fid-19 ta' Lulju 1848. Huwa kien predikatur mill-aqwa. Temm l-inkarigu tiegħu f'Jannar 1849 meta ħa l-pussess tal-Parroċċa tax-Xagħra. Huwa miet bil-kolera fit-3 ta' Ottubru 1865 u ndifen fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.

[6] *Liber Baptizatorum*, Parroċċa Senglea, Vol. I, p. 321.

[7] Dun Pawl, ħu Dun Ġużepp, imgħammed fl-Isla fit-13 ta' Frar 1633, kien ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Marzu 1667. Hu kien gradwat kemm fil-Liġi Ċivili kif ukoll f'dik Ekkleżjastika. Fl-14 ta' April 1673, l-Isqof Lawrenz d'Astiria (1670-1677) appuntah Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Għawdex, u sal-1687 kien Vigarju Foranju f'Għawdex. Fl-4 ta' Ġunju 1689, l-Isqof ħatru Kappillan tal-Parroċċa ta' Bormla. Dun Pawl miet f'Bormla stess fis-26 ta' Jannar 1690. (Borg, V., *Melita Sacra*, III, Malta (2015), p. 416 u Bezzina, J., "L-Aħħar Kappillan ta' San Ġorġ, il-Kanonku Dun Pawl Lamagna, Bormliż (1673-1689)," f'*L-Orizzont*, 31 ta' Mejju 1986, p. 11)

[8] Dawn kienu l-qassisin Dun Xmun Schembri, Dun Evanġelista Gandolfo u Dun Ġużepp Mifsud; iż-żewġ djakni Dun Ġużepp Lamagna u Dun Orazju Mifsud; u s-suddjaknu Dun Federik Rispoli.

[9] Dan kien Kappillan partikulari li ma ħaqqux jintnesa. Franġisk twieled fl-Isla nhar is-17 ta' Frar 1614 minn Ġann Pawl u Duminka mwielda Azzopardi. Meta kien għadu żgħażugħ ta' 24 sena, ġie magħżul biex imexxi l-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Meta fl-Isla miet il-Kappillan Dun Mark Anton Ciappara, fl-1644, Dun Franġisk Azzopardi kien fost dawk li tefgħu għajnejhom fuq il-Parroċċa tal-Isla. Fis-sena 1655, Azzopardi ġie magħżul Kanonku tal-Katidral ta' Malta. Iżda, minkejja li kien Monsinjur, hu xorta waħda baqa' mixtieq mill-Parroċċa tal-Isla. Ġara, li meta Dun Dumink Attard kien għadu Kappillan tal-Isla, Azzopardi akkwista dokument mingħand il-Papa Alessandru VII ħalli dik il-parroċċa tingħata lilu. Mons. Tolossanti, eżekutur appostoliku, sab lil Dun Franġisk Azzopardi tajjeb biex imexxi parroċċa u d-digriet mill-Kurja tal-Isqof ħareġ fil-21 ta' April 1660. Bejn Diċembru 1675 u Lulju 1676 il-flaġell tal-pesta laqat 'il Malta. Mill-aħħar ta' Marzu 1676 'l quddiem, il-pesta fl-Isla ħraxet sewwa. Il-Kappillan Azzopardi kien qed jissogra ħajtu għax kien jaf li, f'dawk iċ-ċirkustanzi koroh tal-ħajja, l-Insara tal-Isla kellhom bżonnu biex iwasslilhom il-faraġ tal-fidi Nisranija. Fl-10 ta' Lulju 1676 il-Kappillan ħassu milqut minn dan il-flaġell. Wara li għamel ġimgħa li fiha baqa' dejjem jeħżien, hu miet imbarrat f'daru fit-18 ta' Lulju 1676. Il-Kappillan Dun Franġisk Azzopardi ġie midfun f'dak iċ-ċimiterju li kien akkwista bil-ħila tiegħu max-xtajta taħt l-għolja ta' Kordin. F'nofs dak iċ-ċimiterju, kien hemm għamla ta' piramida tal-ġebel b'salib fil-quċċata tagħha. Qrib tagħha, tħaffer qabar għal dan il-Kappillan qalbieni. Tajjeb jingħad ukoll li l-qassisin tal-Isla segwew il-passi tal-Kappillan tagħhom. Huma lkoll urew ħeġġa mhux komuni u saħansitra offrew ħajjithom. F'dik l-imxija, kienu dsatax il-qassisin tal-Isla li mietu. Għaldaqstant, l-Isla kienet tinsab f'ħerba sħiħa. Ma kienx hemm Kappillan, kienu spiċċaw il-qassisin u n-niket tal-mewt daħal fil-familji kollha.

[10] L-Isqof għadda f'idejhom wkoll il-knisja antika tal-Madonna tal-Porto Salvo. Huma wegħdu lill-Isqof li jkabbru l-knisja u jagħtu għamla ta' kunvent klawstrali lid-dar li kienet tmiss magħha. Filwaqt li huma baqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Isqof, il-Kappillan żamm id-dritt tal-propjetà tal-knisja u tal-art ta' madwar il-knisja, inkluż il-mezzanin li kien inbena fl-1655. L-ewwel Superjur tal-Oratorjani kien Dun Xmun Schembri. (Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. II, Parroċċa tal-Isla, 1986, p. 76ff.)

[11] Arkivju *Mater Dei*, Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Viżta Pastorali 20 (1667-1668), p. 217.

[12] Apparti li lejn tmiem is-seklu sittax, Santa Katerina kienet tidher, flimkien ma' Santa Duminka, takkumpanja lill-Verġni Mbierka fil-kwadru titulari tal-Knisja tal-Porto Salvo tal-Isla, mill-Viżta Pastorali li l-Isqof Balaguer għamel fl-Isla f'Ottubru 1653, insibu li fil-Knisja Parrokkjali, fuq in-naħa tax-xellug tal-maġġur, kien hemm artal iddedikat lil din il-qaddisa. Missirijietna li kienu jaqilgħu l-għejxien tagħhom minn fuq diversi snajja' li kienu jħaddmu, mhux darba u tnejn talbu l-ħarsien ta' din il-qaddisa meqjusa bħala l-protettriċi ta' dawk li jipprattikaw xi sengħa l-aktar fuq l-opri tal-baħar.

[13] *Status Animarum* 1678, Parroċċa Senglea, p. 24.

[14] Borg, V., *Melita Sacra*, III, Malta (2015), p. 415.

[15] Dan seħħ wara li Dun Karlu Cassia, imwieled fil-Belt Valletta fl-1626 u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, kien ikun spiss marid u ma setax ikompli jmexxi 'l parroċċa. Għaldaqstant, wara

erba' snin bħala kappillan, huwa rreżenja mit-tmexxija fl-1678. Dun Karlu miet fit-23 ta' Ottubru 1692 u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, fil-Belt Valletta.

16 L-aħħar vittma kienet Grazzja De Tomaso li mietet fis-17 ta' Lulju 1676.

17 Dan kien ifisser 7 fil-mija tal-popolazzjoni tar-raħal li kienet tammonta għal 1,050. Mat-tletin familja tilfu lil xi ħadd minn nieshom imma l-aktar li ntlaqtet bl-ikrah kienet il-familja Azzopardi. Flimkien mal-missier, li kien l-ewwel vittma, mietu wkoll l-omm u tliet ulied: Mikiel ta' disa' snin, Salvu ta' sittax u Tumas ta' wieħed u għoxrin sena. Minbarra tlieta mill-vittmi, il-mejtin indifnu f'għalqa magħrufa bħala l-Għalqa l-Kbira li kienet tinsab fit-triq li mir-raħal, tagħti għall-Gudja. It-tliet katavri l-oħra ndifnu fil-knisja mġarrfa ta' San Tumas. (Micallef, J., *Il-Pesta tal-1676*, Malta, 2015)

18 Biż-żmien, dan iċ-ċimiterju waqa' għalkollox f'idejn il-Parroċċa ta' Ħal Luqa. Dan, illum, huwa ċ-ċimiterju tar-raħal. (Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 92-93)

19 Borg, V., *Melita Sacra*, *III, Malta (2015), p. 415.*

20 Borg, V., *Melita Sacra*, III, Malta (2015), p. 416.

21 Fil-fatt jingħad li hu miet waqt li kien miexi fi triq fl-Isla. (Micallef, G., "Il-Kappillani ta' Ħal Luqa," f'Zammit, K. (ed.), *Ħal Luqa: 350 sena Parroċċa*, Parroċċa ta' Ħal Luqa, Malta, 1984, p. 20)

22 *Liber Defunctorum*, Parroċċa Senglea, Vol. I, p. 136. Fil-fatt, kien hemm il-pjan li Dun Ġużepp jindifen fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, il-Belt, imma l-katavru tiegħu ma setax jinġarr mix-xatt tal-Isla għall-Belt minħabba li fil-Port il-Kbir kien hemm baħar imqalleb ħafna. (Micallef, G., "Il-Kappillani ta' Ħal Luqa," f'Zammit, K. (ed.), *Ħal Luqa: 350 sena Parroċċa*, Parroċċa ta' Ħal Luqa, Malta, 1984, p. 20)

23 Il-Knisja Parrokkjali tal-Isla ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji bil-Bolla *Exigit Apostolici Ufficii* tal-Papa Piju VI mogħtija f'Ruma fil-21 ta' Mejju 1786 u esegwita nhar is-7 ta' Settembru tal-istess sena bil-pussess tal-ewwel Kanonċi.

24 *Liber Baptizatorum*, Parroċċa Senglea, Vol. VII, p. 239. Lawrenz, fil-fatt, twieled fil-jum ta' qabel, jiġifieri fil-25 ta' Settembru 1808.

25 Calleja, J., *Ordinazzjonijiet Sacerdotali* 1800-2000, Malta, 2001, p. 16.

26 Ferres, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, p. 477. Meta l-Imsida bdiet tikber sew fil-popolazzjoni, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ħassewhom fid-dmir li jagħmluha Viċi-Parroċċa. Fil-fatt, fl-1835, l-Isqof Franġisku Saverio Caruana (1831-1847) għamel l-Imsida Viċi-Parroċċa ta' Birkirkara.

27 *Acta Capitularia*, Kolleġġjata Senglea, Vol. B (1835-1837).

28 Dan kien fi żmien il-Kappillan Francesco Saverio Xuereb, mir-Rabat (Malta), maħtur fid-9 ta' April 1844. (Pace, F., *Il-Gargur*, Malta, 2000, p. 147)

29 Pace, F., *Il-Gargur*, Malta, 2000, p. 148.

30 Ferres, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, p. 477.

31 Nhar is-27 ta' Diċembru 1863, kellha ssir l-ewwel quddiesa solenni tal-qassis novell minn Ħal Luqa Dun Tumas Zammit. Il-Kappillan Cassar kellu ordni mit-tabib tiegħu biex ma joħroġx mid-dar minħabba li kien marid. Dun Pietru deherlu li bħala Kappillan ma setax ma jiħux sehem f'festa bħal dik. Waqt li kien qed jassisti fil-kor, huwa ħassu ħażin u fi ftit minuti miet.

32 Ferres, A., *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, p. 477.

33 Qabel dan l-Ostensorju għar-relikwija ta' Sant'Andrija Appostlu, kien hemm ieħor maħdum fil-fidda, li sar fl-1721 u tħallas minn Dun Ġużepp Ellul u n-Nutar Filippo Tonna. F'dik il-ħabta kien għad ma hemmx statwa ta' Sant'Andrija u għalhekk, il-purċissjoni kienet toħroġ biss bir-relikwija tal-qaddis.

34 Dan l-ostensorju ġdid ġie jiswa' 51 lira u nofs.

35 Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 255.

36 *Attard, C. u Bondin, G., "Iċ-Ċimiterji Parrokkjali," f'Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Ktieb tal-Festa Sant'Andrija, 2009, p. 174-179.*

37 *Liber Defunctorum*, Parroċċa Luqa, Vol, IV, p. 138.

38 Dun Franġisk Colombo kien ħu omm it-tarbija. Fit-22 ta' Ottubru 1861, hu wkoll laħaq Arċipriet tal-Isla u Monsinjur tal-Katidral ta' Malta fl-1879.

39 *Liber Baptizatorum*, Parroċċa Senglea, Vol. XI, p. 44.

40 Arkivju *Mater Dei*, Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Reġistru tal-Ordinazzjonijiet Klerikali, 17, p. 31r..

41 *Acta Capitularia*, Kolleġġjata Senglea, Vol. D (1862-1892), p. 30.

42 *Acta Capitularia*, Kolleġġjata Senglea, Vol. D (1862-1892), p. 74.

43 F'din l-ordinazzjoni partikulari, flimkien ma' Dun Ġużepp, kien ordna biss il-Patri Konventwal Ġużeppi Galuppi OFM Conv.. (Arkivju *Mater Dei*, Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Reġistru tal-Ordinazzjonijiet Klerikali, 17, p. 66 u Calleja, J., *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000*, Malta, 2001, p. 29)

44 Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Paroċċa tal-Isla, 1991, p. 177.

[45] Bħala Kappillan, Tagliaferro ssuċċeda lil Dun Ġwann Caruana, saċerdot mis-Siġġiewi, li miet fit-12 ta' Jannar 1881 wara servizz ta' 40 sena fil-Parroċċa ta' Ħal Safi. (Callus, P., *Ħal Safi*, Malta, 1998)

[46] Roberto Cannataci kien attiv bejn l-1863 u 1890. Ħuh kien il-magħruf arġentier Saverio Cannataci. (Għal aktar tagħrif dwar l-aħwa Roberto u Francesco Saverio Cannataci ara Sagona, M., *The Ecclesiastical Decorative Arts in Malta 1850-1900: Style and Ornament*, Teżi sottomessa għal Dottorat fi ħdan id-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti, Fakult**à** tal-Arti, Università ta' Malta, Mejju 2014)

[47] Tajjeb jingħad li xi snin qabel, l-istess Cannataci kien ħadem Ostensorju għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi. (Callus, P., *Ħal Safi*, Malta, 1998)

[48] Micallef, J., *L-Istorja ta' Ħal Safi*, Malta, 1980, p. 71.

[49] Interessanti hawn tiżdied nota fuq is-suċċessur ta' Dun Ġużepp Tagliaferro. Wara li Tagliaferro temm il-parrokat tiegħu f'Ħal Safi, ir-responsabbiltà ta' ragħaj spiritwali f'dan ir-raħal waqgħat fuq is-saċerdot Luqi Dun Orazju Grima. Jista' jingħad li Dun Ġużepp u Dun Orazju segwew il-passi ta' xulxin. Grima sar Kappillan ta' Ħal Safi fit-30 ta' Diċembru 1884. Wara tliet snin huwa nħatar Kappillan ta' Ħal Luqa fejn, f'Jannar 1888, ħa post Dun Ġużepp Tagliaferro. It-tnejn li huma għalqu l-ħajja saċerdotali tagħhom bħala Monsinjuri Arċiprieti tal-Katidral bi Grima jieħu post Tagliaferro fl-1903. (Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 248)

[50] Huwa ssuċċeda lil Dun Ġużepp Ruggier Trapani li, wara parrokkat ta' seba' snin, ħalla minn Kappillan fl-20 ta' Settembru 1884.

[51] Inzerta li t-30 ta' Novembru 1884, il-jum liturġiku tal-Festa ta' Sant'Andrija, kien ħabat l-Ewwel Ħadd tal-Avvent.

[52] *Malta*, 3 ta' Diċembru 1884, p. 2: "kien ferm sabiħ tara, f'raħal daqstant żgħir, żewġ soċjetajiet filarmoniċi rivali, jdoqqu, taħt id-direzzjoni tas-Surmastrijiet rispettivi tagħhom I. Galea u G. Camilleri, mużika tassew sabiħa u n-nies ġriet biex tammira l-kapaċità ta' dawk id-dilettanti dan wara biss ftit xhur ta' studju."

[53] *"Malgrado il cattivissimo tempo che faceva ieri, la festivit*à *dell'Apostolo Sant'Andrea a C. Luca riusci splendida fuori del solito, tolta la processione, la quale fu dalla pioggia impedita."* (*Malta*, 3 ta' Diċembru 1884, p. 2 u Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 256)

[54] Micallef, G., "Il-Kappillani ta' Ħal Luqa," f'Zammit, K. (ed.), *Ħal Luqa: 350 sena Parroċċa*, Parroċċa ta' Ħal Luqa, Malta, 1984, p. 26.

[55] Il-kolera daħlet għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin fis-seklu 18 meta kien hemm erba' epidemiji. Is-seklu 19 kien seklu li fih il-kolera għamlet ħerba kbira mill-popolazzjoni billi din il-marda dehret għal seba' darbiet – fl-1837, fl-1850, fl-1854, fl-1856, fl-1865, fl-1867 u fl-1887. Din tal-aħħar spiċċat għall-ħabta ta' Novembru u għalhekk, fl-20 ta' Novembru, b'ordni tal-Isqof, sar Te Deum fil-knejjes ta' Malta b'ringrazzjament. Matul is-seklu 20 dehret darba biss fis-sena 1911. (Cassar, P., *The Medical History of Malta*, London, 1964, p. 539)

[56] Vella, L., *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, Malta, 1986, p. 97.

[57] Bħala Monsinjur tal-Katidral, hu kellu mill-bidu nett id-dinjità ta' Teżorier. Hu stess ħabbar in-nomina tiegħu waqt il-laqgħa Kapitulari tal-1 ta' Mejju 1890.

[58] Miegħu kienu applikaw sitt qassisin oħra, u fosthom kien hemm Dun Franġisk Briffa, li kellu jkun is-suċċessur tiegħu fl-Arċipretura tal-Isla. (Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Parroċċa tal-Isla, 1991, p. 178)

[59] Fl-Isla, bħala Arċipriet, hu kien joqgħod f'197, Triq il-Vitorja. (*Status Animarum* 1893, Parroċċa Senglea, p. 19)

[60] Fil-15 ta' Frar 1898, sar il-kuntratt. Il-Venerabbli Madre Margerita De Brincat, bħala Superjura Ġenerali, dehret għall-Kongregazzjoni, waqt li l-Kanonku Dekan Dun Karm Mousù flimkiem mal-farmaċista Ġorġ Gatt dehru għall-Fratellanza tal-Kurċifiss. Is-sorijiet bdew jagħtu s-servizz tagħhom mill-25 ta' April 1898. Kien servizz li huma baqgħu jagħtu bla wqafien għal iżjed minn tmenin sena. (Bonnici, A., *Dar Sant'Anna għall-Anzjani fl-Isla*, Parroċċa tal-Isla, 1987, p. 23-25)

[61] *Acta Capitularia*, Parroċċa Senglea, 1893-1903, p. 257.

[62] *Liber Baptizatorum*, Parroċċa Senglea, Vol. XI, p. 44. Ara nota miżjuda.

[63] Il-gazzetta *Malta*, hija u tħabbar il-mewt tiegħu, qalet: *"Era dotto, pio, docile e mansueto, compianto dai suoi parrocchiani del Rabato che gli si erano affezionati nella breve dimora di cinque mesi precisi da che si era immesso del possesso della dignita arcipretale."* (*Malta*, 12 ta' Frar 1903, p. 3 u Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Parroċċa tal-Isla, 1991, p. 184)

[64] Bil-Malti tiġi taqra hekk: "Biex ma tgħibx il-memorja ta' tliet Monsinjuri ta' dan il-Katidral, li Senglea nisslet, dik ta' Franġisku Schembri, Kantur, li miet fit-13 ta' Ottubru, 1873, ta' Franġisku Colombo u ta' Ġużeppi Tagliaferro, Studjuż, Teologu, Arċipriet, li minnhom wieħed miet fil-11 ta' Ġunju, 1885, u l-ieħor

fil-11 ta' Frar, 1903, Leopoldu Farrugia, Teżorier, u Ġużeppi Adami, Monsinjur, Dutturi tat-Teoloġija, poġġew (din) l-iskrizzjoni għall-kollegi u kompajżani wara li l-fdalijiet (tagħhom) ġew trasportati lejn dan il-qabar." (Vella, H. C.R., *Civitas Invicta*, Malta, 2008, p. 77) Kif tgħid l-iskrizzjoni, dawn it-tliet Monsinjuri, jiġifieri Schembri, Colombo u Tagliaferro, kienu ndifnu xi mkien ieħor qabel.

[65] *Liber Baptizatorum*, Parroċċa Senglea, Vol. XV, p. 325.

[66] Iben Salvu u Kunċett Cachia, Salvatore twieled l-Isla fit-8 ta' Marzu 1828. Huwa ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Diċembru 1851. Għal sitt snin (1855-1858 u 1862-1865) Gaffiero kien il-Prepostu tal-Oratorjani ta' San Filippu Neri fl-Isla stess. Fl-1865 huwa laħaq Kappillan tal-Għargħur. Tliet snin wara, huwa nħatar Kappillan tal-Floriana fejn, fl-1869, huwa kiseb għal dik il-parroċċa t-titlu ta' Knisja Arċipretali. Wara li għal numru ta' snin kien Monsinjur tal-Katidral u Vigarju Ġenerali, fil-15 ta' Jannar 1899, Mons. Gaffiero ġie kkonsagrat Isqof. Hu miet fil-lejl tat-8 ta' Diċembru 1906. (Mangion, F., "F'Għeluq il-185 sena mit-twelid tal-Isqof Salvatore Gaffiero (1828-1906): Ragħaj Spiritwali f'Ħal Għargħur u Isqof Maħbub għall-Ġenerożità tiegħu," f'*Soċjetà Filarmonika San Bartilmew*, Għargħur, Festa Titularu 2013, p. 119-122)

[67] Arkivju *Mater Dei*, Kurja Arċiveskovili ta' Malta, *Catalogus Ordinationum in Hac Diocesi Ecclesiam Meliten. Regente Exc. Mo. Ac. Rev.ma Domino Mauro Caruana O.S.B.* (1915-1943), p. 17.

[68] Ibid., p. 21.

[69] Ibid., p. 24.

[70] Ibid., p. 27. Xieraq jingħad ukoll li fost dawk li ġew ordnati saċerdoti dakinhar, flimkien ma' Dun Salv Pavia, kien hemm Dun Ġużepp Gonzi, imwieled Ħal Tarxien fit-18 ta' Settembru 1895 u li fid-19 ta' Settembru 1948 huwa sar Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Isla u aktar tard, fl-1951, segretarju tal-istess Kapitlu; Dun Goffred Lubrano, imwieled l-Isla fl-4 ta' Awwissu 1894 u li fit-30 ta' Awwissu 1930 huwa sar Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Isla u sena wara Kantur fi ħdan l-istess Kapitlu, Primiċerju fl-1947 u aktar tard Monsinjur fl-1975; u Dun Pietru Pawl Saydon, imwieled iż-Żurrieq fl-24 ta' Lulju 1895 u li, mhux biss kien studjuż kbir tal-ilsien Malti, tal-ilsna Semitiċi u tal-Bibbja, imma fuq kollox jibqa' magħruf l-iktar għall-kontribut kbir li ta lill-ilsien Malti meta qaleb waħdu l-kotba kollha tal-Bibbja mill-ilsna oriġinali għall-Malti.

[71] L-ewwel Kappillan tal-Kalkara, Dun Ġużepp Ciangura, inħatar Kanonku tal-Katidral nhar il-5 ta' Frar 1925 u kien inħatar ukoll ko-adjutur ta' Mons. Franġisk Magri. Il-Kappillan il-ġdid tal-Kalkara kien Dun Eleazzaro Balzan, li fil-5 ta' Lulju 1925 kien diġà preżenti fil-parroċċa jaqdi dmirijietu ta' Kappillan. Għaldaqstant, Dun Salv Pavia dam madwar erba' xhur iservi fil-Kalkara. (Ħajr lis-Sur Duncan Brincat għal dan it-tagħrif)

[72] Dun Salv Pavia dam Ħal Kirkop madwar tliet snin. Dun Ġużepp Barbara, li kien ilu Kappillan ta' Ħal Kirkop sa mill-1876, temm dan il-parrokat twil meta miet fis-17 ta' Jannar 1932. B'hekk sar l-uniku Kappillan li mexxa l-Parroċċa ta' Ħal Kirkop għal 56 sena. Fl-aħħar ta' ħajtu, Dun Ġużepp kien tilef d-dawl u saħansitra anqas baqa' jqaddes. Għaldaqstant, ingħatatlu l-għajnuna ta' tliet Vigarji. Dawn kienu Dun Salv Pavia (1926-1929), Dun Manwel Brincat (1929-1931) u Dun Franġisk Xuereb li mal-mewt ta' Barbara nħatar suċċessur tiegħu. (Vella, H. C. R. V., "Ismijiet it-Toroq ta' Ħal Kircop," f'Ħal Kirkop u l-Inħawi ta' Madwaru, Vol. 2, Kunsill Lokali Kirkop, 2008, p. 237-240)

[73] Zammit Mangion, J., *L-Istorja tal-Edukazzjoni f'Malta*, PIN, 2000, p. 68 u *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1936, p. 4.

[74] *Ix-Xemx*, 27 ta' Lulju 1929, p. 2.

[75] *Leħen is-Sewwa*, 3 ta' Awwissu 1939, p. 10.

[76] F'Awwissu 1934, Mons. Mawru Caruana OSB, Arċisqof-Isqof ta' Malta, ta b'xejn lill-knisja ta' Ħal Luqa tliet tomniet raba' tal-Kurja li kien hemm maġenb iċ-ċimiterju biex dan l-iskop ikun jista' jintlaħaq. (Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 284)

[77] Filwaqt li l-paviment tal-knisja tqiegħed fis-snin 1939-40, iċ-ċimiterju tbierek minn Mons. Pawlu Galea, Vigarju Ġenerali, nhar il-Ħadd, 5 ta' Marzu 1939, kważi tliet snin wara l-mewt tal-Kappillan Pavia.

[78] Il-Kappillan Dun Anton Vella (1903-1920) kien ta bidu għat-tiġdid fit-tagħlim tal-katekiżmu tat-tfal ta' Ħal Luqa. (Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 265)

[79] Micallef, Ġ., Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietna, Malta, 1975, p. 283.

[80] Ħalla jibku t-telfa tiegħu lil ommu Klemenzja u lil żewġ ħutu bniet, Anna u Marija Carmela, it-tnejn akbar minnu. (*Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1936, p. 4) Xieraq hawn jitniżżel ukoll li Dun Salv kien l-iżgħar fost l-aħwa u qablu kien hemm ħuh ieħor, Nikol, li kien miet ta' 14-il xahar.

[81] *Liber Defunctorum*, Parroċċa Luqa, Vol V, p. 190.

**SF SERVICES & MAINTENANCE**

Għal kull tip ta' manutenzjoni
u service fuq liftijiet ta' kull tip

**Mob: 9932 6210**
Email: marfarpace@yahoo.com

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

*Sefora's Nail Tech*

Full set €28.00 incl. nail art
Infills €20.00 incl. nail art
Nail art from €5.00

**Mob: 7981 3588**

Find us on: facebook. Nails by Sef










# Il-*Filarmonica L'Unione*
## *Mitt Sena Ilu…*

Fl-1916, il-Banda L-Unjoni reġgħet daqqet f'jum il-Ġimgħa l-Kbira, nhar il-21 ta' April. Imbagħad, nhar il-5 ta' Novembru fis-7.00 ta' filgħaxija kienet mistiedna Ħal Kirkop biex iddoqq fil-pjazza tal-Knisja fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu. Għall-festa ta' Sant'Andrija l-Banda L-Unjoni daqqet tliet darbiet lejlet il-festa nhar id-29 ta' Novembru b'żewġ marċi wara nofsinhar u filgħaxija, filwaqt li esegwiet programm mużikali aktar tard. Fil-jum tal-festa nhar it-30 ta' Novembru daqqet tliet darbiet oħra f'marċ fis-2.00 ta' wara nofsinhar fit-toroq tar-raħal, u immarċjat tul il-purċissjoni. Wara esegwiet programm mużikali b'dawn is-siltiet:

| | | |
|---|---|---|
| March | Omaggio al Re Edoardo VII | G. Parisi |
| Sinfonia | Premier | Crescimanno |
| Selection | Zaza | Leoncavallo |
| Reminiscenza | Piedigrotta | Crescimanno |
| Hymn | St. Andrew | Crescimanno |

Iżda l-akbar attività fl-1916 żgur li kienet dik nazzjonali, meta nhar it-3 ta' Awwissu, fl-okkażjoni tat-tieni Anniversarju mill-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija, saret laqgħa kbira, li għaliha attendew il-Gvernatur Ingliż u l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex fil-Belt Valletta. Meta l-kelliema spiċċaw, il-baned Maltin għamlu dimostrazzjoni tul Triq Irjali, u fost dawn il-baned ma naqsitx il-preżenza tal-Filarmonica L'Unione li immarċjat is-seba' waħda fost is-sitta u għoxrin banda li ħadu sehem. Qabilha immarċjaw u daqqew fost il-ġemgħa l-baned *Nicolina* tas-Siġġiewi, *L'Isle Adam* tar-Rabat, *La Valette* tal-Belt, *Duke of Edinburgh* tal-Birgu, *M. Mater Gratiae* ta' Ħaż-Żabbar u *La Stella* taż-Żurrieq.


*Il-Filarmonica L'Unione waqt il-marċ tradizzjonali fil-festa ta' Sant'Andrija Appostlu*


**Bibliografija**
Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni, 2005


MASSA
HANDYMAN
SERVICE
PLUMBING
ELECTRICAL WORKS
PAINTING
GYPSUM WORKS
DRAIN LAYER
GENERAL MAINTENANCE
ODD JOBS
Contact Yousef today for a free quotation
99294138
yousefmassa@yahoo.com



# Id-Disa' t'April 1942

**Andre' Farrugia**

Għalkemm nistgħu ngħidu li t-tieni Gwerra Dinjija bdiet nhar l-1 ta'Settembru, 1939 meta l-qawwa Ġermaniża invadew il-pajjiż tal-Polonja fuq akkużi foloz li l-armata Pollakka kienet għamlet xi operazzjonijiet ta' sabutaġġ fuq postijiet fejn l-armata Ġermaniża kienet stazzjonata. Eżattament jumejn wara nhar it-3 ta' Settembru wara l-Ingliżi taw ultimatum lil Ġermanja biex tieqaf minn kull operazzjoni militari ġewwa l-Polonja li dan ma seħħx, l-Ingilterra u Franza flimkien mal-pajjiżi alleati iddikjaraw gwerra kontra l-Ġermanja.



*Field Marshal Albert Kesselring (lemin) jiltaqa' mal-Ġeneral Edwin Rommel (xellug) fl-Afrika ta' fuq (1942)*

Biss pajjiżna Malta daħal fil-gwerra meta d-dittatur Taljan Benito Mussolini ddikkjara gwerra kontra l-Ingilterra u Franza nhar l-10 ta' Ġunju 1940. Għal Mussolini u l-Italja, Malta kienet meqjusa bħala għadu minħabba l-preżenza tal-Ingliżi. L-għada 11 ta' Ġunju, 1940 għaxar (10) ajruplani tat-tip Savoia Marchetti qasmu l-fliegu minn Sqallija biex attakkaw tliet postijiet ewlenin:- il-Port il-Kbir, Kalafrana u Ħal Far. Fit-07:45am tal-istess għodwa l-qawwa tal-ajru Taljana diġà kienu tefgħu l-ewwel bombi fuq Sant'Iermu fejn f'dan l-attakk mietu l-ewwel Maltin. Żgur li din ma kinitx ħaġa li l-Ħalluqin kienu qegħdin jistennew. Pero l-Maltin malajr irrealizzaw x'baħar imqalleb kien qiegħed jistennihom. Mal-ewwel attakk irrenja paniku sħiħ fit-toroq u għexieren ta' familji sabu refuġju f'irħula oħra madwar Malta. Il-Gwerra għal Malta ġiet ħabta u sabta, ħadd ma kien ippreperat, lanqas xeltrijiet ma kien għad hemm imħaffrin fil-bidu tal-gwerra, tant li ġew imwaqqfa s-sezzjoni tal-A.R.P (Air Raid Precautions) li kienu jgħinu n-nies f'każ t'Air Raid.

Iżda ejja ngħatu ħarsa x'ġara eżatt fid-9 t'April, 1942 ġewwa r-raħal ta' Ħal Luqa, fl-eqqel tat-tieni Gwerra Dinjija. Għal ħafna Maltin speċjalment ħafna Ħalluqin ix-xahar




Ekwipaġġ tal-Luftwaffe jippreparaw il-bombi f'ajruport ġewwa Sqallija destinati għal Malta. F'dan ir-ritratt nistgħu naraw l-isem ta' Malta miktub fuq bomba, fejn l-iskrizzjoni mil-lingwa Ġermaniża għall-Ingliż tgħid hekk: "Iron greetings for Malta"

t'April tal-1942 baqa' ċar fil-memorja tagħhom dan minħabba li kien ix-xahar li permezz tal-attakki tal-ajru mill-qawwa Ġermaniża 'Luftwaffe' mietu ħafna nies kif ukoll qerda kbira ta' postijiet ġewwa pajjiżna. Fejn aktar tard ix-xahar t'April beda jissejjaħ bil-lingwa Ingliża "The April Blitz". Jekk ngħatu ħarsa lejn l-istorja Field Marshal Albert Kesselring kellu pjan li jinnewtralizza lil gżira ta' Malta b'attakki ħorox biex pajjiżna jkun jista' jieqaf milli jattakka permezz tal-ajruplani tar-Royal Air Force fuq 'convoys' Ġermaniżi fi triqithom lejn l-Afrika ta' fuq.

L-ewwel attakki għax-xahar t'April saru fil-Ġimgħa Mqaddsa eżattament nhar l-Erbgħa tat-Tniebri, fejn bil-mod il-mod "Luftwaffe" kompliet żżid bl-intensita b'attakki iktar. Nistgħu nsemmu li nhar is-7 t'April, Ħadd il-Għid f'ġurnata waħda saru għaxar (10) attakki mill-qawwa Ġermaniża, fejn fl-istess ġurnata fil-ħames (5) "Air Raid" bejn is-5.55 sas-7.18 p.m, bomba laqtet ir-Royal Opera House magħrufa aħjar bħala Teatru Rjal, fejn parti mill-istess teatru spiċċa twaqqa.

Jumejn wara, jiġifieri nhar it-Tlieta 9 t'April, 1942 għal bidu l-attakki fuq Malta ma kinux daqshekk kbar, biss wara nofsinhar tal-istess ġurnata sar attakk kbir fuq Malta, parti minn dan l-attakk kien ikkonċernat fuq l-ajrudrom ta' Ħal Luqa, fejn 60 Bomber Ġermaniż ħadu sehem f'dawn l-attakki, 16 minnhom kienu tal-



Juri żewġ ajruplani tat-tip Junkers (Ju 87) jew kif inhuma magħrufin aħjar bħala Stukas. Dan l-ajruplan iddebutta għall-ewwel darba fil-gwerra Ċivili ġewwa Spanja fis-sena 1937

għamla Junkers (Ju 87) magħrufin bħala 'Stukas'. Disgħa (9) minn dawn il-Junkers ħabtu għar-raħal ta' Ħal Luqa fejn ħallew traġedja sħiħa. Toroq u bini saru ħerba, iġġarrfet parti mill-Knisja Parrokkjali, in-naħa tal-kappellun tar-Rużarju. Kawża ta' dan l-attakk, il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù li tpitter fl-1906 minn Giuseppe Cali nqered għalkollox. Kienet deċiżjoni għaqlija li kemm il-kwadru Titulari ta' Sant'Andrija u dawk tal-Agunija u tar-Rużarju ttieħdu fil-kunvent tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat, kieku ma kienx hekk kien jintilef kollox.

In-nies kif ħarġet mix-xeltrijiet sabet ma' wiċċha triqat magħluqa b'ġebel imwaqqa ma' kullimkien, nofs il-Knisja mwaqqa, il-ftit djar li ma ttajrux bil-bombi dehru bla bibien, twieqi jew b'xi ħajt jew saqaf imġarraf. Biss l-iktar xena kerha li Ħalluqin ta' dakinhar kienu raw b'għajnejhom kienet fi Triq Papa Innoċenzju fejn kien hemm biss borġ fuq borġ ta' ġebel. F'din l-imsemmija triq ix-xelter ukoll kien intlaqat, bomba ta' Stuka nifdet ġiebja fil-qrib splodiet u qatlet il-biċċa kbira tan-nies, uħud minnhom mgħerqin fl-ilma. F'dan ix-xelter kienu mietu 23 ruħ, 16 minnhom ma nstabux jew ma setgħux jingħarfu. Apparti hekk kienu mietu żewġ persuni oħra fi Triq San Ġużepp u persuna nstabet midruba serjament.

Din hija l-lista sħiha tal-persuni kollha li mietu f'dan l-attakk nhar id-9 t'April, 1942:-

Joseph Abdilla, 9snin, Innoċenza Attard 42 sena, Gunner Joseph Attard (RMA) 21 sena, Salvina Attard 17-il sena, Andrew Attard 13-il sena, Michael Attard 11-il sena, Nicola Attard 6 snin, Anthony Attard 8 snin, Paskalina Attard 3 snin, Carmelo Azzopardi 52 sena, Frances barbara 31 sena, John Barbara 10 snin, Andrew Barbara 5 snin, Carmela Barbara 5 xhur, John M Ellul 51 sena, Felicissima Farrugia 38 sena, Andrew Farrugia 11-il sena, Saviour Farrugia 8 snin, Rosario Farrugia 6 snin, Joseph Farrugia 5 snin, Andrew Farrugia sena u sitt xhur, Carmel Farrugia 4 xhur, Grezzju Schembri 53 sena, Francis Schembri 11-il sena u Ċensa Vella 70 sena.

Dan l-episodju fir-raħal ta' Ħal Luqa ma qatax qalb il-Ħalluqin, il-moral baqa dejjem għoli f'kull sitwazzjoni biex b'hekk il-ħajja setgħet tiġi lura għan-normal. Kien ix-xahar



*Juri t-tiġrif li ġarrbet il-knisja parrokkjali fit-Tieni Gwerra Dinjija nhar id-9 t'April 1942, il-koppla u l-kumplament tal-knisja parrokkjali kellhom jinħattu u jinbnew mill-ġdid*



*Juri x-xena kerha fi Triq Papa Innoċenzju, dakinhar tad-9 t'April, 1942*

li għal 282 darba f'Malta ndaqqet is-sirena biex turi li kien riesaq attakk mill-ajru mill-qawwa Ġermaniża. Għalhekk ir-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra kien ta lill-Malta l-akbar ġieħ li setgħet tagħti l-Ingilterra għall-qlubija kontra l-għadu – il-George Cross nhar il-15 t'April, 1942, sitt'ijiem biss wara li r-raħal ta' Ħal Luqa għadda minn din it-traġedja hekk kerha li baqgħet fil-memorja ta' ħafna Ħalluqin. 74 sena wara, ir-raħal ta' Ħal Luqa żviluppa u kiber b'ġenerazzjoni li forsi tiftakar ftit x'ġara eżatt fit-Tieni Gwerra Dinjija, huwa tajjeb li nkunu nafu l-istorja ta' dawk l-4,500 ruħ li għexu fl-eqqel tal-gwerra ġewwa raħalna, kif ukoll niftakru f'dawk li ħallewna dakinhar ta' din il-ġrajja.


**Bibliografija:**

Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha- Dun Ġużepp Micallef

Raħal fi Gwerra – Dun Ġużepp Micallef

'The Destruction never seemed to end' - Charles Debono ( Sunday Times 17 th June, 2012)

www.luqaparish.com


**Ritratti:**

Ir-ritratti ġew meħuda mill-enċkilopedija tal-kultura u ċ-ċivilazzjoni Maltija.



*Iċ-ċentru tal-ġewż f'waħda mis-swali prinċipali tal-każin. Disinn ta' Abraham Gatt.*



L-insinji Bażilikali fuq il-Presbiterju tat-Tempju Andrean (Ħajr lil Fabian Mangion)



# Il-Kapitlu tal-Insinji Kolleġġjata Bażilika ta' Marija Bambina tal-Isla f'Ħal Luqa għall-festa ta' Sant'Andrija tal-1929

Il-knisja ewlenija tal-Belt Senglea, iddedikata lit-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ġiet mibnija għall-ewwel darba fis-sena 1580 b'tifkira tar-Rebħa Kbira li l-Maltin flimkien mal-Kavallieri kienu għamlu fuq it-Torok, fit-8 ta' Settembru ta' ħmistax-il sena qabel. Fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1581, l-Isla ħadet il-limiti kollha tagħha mill-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, u b'digriet tal-Papa Girgor XIII, din il-Knisja saret Parroċċa. Fra Tumas Gargallo, l-Isqof ta' Malta ta' dik il-ħabta, ħatar lil Dun Anton di Nicolaci bħala l-ewwel Kappillan ta' din il-Parroċċa ġdida.

Id-dinjità ta' Kolleġġjata kienet mixtieqa ħafna għall-ġid tal-parroċċa. Ix-xewqa ewlenija tal-Kolleġġjata kienet biex il-parroċċa jkollha servizz aħjar mill-kleru numeruż tagħha. Għad-domanda li ressaq il-Kappillan Dun Salv Bonnici, il-Papa Piju VI, fil-21



ta' Mejju 1786 ħareġ id-Digriet li permezz tiegħu għolla lill-parroċċa tal-Isla għall-grad ta' Kolleġġjata Insinji. Fit-3 ta' Jannar 1921 il-knisja saret Bażilika b'digriet tal-Papa Benedittu XV. Saret ukoll Santwarju meta l-Istatwa ta' Marija Bambina ġiet inkurunata fl-4 ta' Settembru 1921 b'digriet tal-istess Papa.

Fit-8 ta' Lulju 1928, fuq stedina tal-Kappillan Dun Manwel Micallef, il-Kapitlu Senglean ħa sehem fit-Tieni Għasar u mexxa l-purċissjoni fil-festi ċċelebrati fil-Qrendi f'ġieħ il-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes. Dan kien fl-okkażjoni tal-50 sena tal-fratellanza ddedikata lilha mwaqqfa fl-istess raħal il-21 ta' Jannar 1878 mill-Kappillan Senglean Dun Pietru Pawl Xuereb Cordina, li kien Kanonku tal-Kolleġġjata. Imma jekk ir-raħal tal-Qrendi jiftaħar li rċieva għandu lill-Kapitlu Senglean fl-ewwel servizz tiegħu 'l barra mill-Belt Senglea wara l-għoti tal-Bażilika, il-villaġġ ta' Ħal Luqa jifraħ li mingħandhu waslet t-tieni stedina simili lil dan il-Kapitlu.

Kien il-Kappillan Senglean Dun Salv Pavia li, fl-24 ta' Novembru 1929, stieden lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Bażilika Sengleana biex imexxi l-funzjonijiet tal-festa titulari ta' Sant'Andrija ta' dik is-sena. Il-kanonċi laqgħu din l-istedina u ddeċidew li jattendu numerużi. Dakinhar tal-31 ta' Novembru 1929, il-Kanonku Arċipriet Dun Ġużepp Adami, ċċelebra l-quddiesa solenni ta' jum il-festa. Waranofsinhar, il-Kapitlu kollhu ħa sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-Tieni Għasar u mexxa l-purċissjoni. (Ara Kolleġġjata Senglea, *Acta Capitularia*, Vol. G [1915-1934], p. 367)

Fl-4 ta' Diċembru 1929, il-Kappillan Pavia bagħat nota ta' radd il-ħajr lill-Kapitlu għas-sehem tiegħu fil-funzjonijiet iċċelebrati f'Ħal Luqa.

Dawn li qed naraw hawn huma żewġ ritratti ta' dik l-okkażjoni. Fir-ritratt ta' Paġna 176 naraw il-presbiterju mħejji kif jixraq f'jum il-festa. Fuq il-lemin tal-artal maġġur, jidher it-Tintinnablu u fuq ix-xellug naraw il-Mazza Kapitulari. Fir-ritratt ta' Paġna 177 tidher il-purċissjoni fil-ħruġ tagħha mill-knisja. L-Umbrellun Bażilikali jinsab eżatt wara l-istatwa ta' Sant'Andrija.



# Il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju jagħlaq Mitt Sena

**Neil Zammit**

Għall-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju, is-sena 1916 kienet waħda importanti ħafna, fejn matulha ġie mżanżan il-kwadru l-ġdid għall-kappellun iddedikat lil tar-Rużarju ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Dan il-kwadru mdaqqas jiddomina l-altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju fuq in-naħa tax-xellug tal-altar maġġur. Xogħol il-magħruf Giuseppe Calì, dan il-kwadru kien tlesta fl-1916 u sar bit-tħabrik tal-prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju, Dun Pietru Demicoli, biex jieħu post wieħed aktar antik li sal-lum għadu jinsab fis-sagristija tal-knisja. Ta' min isemmi li dan il-kwadru l-antik huwa xogħol tal-pittur Valerio Failla (1604 – 1653).

Jingħad illi l-ħsieb li ssir din il-pittura ġdida minflok dik ta' Failla, imur lura għall-1906, meta Calì lesta l-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù u li kien inkixef fil-festa tal-altar f'Ġunju ta' dik is-sena. Tant kien intogħġob, li l-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Anton Vella kien ordna mingħand l-istess pittur tliet kwadri oħra għall-altari ta' taħt in-navi; dak ta' San Duminku, ta' San Mikiel u tat-Twelid ta' Ġesù li kollha tlestew għall-festa ta' Sant'Andrija f'Novembru 1908. Tajjeb wieħed jgħid li Calì ġa kellu kuntatti mal-fratellanza tar-Rużarju sa mill-1875, meta kien tqabbad biex ipitter il-karnaġġjon tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fl-istess parroċċa. Il-kwadru tar-Rużarju fortunatament ġie salvat mill-qilla tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta flimkien mal-kwadri tal-Kappellun tal-Agunija u t-Titular tal-knisja, ittiehdu fil-Kunvent tad-



*Il-kwadru l-antik tal-Madonna tar-Rużarju*

Dumnikani ġewwa r-Rabat. Dawn it-tliet kwadri kienu nġiebu lura mir-Rabat fid-29 ta' Ġunju tal-1945.

Fil-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju naraw diversi persunaġġi li huma msawra flimkien biex joħolqu ikonografija romantika tipika għall-aħħar tal-epoka li fih tpitter dan ix-xogħol stupend. Anke l-kuluri li huma tipiċi tal-istil ta' Giuseppe Calì, jagħtu ċerta sens ta' kalma fi ħdan il-kompożizzjoni. Fih naraw il-Madonna bil-Bambin Ġesù f'idejha, it-tnejn imtajrin fuq sħab mimli filwaqt li huma mdawrin bi tlett anġli u fl-isfond naraw l-uċuħ ħelwin ta' kor ta' anġli oħrajn. It-tlett anġli prinċipali jirrappreżentaw it-tliet taqsimiet tar-Rużarju; dak fuq ix-xellug tal-Madonna jirrappreżenta t-tbatija u għandu l-parċmina tal-kundanna ta' Kristu f'idejh. Dak fuq il-lemin jirrappreżenta l-misteri tal-ferħ u jidher qiegħed idoqq l-arpa filwaqt li dak li qed jinkuruna l-Madonna jirrappreżenta l-misteri tal-glorja.


Il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li sar ġdid fl-1916

Fil-parti t'isfel tal-kwadru naraw fuq sfond ta' taraġ b'tapit ħadrani fuqu, lil San Duminku ta' Gusman, f'komunikazzjoni diretta mal-Madonna. F'idu l-leminija naraw il-kuruna tar-Rużarju filwaqt li fl-oħra permezz ta' xabla, qed jisħaq serp li jidher jiġri fl-art. Din l-ikonografija tirrappreżenta l-qawwa tar-rużarju li permezz tiegħu teqred il-qawwa tal-ħażen li tidher fil-forma tas-serp. Fuq ix-xellug tal-kwadru nsibu lil patri Dumnikan inkinat lill-Madonna filwaqt li jidher jippreżenta ktieb aħmar kbir. Fl-isfond naraw ukoll tliet patrijiet oħra Dumnikani jħarsu lejn il-Madonna u li kienu qed jassistu lil San Duminiku waqt din il-viżjoni mistika.

**Bibliografija**

Robert Cassar - *Cali, Cremona u Camilleri Cauchi; Anniversarji fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa*, Pubblikazzjoni Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, Festa 2006

Websajt Uffiċjali tal-parroċċa: www.luqaparish.com



*Għeluq il-Mitt Sena mill-miġja tal-istatwa tal-Granmastru Jean De La Valette*
*Maħduma fil-Kartapesta mill-istatwarju Carmelo Mallia fl-1916*


Hotel Fontana
BAR RISTORA
GELATI ARTIGIANALI
WINE BAR PIZZA AND
Sant'
Andrija









# Ġita ġewwa Amalfi fil-Festa Liturġika ta' Sant'Andrija

**Raoul Briffa**

Naħseb wieħed mill-passatempi favoriti tan-nies huwa s-safar. Issib ħafna nies li darba fis-sena jibbukjaw xi post partikolari madwar id-dinja biex jirrilassaw u jaqtgħu ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Kienet ilha tberren f'moħħi li xi darba mmur Amalfi, il-post fejn hemm parti mill-fdalijiet tal-Patrun tagħna Sant'Andrija.

F'Novembru li għadda jien flimkien ma' tlieta minn sħabi tal-Grupp tal-Armar tal-Knisja ddeċidejna li għall-festa liturġika ta' Sant'Andrija f'Novembru, inkunu għall-ewwel darba f'ħajti 'l bogħod mir-raħal għażiż tagħna Ħal Luqa u nieħdu sehem fil-festa tal-Patrun ġewwa Amalfi, l-Italja.

Apparti Amalfi, żorna postijiet ta' interess fl-Italja, li jkun dnub li tmur l-Italja u ma żżurx dawn il-postijiet. Fl-ewwel ftit jiem tal-vaganza tagħna fl-Italja tajna ħarsa lejn il-postijiet varji, monumenti u teżori li nsibu fil-belt kapitali tal-Italja, Ruma. Fost l-oħrajn żorna l-Vatikan, li nista' ngħid ħadna nofs ta' nhar sħiħ biex dornieh ftit mhux ħażin. Wieħed jibqa' affaxxinat bit-teżori li nsibu f'dan il-Maqdes hekk kbir u maestuż li huma tifkira sabiħa tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna li ħadmu u stinkaw biex illum għandna f'idejna dawn it-teżori imprezzabbli. Żorna wkoll il-Colosseum li huwa wieħed mill-postijiet li ħafna nies jassoċċjaw mal-istorja sabiħa ta' Ruma.

Jekk tkun dilettant tal-arti tal-knejjes, Ruma hija monument ewlieni tal-arti. Żorna diversi knejjes pero bħala Ħalluqin meta konna Ruma ma stajniex inħallu barra 'San Andrea della Valle' u 'San Andrea al Quirinale' fost l-oħrajn. Wara li qattajna jumejn ġewwa Ruma kien imiss li naqbdu t-trejn għal Sorrento ġewwa Napli.

Minħabba li s-safra tagħna kienet viċin iż-żmien tant sabiħ tal-Milied, ġewwa Sorrento kien hemm atmosfera sabiħa u fil-kesħa fina tal-Italja żorna dan il-post. L-għixien ta' dawn in-nies ta' dan il-pajjiż jixbah ħafna lil dak tagħna l-Maltin. L-għada iddedikajna ġurnata biex żorna Napli, fejn b'mod speċjali żorna n-numru ta' ħwienet li jbiegħu l-Bambini ferm sbieħ ta' Napli.

Il-qofol ta' din il-ġita lħaqnieh it-Tnejn, 30 ta' Novembru, il-jum li tant Luqin jgħożżuh ġewwa qalbhom. Kienet ta' xorti kbira għalina li qattajna dan il-jum mal-fdalijiet tal-Patrun tagħna. Ħadna sehem fil-quddiesa ġewwa l-katidral ta' Amalfi u wara ħadna sehem fil-purċissjoni li tgħaddi minn diversi toroq tal-belt ta' Amalfi. Il-festa ssir bi nhar u jmexxieha l-Arċisqof tal-post. Il-bust relikwarju ta' Sant'Andrija jitniżżel ix-xatt u jattendu ħafna nies għaliha. Impressjonanti ferm f'din il-purċissjoni kien id-dħul

tal-vara lura fil-knisja. L-istatwa ta' Sant'Andrija tiġi mtellgħa bil-ġirja t-taraġ twil li jagħti għall-katidral. Bla dubju l-vara tiġi merfugħa minn diversi rġiel biex itellgħuha t-taraġ. Wara li ntemmet il-purċissjoni kellna x-xorti li nżuru l-fdalijiet tal-qaddis u tlabna quddiemhom.



Wara l-jum tant importanti tat-30 ta' Novembru l-btala tagħna ġewwa l-Italja ntemmet u kien imiss li nirritornaw lura ġewwa pajjiżna u nxammru jdejna għax-xogħol biex inżarmaw il-maqdes tagħna wara l-festa.

Nagħlaq dan l-artiklu fuq din il-mawra tagħna ġewwa Amalfi, billi nirringrazzja lil sieħbi Neil Zammit, li kien il-moħħ wara din is-safra, kif ukoll lil Andrew Coleiro u Aaron Cachia li kienu kollha ta' kumpanija sabiħa tul din iż-żjara.



# Tinstab il-Ħames Antifona f'ġieħ Sant'Andrija Appostlu

**Neil Zammit**

Ftit huma dawk il-parroċċi mxerrda madwar Malta u Għawdex li jgawdu minn repertorju vast ta' mużika sagra. Minkejja ċ-ċokon tagħha, il-parroċċa ta' Ħal Luqa tista' tiftaħar li tul il-medda tas-snin, il-festa ad unur Sant'Andrija Appostlu gawdiet mis-servizz tal-aqwa *maestri di cappella* li kellna f'pajjiżna. Xhieda ta' dan kollu huma l-ħafna ittri fil-ġurnali lokali, li jagħtu rendikont dettaljat tal-festa interna li kienet tiġi ċċelebrata bl-akbar pompa nhar it-30 ta' Novembru ta' kull sena.

## Sfond storiku

M'għandniex xi ngħidu, il-mużika ta' dawn l-antifoni kienet tqanqal fervur sħiħ hekk kif kienet tindaqq bl-orkestra, lejlet u nhar il-festa. Is-Surmastrijiet Giuseppe Malfiggiani u Gaetano Grech, li dan tal-aħħar kien ukoll direttur tal-Filarmonika *L'Unione*, kitbu żewġ antifoni mexxejja u tal-widna, b'idjoma operistika għall-aħħar li kienet tirrifletti l-epoka li fiha għexu u kitbu dawn iż-żewġ kompożituri. Is-Surmast Malfigiani serva għal numru ta' snin bħala *maestro di cappella* fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa. Għaldaqstant, kienet xi ħaġa normali li huwa wkoll jimmużika l-antifona li titkanta fil-festa tal-qaddis patrun. Mhux l-istess nistgħu ngħidu għas-Surmast Prof. Gaetano Grech, għax din l-antifona minn tiegħu nkitbet apposta biex tindaqq waqt il-*prima messa* (fl-1 ta' Jannar 1894) tas-saċerdot novell Dun Rosario Cremona, iben Vincenzo Cremona li kien wieħed mill-ewlenin presidenti tal-Filarmonika *L'Unione*.



*Mro Ferdinando Camilleri*

Tispikka aktar hija t-tielet antifona, miktuba mill-magħruf Dott. Paolo Nani fl-1879. Din l-antifona hija tassew kapolavur ieħor mużikali ta' Nani, tant li għadd ta' ġurnali kienu jikkummeentaw dwarha meta kienet għadha tindaqq fil-jiem tal-festa titular. Dott. Paolo Nani serva għal numru ta' snin bħala *maestro di cappella* u warajh ibnu Anton, li baqa' għaddej fuq il-passi ta' missieru u kien jesegwixxi l-mużika tiegħu u ta' missieru. Il-*Cappella* Nani baqgħet attiva sew f'Ħal Luqa sal-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, meta mbagħad daħlet fix-xena l-*Cappella* Camilleri.

Jissemma li madwar is-sena 1930, is-Surmast Ferdinando Camilleri ħa f'idejh il-

mużika ta' lejlet u nhar il-festa ta' Sant'Andrija Appostlu. Din id-deċiżjoni minn naħa tal-prokuratur tal-festa ta' dak iż-żmien kienet tfisser bidla radikali fil-mużika li kienet tindaqq f'dawn il-jiem ta' festa, inkluż l-antifona primarja, Minħabba l-*Motu Proprio*, kull parroċċa kellha tadatta għal dawn l-istruzzjoninjiet ġodda maħruġa mill-Vatikan. Għaldaqstant, l-għażla waqgħet fuq Ferdinando Camilleri, li diġà kien magħruf sewwa ġewwa Ħal Luqa peress li twieled u trabba f'dan ir-raħal u kien strumentali biex flimkien ma' missieru Vincenzo, waqqfu l-ewwel banda tar-raħal fl-1880 bl-isem *L'Unione*.

Il-*Cappella* Camilleri ntlaqgħet tajjeb ħafna, tant li wara li rtira Ferdinando Camilleri, ibnu Giuseppe ħa t-tmexxija f'idejh u kien jiġi jmexxi l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa. Il-*primi vespri* solenni, il-quddiesa l-kbira, is-*secondi vespri* u d-dħul tal-purċissjoni keinu jsiru bl-akbar pompa, saħansitra anke fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra l-kbira. Minkejja li l-festa kienet xi ftit ridotta kawża tat-tiġrif li ħalliet warajha l-gwerra, iċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja baqgħu jsiru kif titlob il-liturġija. Dan kollu nistgħu nikkonfermawh kemm mir-reġistri tal-prokura tal-festa kif ukoll mid-dokumentarju viżiv li l-*Australian Broadcasting Corporation* (ABC) ħejjiet fl-1968 bl-isem '*Two Trumpets for Saint Andrew*', liema dokumentarju juri biċ-ċar id-devozzjoni lejn Sant'Andrija Appostlu, li kienet għadha b'saħħitha sa dawk iż-żminijiet. F'parti minn dan id-dokumentarju, fost l-oħrajn, jinstemgħu n-noti melodjużi ta' wieħed mis-salmi li jitkantaw waqt il-*primi vespri* solenni ta' lejlet il-festa, kompożizzjoni ta' Ferdinando u Giuseppe Camilleri.



Mro Giuseppe Camilleri

F'nofs is-snin sittin, il-kliem tal-antifona ta' Sant'Andrija ġie adattat għall-mużika ta' innu Marjan li kien kiteb aktar qabel Patri Domenico Anastasi *O.S.A.*, u din bdiet tindaqq ta' kull sena mill-kor parrokkjali *Excelsior* fil-jiem tat-tridu. Sadanittant, is-Surmast Giuseppe Camilleri baqa' jmexxi l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa sal-1975, meta mbagħad kellu jirtira minħabba saħħtu. Sa dik il-ħabta, is-Surmast Camilleri kien baqa' jdoqq l-antifona ta' missieru, iżda wara li spiċċa mill-kariga ta' *maestro di cappella*, din l-antifona baqgħet mistura u ħadd aktar ma sema' biha.

## Tinstab l-Antifona ta' Camilleri

Mir-riċerka li kont għamilt madwar sitt snin ilu, kelli provi biżżejjed li kienu jeżistu xejn anqas minn ħames antifoni ddedikati lil Sant'Andrija Appostlu, li minn nofs is-seklu dsatax sal-lum, indaqqu xi darba jew oħra fil-jiem tal-festa. Dawn kienu ta' Giuseppe Malfiggiani, Dott. Paolo Nani, Gaetano Grech, Ferdinando Camilleri u Domenico D'Anastasi *O.S.A.* Kollha kienu f'idejna minbarra dik ta' Camilleri. Fittixt kemm-il darba fl-Arkivju Parrokkjali, fl-




Waħda mill-partijiet tal-Antifona

arkivju tas-Soċjetà L'Unjoni, kif ukoll fl-Arkivji tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina, iżda kien kollu għal xejn.

Sadanittant kont għamilt konoxxenza mas-sinjura Antoinette Fava, bint is-Surmast Giuseppe Camilleri, li kienet ta' għajnuna kbira għalija f'din ir-riċerka intensiva. Bil-permess ġentili tagħha, kelli x-xorti nfittex fl-arkivji personali tal-Familja Camilleri biex forsi din l-antifona tinstab u terġa' tieħu l-ħajja. Tkellimt ukoll kemm-il darba ma' Andrew Camilleri, bniedem dilettant anzjan li għandu tifkiriet mill-isbaħ tal-festa ta' Sant'Andrija ta' tfulitu, li wkoll jiftakar din l-antifona tindaqq. Iżda kien kollu għal xejn, għax il-mużika oriġinali baqgħet mitlufa.

F'Ottubru tas-sena l-oħra, nirċievi telefonata mingħand is-sinjura Fava, fejn infurmatni li kienet sabet xi ħaġa tgħodd għalija; l-antifona *Cum Pervenisset* ta' Ferdinando Camilleri. Jiena fraħt tassew xħin smajt din l-aħbar, u dlonk għamilt appuntament magħha u ltqajna ġewwa r-residenza privata tagħha biex nara b'għajnejja dan ix-xogħol mużikali. U hekk kien tassew, għax l-antifona ta' Ferdinando Camilleri sa fl-aħħar kienet instabet mill-ġdid. Is-sinjura Fava ġentilment offriet li tirregala din l-antifona lis-Soċjetà L'Unjoni, u dan seħħ nhar is-Sibt 21 ta' Novembru li għadda ġewwa t-Teatru *Metanoia* waqt il-Kunċert Sinfoniku Annwali li tellgħet is-Soċjetà. Tassew apprezzajna dan il-ġest minn naħa tagħha, tant li bdejna naħdmu minnufih biex din l-antifona terġa tibda tindaqq fil-festa. Wara komunikazzjoni mal-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo, huwa aċċetta li din l-antifona tiġi rregalata lill-knisja sabiex tindaqq f'jum il-festa waqt il-quddiesa l-kbira ta' filgħodu.

## Analiżi Mużikali

Iffirmata *F. Camilleri*, datata *26 Ottobre, 1930* u mgħammda bl-isem *Cum Pervenisset Beatus Andreas* – din hi l-antifona l-aktar 'ġdida' miktuba mill-magħruf kompożitur Ħal Luqi Ferdinando Camilleri speċifikament għas-solennità ta' Sant'Andrija Appostlu li tiġi ċċelebrata ta' kull sena ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Luqa.



*Il-preżentazzjoni tal-Antifona mis-Sinjura Antoinette Fava*

Dan ix-xogħol mużikali, b'melodija mill-isbaħ li tpaxxi l-widna u fl-istess ħin konformi mal-*muto proprio*, jiftaħ b'introduzzjoni ta' tmien battuti immarkata *moderato maestoso* fuq l-istrumenti kollha. Hawnhekk tinstema' għall-ewwel darba t-tema prinċipali tal-antifona. Eżattament wara, terġa' tinstema t-tema sħiħa, din id-darba akkumpanjata mill-vuċijiet maskili. Hekk kif tagħlaq l-aħħar frażi tat-tema prinċipali, insibu passaġġ *solo* fuq it-tenur, immarkat largo. Dan huwa akkumpanjat bi strumenti tal-korda u ftit żidiet oħra bħall-flawt, l-oboe u l-kornu, li flimkien joħolqu armonija tassew bilanċjata u melodija paċifika u anqas maestuża minn dik li għadha kif instemgħet ftit aktar qabel. Wara li s-solista item l-aħħar frażi tiegħu, tidħol sezzjoni immarkata *primo tempo*, fejn insibu varjazzjoni tal-ewwel tema prinċipali, din id-darba alternata bejn l-orkestra u l-vuċijiet. F'temp ta' tmintax-il battuta, din it-tema sekondarja twassal mill-ġdid għat-tema prinċipali, li terġa' tidwi bħall-bidu, bl-orkestra kollha u l-vuċijiet jingħaqdu flimkien biex iwasslu għat-tmien ta' dan ix-xogħol sagru.

### Għeluq

Ma nistax ma nirringrazzjax lis-sinjura Antoinette Fava, ta' dan il-ġest sabiħ li għamlet magħna. Din se tibqa' mfakkra bħal sejba importanti, li tkompli żżid mal-wirt u l-patrimonju mużikali marbut mal-festa ta' Sant'Andrija Appostlu. Kien għalhekk tassew propizju li s-sinjura Fava tiġi unanimament maħtura bħala President Onorarju tas-Soċjetà tagħna u għal Ħal Luqa.

Fl-aħħar nett, nistennew bil-ħerqa l-mument sabiex għall-ewwel darba wara nuqqas ta' għexieren ta' snin, nerġgħu nisimgħu l-antifona *Cum Pervenisset* ta' Ferdinando Camilleri tidwi mal-irkejjen kollha tat-Tempju Andrean.

Cum pervenisset Beatus Andreas
ad locum ubi Crux parata erax, exclamavit et dixit:
O bona Crux diu desiderata et jam concupiscenti
animo praeparata securus et gaudens venio da te:
ita et tu exultans suscipias me discipulum ejus,
qui pependit in te.



# Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa

**Rev. Joseph Micallef**

*Dan l-artiklu ta' Dun Ġużepp Micallef ġie ippubblikat fil-ħarġa tal-Pronostiku Malti tal-1986, maħruġ minn Giovanni Muscat & Co. Limited. Ħajr lis-Sur Anton Morana li għoġbu jgħaddilna dan il-materjal interessanti.*

Ħal Luqa saret parroċċa fil-15 ta' Mejju 1634. Tul dan iż-żmien il-knisja parrokkjali nbniet jew sar tibdil sustanzjali fl-istruttura tagħha għal darba, tnejn, tlieta, erba' darbiet.

Malli twaqqfet il-parroċċa, il-Ħalluqin fl-istess sena taw bidu għall-bini ta' knisja ġdida biex tieħu post il-knisja l-qadima dedikata lill-appostlu Sant'Andrija, li kienet ilha wieqfa fuq il-150 sena.[1]

"L-arkitett tal-knisja parrokkjali ġdida tagħna," kif sejjaħlu l-ewwel kappillan, Dun Wistin Cassia, kien qassis Ħalluqi, Dun Ġulju Muscat. Kien mgħammed nhar it-28 ta' Jannar 1603. Dun Ġulju fassal li fuq wara tal-knisja l-qadima kellu jittella l-kor, iż-żewġ kappelluni u biċċa mill-korsija. Wara li jitlesta dan ix-xogħol kellhom iħottu l-ħajt ta' wara tal-knisja l-qadima u jgħaqqduha mal-ġdida.

Għal għaxar snin ix-xogħol ma qata' xejn. Sal-1644 inbnew il-kor, il-kappelluni, biċċa mill-korsija u telgħet il-koppja. Fl-aħħar xhur tal-1644 din il-parti l-ġdida tniffdet u tgħaqdet mal-knisja l-qadima kif kien il-ħsieb sa mill-bidu. Imbagħad tkompla l-bini tal-bqija tal-korsija. Kull ġenb tagħha kien ġej bi tliet arkati, tan-nofs b'bieb għal barra, filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu ser isiru kappelli ta' altari. Dan ix-xogħol twettaq kollu madwar il-bini tal-knisja l-qadima, li twaqqgħet biss meta l-korsija tlestiet mill-ġebel. Ta' min iżid li x-xogħol ta' skultura fil-knisja kien f'idejn wieħed Franċiż, Antonju Garsin.



*Il-Knisja Parrokkjali lejn l-aħħar tas-seklu dsatax*

### Kif kienet il-knisja

L-aqwa xogħol fil-bini tal-knisja kien għoddu lest sal-1665. Il-knisja kienet nieqsa minn kull dekorazzjoni, ħlief għal dak li kien jitlob l-istil Doriku tagħha. Sew il-faċċata tal-kor kemm il-kappelluni kienu għad-dritt u mhux fit-tond. L-istess ħaġa setgħet tingħad għas-sitt kapelli li kien hemm fil-knisja. Is-saqaf kien jibda dritt minn fuq il-gwarniċun. Kien mibni bi ħnejjiet fit-tond b'xorok bejniethom. Fuq kull arkata tal-korsija u tal-kappelluni kien hemm tieqa ħierġa mill-istess tundjatura tal-ħnejjiet. Fil-kor kien hemm żewġ twieqi oħra. Il-koppja kienet lixxa għalkollox, mingħajr pilastri jew ħjiel ta' skultura. Kellha tmien twieqi bil-blata tagħhom għad-dritt.

L-istess kont tista' tgħid għall-faċċata tal-knisja li kienet bla ebda tiżjin ħlief għal panew b'pilastru korint kull naħa tal-bieb maġġur u b'ċinta dekorattiva fuqu. Tieqa ovali għat-tul kienet tikser il-vojt ta' fuq il-bieb. Kampnar sempliċi tlesta fuq naħa waħda tal-faċċata għas-sena 1686.[2]

Nistgħu ngħidu li jekk il-perit Dun Ġulju Muscat qabel miet fl-1643, kien ħalla l-pjanta tal-knisja kollha (u hekk jidher li kien) meta nbeda l-kampnar kien intemm il-proġett kollu tiegħu.

Dun Dumink Muscat, J.U.D., skrivan ewlieni fil-kanċellerija tal-Ordni u kappillan konventwali tal-Lingwa tal-Italja, kien jiġi ħu Dun Ġulju. Dun Dumink ħaseb biex jagħmel lapida fuq qabar ħuh. Dun Ġulju kien l-ewwel wieħed li difnu fil-knisja l-ġdida. Il-qabar tiegħu kien dak tan-nofs fl-ewwel filliera ta' ħames oqbra fil-korsija li kienu jmissu mal-presbiterju.[3] Ħuh ieħor, Klement, ħa ħsieb irranġa l-qabar fl-1658. L-iskrizzjoni bil-Latin fuq qabar Dun Ġulju kienet tgħid:[4]

*Casal Luca*
*D.O.M.*
*D. Julio Muscato Viro Frugi*
*Moribus et Vita Integerrimo*
*Presbytero Beneficiario in Hoc Sacro Templo*
*quod est architectatus tumulato*
*Fr Dominicus Muscatus J.U.D. Ven Linguae Italiae*
*Ordinis Hierni*
*Sacerdos Commendatarius*
*Fratri Desideratissimo mystissimi Posuit*
*Obiit 7 Novbris 1643*
*Idemque Clementius alter Frater sibi Poste-*
*risque suis Vivens Elegit*
*Ann: Sal 1657**

Ftit snin biss wara li raw il-knisja lesta, il-Ħalluqin twebblu li jibdlu l-faċċata tal-kor u tal-knisja.[5] F'Ottubru tal-1691 beda l-ġbir tal-fondi għal dan l-iskop mill-prokuratur Mastru Girgor Borg.[6] Għall-aħħar tal-istess sena beda l-qtugħ tal-ġebel minn barriera tal-knisja. F'Ġunju 1692, beda l-inġir ta' dan il-ġebel minn gajj ta' ħaddiema li offrew ix-xogħol tagħhom b'xejn. Il-prokuratur ta' kull darba li dawn l-irġiel kienu jkunu fuq ix-xogħol kien jagħtihom xi ħaġa tal-ikel u xarba inbid. Lit-tfal li kienu jkunu jagħtu daqqa t'id kienu joffrulhom il-lewż.[7]

### Ħlas tal-iskultura

L-iskultur Giuseppe Casanova u sieħbu Geronimo (ma nafux kunjomu) ġew imqabbdin jaħdmu l-iskultura fil-ġebel għall-kor il-ġdid. Bdew ix-xogħol fid-8 ta' Settembru tal-1692. L-iskultura kienet qed tinħadem fl-art biex imbagħad il-ġebel skolpit jittella' fpostu bil-lest. Casanova kien jieħu irbiegħi kuljum, sieħbu ħames irbiegħi u għaxar ħabbiet, u tifel li kien magħhom għalli jinqala' kien jaqla' rbiegħi kuljum. Casanova dam 159 ġurnata biex lesta l-iskultura kollha tal-kor barra tal-arzella li kellha tkun skolpita fil-post.[8]

Inqala' xi intopp, għax xogħol bejn Awwissu 1693 u April 1694 kważi ma sar xejn. Kien f'dan iż-żmien li l-Isqof Cocco Palmieri żar il-knisja u sab ħafna ġebel minġur u kolonni tal-kor qegħdin jinħadmu. Il-kor il-qadim kien għadu wieqaf. Biex jerġa' jagħti spinta ħalli x-xogħol jerġa' jibda, l-isqof ħatar lil Dun Franġisk Tabone u Dun Ġann Dumink Ellul bħala prokuraturi tal-bini. L-iskop tal-isqof irnexxa għax fil-5 ta' Mejju, 1694, beda x-xogħol tal-bini tal-kor minn gajj ta' nies imħallsin. Ħadu ħmistax-il ġimgħa, u lestew ix-xogħol tal-ġebel fil-21 ta' Awwissu. Intefqu f'pagi mas-sittax-il skud fil-ġimgħa.


*Il-Knisja Parrokkjali kif kienet tidher fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin*

### Il-bini tal-kor

Sena wara l-iskultur Casanova qatta' l'arzella tal-kor u aktarx ħadem ukoll l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl. B'kollox dam 49 ġurnata (bejn it-3 ta' Settembru u t-13 ta' Novembru 1694) biex temm ix-xogħol.[9] Hekk tlesta l-bini tal-kor fuq stil barokk li ta dehra ġdida lill-knisja. Ta' min iżid li minħabba li l-kor ittawwal issa kien fih erba' twieqi minflok it-tnejn ta' qabel.

Ħames snin wara ingħata bidu "biex jinħatt il-kampnar u tinbeda faċċata ġdida b'żewġ kampnari." Id-disinn kien tal-arkitett Lorenzo Gafà. Tħallas tliet skudi u nofs tiegħu.[10] Ix-xogħol beda mill-ewel minn gajj ta' ħaddiema jaħdmu b'paga. Fl-istess ħin irġiel oħrajn kienu qed jaħdmu b'xejn.[11] Interessanti nefqa ta' erba irbiegħi li saret fis-16 ta' Mejju, 1699, biex Gafà ġie jara x-xogħol kif kien sejjer. Biex ġie mill-Birgu l-ewwel kellu jaqbad dgħajsa minn beltu sal-Marsa fejn sab żiemel li wasslu Ħal Luqa.[12] Ix-xogħol dam sejjer bil-mod sal-1704. Imbagħad waqaf. Il-faċċata tħalliet bla frontispizju, u ż-żewġ kampnari kemm itellgħu u tħallew bla balavostri u xogħol ieħor dekorattiv. Għalxejn kien l-appell li għamel l-isqof fil-viżta pastorali f'Ġunju 1709 biex il-bini jitkompla. Il-prokuratur Girgor Borg telaq il-prokura f'Novembru, 1711. F'tul ta' għoxrin sena ġabar mad-900 skud.[13]

Kien biss fuq ħamsa u għoxrin sena wara li l-faċċata tkompliet. Ix-xogħol tmexxa minn Mastru Sebastjan Saliba li ħadem ukoll l-iskultura li kien hemm bżonn. Il-faċċata tal-knisja lesta sal-1737.[14]

Fl-istess sena tlestliet il-faċċata tal-kappellun tar-Rużarju li kienet inħattet u nbniet mill-ġdid fuq stil barokk. Kienet biċċa xogħol " li tolqot il-għajn." Il-kappellun tal-Agunija kien ġa nbena wkoll fuq l-istess stil barokk.[15]

## Zuntier ġdid

L-aħħar biċċa xogħol kien iz-zuntier ġdid fuq disinn tal-Arkitett Lorenzo Gafà. Kien imdawwar kollu b'balavostri. F'tarfhom fuq kull naħa kien hemm żewġ statwi: Mose u Aronne. [16]

Fl-aħħar tas-seklu dsatax ħafna rħula kienu qed iżidu n-navi fil-knejjes parrokkjali tagħhom – waħda mir-raġunijiet ewlenin kien il-bżonn ta' iżjed wisa' fil-knejjes minħabba n-numru dejjem jikber tal-popolazzjoni. Kien dan il-bżonn li ġiegħel lil kappillan Dun Orazju Grima jitlob lill-perit Franġisku Sammut u l-Indri Vassallo jagħmlu pjanta għan-navi u faċċata ġdida għall-knisja. Isem Vassallo ma jidhirx fid-dokumenti għax għalkemm ġa arkitett magħruf kien għadu ma ħax il-*warrant* ta' perit. Nistgħu ngħidu fiż-żgur li l-pjanti kienu tiegħu. Sew Vassallo kemm Sammut kienu Ħalluqin u t-tnejn taw sehemhom bla tgergir.[17]

Ix-xogħol beda fis-16 ta' Mejju 1901. Mastru Pietru Vassallo kien intgħażel bħala mgħallem biex imexxi x-xogħol tal-bini iżda nqala' l-inkwiet għax Pietru ried ibiddel il-pjanta li kienet approvata mill-poplu u speċjalment mill-imgħallmin Ħalluqin tal-ġebel. Il-bdiet ma ġiet aċċettat u Pietru telaq il-kariga. Dun Ġużepp Vassallo, ħu Indri, indaħal hu, u bl-għajnuna tal-Perit Sammut, mexxa x-xogħol, 'il quddiem b'imgħallem ġdid, Franġisku Zammit.

In-navi kienu lesti f'Novembru, 1904 u tbierku qabel il-festa ta' Sant'Andrija li dak iż-żmien kienet issir fl-aħħar tal-istess xahar. Tliet snin wara l-faċċata kienet lesta wkoll. L-Isqof Pietru Pace, meta żar il-parroċċa fis-26 ta' Diċembru, 1907 faħħar it-tibdil li sar fil-knisja, iżda deherlu li ż-żewġ kappelli ta' maġenb l-artal maġġur għandhom jinbidlu u jinbdew mill-ġdid bħall-kappelli l-oħra tan-navi. Il-parir tal-isqof kien aċċettat.

Fl-1910 sar ġdid iz-zuntier biex jibqa' tajjeb mal-mixja tas-snin. Meta tlesta fl-ewwel xhur tal-1912, iddawwar b'kanċell tal-ħadid.

## Statwi fuq il-faċċata

Ir-redentur li jiddomina l-faċċata, xogħol l-iskultur Franġisku Saverju Sciortino, ittella' f'postu fid-29 ta' April, 1911, Żewġ statwi, il-*Fidi* u t-*Tama*, tqiegħdu f'posthom f'Novembru, 1914.

Ix-xogħol kollu sewa Lm2,095,[18] kollha miġburin minn fost il-Ħalluqin, biċċa mhux ħażin minnhom daħlu minn bejgħ ta' bizzilla, newl u xogħol ta' ħjata li ħafna nisa ħadmu tul is-snin 1901-13 għal dan l-iskop.

Kull meta sar xi tibdil fil-bini tal-knisja, dan dejjem sar mill-Ħalluqin għax riedu huma. Iżda fit-Tieni Gwerra Dinjija, ġara mod ieħor. Fid-9 ta' April, 1942 il-knisja ġarrbet ħsarat kbar waqt attakk mill-ajru, tant li l-poplu baqa' juża biss in-navi tan-naħa tal-lemin int u dieħel il-knisja.[19]

Il-Perit Indri Micallef u l-imgħallem Geraldu Spiteri, it-tnejn Ħalluqin, indaħlu għall-bini mill-ġdid tal-knisja. Ix-xogħol beda f'Settembru, 1944. Għal xhur sħaħ il-ħaddiema ħattew il-parti l-kbira tal-knisja li kienet mgħeżża u rifdu b'ħitan ħoxnin il-kampnar tal-qanpiena l-kbira li kellu ħsarat kbar.



*Il-Maqdes Andrean kif jidher illum*

L-ewwel ġebel tqiegħed f'Ġunju, 1945. Sa Jannar, 1947 kienu nbnew mill-ġdid in-navi tax-xellug u l-korsija – wiesgħa metru u nofs iżjed milli kienet qabel. Malli dan inbeda ħajt proviżorju bejn iż-żewġ pilastri maġġuri tal-korsija biex il-parti li kienet tlestiet tibda sservi ta' knisja.

Wara ngħata bidu għall-bini taż-żewġ kappelluni u tal-kor. Xogħol li ha sa tmiem is-sena 1949. Il-koppla ħadet sentejn biex ittellgħet. Tlestiet mix-xogħol tal-iskultura u nvjar f'Ġunju 1952. Hekk il-knisja minn ġewwa kienet lesta mill-ġebel. Kien it-Tlieta, 12 ta' Mejju, 1953, li tqaddset l-ewwel quddiesa fuq l-artal maġġur ġdid.

Ix-xogħol fuq il-faċċata tal-knisja beda f'Jannar, 1953. L-ewwel ma ġie rranġat kien il-kampnar tal-qanpiena l-kbira. Il-pilastri ta' taħtu minħabba l-ħsarat li kienu ġarrbu mill-bombi kellhom isiru ġodda. Għall-kampnar intuża l-ġebel li kien hemm qabel. Meta l-kampnar inħatt, l-imgħallem Geraldu Spiteri kien ħa ħsieb li l-ġebel kollu filata filata jiġi ppustjat bl-ordni fuq il-bejt tal-knisja. Hekk kull ġebla tal-kampnar setgħet terġa' titqiegħed eżatt fejn kienet qabel.

Kien jonqos li tinbeda mill-ġdid il-parti tan-nofs tal-faċċata tal-knisja. Fuq disinn għalkollox differenti minn ta' qabel tlestiet għal Mejju 1955 meta, fuq pedistall ġdid, ittella' r-Redentur. Kien hemm minn ma qabilx mal-bidla li saret fil-faċċata, speċjalment il-pedistall baxx tar-Redentur li stona bejn iż-żewġ kampnari għoljin.

Kellu jkun riefnu qawwi fil-lejl tas-16 ta' Jannar, 1978, li wassal biex il-pedistall jerġa' kważi kif kien qabel il-gwerra. Ir-riefnu tajjar l-istatwa tar-Redentur, li b'xorti tajba waqgħet fuq il-bejt tal-knisja u ma sofrietx ħsara kbira. Issewwiet mill-iskultur Alfred Camilleri Cauchi. L-imgħallem Ħallulqi Toninu Galea ħadem ix-xogħol kollu tal-ġebel u tella' mill-ġdid ir-Redentur postu. Tpoġġew ukoll mill-ġdid iż-żewġ statwi tal-Fidi u t-Tama. Hekk il-faċċata ħadet mill-ġdid dehra ħafna aħjar milli kienet qabel.

Illum Ħal Luqa għandha knisja parrokkjali li tagħmel ġieħ lill-imgħallmin tal-ġebel li r-raħal dejjem kien imsemmi għalihom.

**Dun Dumink Muscat U.U.D., qassis kommendatarju tal-Venerabbli tal-Italja, waqqaf dan il-qabar f'ġieħ ħuh Dun Ġulju Muscat li tiegħu jħoss it-telfa. Kien raġel magħruf u ta' karattru tassew twajjeb, qassis benefiċjarju midfun f'dan it-tempju mqaddes li hu bena. Miet fis-7 ta' Novembru, XXXX, Klement ħuh ieħor, tul ħajtu, għażel dan il-qabar biex jindifnu fih hu. Fis-sena tal-Mulej 1658. (Fl-arkivju parrokkjali ta' Ħal Luqa l-mewt ta' Dun Ġulju hi miżżla taħt it-8 ta' Novembru, 1643).*

**Referenzi**


[1] A[rkivju] N[utarili], V[alletta]. J. Sabara R494/2 f.4
[2] J. Micallef: Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha. pp 103-106
[3] Ib. p. 121
[4] A[rkivju tal-] K[atidral], M[dina], Misc. 81 p.129
[5] J. Micallef, op. cit. pp 106, 107
[6] A[rkivju] A[rċiveskovili], F[loriana], Conti: Conto che rende Mro Gregorio Borg della procura della fabrica della Venda Chiesa parrocchiale di Casal Luca amminsitrata dal medesimo dalli 28 Ottobre 1691 sino 29 Nov 1711 pp. 1-10
[7] Ib. pp 11-44
[8] Ib. pp 12-17
[9] Ib. p.25
[10] Ib. p. 28
[11] Ib. pp 29-44
[12] Ib. p.31
[13] Ib. p 10
[14] AAF Conti, Conto che rendo noli Sri D. Gio Domco Farrugia, Gio M Borge Franco Bonnici della amministrazione della procura della fabrica della Venda Chiesa parle di S. Andrea Aplo dalli 16 Giugno 1731 sin li 3 Nov 1737. Passim.
[15] J. Micallef, Op. cit. pp 107, 108
[16] Ib p. 107; ANV T, Vella 1112/7 rikors bid-data 15.ix.1725
[17] J. Micallef, Op. cit. pp 269-273
[18] AAF Reviżjoni 1923 Vol 1, Nru 4
[19] J. Micallef, Op. Cit. pp 308-310



# Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu Martri

## *Lura għall-glorja kollha li jistħoqqlu*

**Neil Zammit**

### Sfond Storiku

Fis-sekli l-imgħoddija, il-Knisja kienet tqim bil-bosta aktar mil-lum il-fdalijiet tal-qaddisin martri, li ħallew ħajjithom għall-fidi f'Ġesù Kristu waqt il-persekuzzjoni tal-Insara mill-Imperu Ruman. F'Malta, inġiebu għadd ġmielu ta' korpi santi mill-katakombi ta' Ruma biex jiġu venerati mill-poplu u titkattar id-devozzjoni lejn dawn l-ewlenin martri tal-Knisja. Fil-fatt, kien hawn influss ta' dawn il-fdalijiet qaddisa, speċjalment matul is-sekli tmintax u dsatax.

Ħal Luqa ma kinitx eċċezzjoni, għax fl-1833, tul il-parrokkat ta' Dun Ġużepp Sultana, inġiebu l-fdalijiet tal-martiri San Feliċissimu mill-Katakombi ta' Santa Ċirijaka f'Ruma. L-affari ma waqfitx hawn, għax minnufih ġiet ordnata statwa biex fiha jitqiegħdu l-fdalijiet qaddisa. L-għażla waqgħet fuq l-iskultur magħruf Pietro Paolo Azzopardi, li dik il-ħabta kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa skulturi li kellna f'pajjiżna.



*Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu qabel it-Tieni Gwerra*

L-istatwa ta' San Feliċissimu tlestiet fl-1834 u tabilħaqq kienet opra mill-isbaħ li ħarġet minn idejn dan l-iskultur ċelebri. Tajjeb insemmu li din l-istatwa tnaqqxet fl-injam ftit tax-xhur qabel ma l-istess artist skolpixxa l-istatwa ta' San Ġorġ meqjuma fil-Bażilika Ġorġjana tal-Belt Victoria, Għawdex. Fil-fatt hemm xebh kbir bejn dawn iż-żewġ statwi, kemm fl-ikonografija kif ukoll fil-polikromija.

Intant, dik is-sena saret festa kbira *ad unur* San Feliċissimu kif kien xieraq u minnufih xterrdu l-qima u d-devozzjoni lejn dan il-qaddis. Jingħad li l-Kappillan Sultana, flimkien mar-retturi tal-fratellanzi qablu li ssir urna tal-irħam fuq l-artal

tal-Agunija sabiex din l-istatwa titpoġġa fiha matul is-sena għall-qima tal-poplu. Fil-fatt, din in-niċċa bl-istatwa fiha ġiet inawgurata fl-20 ta' Settembru tal-1835 u ta' kull sena bdiet issir il-festa *ad unur* il-qaddis martri nhar it-tielet Ħadd ta' Settembru.

## Min kien Pietro Paolo Azzopardi?

L-iskultur Pietro Paolo Azzopardi twieled il-Belt Valletta fl-20 ta' April 1791, iben Antonio minn Bormla u Maria née Camilleri mill-Furjana. Kien it-tielet wild u ġie mgħammed fil-knisja ta' San Pawl Nawfraġju l-Belt Valletta. Tawh l-ismijiet ta' Salvatore, Giuseppe, Petrus Paulus u Jeremias, iżda baqa' magħruf bit-tielet isem, dak ta' Pietro Paolo. Ta' età żgħira l-familja marru joqgħodu Bormla.

Wara li attenda l-iskola f'livell sekondarju, Azzopardi tgħallem l-iskultura mal-magħruf Mariano Gerada. Skont l-istroku P. P. Casingena, Pietro Paolo beda l-karriera tiegħu jiskolpixxi għadd ta' puleni għall-iġfna. Hu kien jiskolpixxi wkoll fil-ġebla Maltija, iżda l-biċċa l-kbira tal-istatwi li skolpixxa u żeba' dan l-artist kienu fl-injam u fuq disinn tiegħu stess. Pietro Paolo kien kiseb fama artistika kbira u kien neqjus bħala artist ta' kalibru kbir. Huwa żżewweġ lill-ewwel mara tiegħu Giovanna Rosa née Camilleri minn Bormla fit-28 ta' Ottubru 1817. Fit-twelid tar-raba' wild tagħhom, nhar it-22 ta' Diċembru 1833, Giovanna Rosa u t-tarbija mietu u hawnhekk l-iskultur kellu jieħu ħsieb lit-tliet uliedu l-oħra – Salvatore ta' disa' snin, Maria Concetta ta' seba' snin u lil Giuseppe ta' tliet snin. Fil-5 ta' Mejju 1836, Pietro Paolo Azzopardi żżewweġ għat-tieni darba, din id-darba lil Antonia née Attard.



Il-Firma tal-Artist fuq il-Korp Sant ta' San Feliċissimu

Kif semmejna, Azzopardi kien meqjus bħala artist mill-aqwa, tant li ħadem bosta xogħlijiet importanti matul il-karriera tiegħu. Fl-1808, meta kien għad kellu biss sbatax-il sena, hu naqqax il-figura ta' Ġesù Redentur għal Ħal Għaxaq fil-ġebla Maltija. Għall-ħabta tal-1822, Azzopardi kompla x-xogħol fuq l-istatwa ta' Santu Rokku tal-Qrendi, li kien beda u ma temmx l-imgħallem tiegħu Mariano Gerada. Imbagħad, fl-1825 Azzopardi ndura bid-deheb l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, xogħol ieħor ta' Gerada. Tliet snin wara, huwa skolpixxa l-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju għall-parroċċa ta' Bormla.

Fl-1834 Azzopardi naqqax fl-injam l-istatwa tal-flaġellazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu għall-knisja ta' Ġieżu l-Belt Valletta. Imbagħad fl-4 ta' Ġunju tal-istess sena huwa skolpixxa fl-injam il-Korp Sant ta' San Feliċissimu għall-parroċċa ta' Bormla, dawk ta' Ġesù fflaġellat u l-*Ecce Homo*. Għal Għawdex, l-ewwel xogħol tiegħu kien lest fl-1839 meta naqqax fl-injam l-istatwa titulari ta' San Ġorġ għall-knisja tal-Belt Victoria. Fl-1843 ħadem ukoll statwa ta' San Ġużepp għal Bormla, iżda sfortunatament dan ix-xogħol hu mitluf u ħadd ma jaf x'sar minnu. Sentejn wara huwa lesta wkoll l-istatwa

titulari għall-parroċċa tax-Xewkija li tirrappreżenta lil San Ġwann il-Battista. Wara din kien imiss l-istatwa ta' Sant'Agata għall-parroċċa ta' Bormla, li kienet lesta fl-1847. Fl-1848, skolpixxa wkoll il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira għall-knisja ta' San Ġorġ t'Għawdex.

Fl-1853, il-familja Azzopardi ħalliet Bormla biex marret toqgħod il-Belt Valletta f'Numru 7, Strada Ponente. F'dik l-istess sena huwa naqqax l-istatwa titulari ta' Marija Bambina għall-Mellieħa. Tliet snin wara, Azzopardi naqqax l-istatwa ta' Ġesù Redentur. L-istatwi ta' Sant'Elija u l-Profeta Eliżew tal-ġebel li hemm fil-Kunvent tal-Karmelitana tal-Belt Valletta lestihom fl-1858. Fl-1862 Pietro Paolo skolpixxa fl-injam l-istatwa ta' Sant'Elena u San Makarju għall-vara ta' Santu Kruċ li kienet fil-knisja ta' Ġieżu l-Belt Valletta. Din hi l-unika statwa fejn Azzopardi skolpixxa l-irjus, l-idejn u s-saqajn fl-injam u l-kumplament inħadmu fil-kartapesta. Fl-1900 din l-istatwa ngħatat lill-knisja ta' San Franġisk tar-Rabat Għawdex fejn għadha hemm sal-lum. L-aħħar xogħol minn tiegħu li nafu bih s'issa kien dak tal-1865, fejn Azzopardi naqqax fl-injam il-figura rebbieħa tal-Arkanġlu San Mikiel għall-knisja ta' San Ġorġ Ħal Qormi.

Fit-13 ta' Frar 1864, it-tieni mara tiegħu Antonia mietet ukoll u hawn Pietro Paolo Azzopardi spiċċa jgħix waħdu l-Belt Valletta. Ta' erbgħa u sebgħin sena, huwa marad u spiċċa jgħix ma' ibnu Giuseppe f'Numru 123, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. Jidher illi l-aħħar żmien ta' ħajtu kien diffiċli finanzjarjament. Fit-testment tiegħu kiteb li, li kieku ma kienx għal ibnu Giuseppe, kien ikollu jbigħ ġidu biex jgħix. Huwa miet fl-24 ta' Ottubru 1875, fl-għomor ta' 84 sena.




*Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu waqt ir-Restawr li sar minn Publio Magro*

## Żvolta Ġdida

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, in-niċċa ta' San Feliċissimu kellha titneħħa, bħalma ġralhom ħafna affarijiet oħra li kienu jżejnu l-knisja parrokkjali l-antika. L-istatwa ta' San Feliċissimu twarrbet għalkollox mill-knisja u sabet postha f'waħda mis-swali fuq is-sagristija. Mal-medda taż-żmien, l-istatwa ġarrbet xi ħsarat, kawża tat-telqa li fiha kienet tinsab, tant li kienet kważi ntesiet għalkollox.

B'xorti tajba, ftit tas-snin ilu reġa' qam l-interess għal din l-istatwa. Wara snin twal ta' telqa u abbandun, il-Korp Sant ta' San Feliċissimu reġa' ra d-dawl u beda jitniżżel fin-niċċa ta' Sant'Andrija fil-jiem tal-festa titulari biex jitgawda mill-pubbliku. Minkejja l-istat ħażin li kien jinsab fih, xorta waħdu kien għadu jgawdi mill-oriġinalità tiegħu kif ħareġ minn idejn l-iskultur Azzopardi. Fl-2009, tul il-parrokkat ta' Dun Karm Camilleri, din l-istatwa sabet postha fil-mużew parrokkjali biex b'hekk jiġi żgurat li ma ssirx aktar ħsara bla bżonn.

Sadanittant, tul il-parrokkat tal-kappillan preżenti Dun Gordon Refalo, nibtet l-idea li l-istatwa tiġi rrestawrata kif xieraq biex tieħu d-dehra oriġinali tagħha. Wara nuqqas ta' bosta snin, l-istatwa ntramat fil-knisja f'Novembru 2014 fuq l-altar tal-Agunija għall-festa tal-qaddisin kollha.

Bosta kienu tal-fehma li kien hemm bżonn intervent mill-aktar fis biex din l-opra tiġi salvata. Minnufih bdew il-kuntatti biex jinstabu l-fondi meħtieġa ħalli jkun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ. Saret konsultazzjoni mar-restawratur Publio Magro, fejn dan ġie jara l-istatwa u ppreżenta rapport u stima tax-xogħol. Dan ġie ppreżentat lill-Kurja tal-Arċisqof u mill-ewwel ħareġ il-permess biex ikun jista' jinbeda r-restawr neċessarju. Saret ukoll talba lill-Ministeru tal-Finanzi biex jgħin fl-ispiża ta' dan il-proġett. Min-naħa tiegħu, grazzi għall-*Fond tal-Kawżi Ġusti*, l-imsemmi Ministeru offra parti mill-ispiża globali. L-ispejjeż l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett tħallsu mill-benefatturi fi ħdan il-Grupp Armar tal-Knisja.



*Ir-Restawratur Publio Magro waqt ix-xogħol ta' Konservazzjoni*

## Restawr u Konservazzjoni tal-Istatwa

Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu ttieħed ġewwa l-*istudjo* ta' Pubio Magro fil-Furjana f'Mejju 2015 u minnufh bdiet issir analiżi tal-ħsarat li ġarrbet din l-istatwa. Kien evidenti l-fatt li l-karnaġġjon tal-qaddis ma kienx intmess minn xi ħaddieħor, għalkemm kienu jidhru xi xpakki fl-injam kemm fuq il-wiċċ kif ukoll fl-idejn u s-saqajn tal-qaddis. Għaldaqstant, l-ewwel proċessi kienu t-tindif tal-karnaġġjon u t-tiswija tal-ixpakki. B'hekk ġie salvat il-karnaġġjon oriġinali ta' Azzopardi, li jagħmel din l-istatwa aktar prezzjuża u unika.

Id-divan li fuqu tistrieħ l-istatwa tal-qaddis kellu xi partijiet nieqsa wkoll u kellhom jinħadmu mill-ġdid fl-injam biex jikkumplimentaw l-iskultura eżistenti. Ingħata l-protezzjoni kontra l-elementi u wara ġie rħamat mill-ġdid fuq l-istess kulur li kellu qabel. Ġew indurati mill-ġdid l-iskultura li kien hemm iżżejjen id-divan, kif ukoll ix-xabla u l-elmu tal-qaddis.

Tajjeb insemmu wkoll li l-armatura tal-lama li kienet imlibbsa biha l-istatwa kienet ukoll fi stat ħażin ħafna, u ġie deċiż li kien aħjar li tinbidel. Għal dan l-għan, inġiebet minn Ruma biċċa lama mill-ifjen biex saret l-armatura l-ġdida mill-istess Publio Magro, bl-għajnuna ta' Lucia Magro u Lara Quintano. Il-mant u d-dalmatika kienu wkoll spiċċaw biż-żmien, tant li kellhom jinħietu mill-ġdid. Inxtara l-għażel, kif ukoll glalen u freneż adattati biex jikkumplimentaw max-xogħol li kien qed isir. Il-ħjata kienet f'idejn Connie Spiteri.

Intant inħadmu wkoll palma u kuruna tar-rand minn Twanny Żammit biex jitqiegħdu mal-istatwa, għax dawk li kien hemm qabel kienu ilhom li għosfru, waqt li r-raġġiera tal-fidda, maħduma fl-1834, u li fortunatament kienet għadha teżisti, tnaddfet biex tkun tista' tintuża mill-ġdid.

## Lura fil-Knisja

Ix-xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq l-istatwa ta' San Feliċissimu ġie fi tmiemu ftit tal-jiem qabel ma seta' jintrama fil-knisja għall-qima u l-ammirazzjoni tal-poplu. Iżda sakemm kien għaddej dan il-proċess kollu, nibtet ukoll l-idea li din l-opra tal-arti ssib postha fil-knisja matul is-sena kollha. Ngħiduha kif inhi, kienet tassew ħasra li opra bħal din kienet tħalliet għal snin twal f'telqa u abbandun, u ma kienx aktar galbu li tibqa' moħbija, meta fl-antik dan il-Korp Sant kien jinsab iżejjen il-knisja u kien igawdi devozzjoni pjuttost qawwija, tant li ħafna tfal kienu jissemmew għalih u saħansitra anke l-qanpiena ż-żgħira tawha l-isem tiegħu.

Għaldaqstant, ġie deċiż li tiġi utilizzata waħda miż-żewġ niċeċ li nsibu fil-kappelluni, u li għal dawn l-aħħar snin kienu qed iservu bħala post biex fih jintrefgħu affarijiet tat-tindif użati kuljum. Minnufih beda x-xogħol biex din in-niċċa tiġi adattata, grazzi għall-ħidma ta' għadd ta' parruċċani, ħafna minnha volontarja. Il-ħitan tan-niċċa nksew minn Joe Piscopo b'damask abjad iffjurit, waqt li Ġorġ Mifsud ħadem bankun biex fuqu titpoġġa l-istatwa. M'għandniex xi ngħidu, kien jonqos ukoll li ssir bieba ġdida għan-niċċa skont il-forma u l-linja arkitettonika tal-knisja. Dan ix-xogħol daħal għalih volontarjament is-Sur Joseph Ċini, li għamel biċċa xogħol tassew sabiħa fl-injam.

Ta' għajnuna wkoll kienu Andrew Micallef, Ġanni Formosa, Karmnu Caruana u l-Grupp Armar tal-Knisja li lkoll ħadmu id f'id biex dan il-proġett seta' jsir bl-aqwa mod possibbli kif jixraq lill-knisja. L-ispejjeż kollha f'dan ir-rigward tħallsu mill-Grupp Armar tal-Knisja. Barra minn hekk, sar xogħol ta' induratura minn Clifford Micallef fuq l-arma tal-qaddis, liema arma kienet tagħmel parti min-niċċa l-antika, waqt li l-Viċi Parroku Dun Charles Ċini ħa ħsieb jgħaddi d-dawl.



*Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu Armat għall-Festa Tiegħu fuq l-Artal Maġġur*

## Għeluq

Nistgħu ngħidu li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Feliċissimu kif ukoll in-niċċa tiegħu ntlaqgħu tajjeb u ġew apprezzati ferm. Kienet tassew deċiżjoni għaqlija li jitwettaq dan ix-xogħol għax kien hemm riskju li opra bħal din issib ruħha fi stat irreparabbli jew agħar minn hekk, tintilef għalkollox. Tal-anqas issa din l-opra tista' titgawda fl-isplendur kollu tagħha matul is-sena kollha fil-post li jixirqilha. Jalla aktar ħidmiet bħal din isiru ta' spiss biex nibżgħu għall-patrimonju tagħna u napprezzaw dak li ħallewlna ta' qabilna.

**Biblijografija**


Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa – Niesha u Ġrajjietha, 1975

Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa – 375 Sena ta' Fidi u Kultura Nisranija, 2009

Noti Personali




*Il-Korp Sant ta' San Feliċissimu lura fil-glorja kollha tiegħu*



# Niltaqgħu ma' Charlie Camilleri

**James Aquilina**
*B.Com (Gen)., Dip. Tourism*

Chalie Camilleri magħruf bħala l-*Paddy,* llum ilaħħaq is-sebgħin sena. Camilleri huwa iben Ġużeppi u Marija née Cassar, din tal-aħħar mill-Qrendi. Huwa twieled fl-1 ta' Ottubru tal-1945 f'Birżebbuġa. Is-sur Camilleri huwa miżżewweġ lil Rita née Brincat u għandu żewġt itfal tewmin; Eric u Patrick. Huwa tifel fost l-aħwa Twanny, Jane, il-mibki Joseph u Andrew. Meta żżewġu ommu u missieru marru joqgħodu B'Buġia peress li kif spjegalna sew Chalie, *"Ħal Luqa kienet għadha mfarrka"* wara tiġrif tal-gwerra. Biżżejjed semmili kif wara l-knisja kien kollu mwaqqa'.



*Chalie Camilleri*



*It-tiġrif li sofra Ħal Luqa fiż-żmien il-gwerra. Fir-ritratt jidhru djar mġarrfa fit-Triq il-Karmnu*

Missier Chalie, Ġużeppi dejjem kellu l-ħsieb li jitla' joqgħod Ħal Luqa. Huwa qal kif qabel ma' ġew joqgħodu r-raħal, missieru kien dejjem tiela' u nieżel bil-mutur ir-raħal, moħħu fil-festa! Dlonk sema' kif meta kienu jiġu r-raħal il-Ħadd filgħodu, kienu jiġu jaraw il-bini tal-knisja jinbena, b'mod partikolari l-bini tal-koppla, li jiftakara tinbena qisu l-bieraħ. Camilleri żied jgħid li l-kolonni ta' ħdejn il-bieb tal-knisja, inħadmu kollha fuq iz-zuntier permezz tat-torn tal-injam.

### Il-Familja Camilleri tirritorna Ħal Luqa

Fil-bidu tal-ħamsinijiet, il-familja Camilleri ġiet toqgħod Ħal Luqa minflok iz-zija li kienet emigrat lejn l-Awstralja. Chalie kellu biss tmien snin u d-dar tagħhom konna nsibuha fi Triq Dun Pawl. Fit-toroq tar-raħal ftit li xejn kont tara karozzi u mhux l-ewwel darba kont issib lil aħwa Camilleri jilgħabu l-passju jew jagħmlu xi teatrin ma' tfal oħra fl-istess triq. Jiftakar sew kif ix-xeltrijiet tar-raħal kienu ingħalqu kollha, wara li l-gwerra għaddiet għaliex fil-pajjiż beda jirrenja l-paċi.



Ix-xelter ta' ħdejn l-iskola primarja ta' Ħal Luqa

Is-sur Camilleri kompla jgħid li meta nqala' l-inkwiet fuq l-Suez Canal tal-Eġittu, ix-xeltrijiet reġgħu infetħu minħabba l-biża' li tinqala' gwerra oħra fil-Mediterran. Mhux l-ewwel darba kont ssib lil Chalie jiġri f'xi xelter kollu *"dlam, ilma jqattar u umdità"*. Wara li għaddiet it-theddida, ix-xeltrijiet reġgħu ingħalqu bil-kapitelli.

Huwa studja fl-iskola primarja ta' Ħal Luqa li dak iż-żmien kienet b'sular wieħed. Semili kif ta' tifel kien jagħti s-sehem tiegħu bħala abbati ma' Dun Ġużepp Micallef fejn iktar tard ħeġġeġ lil Chalie jibda' jattendi l-Azzjoni Kattolika wkoll.

Fi tfulitu, l-Azzjoni Kattolika kienet tiltaqa' ġewwa Dar Agius fejn mhux l-ewwel darba kienu jilgħabu xi logħba ballun fil-bitħa żgħira li tinsab fuq wara tal-istess bini. Iktar tard il-logħob tal-ballun beda jsir fil-grawnd taċ-ċentru, li kien bil-bosta akbar mill-bitħa ta' Dar Agius. Fi tfulitu jiftakar ukoll iċ-ċentru parrokkjali jinbena. Chalie spiss kien imur jgħin lil missieru jgħaddi d-dawl tat-teatru taċ-ċentru.



L-għajn tal-ilma li kienet tinsab fit-triq il-Karmnu. Immarkata b'kaxxa bajda

Dun Ġużepp Micallef kien dilettant sew tal-*football*. Kellu tim tiegħu magħmul mill-membri tal-Azzjoni. Dan it-tim kien jipparteċipa fil-*leagues* tal-football li kienu jsiru l-Kottonera.

Mimli memorji u nostalġiji tat-tfulija, Camilleri beda jispjega

fejn kont issib l-għajnijiet tal-ilma fir-raħal. F'Ħal Luqa kien hemm għajn tal-ilma fit-Triq il-Ġdida ħdejn sqaq li kien hemm qabel ma' tikser għal *playing field*. Kien hemm oħra fejn illum insibu l-monument tal-gwerra fit-Triq Sant'Andrija, oħra Triq il-Karmnu, għajn oħra ħdejn il-maħżen tal-Ġimgħa l-Kbira u l-aħħar waħda fit-Triq il-Parroċċa. Ta' tfal kienu jixorbu minn xi għajn, jitilqu jiġru għal oħra li jmiss u jibqgħu sejrin hekk. Imbagħad fis-sajf kont issib iż-żunżan iduru mal-ilma tal-għajn. Fis-sittinijiet għaddew il-pipijiet tal-ilma u għalhekk l-użu tal-għajn tal-ilma ma kienx għad fadal iktar bżonnu.

Chalie beda jitgħallem il-kurunetta mal-Banda L-Unjoni. Kien hawnhekk li Camilleri ltaqa' mal-mara tiegħu Rita peress li anke hi kienet alljieva. Il-mara tiegħu kienet iddoqq *saxaphone*. Camilleri ħa l-istudju tiegħu ma' Karmenu Brincat li aktar tard kellu jkun il-kunjatu tiegħu! Dak iż-żmien kien hemm ukoll is-surmast Bilocca. L-ewwel darba li daqq uffiċjalment mal-banda kien nhar il-Ġimgħa Kbira. F'dik is-sena kienu ħarġu sitt alljievi b'kollox. Iktar tard Camilleri kompla l-istudju tiegħu fit-*technical school*. Minn hemm huwa għamel l-eżamijiet tac-*City & Guilds* fis-snajja tal-injam.

It-tfulija ta' Chalie kienet karaterizzata minn tibdil politiku u soċjali li kien qiegħed iseħħ fil-pajjiż. Bla dubju ta' xejn dan kollu kellu impatt anke fuq ir-raħal. Fil-ħamsinijiet, l-Ingliżi bdew inaqqsu l-preżenza tagħhom fil-pajjiż u l-qagħad beda jgħolli rasu. Id-*dockyard* li dak iż-żmien kienet pilastru tal-ekonomija Maltija, ma bdietx iddaħħal nies. Fil-pajjiż ma kienx hawn xogħol fejn mhux l-ewwel darba *"daqqa kont nidħol xogħol u daqqa le"* kompla jgħid Chalie. Mal-isfidi kollha li kellu l-pajjiż, kien hemm ukoll il-kwistjoni tad-dnub il-mejjet.

### L-Emigrazzjoni u l-Każin Tal-Ajkla

Kien għalhekk li bdiet mewġa qawwija ta' emigrazzjoni lejn kontinenti oħra bit-tama ta' futur aħjar. Camilleri qal li l-każin tal-Ajkla kien ħa daqqa l-isfel għaliex ħafna mill-membri u l-bandisti mill-każin tal-ajkla emigraw. Iktar 'il quddiem Chalie spjega kif hu nnifsu kellu jemigra barra l-pajjiż ukoll. Fil-każin kien hemm nuqqas ta' ħeġġa u enerġija tant li lanqas il-'*kumitat ma kien qed jiltaqa'*. Semmili wkoll kif il-lezzjonijiet tal-mużika kien waqfu xi ftit wkoll. Jiftakar sew kif il-każin kien baqa' tnejn min-nies imexxuħ, Ċensinu Camilleri u Dalli, dan tal-aħħar kien jokkupa l-kariga ta' kaxxier.

Iffaċċati b'dan kollu l-ġenerazzjoni ta' żgħażagħ ta' tampar Chalie, ħadu l-inizjattiva sabiex jiffurmaw kumitat ġdid. Dak iż-żmien ġie avviċinat it-tabib Borġ sabiex joqgħod president tal-każin, filwaqt li Anthony Theuma kien ħa l-kariga ta' segretarju. Fil-kumitat kien hemm ukoll Xmun bħala l-kaxxier, Salvu ta' *Sinjura,* Chalie Camilleri u Ċensinu. Fuq l-ewwel priorità ta' dan il-kumitat kien hemm it-twaqqif ta' statut ġdid għas-soċjetà. Chalie jgħid li minn dakinhar 'il quddiem il-"*każin reġa' ħa r-ruħ*."



*Uħud mil-membri tal-kumitat li semma Chalie waqt l-intervista. Chalie jidher it-tielet wieħed mil-lemin fuq wara*

## L-Involviment tal-Familja Camilleri fil-Festa ta' Sant'Andrija

Chalie Camilleri trawwem minn familja ta' bilħaqq involuta sew fil-festa. Missieru kien fil-kumitat tal-każin u konna nsibuħ jaħdem in-nar ukoll. Il-ħajra li jkun parti mill-każin ġiet b'mod naturali. Meta kienet tasal il-festa, Chalie kien jiffrekwenta iktar il-każin minkejja li kien jattendi b'mod regolari fl-Azzjoni Kattolika. Huwa kompla jispjega, kif il-Ħamis tal-Ġimgħa tal-festa kienu jintramaw il-plančier u l-pedestal tal-anġlu.

Fit-tfulitu, il-festa kienet tgħaddi wisq malajr peress li din kienet issir Sibt u l-Ħadd. Is-Sibt kien isir marċ qasir, idur dawra u lura għall-pjazza. Imbagħad wara l-baned kienu jdoqqu l-programmi mużikali minn fuq il-planċieri rispettivi tagħhom. Normalment waqt li kien jieqfu tal-Ajkla kienu jdoqqu u jibqgħu jalternaw hekk sakemm jispiċċaw il-programm mużikali.



*Gita, iz-zija ta' Chalie Camilleri, tirregala tazza waqt il-programm mużikali tal-festa*



*Chalie Camilleri jdoqq il-kurunetta mal-Banda l-Unjoni*



*Ħut Chalie, il-mibki Joseph flimkien ma' Andrew Camilleri fl-imħażen tal-post tan-nar*



*Joseph Camilleri (fin-nofs) jipprepara n-nar tal-art fi Triq id-9 ta' April*

Fl-intervista Camilleri spjega kif fil-bidu n-nar tal-ajru kien isir ġewwa r-razzett tas-*Salv*. Iżda darba fost l-oħrajn il-pulizija għamlu spezzjoni u minn dakinhar 'il quddiem ma baqax jinħadem iktar nar hemmhekk. Kien għalhekk li xi membri tal-kumitat fosthom Chalie nnifsu, kienu avviċinaw lil tal-*Abjad* biex itihom biċċa għalqa minn fejn ikun jista' jinbena l-post tan-nar.

### Planċier ġdid

Chalie ma setax jonqos li jagħmel referenza lejn il-planċier li huwa stess ta s-sehem tiegħu biex din il-ħolma ssir realtà. Spjega li dak iż-żmien tal-istilla kienu għadhom kif għamlu planċier ġdid. Min-naħa l-oħra l-plaċier tal-Ajkla ma kienx daqstant sabiħ peress li kien wieħed sempliċi tant li b'ton ċajtier Chalie qalli li kienu jirreferu għalih bħala *is-shutter*.

Dak iż-żmien Karmnu PSaila is-*So* kien irritorna lura lejn il-każin fejn dan il-proġett kbir taħt it-tmexxija tiegħu. Inizjalment il-planċier kien tħażżeż kollu fuq il-bejt tal-każin fejn iktar tard is-*So* ried li l-planċier jitbaxxa bi tliet pulzieri 'l isfel. Peress li Chalie kien jaħdem l-*FGP*, kien talab permess lis-sid biex jaqta' l-pajpijiet kollha tal-planċier bit-tliet pulizieri. Il-pajpijiet kien inqatgħu kollha filgħaxijiet wara l-ħin tax-xogħol. Tajjeb li nsemmu l-qafas tal-ħadid li nsibu fil-planċier illum, huwa l-istess qafas tal- planċier preċedenti.

Meta tlesta l-planċier, kienet okkażjoni kbira fejn għaliha ġie mistieden il-gvernatur. Bi preparazzjoni għal dan kollu "*kulħadd mar inaddaf il-każin*". Dakinhar Chalie kellu jdoqq, imma inzerta marad peress li kienu għamlu ħafna ħin jaħdmu fix-xemx. Is-sur Camilleri qal li din kienet l-iktar ġurnata importanti li żgur ser jibqa' jiftakar tul ħajtu kollha.

### Is-Sede tas-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni

Is-sede tas-Soċjetà għaddiet minn diversi trasformazzjonijiet u tibdiliet matul iż-żminijiet. Qalli kif meta kien għadu iżgħar, il-bitħa tal-każin kienet ikbar peress li l-post fejn llum nsibu l-bar, kien bitħa. Kien hemm ħanut tax-xorb mikri minflok il-post fejn llum hemm il-banka tal-lottu. Mill-banda l-oħra l-banka tal-lottu konna nsibuha fil-post fejn llum hemm il-*billiard*. Fl-istess post fejn hemm il-*billiard,* kien jintrefa' l-planċier tal-festa. Fis-sittinijiet il-*billiard* kienet fil-kamra tal-arkivju. Chalie kompla jispjega, li meta l-*billiard* kienet fis-sular ta' fuq ftit li xejn kienet tintuża. Kien għalhekk li ġie deċiż li din tinżel isfel.

Imbagħad fuq aspett soċjali, mhux l-ewwel darba kont ssib xi nies ippejpu l-pipa ġewwa l-każin jew xi xiħ jibżoq mal-art u jitfa' s-serratura! Il-bar kien wieħed sempliċi tal-ġebel, fih konna nsibu *fridge* żgħira minn fejn kont tista' tixtri xi "*flixkun luminata u borża karawett*" kompla jgħid is-sur Camilleri. Il-kera tal-każin kienet ta' madwar ħamsa u desgħin lira maltin.

### L-Inċident tal-Kamra tan-Nar

Chalie Camilleri ddeskriva sewwa sew l-inċident ikraħ li seta' kellu konsegwenzi koroħ. Dakinhar tal-festa tal-Grazzja l-Banda L-Unjoni kellha ddoqq Ħaż-Żabbar filgħaxija. Irreferieni għall-istess żmien li Ċensinu Camilleri beda taħlit imsejjaħ 'tad-dawl'. Camilleri qalli li din il-kimika kienet tintrefa' f'kaxxa għax Ċensinu kien jiddejjaq

jerfa' dan il-materjal ġewwa. Inzerta li ġurnata qabel għamlet ix-xita u l-kimika xxarbet u l-għada filgħodu, dakinhar tal-Grazzja kienet xemx qawwija.

Nhar il-festa tal-Madonna tal-Grazzja, Chalie kien mar il-post tan-nar biex jagħti xi bombi. Imbagħad wara nofsinhar kien iltaqa' l-kumitat b'urġenza minħabba xi kwistjoni li kienet inqalgħet jekk il-banda kelliex iddoqq l-innu tal-Papa f'Ħaż-Żabbar. *"Waqt li konna għaddejjien bil-laqgħa nisimgħu splużjoni qawwija"*. Immedjatament Chalie tela' fuq il-bejt tal-każin, fejn mal-ewwel kien jidher ċar li kien il-post tan-nar tal-ajkla. Hekk kif niżel isfel biex jinforma lil sħabu, Ġanni l-*Baġlu* qallu li żgur mhux il-post tan-nar għax il-muftiħ kien qiegħed għandu.

Chalie u sħabu tal-kumitat rikbu fil-karrozza ta' Chalie u niżlu minn wara l-kappella ta' San Ġakbu biex jaraw x'ġara. Il-*Bużugri* li nzerta kien qiegħed fl-akkwati, qallhom li ma kien hemm ħadd waqt il-ħin tal-isplużjoni. Iktar tard saret seduta ġenerali biex tiddeċiedi jekk il-post tan-nar kellux jerġa' jinbena, liema seduta iddeċidiet li l-post kellu jinbena.

## Chalie ġewwa l-Kanada u l-mewt ta' missieru

Bħal kull żgħażugħ ieħor Chalie riet li jkollu futur aħjar minn dak li kien qed joffrilu pajjiżu. Fl-1972 Chalie emigra lejn il-Kanada fejn kien jaħdem fl-*assembly line* mal-kumpanija tal-karrozzi *Ford*. Waqt li kien il-Kanada, Camilleri kien iddoqq mal-*Malta Band Club*.



Chalie Camilleri flimkien ma' sħabu tal-Malta Band Canada. Fuq il-lemin nsibu John Bonniċi, Chalie, Joe Cassar u Joe Poolo

Waqt li kien il-Kanada seħħ inċident ieħor tal-kamra tan-nar. Din id-darba kellu jkun missieru li jkun il-vittma. Chalie jirrakonta kif xi erbat ijiem qabel ma' miet missieru, ċertu wieħed Ġanni irċieva ittra li l-kamra tan-nar tal-ajkla reġgħet missitha x-xorti ħażina iżda fl-ebda ħin ma ssemma li missieru kien weġġa'. Xi erbat ijiem wara, is-Sibt filgħodu, Chalie kien għadu ġej mix-xogħol ta' billejl. Waqt li kien rieqed, sema l-bieb iħabbat. Xħin fetaħ qalulu li missieri kien ħallina. Camilleri għamel l-arranġamenti malajr sabiex jiġi lejn Malta, fejn laħaq il-funeral għadu ser jibda.



Ġużeppi Camilleri missier Chalie fuq ix-xellug jieħu b'idejn Ninu Camilleri (Tas-Salv)

Fl-1976 Chalie żżewweġ u reġa' emigra lejn il-Kanada, iżda bħal donnu pajjiżu ma damx biex sejjaħlu lura. Erba' snin wara l-Banda L-Unjoni kienet ser tiċċelebra l-festi ċentinarji. Chalie bla tlaqliq sostna li waqt li kien il-barra mill-pajjiż, kien moħħu fil-każin u l-festa. Kien reġa' ġie Malta għal dawn il-festi ċentinarji u minn dakinhar 'il quddiem iddeċieda li jibqa' jgħix f'Malta. Sa meta spiċċa bil-penzjoni Camilleri kien jaħdem ma' kumpanija tal-*airconditions*.

## Il-Festa taċ-Ċintura

Is-sur Camilleri għamel referenza żgħira lejn il-festa taċ-Ċintura fejn spjega li għal din il-festa kien jintrama l-planċier u anke l-Anġlu, fejn dan tal-aħħar kien jagħmlulu warda minflokk il-kuruna tal-martirju. L-armar l-ieħor kien jintrama mill-fratellanza taċ-Ċintura.

Il-festa kienet tiġi ċelebrata s-Sibt u l-Ħadd, iżda kif spjegali Chalie, lejn l-aħħar bdiet ssir il-Ħadd biss peress li l-interess fiha naqqas sew. Semma ukoll kif il-fratellanza taċ-Ċintura kienet spiċċat u kompliet tieħu daqqa 'l isfel meta spiċċa l-prokuratur. Camilleri għamel aċċenn kif anke nies mil-kleru ta' dak iż-żmien, ħadmu sabiex tinqata' il-festa!

## Mid-Disingħijiet 'l Quddiem…

Lejn l-aħħar tal-intervista Chalie issokta jitkellem fuq il-progress li sar fuq livel tal-festa kif ukoll fuq l-estnesjoni tal-każin. Semma kif il-festa llum nbidlet totalment. Biżżejjed insemmu li l-festa saret ssir fuq ġimgħa sħiħa. Semmili l-armar tal-festa li sar ġdid. Ħafna minnhu inħadem ġewwa l-każin peress li l-imħażen tal-armar ma kienux kbar. Fl-istess żmien żdiedu wkoll is-sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.

Ma' dawn l-aspirazzjonijiet il-membri tal-każin kellhom ix-xewqa li jikber il-każin aktar u aktar li issa sar propjetà tas-Soċjetà. Fost l-oħrajn irrakkonta kif l-arblu tal-każin




*Il-Banda l-Unjoni meta marret iddoqq Amalfi fl-Italja. Chalie jidher t-tieni persuna mix-xellug*

ma kienx mal-faċċata. Chalie kompla jispjega kif wara l-każin kien hemm ġardina kbira iżda għal xi raġuni qatt ma ġiet mixtrija. Kien għalhekk li l-kumitat iddeċieda li jkabbar il-każin fuq il-bini eżistenti. Il-partitarji bdew jagħtu donazzjoni ta' mitt, mitejn lira maltin u saħansitra anke ta' ħames mitt lira maltin. Il-proċess kien inbeda taħt l-ex kaxxier Lino Zahra li ftit wara ħa l-kariga tiegħu Chalie Camilleri. Grazzi għall-viżjoni li kellhom Chalie u nies oħra, illum il-każin sar ikbar u isbaħ minn qatt qabel.

Fl-istess sena l-Banda telgħet iddoqq ġewwa Amalfi għall-festa ta' Sant'Andrija. Kien hemm minn dakinhar ma qabilx ma' din il-proposta, peress li s-Soċjetà kienet iffukata fuq il-proġett tal-estensjoni tal-każin. Iżda bis-saħħa ta' grupp ta' nies kapaċi, din l-esperjenza kienet suċċess għal isem il-Banda L-Unjoni. Chalie għadu ma jista' jinsa qatt il-mument meta l-Banda daqqet fis-Sala Nervi fil-Vatikan u l-udjenza li kellhom mal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Fuq nota konklusiva stajna naraw kif Chalie Camilleri għex tfulitu fis-sempliċità ta' raħal imġarraf wara l-gwerra. F'ħajtu stinka biex ikollu futur aħjar kemm f'Malta kif ukoll barra l-pajjiż. Camilleri huwa bniedem tassew umli li għaraf li jgħin u jagħti s-sehem tiegħu f'diversi oqsma tal-każin kif ukoll fil-festa esterni għal ġid tal-komunità. Fuq kollox, dejjem kien hemm meta l-każin kellu bżonnu. Nies bħal dawn ftit issibhom u ta' bilħaqq artikli bħal dawn jagħtu rikonixximent lil dawn in-nies biex l-istejjer li naqqxu f'ħajjithom ma jintilfux.

***P.S: L-intervista ma' Chalie Camilleri saret nhar t-Tlieta 17 ta' Mejju 2016 ġewwa l-każin tal-Banda L-Unjoni***

# Tifkiriet mill-imgħoddi...




*Karru li jirrappreżenta lil San Pawl quddiem Ċesare f'Ruma l sar fl-okkażjoni tal-1900 sena min-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta (Festi Ċentinarji Pawlini - 1960).*

*Dan il-karru kien magħmul minn Anthony Said u ħadu sehem dawn il-persuni: Pawlu Said u t-tfal tiegħu, Anthony Said u t-tfal tiegħu, Ġużeppi u Charlie Camilleri (tal-Paddy), u erba' studenti ta' Anthony Said li kien jgħallem ġewwa t-Technical School tal-Marsa.*

*(Ħajr lis-Sur Charlie Camillerl)*



# *Ritratti mill-passat...*




***Emigranti Ħal Luqin ġewwa l-Amerika li kienu rregalaw standard lill-Banda L-Unjoni***



***Fredu Spiteri, bin Valent li kien miet b'diżgrazzja tat-traffiku***



***Mary Pulo, Rita Pulo, Andrew Spiteri u Julie Spiteri (ta' Valent)***



***Wenzu Falzon 'il-ħingi'***



***Annie Mifsud (tal-kexkux), John Spiteri (ta' Valent), Ġorġa D'Amato (ta' Valent) u Cila Spiteri (ta' Gilardu, magħrufa bħala s-soru)***



# Niltaqgħu ma' John Hili

## *Kollezzjonist ta' Magni Antiki…*

Imwieled il-Kalkara fl-1946, jiena dejjem kont ninteressa ruħi fl-inġinerija. Missieri kien baħri fin-Navy Ingliża u minn meta kont żgħir, missieri kien jeħodni miegħu fuq xi bastiment tan-Navy fejn kien jaħdem u kont nogħxa ninżel fl-'*engine room*' biex nara dawk il-magni kbar! Meta spiċċajt l-iskola fl-1964, dħalt bħala *fitter apprentice* t-tarzna u fl-1974 tlaqt mit-tarzna u ftaħt għal rasi.

Tant kont dilettant tal-magni antiki li bdejt nikkolezzjona xi magna li kont insib fl-*iscrap yards* jew abbandunati ġo xi għalqa. X'uħud mill-magni kienu jkunu fi stat ħażin ħafna, kollha sadid, kollox imwaħħal u b'ħafna biċċiet neqsin. L-ewwel ħaġa li kont nagħmel kienet li nagħmel kuntatt ma' barra minn Malta u nġib l-informazzjoni fuq dik il-magna partikolari. Fil-fatt, għandi ħafna ħbieb kollezzjonisti tal-magni bħali minn madwar id-dinja kollha. Jiena anke abbonat ġo rivista ta' magni antiki fejn insib ħafna informazzjoni u għajnuna kbira.





Fl-1980 ġejt noqgħod Ħal Luqa. Xtrajt dar naqra kbira u fil-ġnien bnejt tinda kbira fejn stajt inpoġġi l-kollezzjoni tal-magni li għandi. Bħalissa għandi mija u ħamsa u għoxrin magna fil-kollezzjoni tiegħi, u ftit minnhom jaħdmu saħansitra bl-i*steam*. Dawn kollha ġbarthom minn madwar Malta u Għawdex.

L-aktar magna antika tmur lura għall-1896. Din għad li kienet qiegħda ġo kamra ż-Żurrieq kienet fi stat mhux ħażin, imma kella xi biċċiet minnha neqsin. Peress li din il-magna hija rari ħafna, ma stajtx insib informazzjoni fuqha. Però kont naf li f'mużew ta' magni antiki ġo Manchester, l-Ingilterra, kien hemm waħda bħala. Darba kelli ċans inkun l-Ingilterra u mort nara din il-magna. Kont ħadt ħafna ritratti tal-biċċiet li kelli neqsin u anke xi qisien biex stajt nagħmel il-biċċiet li kelli neqsin. Kif wasalt Malta bdejt naħdem il-biċċiet li kelli neqsin u l-magna reġgħet ġiet taħdem kif kienet oriġinali!

Kull min huwa interessat li jżur din il-kollezzjoni jista' jagħmel kuntatt miegħi.

*Mill-Pjazza Ewlenija...*
*Festa 2015*









L-Istatwa ta' Sant'Andrija fil-Pjazza tal-Imqabba (bidu tas-Seklu Għoxrin



# Xbieha ta' San Omobonu f'Ħal Luqa

**Vincent Galea**

Fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta'Ħal Luqa wieħed jiltaqa' ma' kwadru żgħir li juri lil San Filippu ta' Aġira u San Omobonu. Dan il-kwadru jidher li hu ta' xi pittur provinċjali, segwit fl-idjoma barokka. Fil-kwadru fuq il-lemin naraw li San Filep jidher kif narawh fl-ikonografija tradizzjonali bis-salib u l-katina f'idu u l-ktieb f'idu l-oħra. Fuq ix-xellug naraw lil San Omobonu jqassam il-karita lil wieħed fqir. Fil-parti ċentrali ta' fuq tal-kwadru naraw puttini mdawrin ma' Kalċi bl-Ostja fuqu.

Il-kult ta' San Filep f'pajjiżna hu mxerred sewwa u xi ħaġa dwar ħajtu ħafna minna jafu, l-aktar dawk li b'xi mod għandhom xi konnessjoni ma' Ħaż-Żebbuġ, il-belt ta' San Filep. Mhux l-istess jista' jingħad dwar San Omobonu, li ħafna nies lanqas biss qatt semgħu b'ismu aħseb u ara kemm jafu fuqu. F'dan l-artiklu se nipprova nagħti ħjiel dwar il-ħajja ta' dan il-qaddis, xejn popolari u wieħed jipprova jesplora għalfejn f'dan il-kwadru sab ruħu flimkien ma' San Filippu ta' Aġira.

San Omobonu twieled fi Cremona, il-Lombardija, l-Italja ta' Fuq fl-ewwel nofs tas-seklu tnax. Kien iben ħajjat li fil-magħmudija għażel li jsemmi 'l ibnu Omobono, li bi lsienna tfisser bnieden tajjeb. Għalkemm qatt ma kien attenda skola, tgħallem minn missieru kif imexxi n-negozju b'mod tajjeb imma onest u fl-istess ħin bla ma jikkomprometti ruħu bl-ebda mod. Meta wiret in-negozju minn missieru beda jħares lejn ix-xogħol bħala opportunità mogħtija lilu minn Alla biex jaqdi lill-familja u lis-soċjetà.




Kien miżżewweġ u kellu bosta tfal għalkemm kemm martu u kemm uliedu jidher li ma tantx kienu jifhmuh. Jista' jkun li dawn ma kinux jaqblu miegħu meta kienu jaraw ħafna flejjes sejrin għall-foqra.

Magħruf ma' Cremona kollha għal kemm kellu idu miftuħa hu kien mhux

biss jagħti flusu, imma wkoll ħinu għall-fqar. Kien imur iżur il-fqar fi djarhom u hemm kien jara x'jonqoshom biex jgħixu ħajja suret in-nies. Kien ukoll iħeġġeġ lin-nies biex jgħixu ħajja nisranija mill-aħjar. Meta għalaq ħamsin sena għażel li jbiegħ in-negozju u jagħti ruħu biex jgħin lill-foqra. Il-karità li kien jagħmel kienet bla waqfien u din imsieħba minn talb kontinwu, kienet vera xhieda ta' bniedem qaddis. Min-naħa l-oħra naraw kif hu ma ssiħibx ma' gruppi ta' Nsara estremisti bħlma kienu l-Umilitati li kienu qed jifjorixxu sew fi żmienu. Kellu drawwa li jmur fil-knisja ta' Sant'Eġidju kull filgħaxija u kien hemm li miet fit-13 ta' Novembru 1197. Dak il-ħin kienet qed titkanta l-glorja u hu nstabat mal-art b'idejh miftuħin. Għall-bidu n-nies ħasbu li din kienet xi ġest devozzjonali, imma meta raw li ma ċċaqlaqx marru jaraw x'ġaralu, sabu li kien mejjet.

In-nies mill-ewwel bdew jgħidu li kien qaddis u l-Isqof Sicardo ta' Cremona mar Ruma biex jagħti bidu għall-kawża ta' kanonizzazzjoni ta' Omobono, li kien diġà beda jaqla' l-grazzji. Il-Papa Innoċenz lll kien sodisfatt l-investigazzjoni tas-Santa Sede dwar ħajtu u l-mirakli li kienu saru bl-interċessjoni tiegħu. Tant hu hekk li hu għaraf li jista' jikkanonizzah f'anqas minn sentejn. Bħala patrun tal-ħajjata u nies li jinnegozjaw fid-drapp, il-kult lejh malajr xtered fl-Italja, fi Franza u saħansitra fil-Ġermanja. Inbnew knejjes dedikati lilu f'Ruma, fl-Italja ta' Fuq, il-Ġermanja t'Isfel, Spanja u l-Belġju.

Omobonu fi żmienu kien bniedem straordinarju fuq żewġ binarji. L-ewwel nett kien bniedem lajk ikkanonizzat. Dak iż-żmien l-aktar li kienu jiġu kkanonizzati kienu s-saċerdoti, reliġjużi, martri u l-uniċi lajċi li kienu jaslu għall-kanonizzazzjoni kienu x'aktarx nobbli jew renjanti. Barra minn hekk il-kult tiegħu kien approvat f'Ruma u mhux fid-djoċesi tiegħu biss. Għex ħajja sempliċi bħan-nies l-oħra ta' żmienu madankollu għex ħajja li fiha wera l-virtujiet erojiċi, l-aktar dak tal-karità. Il-fdal tiegħu jinsab meqjum fil-kripta tal-Katidral ta' Cremona, il-belt li ħatritu patrun tagħha.

F'Malta l-qima lejn dan il-qaddis hi marbuta mal-fratellanza mwaqqfa f'ġieħu mill-ħajjata u n-negozjanti tad-drappijiet fil-Kolleġjata ta' San Pawl fil-Belt. Il-fratellanza twaqqfet b'digriet tas-6 ta' Lulju 1611. Il-fratellanza għandha artal sabiħ mgħammar b'dak kollu neċessarju għall-kult u ta' kull sena fit-13 ta' Novembru, għadha tkun iċċelebrata l-festa tiegħu.

Tajjeb wieħed jipprova jispekola kif f'dan il-kwadru San Omobonu qiegħed ma' San Filep. Ċertament li ma tantx hi xi idea plawsibbli li l-kwadru kien ikkommissjonat minn xi wieħed li kien jismu Omobono u li kellu l-konjugi jisimha Filippa, għax jidher li l-isem Omobonu qatt ma kien imxerred f'pajjiżna. Madankollu jista' jagħti l-każ li kien hemm xi ħajjat jew negozjant li kien iġib l-isem ta' Filippu u li allura ried jikkummissjona kwadru taż-żewġ qaddisin protetturi tiegħu. San Filep li tiegħu kien iġib ismu u San Omobonu, l-qaddis protettur tiegħu. Kif il-kwadru spiċċa fis-sagristija ta' Ħal Luqa hi storja oħra li wieħed jeħtieġ jeżamina ħafna dokumenti biex ikun jaf dwarha.

Biex nagħlaq dan l-artiklu nieħu l-opportunità biex inħeġġeġ aktar lill-ħajjata biex ikunu devoti ta' San Omobono, il-qaddis prptettur tagħhom. Darhi kienu ħafna dawk li kienu jitolbu l-interċessjoni tiegħu qabel ma jagħmlu xi eżami tal-ħjata jew meta jkunu qed jipprokuraw xi ħjata diffiċli jew skabruża. Illum donnu li kulħadd sar għaref u m'għadniex nitolbu l-għajnuna tal-qaddisin, madankollu nkunu qed niżbaljaw jekk ma nibqgħux nimxu fuq dak li għallmuna ta' qabilna b'tant żelu u devozzjoni. San Ġorġ Preca dejjem kien jgħid li fejn tonqos id-devozzjoni jidħlu s-suppervja u t-tentazzjoni.



# Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Luqa

**Gareth Galdes**

L-ewwel referenza bikrija tal-Ġimgħa l-kbira f'Ħal Luqa nsibuha għall-ħabta tas-sena 1775, wara li ċertu Maria Rosa Ellul ħalliet f'testment tagħha biex issir statwa tal-Veronika. Wara madwar għoxrin sena, l-isqof ta' dak iż-żmien kien ħatar prokuratur, allura tasal għall-konklużjoni li f'Ħal Luqa kien hawn numru ta' vari. Għall-ħabta tal-1830, l-istatwarju Giuseppe Vella kien imqabbad biex jirrestawra l-vari li kien hemm, għalkemm hu aktar maħsub li huwa sawwar is-sett il-ġdid. Tajjeb li ngħidu li numru mill-vari li nsibu f'Ħal Luqa huma attribwiti lil dan l-istatwarju.

Matul it-tieni gwerra dinija, il-vari ġarrbu ħsarat kbar wara li dan ir-raħal kien għoddu ġġarraf kullimkien u allura sar restawr kbir. Tradizzjoni li kien hawn f'dan ir-raħal hi li l-vari matul is-sena kienu jinżammu fi djar privata, imbagħad fi żmien ir-Randan kienu jtellgħuhom il-knisja. Fl-1973 kienet żdidet vara oħra u allura ma baqax is-sett oriġinali ta' tmienja. Illum il-ġurnata l-purċissjoni kibret ġmielha u saħansitra Ħal Luqa għandha reputazzjoni kbira mad-delettanti tal-Ġimgħa l-kbira.



## Tagħrif dwar il-Vari

Il-vara tal-ort l-antika hija xogħol Peppi Vella fil-kartapesta. Matul it-tieni gwerra dinija, din il-vara ġarrbet xi ħsarat u kienu mqabbda Karmenu Mallia u Karmenu Robinich. L-aħħar darba li ħarġet din il-vara għall-purċissjoni kien fl-1999. Il-Vara baqgħet miżmuma ġewwa l-mużew tal-knisja parrokkjali. Il-vara ta' Kristu fl-ort li nsibu llum l-ġurnata hija





xogħol fil-kartapesta tal-artist Renzo Gauci u nħadmet fis-sena 2000. Inżammet il-forma tradizzjonali bħalma kienet l-antika. Fl-1976 is-salib li hemm f'idejn l-anġlu żdidulu tliet finamenti tal-fidda li kienu donazzjoni ta' Toni Brincat.

Il-Vara ta' Ġuda turi r-rimors ta' Ġuda wara li bies lil Kristu. L-istatwa hija xogħol Ġlormu Dingli u maħduma fil-kartapesta. Din il-vara ġiet imħallsa minn Ġużeppi Bonnici (iz-zokkru) u l-abbozz tal-istess vara jinsab fis-sede tal-Filarmonika L-Unjoni.

L-istatwa tal-Marbut turina lil Kristu marbut mal-kolonna, xogħol Ġiuseppe Vella fl-1830 u kif għaddiet it-tieni gwerra dinjija kien sar restawr estensiv minn Karmenu Mallia u Karmenu Robinich. Matul is-snin sarulha darbtejn fażijiet ta' restawr; fl-1974 minn Ġlormu Dingli u fl-2006 minn Renzo Gauci.

L-istatwa tal-Ecce Homo hija xogħol Peppi Vella fl-1830. Wara t-tieni gwerra dinjija kien sar restawr minn Karmenu Mallia u Karmenu Robinich. Restawr ieħor kien sar fl-1974 minn Ġlormu Dingli kif ukoll minn Renzo Gauci fl-2006.

Il-vara tar-Redentur maħduma fil-kartapesta xogħol Ġużeppi Vella fil-1830. Karmenu Mallia u Karmenu Robinich irrestawrawa mill-ġdid wara l-gwerra. Matul is-snin sar restawr minn Renzo Gauci. Karmenu Camilleri kien ħallas l-erba' finamenti tal-fidda fl-1976.

Il-Veronika l-antika hija maħduma fil-kartapesta minn Ġużeppi Vella fl-1830. Karmenu Mallia u Karmenu Robinich wettqu r-restawr wara l-gwerra. Fl-1974 kien sarilha xi restawr minn Karmenu Psaila u kien ħallas għalih Ġużeppi Bonnici. L-aħħar darba li ħarġet din l-istatwa għall-purċissjoni kien fl-1998. Il-vara llum il-ġurnata tinsab fil-mużew parrokkjali. Il-vara preżenti hija xogħol maħduma fil-kartapesta minn Renzo

Gauci fl-1999 u din ħadet post l-oħra antika li kien hemm qabel.

Il-Vara l-Kbira hija maħduma fil-kartapesta minn artisti varji. Il-figuri tal-Madonna u l-kurċifiss huma attribwiti lil Karlu Darmanin filwaqt li l-figuri ta' San Ġwann u Marija ta' Magdala huma xogħol Renzo Gauci fl-1996. San Ġwann u Marija ta' Magdala li kien hemm fl-imgħoddi huma xogħol Peppi Vella. Fl-1975 Andrea Briffa kien il-benefattur tal-aċċessorji tal-fidda li nsibu ma' din il-vara fosthom it-tabella INRI, is-sejf tal-Madonna kif ukoll l-imsiemer tal-kurċifiss. Fl-1976 kienu saru r-raġġiera ta' San Ġwann kif ukoll l-istellarju tal-Madonna u kienu tħallsu minn Ġużeppi Briffa.

L-ewwel xogħol bikri ta' Ġużeppi Vella kien propju l-korp ta' Kristu mejjet fl-1830. L-urna hija xogħol Ċensu Decandia fl-1884, filwaqt li Karlu Darmanin ħadem l-erba' anġli li hemm fl-erba kantunieri. Wara t-tieni gwerra dinjija, Amelio Giusti kien irnexxielu jgħaqqad l-urna mill-ġdid wara li din kienet tkissret għalkollox fil-gwerra. Wara ġiet indurata mill-ġdid minn Paolino Bugeja u William Attard. Ġużeppi Caruana (ta' marċjol) kien irrestawra l-anġli.

Id-Duluri l-antika hija xogħol Peppi Vella. Jingħad illi sal-1891 ma konnix insibu l-istatwa ta' San Ġwann iżda anġlu żgħir. San Ġwann li hemm illum m'huwiex magħruf l-awtur tiegħu. Din il-vara tinżamm sena sħiħa f'remissa fi Triq il-Parroċċa. L-aħħar li ħarġet din l-istatwa kien fl-1996. Dik li naraw illum hija wkoll xogħol Renzo Gauci fl-1997 u kienet ħadet post il-vara l-antika. It-tliet finamenti tal-fidda kienu tħallsu minn Andrea Brincat fl-1974.

**Referenzi**

J. Grima, Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira
Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa - 375 Sena ta' Storja u Kultura Nisranija, 2009
Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa - Niesha u Grajjietha, 1975

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
iroddu ħajr
lil dawk kollha li bil-għajnuna tagħhom,
il-festa titulari ta'
Sant'Andrija Appostlu
tkun ta' suċċess



# Restawr tal-Istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu f'Ħal Luqa

**Eric Camilleri**
*Kunsillier responsabbli mill-Kultura u l-Patrimonju ta' Ħal Luqa*

Fatt li żgur ħadd ma jista' jiċħad huwa li l-istatwa ta' Sant'Andrija li tinsab fi Triq il-Karmnu f'Ħal Luqa huwa punt ta' referenza minn fejn beda u kiber dan ir-raħal. L-istatwa li ġiet magħmula lura fl-1878 tinsab f'post li f'dawk is-snin kien jitqies bħala l-qalb tar-raħal għażiż tagħna.

## L-Istorja fil-Qosor tal-Istatwa ta' Sant'Andrija

L-istatwa ta' Sant'Andrija kienet ġiet imħallsa kollha kemm hi minn Pietru Azzopardi li dak iż-żmien kien prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Luqa. Fil-fatt wieħed jista' jinnota plakka li tinsab man-naħa t'isfel tal-pedestall li fiha hemm traskrizzjoni li tgħid hekk – "Huyu Vive Habitantium Pieta Fecit Cura Petri Azzopardi" li tfisser – "Dan il-monument ġie magħmul mill-ġenerożità ta' Pietru Azzopardi".

Id-disinn kien sar mill-arkitett Andrè Vassallo li kien ukoll ħadem personalment fuq il-pedestall tal-istess statwa. Kienet ħadet anqas minn sena sabiex titlesta u fis-sajf tal-1878 din l-istatwa majestuża kienet impoġġija fil-post fejn għadna narawha sal-lum.



*Ritratt A*




*Ritratt B*

## Is-Sitwazzjoni Preżenti tal-Istatwa ta' Sant'Andrija

Bħala Kunsill Lokali konna ħabbarna li matul is-sena 2016 se jibda r-restawr ta' din l-istess statwa. F'dan l-artiklu se nkunu qegħdin nagħtu ħarsa lejn ir-restawr ta' din l-istess statwa mill-isbaħ u kif ukoll l-ħsarat li nstabulha.

Qabel ma beda l-proċess kollu għall-approvazzjoni tar-restawr mill-awtoritajiet konċernati, il-Kunsill Lokali assigura ruħu li din l-istatwa u l-istrutturi ta' magħha ser jibqgħu kollha fl-istat oriġinali tagħhom wara li jitlesta x-xogħol.

Qabel ma jibda kwalunkwe restawr fuq opri artistiċi u ta' valur kulturali bħalma hija l-istatwa ta' Sant'Andrija trid issir analiżi tal-kundizzjoni preżenti u jiġi nvestigat il-mekkaniżmu li bih l-oġġett qiegħed jiddeterjora. Wara li din l-ewwel fażi tkun lesta trid issir proposta ta' kif se jsir ix-xogħol kollu ta' restawr u barra minn hekk jiġi spjegat ukoll kif dan ir-restawr se jipprevjeni li l-istess statwa tkompli milli tiddeterjora u ssirilha aktar ħsara fis-snin li ġejjin.

Kull struttura li tkun barra se tkun esposta għal ħsara li ssir mill-elementi baturali bħar-riħ, ilma tax-xita u aġenti oħrajn naturali. Ritratti A u B juru kif ċertu partijiet tal-ġebla fil-pedestall qegħdin ifarfru u saħansitra hemm minnhom neqsin. Ritratt Ċ qiegħed jurina biċċa minn gwarniċa nieqsa, fejn twaħħlet ġebla aktarx sabiex terġa' tigi mnaqqxa fil-post, iżda din qatt ma saret. Ritratt D juri li ż-żebgħa minbarra, li wkoll qiegħda titqaxxar qiegħda wkoll tintefaħ u fejn dawn jagħmlu l-istatwa, il-pedestall u anki l-ħajt ta' wara l-istatwa jidhru traskurati.

Ritratti E juruna l-ħadid eżistenti li hemm taħt u kif ukoll l-arkata li ddur mal-istatwa ta' Sant'Andrija. Ħafna mill-ħadid jinsab imsaddad, biċċiet taż-żebgħa mtajrin u saħansitra anki mgħawweġ.

Ritratt F qiegħed jurina pjanta li nibtet mal-istess statwa. Pjanti u ħaxix ieħor li jikber ma' dawn it-tip ta' strutturi jkun jiddependi ħafna fuq il-konservazzjoni, il-materjal li bih hija magħmula l-istatwa u l-klima. Pjanti bħal dawn anki f'dan il-każ fejn hija żgħira kollha jagħmlu ħsara speċjalment meta l-għeruq tagħhom jirnexxilhom jippenetraw il-ġebla u ssir aktar ħsara lill-materjal.



*Ritratt Ċ*



*Ritratt D*

### Kif Se Jsir ir-Restawr

L-istatwa ta' Sant'Andrija se tgħaddi minn proċess ta' restawr li partijiet minnha se jiġu trattati b'modi differenti skont il-ħsara li għandhom. Il-partijiet li qegħdin ifarfru u dawk li waqgħu kompletament jiġu jew mimlijin b'dak li jissejjaħ "plastic repair" jew inkella mibdulin kompletament. Dan ovvjament ikun jiddependi fuq l-istat tal-ġebla.

Wara li l-istatwa tkun imnaddfa u l-ħsara kollha tiġi evalwata jibda l-prċess ta' konsolidazzjoni tal-istruttura fejn l-istatwa tiġi rranġata għall-istat oriġinali tagħha. Waqt dan il-proċess kif tkellimna qabel jinbidlu partijiet tal-ġebla li jkunu ddeterjoraw ħafna u jsir "plastic repair' fejn hemm bżonn. Fl-aħħar nett l-istatwa u l-pedestall jerġgħu jinżebgħu b'żebgħa taż-żejt bħala saff protettiv.

Qiegħed jiġi propost li l-ħajt tal-faċċata li hemm wara din l-istatwa jiġi mqaxxar kompletament u jibqa' fuq il-ġebla. Min-naħa l-oħra l-istess statwa u l-pedestall tagħha se titneħħielhom iż-żebgħa kollha b'mod li ma ssirx ħsara, dan sabiex ukoll tkun tista' ssir analiżi tal-ħsara eżistenti li bħalissa ma tidhirx. F'każ li tinstab xi ħsara wara li titneħħa ż-żebgħa din se tiġi rranġata u l-istatwa u l-pedestall tagħha se jerġgħu jiġu miżbugħa b'żebgħa taż-żejt għaliex dan se jipproteġi u joħroġ aktar id-dettall tal-istatwa u l-pedestall.

Rigward il-parti ta' taħt tal-pedestall qiegħed jiġi kkunsidrat li dan jitqaxxar miż-żebgħa u jitħalla fuq il-ġebla, biss dan jiddependi fuq l-ammont ta' umdità li se tinstab meta dan il-proċess ikun lest.



*Ritratti E*

Bħala proċess ta' tindif se jintużaw mod differenti fosthom tfarfir bi xkupilji apposta u jintuża anki ilma, brix bi xfafar kirurġiċi, "microsandblasting" u titneħħa ż-żebgħa kollha minn fuq l-istrutturi tal-ħadid.

Dan il-proġett se jkun qiegħed jiġi mmexxi mid-Dipartiment tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura wara applikazzjoni li bħala Kunsill konna ssottomettejna fis-sena 2015. Tajjeb li ngħidu li dan il-proġett ġie magħżul minn fost 35 applikazzjoni oħra fejn intgħażlu ħames applikazzjonijiet, waħda minnhom tkun l-istatwa ta' Sant'Andrija. Wara li jitlesta x-xogħol il-Kunsill Lokali se jidħol responsabbli għal kull tip ta' manutenzjoni għall-10 snin li ġejjin. Barra minn hekk il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed ukoll jinvesti f'dawl ġdid, aktar modern u li jaħli anqas sabiex tinxtegħel din l-istatwa.


*Ritratt F*

Żgur li bħala Ħalluqin nistennew bil-ħerqa li naraw din l-istatwa terġa' tieħu l-ħajja u ssebbaħ aktar lil Ħal Luqa kif għamlet fuq aktar minn mitt sena. Huwa fl-interess tagħna l-Ħalluqin li nieħdu ħsieb dawn l-opri li għandna fir-raħal tagħna, għaliex dak huwa li jagħmilna differenti minn irħula oħra u allura jagħmilna Ħalluqin.

Viva l-Ewwel Appostlu Sant'Andrija!

Inħeġġu
lill-membri u l-partitarji kollha
biex jattendu
għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha
ġewwa l-knisja parrokkjali
matul il-jiem tal-Festa.



# Luqa St. Andrew's FC

## *Staġun 2015 - 2016*

**Il-Kumitat**

L-istaġun 2015-2016 jista' jitqies bħala staġun ta' transizzjoni li matulu l-klabb kompla jibni fuq dak li sar b'tant ħeġġa u għaqal, b'enerġija ġdida biex nimxu 'l quddiem lejn futur aħjar għall-klabb maħbub tagħna. L-istaġun beda b'numru ta' ħatriet ġodda.

In-Nutar Lino Martinelli temm l-impenn tiegħu bħala President tal-klabb wara 13-il sena kontinwi li matulhom il-klabb mexa 'l quddiem speċjalment fil-faċilitajiet għat-taħriġ li għandu l-klabb illum. Matul il-Presidenza tan-Nutar Martinelli l-klabb kiseb il-faċilitajiet ta' ground fl-Iskola Primarja, il-Kumpless fi Triq San Tumas kif ukoll il-ground ta' San Vinċenz. Apparti dan, it-tim kien kiseb il-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni fl-istaġun 2010/11. Dr. Evan Camilleri li ħa post in-Nutar Carmel Martinelli li min-naħa tiegħu issa qed jokkupa l-kariga ta' Viċi-President. Dr. Evan kien ilu wkoll iservi għal erba' snin bħala Chairman tan-Nursery li wkoll imxiet 'il quddiem kemm bħala livell kif ukoll bħala numru ta' tfal li jattendu.

Dawn il-ħatriet ġodda ġabu magħhom ħatra oħra ġdida, fejn Joseph Grima beda l-istaġun bħala ċ-Chairman tan-Nursery. Joseph Grima kien ilu diġà snin jaħdem fin-nursery u kien l-għażla awtomatika biex jieħu post Dr. Evan Camilleri biex hekk ikun hemm kontinwazzjoni tal-pjanijiet imfassla għall-futur tal-klabb.

F'dan l-istaġun kellna wkoll bidla fil-coach tat-tim tal-kbar u minors fejn Eamon Bugeja ħa post Nikolai Slavtchev filwaqt li Andrea Chircop, apparti li mexxa l-iskwadra tal-Under 11, serva wkoll bħala l-assistent coach tat-tim tal-kbar u tal-minors.




Ta' min isemmi li f'dan l-istaġun 2015-2016, l-iskwadra tal-kbar kienet l-aktar waħda żagħżugħa fit-Tielet u t-Tieni Diviżjoni bl-età medja tat-tim tagħna kienet ta' 22 sena. Dan jirrifletti tajjeb fuq in-nursery tagħna li ż-żgħażagħ tagħna qed jirnexxilhom jirbħu posthom

mat-tim tal-kbar minkejja li mhux faċli.

Kien ukoll pożittiv li fl-istaġun 2015 - 2016 it-tim tal-kbar spiċċa bl-aħjar riżultati fost dawn l-aħħar erba' staġuni. Dan kien possibbli għad-dedikazzjoni tal-Kumitat, coaches u players.

Għall-istaġun li ġej inħatar coach għat-tim tal-kbar u minors li ser ikun Iro Curmi. Iro huwa ex-player ta' Valletta FC u Pietà Hotspurs FC. Hu kien ukoll coach ta' diversi timijiet bħal Msida St. Joseph FC u Xgħajra Tornadoes FC filwaqt li kien għamel ukoll xi żmien man-Nursery tagħna. Minn hawn nawgurawlu kull suċċess.

## Tifkira

Matul din is-sena l-klabb fakkar ukoll l-istaġun 1984-1985 b'attività fejn kienu mistiedna l-players li kienu jiffurmaw it-tim ta' dak iż-żmien. F'dak l-istaġun it-tim kien rebaħ is-Section, il-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni kif ukoll in-Knock Out tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni. Ħadu sehem il-President ta' dak iż-żmien Alfred Fenech u membri oħra tal-kumitat fosthom Anthony Fenech u n-Nutar Lino Martinelli. Kien mument kommoventi meta flokk ta' Andrew Darmanin, il-Fukkli, ġie regalat lil Christian, it-tifel tiegħu bħala tifkira dejjiema għall-familja kollha.

Din is-sena kellna wkoll t-telfa ta' Raymond Darmanin, il-Mezzi, li wkoll kien jifforma parti minn dan it-tim rebbieħ. Hawn ukoll il-kumitat ħass li kellu jagħti l-flokk li kien jilgħab bih Raymond u ġie regalat dakinhar tal-funeral lil Joseph it-tifel ta' Raymond. Żgur li l-memorji sbieħ ta' żewġ players mir-raħal tagħna mhu ser jintesew qatt.

Matul dan l-aħħar xahar, il-kumitat ħareġ ukoll l-offerti għall-Kiri tal-Bar għall-perjodu twil biex hekk il-Bar ta' Luqa SAFC fi Triq il-Ġdida, jingħata aktar ħajja. Dan il-kuntratt wassal biex bħalissa għaddej refurbishment sħiħ bl-enerġija u kapaċità ta' Demaris Agius biex hekk ikun ta' servizz aħjar għall-partitarji u d-dilettanti kollha tal-futbol.

## Nursery



Matul dan l-istaġun, in-Nursery kienet taħt it-tmexxija tal-Head Coach Kenneth Costantino fejn kompliet għamlet aktar avvanzi partikolarment fiż-żieda ta' tfal ġodda li dejjem qegħdin jiżdiedu man-Nursery tagħna. Dan grazzi għax-xogħol siewi u investiment fil-coaching staff li sar matul dan l-aħħar staġun anke bl-inklużjoni ta' coach għall-goal-keepers u tkomplija tal-programm Coerver Coaching offrut lit-tfal tagħna.

Għat-tieni sena konsekuttiva, it-tim tal-Under 15 tagħna rnexxielhom jirbħu l-kwalifikazzjoni mill-group stage biex b'hekk reġgħu lagħbu fis-Section B, sezzjoni prestiġjuża li flimkien ma' Section A, tiġbor il-krema tal-aħjar żgħażagħ fil-futbol Malti..

Fi tmiem dan l-istaġun Kenneth Costantino wera x-xewqa li jieqaf mill-impenn tiegħu mal-klabb tagħna wara tliet snin fil-kariga ta' Head Coach. Hawn il-kumitat xtaq ukoll li jkun hemm kontinwità u għalhekk qabel ma ntemm l-istaġun ħatar lil Johan Micallef bħala l-Head Coach il-ġdid.

Johan Micallef ilu ma' Luqa St. Andrew's FC għal dawn l-aħħar seba' snin fejn ta s-servizzi tiegħu fin-Nursery mal-katergoriji U9, U11, U13, U15 u wkoll mat-tim tal-kbar. Ta' 19-il sena Johan beda l-karriera ta' coach ma' Żejtun Corinthians FC meta kien għadu jistudja l-Università. Wara ssieħeb mal-klabbs ta' Marsaxlokk FC, Marsa FC u Żabbar St. Patrick's FC qabel ingħaqad ma' Luqa St. Andrew's FC.

Apparti li hu Kap tad-Dipartiment tat-Taljan tal-Kulleġġ Santa Margerita, Johan hu kwalifikat bħala Physical Trainer Level 1 filwaqt li għadu kemm temm b'suċċess il-kors tal-coaching billi kiseb il-Liċenzja UEFA B. Ġie l-ewwel post fil-grupp ta' 'l fuq minn 20 coach ieħor minn diversi klabbs li għamlu dan il-kors.

Il-ħidma għall-istaġun li ġej diġà bdiet u fost dawn hemm inizjattiva ġdida mill-Head Coach il-ġdid, li flimkien mal-coaches tal-kategoriji tat-tfal U9, se tiġi varata l-kategorija ġdida U5.

Dan l-istaġun ukoll ra lil Clayton Desira jtemm l-impenni tiegħu mal-klabb fil-kategorija tal-U17 biex issa mill-istaġun li ġej dan it-tim ser ikun immexxi minn Mario Mifsud bl-assistenza ta' Lawrence Mifsud.

Matul is-sajf li għadda u wkoll dan is-sajf ser jerġa' jkun organizzat is-Summer Camp tant popolari mat-tfal u li dejjem kien suċċess kbir. Grazzi speċjali tmur għall-Kunsill Lokali Luqa li dejjem insibu l-għajnuna tagħhom f'din l-attività b'risq it-tfal kollha tar-raħal billi din hi miftuħa għal kull min irid jieħu sehem, anke mhux membri tan-Nursery.



Din is-sena kellna bidla fil-kit supplier kemm għan-nursery kif ukoll tal-kbar fejn it-timijiet kollha, miż-żgħar sal-kbar, issa qed jilbsu l-istess kit. Il-ftehim sar ma' Teamsport ta' Ħal Lija bid-ditta famuża Macron. Għall-ewwel darba wkoll kellna sponsor għan-Nursery għat-training kits mingħand DAR Services Ltd ta' Triq il-Ġdida Luqa.

## Awguri

Dan it-tibdil u l-progress li sar matul l-istaġun li għadda għandu jwassal biex titkompla t-triq li l-għan aħħari tagħha hu li t-tim tant maħbub tagħna jagħmel qabża fil-kwalità li twassal għal aktar suċċessi. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil Coaches u players kollha li taw is-servizz tagħhom magħna u li issa ser ikunu qed jingħaqdu ma' timijiet oħra. Nawguralhom kollha futur sabiħ fil-logħba tal-futbol kif ukoll fil-ħajja privata tagħhom.

Nawguraw ukoll lill-Coaches u players tagħna biex ikomplu bl-impenn tagħhom biex hekk itejbu l-prestazzjoni u l-kapaċitajiet tagħhom. Il-ħidma biex il-faċilitajiet li għandna jibqgħu jinżammu fl-aħjar stat ma tieqaf qatt kif isir ukoll fl-investiment tal-apparat kollu li jkun hemm bżonn biex it-tfal u l-players tagħna jkollhom l-aħjar possibbli.

Jalla dan ix-xogħol kollu jkun apprezzat aktar mill-komunità Ħalluqija. Minn hawn nappellaw biex aktar persuni jersqu lejn il-klabb u jagħtu s-sapport tagħhom lill-Kumitat, players, żgħażagħ u tfal għax kif jgħidu l-logħba tal-futbol mhi xejn mingħajr l-attendenza u s-sapport tal-partitarji.

Nawguraw lill-partitarji u Ħalluqin kollha l-Festa t-Tajba. Viva Sant'Andrija.



# Tifkiriet tal-Esperjenzi Personali tal-Imgħoddi

**Theodore Sammut**

Nies anzjani tal-età tiegħi jiftakru l-gwerra bit-tbatija kollha tagħha. Aħna li dak iż-żmien konna tfal żgħar niftakru l-umdità tax-xelters, il-ġuħ, l-iskabbja (ħakk u ponot ma' ġismek kollu), id-*dogfights* tal-ajruplani, bini mwaqqa' bil-bombi u nies imutu mirdumin jew feruti. Iżda ħallina mill-gwerra llum. Forsi xi darba nagħtu titwila ġenerali lejn dan is-suġġett vast u interessanti għall-benefiċċju taż-żgħażagħ tal-lum.

Wara l-gwerra, il-ħajja bdiet ġejja bil-mod għan-normal. Kienet ħajja fqira u sempliċi; u għalkemm kien hemm ħafna li sofrew tbatijiet kbar, il-Maltin ma naqsux li jkunu solidali u ta' għajnuna għal xulxin.

## Il-Ħajja fiż-Żurrieq

Iż-Żurrieq, bħal ħafna rħula oħra, kien raħal kwiet, rari tisma' b'xi skandlu. L-arċipriet kien biex ngħid hekk il-kap u kellu karta bjanka fuq il-popolazzjoni. Imbagħad konna nsibu lit-tabib, tas-sanità u lis-surġent tal-pulizija, bħala l-aktar nies ta' awtorità fejn jidħlu s-saħħa u ż-żamma tal-liġi.

Ħafna familji kienu jħallu ċ-ċavetta fil-bieb ta' barra. Illum, ma nistgħux nimmaġinaw il-ġirien jiftħulek il-bieb u jsejħulek biex jidħlu għax iridu jkellmuk jew għandhom bżonn xi ħaġa.

Kienet xi ħaġa komuni li wieħed jitolbok flixkun pitrolju jew żejt, jew xi kaxxa sulfarini; inkella xi biċċa ħobż – għax jinqabad m'għandux. Naturalment, meta jġib ir-razzjon, jagħtik lura l-oġġett li tkun tajtu.

Dak iż-żmien, din kienet il-kultura aċċettata bi pjaċir minn ħafna. Fi tfuliti, minħabba l-faqar u n-nuqqas ta' servizzi soċjali, kont tara nies jitolbu karità fit-toroq u min kien jista' ma kienx jonqos li jgħinhom.

Il-ħajja – kif għedna – kienet fqira, iżda ħadd ma kien jiddispra. La konna nisimgħu bi drogi u lanqas b'familji mfarrkin – għalkemm wieħed ma jiċħadx li ma kienx hemm xi ftit li kienu jkunu ta' skandlu għal dik it-triq fejn kienu joqgħodu.

Fid-dar, ftit kellhom l-elettriku, l-ilma tax-xorb, jew fossa (is-sistema tad-dranaġġ kienet għadha 'l bogħod). Għalhekk, aħna t-tfal li konna mmorru l-iskola konna nagħmlu l-*homework* u nistudjaw fid-dawl tal-lampa tal-pitrolju. L-ilma konna nġibuh minn fuq l-għajn (kien hemm diversi pompi fit-toroq). Ħafna kienu jġorru l-bramel permezz tal-menza, li kienet tikkonsisti f'lasta b'ħabel f'kull tarf b'ganċ biex jaqbad il-bramel

mimlijin ilma. Il-lasta kienet tintrefa' fuq l-ispallejn.

Rigward il-materjal u l-ilma ħażin: dan kien għall-ewwel jintrema' f'postijiet imwarrba fit-toroq. Post magħruf in-Nigret kien ix-Xatba ħdejn iċ-Ċint. Imbagħad il-gvern beda jibgħat *bowser* kuljum biex jiġbor il-materjal u l-ilma tal-ħasil minn kull dar. Naturalment, kulħadd ried joħroġ bramel b'dan il-materjal fit-toroq minn fejn jgħaddi l-*bowser*. Ħafna bdiewa kienu jitolbu biex dan il-materjal – xejn iġjeniku – jintefa' fl-għalqa tagħhom!

## Kif Konna Nqattgħu l-Ħin

Filgħaxija, wara ġurnata xogħol, u wara l-ikel, il-kap tal-familja, il-missier, kien jinġabar ma' martu u uliedu biex jgħidu r-rużarju, u wara kulħadd imur jorqod.

Dak iż-żmien ma kienx hawn televiżjoni u ftit kienu dawk li kellhom radju. Aktar tard, daħal ir-*Rediffusion* li kien ta' divertiment kbir għall-familja kollha.

Charles Arrigo kien jagħti pjaċir lis-semmiegħa tiegħu billi jaqra rumanzi popolari bħal "Taħt Tliet Saltniet" ta' Ġużè Aquilina, "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġużè Ellul Mercer, "Is-Salib tal-Fidda" ta' Patri Wistin Born, "Ineż u Emilja" maqlub għall-Malti minn Dun Karm, "Nokkla Sewda" ta' Mary Meilak, "L-Ibleh" ta' Ġużè Orlando, "Ineż Farruġ" ta' A. E. Caruana, "Anġli tan-Niket" ta' Ġ. M. Azzopardi, "Barunissa Maltija" ta' S. F. de Mannarino u ħafna oħrajn.

Baqa' jpaxxi lis-semmiegħa bil-vuċi sabiħa tiegħu sakemm miet u xi rumanzi klassiċi qrahom għal darba darbtejn u naħseb anki tliet darbiet matul il-karriera twila tiegħu; għax kienu verament jintgħoġbu u n-nies riedet terġa' tismagħhom.

Victor Aquilina kien idoqq diski tal-mument ta' Perry Como, Frank Sinatra, Dean Martin, Doris Day u aktar tard ta' Elvis Presley, Pat Boone, Guy Mitchell u Mario Lanza. Wara ftit bdejna wkoll nieħdu pjaċir bid-drammi ta' patri Wistin Born u nallegraw ruħna bir-Radju Miskettieri b'Charles Clews, Johnny Catania u Armando Urso fost oħrajn. Ma rridx ninsa lil Carmen Carbonaro li kienet tagħti ħafna pariri siewja fil-programm tagħha ta' filgħodu lin-nisa tad-dar.

Jekk għadni niftakar tajjeb, fi tmiem l-erbgħinijiet, in-Niksu u Gejtan tal-Pompa kienu fetħu l-*Melody Theatre* fejn aħna t-tfal konna bi ħġarna mmorru naraw il-film *Matinée* tas-sagħtejn tal-Ħadd, li ġeneralment kien ikun xi "western" ta' Roy Rogers jew Gene Autry. Wara fetaħ ukoll il-Plaza ta' Ċomba.

Għal ħafna, il-mixja favorita kienet dik tat-triq ta' Wied iż-Żurrieq sa fuq il-Ħnejja. Oħrajn kienu jitilgħu fuq il-Ġibjun jew sal-Munqar, minn fejn kienu jgawdu panorama pittoreska tad-dgħajjes tas-sajd mixgħula biex jistadu għall-qarnit u l-klamari. Filfla, fuq l-orizzont, ma kinitx tonqos milli żżid ma' dan il-ġmiel.

Ħafna nies tad-dar kienu jippreparaw biex jieħdu magħhom bixkilla mimlija ikel u xorb biex jagħmlu piknik ħdejn il-baħar. Ġeneralment, kienu jieħdu magħhom ħobż biż-żejt u t-tadam imħawwar bit-tonn taż-żejt, żebbuġ, kappar, basal u x'naf jien. Xi flixkun inbid u xi luminati u frott ma kinux jonqsu. Dawn in-nies twajba żgur li kienu jispiċċaw din il-mixja tagħhom bir-rużarju.

## X'Kellna fid-Djar Tagħna

Naturalment, ħafna affarijiet u l-mod kif konna ngħixu dawk iż-żminijiet bilfors li jidhru strambi u remoti għaż-żgħażagħ tal-lum.

L-ispiritiera tal-istim u dik tal-ftejjel kienu użati mill-familji kollha biex isajru fuqhom. Borom, kazzoli u reċipjenti oħra kienu jissewwew għand il-landier. Min jaf kemm qattajt ħin għand il-Baġanġ (Anġlu Damato) nistennieh jistanja xi borma jew jiftaħ l-ispiritiera tal-istim li ommi kienet tkun qed tistenna b'ħerqa biex tużaha. Niftakar ukoll il-bejgħ tal-kenuri tal-ġebel li kienu jintużaw ukoll l-aktar biex jgħallu l-ħwejjeġ fuqhom.

Il-friġġ kienet ukoll ħaġa rari u min kellu waħda kienet taħdem bil-pitrolju. Ħafna kienu jkessħu x-xorb u xi affarijiet tal-ikel billi jdendluhom fil-bir tad-dar tagħhom.

Il-ħasil tal-ħwejjeġ kien isir bl-idejn sakemm waslu l-ewwel magni tal-ħasil li kellhom ir-"wringer" jaħdem bl-idejn. Immaġinaw dik l-imsejkna omm kemm kienet riedet tbati biex taħsel il-ħwejjeġ tal-familja kollha li dak iż-żmien kienet tkun familja kbira b'ħafna tfal.

Is-saqqijiet tal-fqar kienu tat-tiben li kien jinbidel minn żmien għal żmien għax malajr irabbi l-insetti. Is-sinjuri kienu jorqdu fuq saqqijiet tal-ħaxixa.

Ħafna affarijiet u tal-ikel bħaz-zokkor, żejt, għaġin, eċċ. kienu razzjonati minħabba l-iskarsezza tagħhom. Kull familja kellha dak l-imsejjaħ ktieb tar-"ration" għar-reġistrar ta' dawn il-ħtiġijiet.

Matul il-jum, il-mara tad-dar kienet bieżla tieħu ħsieb il-familja numeruża tagħha: taħsel il-ħwejjeġ ta' kulħadd, tixtri l-affarijiet tal-ikel u bżonnijiet oħra, issajjar u jekk jibqgħalha xi ftit ħin, issewwi u traqqa' l-qomos, qliezet, kalzetti u ħwejjeġ oħra.

Żewġha kien okkupat il-ġurnata kollha u biex jgħixu kien jara jsibx xi xogħol "part-time" jew ikabbar xi ħxejjex f'xi għalqa li jkollu mqabbla.

Almenu kull sena, kulħadd kien obbligat iqerr u jitqarben. Biex ikun aċċertat dan, kien hemm il-bullettin – kartuna li ġġib il-firma tal-kappillan fejn turi li l-individwu rċieva s-Sagrament tat-Tqarbin skont il-ħtieġa tal-Kattoliċi prattikanti almenu darba fis-sena fi żmien il-Għid. Din id-drawwa waqfet fl-1969.

L-aktar li niftakar nies jistennew biex jinqdew kien għand il-barbier u l-iżjed għall-qrar. Għalkemm kien hawn aktar qassisin (niftakar aħna t-tfal konna niġru biex inbusu id il-qassis hekk kif nilmħuh miexi fit-triq), dawn xorta waħda ma kinux ilaħħqu mal-kjuwijiet ta' nies li kienu jitħeġġu biex iqerru.

Aħna ż-żgħażagħ aktar konna nippreferu naqtgħu xagħarna għand Żaren tal-Leħja kif kien magħruf. Dan mhux biss kien jaf jirrakkonta l-istejjer jew jivvinta xi praspura, iżda t-tifel il-kbir tiegħu, Feliċ, kien jaf kif irriduh jaqtgħalna xagħarna, b'maxta 'l fuq u jekk jista' jkun bin-nokklu ("kiss me quick") bħal tal-artist Tony Curtis. Niftakar ukoll lil Captain, Martin u Pranz fost barbiera oħra. Jidhirli li fil-bidu, qatgħa xagħar kienet inqas minn 20 ċenteżmu tal-ewro!

Għand Żaren tal-Leħja ġieli nzertajt lil Charlie biex iqaxxarlu l-leħja. Charlie – għal min ma jiftakrux – twieled b'saqajn qosra u mingħajr idejn ħlief għal biċċa minkeb. Żaren kien iħobbu u jqaxxarlu l-leħja kuljum; iżda kien ukoll kultant jiċċajta miegħu. Kien jerfgħu biex itellgħu u jniżżlu minn fuq is-siġġu, u wara li jlestih kien iqabbad lil xi tifel minna biex jaqsamlu t-triq u jwasslu għand il-Bobin. Mhux darba jew tnejn imxejt miegħu, noħroġlu s-sigaretti mill-but u nqabbadlu wieħed – għax Charlie kien ipejjep mhux ħażin. Għand il-Bobin kien jieħu pjaċir meta kont inħallaslu te mill-"pocket money" tiegħi.

Kellu ħmara u kien imur biha kullimkien. Nhar ta' Ġimgħa meta l-ħaddiema tat-

tarzna kienu dak iż-żmien idaħħlu l-paga, kien jinżel biha ħdejn il-bieb ta' Għajn Dwieli. Kulħadd kien jagħtih xi ħaġa. Kien ukoll iħobb imur il-Qajjenza jisma' l-għana. Ħafna nies li kienu midħla ta' Charlie għandhom żgur ħafna stejjer u praspar ħelwin x'jirrakkontaw. Darba qalu li waqt li kien il-Qajjenza kien biegħ il-ħmara!

## Aktar Tifkiriet tal-Imgħoddi

Niftakar diversi raħħala jirgħu l-merħliet tagħhom u ommi kienet tibgħatni biex nixtri bott ħalib m'għand Menu li kien idur man-Nigret bil-mogħoż tiegħu. Meta rtira, baqa' jżomm erba' mogħżiet biex jehda, kien qalli qabel miet.

Aħna t-tfal ta' dawk l-inħawi konna kultant nittantaw ix-xemx għaddejja. Ċertu raħħal li x'aktarx kien jismu Rokku kien joħroġ b'merħla qżieqeż lejn l-Għarijen, fit-triq tal-Wied. Tgħidx kemm konna nirrabjawh meta xi tifel imqarqaċ kien ifettillu jiġbed xi denb ta' xi qażquż biex jisimgħu jwerżaq!

Kienet drawwa wkoll li fis-sajf, filgħaxija x-xjuħ jintefgħu fuq xkora jew mitraħ ħafif barra fit-triq, wara l-bieb, fuq xi ċangar jew bankina, mimdudin. Sakemm jgħidu r-rużarju jew joqgħodu jpaċpċu mal-ġirien. Sakemm jidħol il-lejl u jirtiraw ġewwa. Ħafna kienu jagħmlu għarix fuq il-bejt u jorqdu taħtu.

Ħafna Żrieraq speċjalment Nigritin kienu dilettanti tas-sajd mill-art kif għad hemm sal-lum. Kien hemm min jieħu pjaċir imur ikala nassa għall-vopi mix-Xifer jew minn fuq Blata Tiċċaqlaq. Uħud kienu jarmaw il-konzijiet għal-lampuki tal-art u oħrajn kienu dilettanti tal-qasba. Ix-Xifer bil-postijiet magħrufin bħal Ħiser, Ġebel Maqtugħ, L-Arejfa, il-Bliqa, eċċ. kienu jkunu kollha okkupati b'dawn is-sajjieda, xi wħud minnhom imorru jorqdu hemm biex jilħqu post.

Fis-sajf, xi dilettanti kienu jistadu bil-qasba għall-imsell, u fix-xitwa għall-kaħli bid-dud tal-alka. Dak iż-żmien, il-baħar kien miżgħud bil-ħut u aħna qatt ma konna nonqsu li naqilgħu koċċ imħar u naqbdu wkoll xi ftit rizzi. Niftakar li dawn kienu jinbiegħu mingħand tal-ħut kif kienet tinbiegħ ukoll il-fekruna għall-istuffat. Illum tinsab protetta bil-liġi kif għandu jkun.

Insomma, iż-żmien ma jistenna lil ħadd, iżda ċertu tifkiriet jibqgħu jgħixu miegħek sal-mewt. Tiftakar fihom b'ċertu nostalġija. Illum, wieħed jitkexkex meta jaħseb li kellu jgħix f'dan il-faqar, iżda wiehed ma jridx jinsa' illi aħna konna għadna kif ħriġna minn gwerra orribbli ta' tbatija kbira, imwiet u sofferenza li diffiċli biex wieħed jiddeskrivihom; u għalhekk konna napprezzaw u nirringrazzjaw 'l Alla u lil Madonna li konna għadna ħajjin u kellna x'nieklu b'saqaf fuq rasna.

Għalhekk filwaqt li ħadd ma jrid jaħseb biex jibdel il-kumditajiet tal-lum u l-istil ta' ħajja li drajna ngħixu biha kif ukoll id-djar "state-of-the-art" tagħna, ma' dawk ta' żmien ilu, żgur li wieħed jixxennaq għal dik is-serenità, serħan il-moħħ, kampanja verġni, arja u ilma bnien, ħajja kwieta u mhux mgħaġġla, u l-innoċenza ta' dawk is-snin ta' żmien twil ilu…



# Il-Festa tal-Ħniena Divina fis-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena

Fr Charles Buttigieg



Il-Ħadd 3 ta' April, it-Tieni Ħadd tal-Għid jaħbat il-Ħadd tal-Ħniena Divina. Din il-Festa riedha Ġesù innifsu kif rrivela lis-soru qaddisa pollakka Santa Marija Fawstina Kowalska. Din il-Festa twaqqfet fil-Knisja mill-Papa San Ġwanni Pawlu II.

Santa Fawstina kif inhi magħrufa twieldet ġewwa Glogoweic fil-provinċja ta' Lodz fil-Polonja fil-25 ta' Awwissu tal-1905. Fil-magħmudija hija ingħatat l-isem ta' Elena. Hija kienet it-tielet waħda fost għaxar aħwa f'familja tassew unli u fqira. Sa minn età ċkejkna ħafna kellha mħabba kbira lejn it-talb u lejn Ġesù. Ta' erbatax-il sena bdiet taħdem bħala qaddejja tal-familja sinjura Bryszewski fil-belt ta' Aleksandrow qrib Lodz, sabiex taqla' l-għixien għall-familja kbira tagħha.

Fl-1 ta' Awwissu tal-1925 fl-età ta' 19-il sena daħlet novizza mas-sorijiet tal-Kongregazzjoni tal-Omm Alla tal-Ħniena ġewwa Varsavja. Il-ħajja tagħha f'diversi kunventi kienet immarkata fil-ħidma siekta fil-kċina jew fil-ġnien imma kienet ikkaratterizzata mill-mard u mill-għaqda spiritwali tagħha ma' Ġesù. Għarfet li l-missjoni tagħha kienet li xxandar lid-dinja kollha l-Ħniena Divina ta' Ġesù u tħeġġeġ lill-insara kollha sabiex jgħarfu din l-imħabba ta' Alla għalihom. Kellha ukoll diversi esperjenzi mistiċi bħal vizjonijiet, rivelazzjonijiet u l-pjagi inviżibbli tal-Passjoni ta' Kristu. Kienet issib il-faraġġ spiritwali fil-kliem tal-Iskrittura u fuq kollox fil-kliem ta' Ġesù: "Ejjew għandi intom li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom" (Mattew 11:28).

Hija ġabret dawn l-esperjenzi mistiċi ma' Ġesù fil-famuż djajru li kitbet bl-isem, 'Il-Ħniena Divina ġewwa ruħi'. Dan il-ktieb illum ġie ttradott f'diversi lingwi fid-dinja. Huwa żgur opra spiritwali mill-iktar importanti u ta' valur spiritwali kbir fl-istorja tal-mistiċi tal-knisja. F'Ottubru tas-sena 1937 fi Krakovja Ġesù qal lil Santa Fawstina sabiex tqim is-siegħa tat-tlieta ta' wara nofsinhar, fis-siegħa tal-mewt tiegħu bħala s-siegħa ta' ħniena kbira tiegħu għad-dinja kollha kif insibu miktub fid-djarju tagħha f'paragrafu 84: "O Demm u Ilma, li ħriġtu mill-Qalb ta' Ġesù bħala għajn ta' ħniena għalina, jiena nafda fik". Ġesù ordalha ukoll sabiex ixxered id-devozzjoni lejn ix-xbieha Tiegħu li nebbaħha

wara d-dehra li kellha fit-22 ta' Frar tal-1931. "Permezz ta' din ix-xbieha, Jiena ser nagħti ħafna grazzji lill-erwieħ, mela araw li kull ruħ ikollha aċċess għaliha" (Djarju, paragrafu 570), u "Irrid li din ix-xbieha tiġi mbierka b'mod solenni fl-Ewwel Ħadd fuq l-Għid; dak il-Ħadd għandu jkun il-Festa tal-Ħniena (Djarju, 49). Fil-fatt f'Ġunju tal-1934 tlestiet din il-pittura famuża tal-Ħniena Divina mill-pittur Kazimierowski li l-imaġġni tagħha xterrdu bil-miljuni mad-dinja kollha.



Hija offriet it-tbatija u l-mard tagħa għall-konverzjoni tal-midinbin u mietet f'età żgħira ta' 33 sena nhar il-5 ta' Ottubru tal-1938. Fil-21 ta' Ottubru tal-1965 l-isqof Julian Groblicki bid-delega tal-Arċisqof Karol Wojtyla ta' Krakovja l-futur Papa qaddis ukoll, beda l-proċess għall-qdusija tagħha. Hija ġiet ibbeatifikata f'Ruma fit-18 ta' April 1993. Hija saret qaddisa nhar it-30 ta' April fis-Sena tal-Ġublew tas-sena 2000. Waqt l-omelija tal-Kanonizzazzjoni tagħha, il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjara li l-Ewwel Ħadd fuq il-Għid jibda jissejjaħ il-Ħadd tal-Ħniena Divina fil-Knisja universali kollha. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II hu nnifsu kien ispirat minn din il-qaddisa ġewwa pajjiżu, ippromova din il-Festa fil-Knisja kif ukoll wera l-importanza tal-Ħniena ta' Alla permezz tal-enċikklika tiegħu 'Dives in Misericordia'. Il-fdalijiet tagħha jinsabu ġewwa Krakovja fil-Polonja. Illum permezz tal-Appostolat tal-Ħniena Divina jsiru diversi adorazzjonijiet tal-Ħniena Divina u jsir it-talb tal-Kurunella f'ħafna parroċċi fid-dinja kif ukoll jiġu organizzati l-Festi tal-Ħniena Divina u ta' Santa Fawstina.

Fl-okkażjoni ta' din il-Festa l-Papa Franġisku, qiegħed ikompli jistieden lill-insara kollha sabiex jiskopru mill-ġdid il-wiċċ tal-ħniena ta' Alla: "Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena" (Mattew 5:7), ħalli "Kull min jirfes dik l-għatba hu msejjah jinxteħet jgħum fl-imħabba ħanina tal-Missier, b'fiduċja sħiħa u bla biża" (mill-Omelija tal-Papa Franġisku fil-Ftuħ tal-Bieb qaddis tal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore nhar l-1 ta' Jannar 2016).



# Festa – Għalfejn?

**Patri Adrijanu Cachia OFM**

Mela xi tliet snin ilu, waqt li l-purċissjoni ta' Sant'Andrija kienet kważi waslet ħdejn il-każin Unjoni, mal-bieb tal-intrata kien hemm anzjan ġmielu jitmasħan. Jiena ersaqt lejh u għidtlu "Xi ġralek nan? Tieħux keded għax mhux tajjeb la għar-ruħ u lanqas għall-ġisem." "U mhux veru," qalli, "mela bniedem toqgħod tagħmillu l-festi? Dan bniedem bħalna u bħal kulħadd kien bi dnubietu wkoll." Jiena għidtlu sewwa qed tgħid li bħalna kien. Imma nagħmlu l-festa għax għandna għax nifirħu għax dan waqt li kien bħalna f'kollox imma mbagħad meta ltaqa' ma' Kristu dan inbidel. Dan għalina huwa ta' ferħ għax daqs kemm qed infaħħru lilu pero l-glorja hija t'Alla għax bil-grazzja li tana permezz ta' Kristu Ibnu li aħna wkoll ġiet miftuħa lilna l-grazzja tas-salvazzjoni. Ħabib, għidtlu, tidher li ħawdulek moħħok għax flok toqgħod tgħajjar u tikritika tara sewwa dak li kellek f'qalbek u serquhulek.

Illum minn dawn in-nies għandna mhux ftit. Aħna lkoll konxji ta' dan u ħafna drabi fil-fatt issib min jilmenta kemm għandna ħafna reliġjożità u forsi ftit fidi. Għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li veru hu hekk pero hemm wieħed jistaqsi ħalli jasal għall-verità u hekk jibda jsir xi ħaġa fuq dan ir-rigward. Dan hu minnu tant li ftit tal-jiem ilu kont fuq it-televiżjoni f'programm li tratta il-festi tagħna jekk għadhomx dak li kienu u x'relevanza għad għandhom fis-soċjetà tagħna llum.

Nista' ngħid li din hija paġna sabiħa li llum ma għadniex nibżgħu nħarsu s-sitwazzjoni f'wiċċha. Li huwa importanti pero hu li f'dibattiti bħal dawn ikun hemm eqwilriju, cioe tqassim sew tal-ħin għall-interventi li jsiru. Spiss insibu min, bħalma jgħid il-Malti, dak li jkun jieħu l-mazz tal-karti f'idejh u… li ħassejt jien kien il-fatt li ftit tal-ħin kien allokat għal dak li hu tal-knisja cioe funzjonijiet u sagramenti eċċ. Il-mistoqsijiet fuq dan ir-rigward kienu nieqsa u forsi anqas diretti. Jiena nħobb ngħid li jekk hemm biex naraw f'liema stat huma l-festi tagħna rridu naraw u nsaqsu l-festa għadha tibda fil-knisja u tispiċċa fil-knisja.

Bħala wieħed li mhux minn Ħal Luqa, pero li jiena viċin minħabba rabtiet kemm familjari u kemm ta' interess, għalija Ħal Luqa għad jiċċelebra festa reliġjuża u mhux bħalma jgħidu dawk li jikkritikaw b'pessimismu li saret festa pagana. Ma rridx niġġudika lill-ebda entità ta' festa kemm parrokkjali u oħrajn, pero kultant hemm kwistjonijiet li minħabba fihom anke il-funzjonijiet ikunu mqansħa u dan b'detriment għall-attendenza tan-nies. Dan jinħass speċjalment f'irħula fejn barra t-titular tiġi ċċelebrata festa oħra. Dak li kien sar meta fuq dawn tal-aħħar saru restrizzjonijiet. Hekk dan kellu wkoll influwenza fuq dak li għandu x'jaqsam mal-Knisja. Illum pereżempju din hija problema li hemm bżonn li tiġi trattata. Hija kwistjoni taħraq li ħafna li huma responsabbli ilhom jaħarbu imma tempora mutantur… ż-żminijiet jinbidlu u…

Għandna potenzjal għall-poplu tagħna biex jibqa' jgħożż il-Fidi li wiret u għodda tajba biex niġbdu n-nies għal dak li huwa t'Alla. Għadni niftakar qassis li kont iltqajt miegħu meta snin ilu kont inservi bħala santwarista f'Assisi u kelli niltaqa' miegħu Malta fil-festa ta' Ħal Lija fejn baqa' mistagħġeb bil-knejjes, in-nies, iċ-ċelebrazzjonijiet u spiċċa biex qalli "meta aħna qridna wara l-gwerra dawn il-festi, morna il-baħar. Smajta wkoll f'Assisi fejn kienu qaluli li meta l-Knisja fl-Italja ta' fuq tbegħdet miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi daħlu minflok "i festi dell'unità, cioe dawk politiċi speċjalment b'togħma komunista."

Nawgura lill-Ħal Luqin kollha li jibqgħu jgħożżu l-patrimonju tagħhom, li taħt il-figura tal-Kappillan, ikomplu jingħaqdu biex jibqa' jkollhom festa ta' ġieħ u frott spiritwali. Il-festa t-tajba lil kulħadd.

# Sant'Andrija

**Gertrude Gerada**

Waslet il-festa tagħna
ta' Sant'Andrija l-qaddis
festa jagħmlu l-Ħal Luqin
għax aħna bih imkabbrin.

Il-każin tagħna meraviljuż
sabiħ u anke famuż
imma mkabbrin bih
u fil-festa, folla kbira jkun fih.

Il-każin l-isbaħ wieħed
dejjem mimli bin-nies
kulħadd jieħu gost
u pjaċir jiehdu fil-post.

Għandna pjanċier famuż
sabiħ u lussuż
u jdoqqu marċi sbieħ
u kulħadd jitpaxxa bih.

F'Sant'Andrija nagħmlu festa kbira
għax tagħna l-patrun
nagħmlu nar ta' kull kulur
u titpaxxa bih żgur.

Marċi nagħmlu brijużi
n-nies iħobbuhom żgur
anki turisti jkun hawn
il-festa tagħna japprezzaw.

Każin għandna famuż
il-Ħal Luqin iħobbuh
aħna mkabbrin bih
u kollox isir ġo fih.

Il-każin fejn il-pjazza
qiegħed ġo l-isbaħ triq
isiru kunċerti sbieħ
anke tombla nagħmlu fih.

Mela viva l-festa tagħna
ta' Sant'Andrija l-mexxej
hu l-qaddis tagħna
u nitolbuh dejjem jismagħna.

Sant'Andrija dejjem mexa wara Ġesù
ikkonverta ħafna nies
dejjem għallem is-sewwa
u s-salib aċċetta bl-akbar ħlewwa.

Tal-Ajkla jismu l-każin
u n-nies tagħna magħqudin
festa nagħmlu kollha nar
u marċi sbieħ idoqqu dakinhar.

Il-festa tagħna nħobbuha
ħafna nies ikun hawn
anke turisti jiġu għaliha
u kulħadd igawdiha.



# Tislima lill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca

**Neil Zammit**

"*Jien nixtieq insellem il-figura ta' Monsinjur Mercieca, kif huwa rikonoxxut mill-kummenti sbieħ li ngħataw bħala persuna ta' djalogu, persuna ta' umiltà, ta' ħlewwa ta' qalb, imma wkoll ta' għerf. Jalla l-ispirtu tiegħu ta' rikonċiljazzjoni, ta' djalogu; l-ispirtu tiegħu li r-raġuni m'għandhiex bżonn la forza u lanqas vjolenza, jibqgħu jkunu l-bażi ta' relazzjoni tajba li dejjem irid ikun hemm bejn il-Knisja u l-Istat biex is-soċjetà Maltija, li hi soċjetà pluralistika, imma fl-istess ħin tkun tista' tapprezza u tisma' l-vuċi tal-Knisja, fi spirtu ta' djalogu u ta' kooperazzjoni.*"



Hekk tenna l-Arċisqof tagħna Mons. Charles J. Scicluna hekk kif tħabbret il-mewt ta' Mons. Ġużeppi Mercieca nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016. Dan il-kliem tassew huwa floku, għax jiġbor fih il-kwalitajiet li bihom l-Arċisqof Mercieca mexxa lill-Arċidjoċesi Maltija għal tlettin sena sħaħ. Kien bniedem tas-silenzju, iżda dejjem wasal fejn ried jasal. Mexxa lill-knisja għażiża tagħna fit-triq tar-rikonċiljazzjoni u l-imħabba, wara snin ta' turbulazzjoni u konflitti politiċi-reliġjużi. Kien bniedem ta' viżjoni ċara, tant li ħadem u stinka kemm felaħ biex lill-knisja Maltija jagħtiha dimensjoni aktar wiesa' fis-soċjetà dinamika ta' pajjiżna.

Imwieled nhar il-11 ta' Novembru 1928, Ġużeppi Mercieca studja fis-Seminarju ta' Għawdex u wara kompla l-istudji tiegħu fil-Collegia Capranica f'Ruma. Ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952 ġewwa l-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Bejn l-1959 u l-1969 huwa kien Rettur tas-Seminarju t'Għawdex. Serva wkoll bħala Konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.

Fis-27 ta' Lulju 1974, issejjaħ lura Malta u ġie nominat awżiljarju ta' Mons. Michael Gonzi u ordnat Isqof Titulari ta' Gemelle fin-Numidja nhar id-29 ta' Settembru tal-istess sena. Huwa għamel sentejn Vigarju Ġenerali sakemm ġie innominat Arċisqof ta' Malta fid-29 ta' Novembru 1976. Ħa l-pussess ta' Arċisqof fit-12 ta' Diċembru 1976, u għażel bħala motto tiegħu "Ilkoll aħwa fi Kristu", li kienet il-missjoni li fdalu l-Papa, jiġifieri li jgħaqqad lill-poplu Malti wara s-snin koroh tas-snin sittin. L-Arċisqof Mercieca

*Mons. Arċisqof Mercieca, flimkien mal-President ta' Malta Dott. Anton Buttigieg, waqt it-tberik tal-lapida li tfakkar il-mitt sena tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fl-1980*




daħħal għadd ta' riformi fl-amministrazzjoni tal-Kurja, kif ukoll kfin strumentali biex fl-1992, il-Knisja jkollha stazzjoni tar-radju, l-RTK. Huwa kien innominat konsultur tas-*Sacra Romana Rota* fl-1992 u aktar tard imħallef fis-*Segnatura Apostolica*.

Fit-2 ta' Diċembru 2006, spiċċa minn Arċisqof wara li Papa Benedittu VI ħatar lil Mons. Pawlu Cremona O.P. bħala Arċisqof suċċessur tiegħu.

Il-Filarmonika L-Unjoni, flimkien mal-poplu kollu ta' Ħal Luqa jsellem il-memorja tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, waqt li troddlu ħajr għall-ġid u l-kisbiet li wettaq b'risq il-Knisja u l-poplu Malti.



# Tislima lil ...

**Neil Zammit**



## *Salvina Borg*

Nhar il-25 ta' Novembru tal-2015, il-komunità parrokkjali ta' Ħal Luqa qamet maħsuda bl-aħbar li kienet għadha kif ħallietna Salvina Borg fl-għomor ta' sebgħin sena. Kienet tassew aħbar kerha li bilkemm setgħet titwemmen minn dawk l-aktar viċin tagħha u dawk li kienu jafuha. Għax ngħiduha kif inhi, mewta li tiġi fuqek ħesrem aktar taħsdek milli minn meta tkun qed tistenniha minn ħin għall-ieħor.

Salvina kienet mara twajba, tferraħ u tgħin lill-proxmu kollu tagħha f'kull ħin u f'kull mument. Għal aktar minn ħamsa u tlettin sena, hija tat l-għajnuna tagħha ta' kuljum f'dak li jirrigwardja t-tindif tal-knisja parrokkjali, kif ukoll tat l-assistenza meħtieġa lid-diversi kappillani u saċerdoti li servew fil-parroċċa matul dawn is-snin kollha. Kont issibha l-knisja bil-biċċa f'idejha, tfarfar u tillostra, jew b'xi xkupa, mopp u barmil, biex dejjem iżżomm dan il-maqdes nadif kif wara kollox jixraq lid-dar t'Alla.

Salvina kienet ukoll tiddeletta bit-tisjir, tant li kienet magħrufa sew għar-ravjul bnin li kienet tagħmel, il-pudina u l-figolli tal-intrita. Ta' kull sena kienet iddewqilna biċċa pudina fi żmien il-Milied u xi biċċa figolla nhar Sibt il-Għid filgħodu waqt li aħna nkunu qed narmaw il-knisja għall-funzjonijiet ta' filgħaxija. Tassew kienet mara twajba u tiftakar f'kulħadd.

M'għandniex xi ngħidu, l-aktar ħaġa li kellha għal qalbha wara l-familja u l-knisja kienet il-każin tal-ajkla. Ferħana se ttir kienet tkun is-Sibt filgħaxija, lejlet il-festa, meta bħal ħafna oħrajn kienet tassisti għall-marċ il-kbir tal-Anġlu. Mhux hekk biss, imma kienet tattendi bi ħġarha għall-okkażjonijiet l-oħra fosthom il-programmi tal-banda, il-*coffee mornings* organizzati mis-Sezzjoni Nisa u t-tombla organizzata mis-Sezzjoni Armar. F'kelma waħda, kienet soċu u partitarja akkanita. Iżda minkejja kollox, qatt ma weġġgħet lil ħadd bi kliema jew b'għemilha.

L-istima u r-rispett kbir li kienet tgawdi Salvina tul ħajjitha immanifestaw ruħhom dakinhar tal-funeral tagħha, meta ġemgħa kbira ta' nies inħabret il-knisja biex tagħtiha l-aħħar tislima kif kien tassew jixirqilha. Kulħadd ħass in-nuqqas tagħha, u warajha ħalliet vojt li jibqa' ma jimteliex.

F'isem il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà L-Unjoni nirringrazzjawha pubblikament tax-xogħol u d-dedikazzjoni kollha tagħha b'risq il-parroċċa u l-każin tagħna, waqt li nagħtu l-kondoljanzi lil binha Franky u l-familjari kollha. Strieħ fis-sliem Salvina...

## *Maria Camilleri*

Is-Sinjura Maria Camilleri tiġi l-armla ta' Ġużeppi Camilleri, 'il-Paddy', li kien ħalliena fi traġedja fil-post tan-nar tas-Soċjetà fl-1975. B'sens ta' rispett Maria kienet inħatret membru onorarju tas-Soċjetà tagħna. Hi għamlet diversi snin attiva fil-Kor Parrokkjali Excelsior u kienet ukoll attiva fil-ħidma tal-ħjata fil-Knisja Parrokkjali. Hi mietet fl-għomor ta' 94 sena.

## *Karmenu Spiteri*

Nhar il-21 ta' April 2016 ħalliena wkoll Karmenu Spiteri. Karmnu 'il-Mulej' kien iħobb ħafna lis-Soċjetà tagħna u kien benefattur għal diversi proġetti li saru tul is-snin bħat-trofej, il-pedestall tal-Anġlu u proġetti oħrajn li saru fis-snin ta' wara. Sakemm tagħtu saħħtu, hu kien ta' spiss jakkumpanja lill-Banda tagħna kull fejn din kienet iddoqq u sal-aħħar baqa' jgħożż lis-Soċjetà tagħna.

## *Filippa Psaila*

F'Mejju 2016 ħallietna wkoll Filippa Psaila. Pina, kif kienet magħrufa, tiġi l-armla ta' Ġanni Psaila 'il-bagglu', bniedem li kien attiv ħafna għal snin sħaħ fil-Każin tagħna. L-imħabba li Ġanni kellu għas-Soċjetà trasmettieha wkoll lil Philippa. Hi kienet tieħu interess fl-affarijiet li jsiru fis-Soċjetà tagħna u dejjem attendiet għall-attivitajiet li jiġu organizzati. Mal-mewt ta' żewġha, li għal ħafna snin kien l-arkivista tas-Soċjetà, hi rregalat il-mużika li kien xtara lis-Soċjetà tagħna bħala memorja ta' żewġha Ġanni.

Filwaqt li nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari kollha, niftakru f'dawn il-persuni li ħallewna fit-talb tagħna. Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



# Obitwarju

## *Membri u Familjari li Ħallewna mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn*



Salvina Borg
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fil-25 ta' Novembru 2015
fl-età ta' 70 sena.



Rita Darmanin
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-2 ta' Diċembru 2015
fl-età ta' 91 sena.



Grace Mizzi
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fid-9 ta' Diċembru 2015
fl-età ta' 69 sena



Maria Camilleri
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-26 ta' Diċembru 2015
fl-età ta' 94 sena



Raymond Darmanin
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-30 ta' Diċembru 2015
fl-età ta' 57 sena



Loreta Mallia
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fid-29 ta' Jannar 2016
fl-età ta' 88 sena.



Karmenu Spiteri
li mar jiltaqa'mal-Mulej
fil-21 t'April 2016
fl-età ta' 70 sena.



Philippa Psaila
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-6 ta' Mejju 2016
fl-età ta' 81 sena



Andrew Sapiano
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-12 ta' Mejju 2016
fl-età ta' 75 sena.



Josephine Theuma
li marret tiltaqa' mal-Mulej
fl-20 ta' Mejju 2016
fl-età ta' 95 sena.



Joe Brincat
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-22 ta' Mejju 2016
fl-età ta' 70 sena.



# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


A & A Stone & Interiors............120
Alfred Baldacchino Ltd.............110
Alice Craus Qualified Nail Technician.......................42
Andrew Vassallo Ltd...................37
Andrew's Car Centre..................41
Atomic Garage............................92
B&G Hardware Store..................22
Bar tas-Soċjetà Filarmonika L'Unjoni..................................12
Beauty Elegance..........................40
Bernard ta' Twanny tal-Ħaxix...112
Big Save Footwear....................104
Borg Bros. Furniture Transport...46
BOV............................................18
Buona Pesca Trading & Tubertini Malta...................33
C & H Bartoli..............................80
Carly's.........................................86
Centre Stage...............................44
Charles Motoring School..........148
Cheveux Classique....................124
City Sightseeing Malta Ltd.........24
Computer Bargains.....................74
Construct Furniture.....................25
Daniel Woodworks....................112
Dar Services................................37
Dimples Pet Shop......................107
Dione Mini Bus Service..............14
Dragon's Centre..........................96
Elmo Insurance...........................38
Emmanuel Gatt Petrol Service Station.............78
Emtes Stationery.........................98
Eretric Ltd...................................74
Evergreen....................................58
FGP...........................................100
Flower Touch..............................64
Francis Borg Funerals Undertaker................66
Frankie Green Grocer.................86
G. Darmanin Service Station......14
Gauci Borda & Co Ltd................96
Gori Butcher................................16
Gutz Fashion...............................50
Horace Enterprises Ltd.............152
Husyl Household & Giftware.....84
Hygrade Butcher.........................98
J & S Store................................106
J. B. Concrete Mix....................146
J. B. Glass Work..........................90
J. Cassar Aluminium...................30
James Agius Woodworks Ltd......70
Jane's Hair Salon.........................78
Japanese Auto Parts.....................31
Jerry's Silencer Repairs............128
Josef Penza Refrigeration & Ait Conditioning.................45
Karmnu tal-Ħaxix.......................60
Kenda Ltd....................................68
Lawrence Cassar Ltd.... inside front
L.L.F..........................................114
Lorenza Bazaar............................94
Luqa St. Andrew's FC Youth Nursery...................36
M. Cauchi Hardware Store.........72
Magri Autocare............................34
Malcolm Mifsud Funeral Service.......................36
Mapfre Middlesea p.l.c Luqa Regional Office.......................20
Marindex Trophies....................134
Mark's Garage...........................128
Massa Handyman Service.........170
Massimo Cassar Wedding Organizer................................66
Mażini Autoparts & Accessories.......................132
MG Home Interiors.....................33
Nardu tal-Ħaxix........................132
Ninja Store................................124
O.K. Bar....................................104
OMP Naxos Car Centre............118
Pac Man's Take Away.................10
Palazzo Preca Restaurant............26
Paperway Stationery.................120
Paul Scorfna Funeral Services....41
Paul's Store.................................21
Pet Care....................................146
Philip Agius & Sons Ltd.............32
Phoenicia Bar & Take Away.......56
Phone Booth................................24
Rosy's Unisex Salon.................150
S & L Import & Export Ltd......118
Santa Marija Service Station.....142
Sefora's Nail Tech.....................168
SF Services & Maintenance......168
SilJoe Garage..............................60
Silvercraft Products Ltd............140
Six Bar......................................148
Soft & Comfy............................152
Starting Point..............................42
Stephen Mini Market..................72
T. Spiteri.....................................28
Ta' Lela Petshop........................110
Ta' Matti...................................106
Tahabel Ltd...............................134
Take Off Bar & Restaurant.......100
Tal-Familja Restaurant................26
Tal-Parrina Confectionery...........45
Telstar Butchet.............inside back
Tesor Jewellery & Gifts................8
The Convenience Shop.............114
The Core Beauty & Wellbeing..150
The Gallery Hair Studio.............92
Thermaseal Limited....................64
Thomas Smith Insurance Brokers...................29
Two 9 Six....................................84
Tyrone Gypsum Works...............40
V. Spiteri & Sons Ent. Ltd............6
Vigo Menswear.........................142
Virtuosi Band..............................56
Vision 2000.................................16
Welcome Bar and Grill...............32
Zneiber Confectionery & Pastizzeria...........................90



Telstar
BUTCHER
Call us on
2189 7927 or 7920 2630
Fresh, Local
Pure Beef
Burgers
Large selection of BBQ items
150gr
of pure beef
200gr
of pure beef
250gr
of pure beef
like us on
facebook

Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
90, Palazz Sant'Andrija
Triq Sant'Andrija, Luqa - Malta
Tel: 21 676 583 • www.unionbandmalta.org